



Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 65

16 ta' Diċembru 2022

Werrej

### IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2022–2023

Dati tas-seduti: 18–19 ta' Mejju 2022

TESTI ADOTTATI

#### I Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet

#### RIŻOLUZZJONIJIET

#### Il-Parlament Ewropew

#### Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022

2022/C 479/01	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-UE mar-Repubblika tal-Moldova (2021/2237(INI)) . . . . .	2
2022/C 479/02	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt tal-2021 (2021/2180(INI)) . . . . .	18
2022/C 479/03	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2021 dwar il-Maċedonja ta' Fuq (2021/2248(INI)) . . . . .	33
2022/C 479/04	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar ir-Rapport tal-2021 tal-Kummissjoni dwar l-Albanija (2021/2244(INI)) . . . . .	45
2022/C 479/05	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-prosekuzzjoni tal-oppożizzjoni u d-detenzjoni ta' mexxejja tat-trade unions fil-Belaruŝja (2022/2664(RSP)) . . . . .	57
2022/C 479/06	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar l-istabbiliment taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025 – mikrokredenzjali, kontijiet ta' apprendiment individwali u apprendiment għal ambjent sostenibbli (2022/2568(RSP)) . . . . .	65

2022/C 479/07	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-ġlieda kontra l-impunità għad-delitti tal-gwerra fl-Ukrajna (2022/2655(RSP)) . . . . .	68
2022/C 479/08	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-gwerra Russa fl-Ukrajna għall-UE – it-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE li taġixxi (2022/2653(RSP)) . . . .	75

### III Atti preparatorji

#### Il-Parlament Ewropew

#### Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022

2022/C 479/09	<p>P9_TA(2022)0208</p> <p>Il-liberalizzazzjoni temporanja tal-kummerċ li tissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna ***I</p> <p>Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liberalizzazzjoni temporanja tal-kummerċ li tissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (COM(2022)0195 – C9-0159/2022 – 2022/0138(COD))</p> <p>P9_TC1-COD(2022)0138</p> <p>Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-19 ta' Mejju 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ temporanji li tissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra . . . . .</p>	86
2022/C 479/10	<p>P9_TA(2022)0209</p> <p>Il-preservazzjoni, l-analiżi u l-ħżin fil-Eurojust ta' evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra lumanità, delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati ***I</p> <p>Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 fir-rigward tal-preservazzjoni, l-analiżi u l-ħżin fil-Eurojust ta' evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati (COM(2022)0187 – C9-0155/2022 – 2022/0130(COD))</p> <p>P9_TC1-COD(2022)0130</p> <p>Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-19 ta' Mejju 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 fir-rigward tal-preservazzjoni, l-analiżi u l-ħżin fil-Eurojust ta' evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati . . . . .</p>	87

2022/C 479/11

P9\_TA(2022)0210

Regolament (UE) 2016/1628: Estensjoni tas-setgħa biex tadotta atti delegati \*\*\*I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tal-estensjoni tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati (COM(2022)0113 – C9-0119/2022 – 2022/0080(COD))

P9\_TC1-COD(2022)0080

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-19 ta' Mejju 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tal-estensjoni tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati . . . . . 88

2022/C 479/12

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi multinazzjonali fl-Unjoni (COM(2021)0823 – C9-0040/2022 – 2021/0433(CNS)) . . . . . 89

*Tifsira tas-simboli użati*

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tielet qari

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att)

Emendi tal-Parlament:

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa **korsiva u grassa**. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa **korsiva u grassa** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.

## **IL-PARLAMENT EWROPEW**

SESSJONI 2022–2023

Dati tas-seduti: 18–19 ta' Mejju 2022

TESTI ADOTTATI

Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-PARLAMENT EWROPEW

P9\_TA(2022)0211

**Rapport annwali ta' implimentazzjoni dwar il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-UE mar-Repubblika tal-Moldova**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-UE mar-Repubblika tal-Moldova (2021/2237(INI))**

(2022/C 479/01)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 8 u t-Titolu V, b'mod partikolari l-Artikoli 21, 22, 36 u 37 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), kif ukoll il-Ħames Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova (minn hawn 'il quddiem "il-Moldova"), min-naħa l-oħra (FA), li jinkludi Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA) u li daħal fis-seħħ fl-intier tiegħu fl-1 ta' Lulju 2016,
- wara li kkunsidra l-istabbiliment ta' sistema ta' vjaġġar mingħajr viża għaċ-ċittadini tal-Moldova f'Marzu 2014, permezz tal-emendi għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001<sup>(1)</sup> magħmula mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar is-Sħubija tal-Lvant, fit-thejjja għas-Summit ta' Ġunju 2020,
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma konġunt tal-persunal tal-Kummissjoni u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) dwar ir-Rapport rigward l-Implimentazzjoni tal-Assoċjazzjoni mar-Repubblika tal-Moldova tat-13 ta' Ottubru 2021 (SWD(2021)0295),
- wara li kkunsidra l-eżitu tas-sitt laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Moldova tat-28 ta' Ottubru 2021,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjonijiet Konġunti tas-Summits tas-Sħubija tal-Lvant, l-aktar reċenti dik tal-15 ta' Diċembru 2021 fi Brussell,
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma konġunt tal-persunal tal-Kummissjoni u tas-SEAE bit-titolu "Irkupru, reżiljenza u riforma: prijoritajiet tas-Sħubija tal-Lvant wara l-2020" tat-2 ta' Lulju 2021 (SWD(2021)0186),

(1) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (ĠU L 81, 21.3.2001, p. 1).

## Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

- wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Qbil bejn il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Georgia, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Integrazzjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Moldova u l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Ukrajna dwar l-Istabiliment ta' Kooperazzjoni Msaħħa dwar l-Integrazzjoni Ewropea – it-“Trio Assoċjat”, iffirmit fis-17 ta' Meju 2021,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta maħruġa mill-Kapijiet ta' Stat/Gvern tat-Trio Assoċjat — il-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna wara s-sitt Summit tas-Sħubija tal-Lvant fil-15 ta' Diċembru 2021,
- wara li kkunsidra l-applikazzjoni tal-Moldova biex tissieħeb fl-Unjoni Ewropea, ippreżentata fit-3 ta' Marzu 2022,
- wara li kkunsidra l-ittra tal-Prim Ministru tal-Moldova lill-President tal-Parlament Ewropew riċevuta fis-16 ta' Marzu 2022 li titlob żieda fl-Assistenza Makrofinanzjarja lill-Moldova,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin dwar ir-Repubblika tal-Moldova tas-26 ta' Frar 2018,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa tas-26 ta' Jannar 2021 bit-titolu “L-imħallfin fil-Polonja u fir-Repubblika tal-Moldova jeħtiġilhom jibqgħu indipendenti”<sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra l-opinjoni u r-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE/ODIHR) u tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa, b'mod partikolari tal-15 ta' Marzu 2018 dwar ir-riforma elettorali fil-Moldova, tal-24 ta' Ġunju 2019, dwar is-sitwazzjoni konstituzzjonali b'referenza partikolari għall-possibbiltà li jiġi xolt il-parlament, tal-14 ta' Ottubru 2019 dwar l-abbozz ta' liġi dwar ir-riforma tal-Qorti Suprema tal-Ġustizzja u tal-Uffiċċju tal-Prosekutur, u tat-13 ta' Diċembru 2021 dwar l-emendi tal-24 ta' Awwissu 2021 għal-liġi dwar il-prosekuzzjoni,
- wara li kkunsidra l-analiżi legali dwar il-Liġi dwar l-Emenda tal-Kodiċi tas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva tar-Repubblika tal-Moldova, ippreżentata mir-Rappreżentant tal-OSKE għal-Libertà tal-Media fl-14 ta' Jannar 2022,
- wara li kkunsidra l-eżitu tat-Tnax-il Djalogu bejn l-Unjoni Ewropea u l-Moldova dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li sar fit-13 ta' Settembru 2021 permezz ta' vidjokonferenza,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet mill-Kumitat Parlamentari ta' Assoċjazzjoni UE-Moldova, l-Assemblea Parlamentari Euronest, tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili tas-Sħubija tal-Lvant, tal-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili UE-Moldova u ta' rappreżentanti oħra tas-soċjetà ċivili tal-Moldova, u l-attivitajiet tagħhom,
- wara li kkunsidra l-Istrateġija Nazzjonali għall-Iżvilupp Reġjonali (SNDR) għall-2022-2028 adottata mill-Gvern tal-Moldova,
- wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-Gvern il-ġdid għall-2020-2023,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-missjoni ta' osservazzjoni elettorali tal-Parlament Ewropew għall-elezzjonijiet parlamentari bikrija tal-11 ta' Lulju 2021 fil-Moldova, integrata mal-missjoni ta' osservazzjoni elettorali internazzjonali mmexxija mill-OSKE/ODIHR,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli Josep Borrell u tal-Kummissarju Olivér Várhelyi dwar l-elezzjonijiet parlamentari, maħruġa fit-12 ta' Lulju 2021,

<sup>(2)</sup> Riżoluzzjoni 2359 (2021).

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Moldova, b'mod partikolari r-riżoluzzjoni preċedenti dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-UE mar-Repubblika tal-Moldova tal-20 ta' Ottubru 2020 <sup>(3)</sup>, u dawk tal-5 ta' Lulju 2018 dwar il-kriżi politika fil-Moldova wara l-invalidazzjoni tal-elezzjonijiet muniċipali fi Chişinău <sup>(4)</sup>, tal-4 ta' Lulju 2017 dwar l-ġhoti ta' assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika tal-Moldova <sup>(5)</sup>, u tal-21 ta' Jannar 2016 dwar il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni / Żoni ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi mal-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna <sup>(6)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(1)(e), u l-Anness 3, tad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-12 ta' Diċembru 2002 dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni għat-tħejija ta' rapporti fuq inizzjattiva proprja,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0143/2022),
- A. billi l-gwerra Russa mhux ipprovokata, mhux ġustifikata u illegali kontra l-Ukrajna ddikjarata fl-24 ta' Frar 2022 affettwat b'mod sproporzjonat lill-Moldova bħala stat ġar, li f'gimagnetjoni irċieva aktar minn 360 000 rifuġjat mill-Ukrajna, li minnhom aktar minn 100 000 baqgħu fil-pajjiż, u b'hekk ir-riżorsi tagħha jinsabu taħt pressjoni enormi;
- B. billi mindu bdiet il-gwerra Russa kontra l-Ukrajna kien hemm tħassib dwar operazzjonijiet potenzjali ta' bnadar foloz fil-Moldova;
- C. billi fit-22 ta' April 2022, il-Maġġur Ġeneral Rustam Minnekayev, il-viċi kmandant tad-distrett militari ċentrali tar-Russja, iddikjara li wieħed mill-għanijiet tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna li għadha għaddeja huwa li jinħoloq kuritur fuq l-art għar-reġjun tat-Transnistrija; billi l-Maġġur Ġeneral Minnekayev iddikjara wkoll b'mod falz li fit-Transnistrija kienu ġew osservati atti ta' oppressjoni fuq il-popolazzjoni li titkellem bir-Russu;
- D. billi s-Summit tas-Sħubija tal-Lvant (SL) irrikonoxxa l-aspirazzjonijiet Ewropej u l-għażla Ewropea tas-sħab ikkonċernati u ħeġġeġ l-implimentazzjoni sħiħa tal-FA u d-DCFTA tagħhom;
- E. billi wara perjodu ta' instabbiltà politika u ta' rigress demokratiku, Maia Sandu rebħet l-elezzjoni presidenzjali b'57,75 % tal-votazzjoni fil-15 ta' Novembru 2020 u l-Partit ta' Azzjoni u Solidarjetà (PAS) irċieva 52,8 % tal-vot u rebaħ 63 mill-101 siġġu fil-Parlament tal-Moldova fl-elezzjonijiet parlamentari bikrija tal-11 ta' Lulju 2021, u dan juri l-impenn qawwi tal-poplu tal-Moldova lejn id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-futur Ewropew ta' pajjiżhom u jagħti mandat b'saħħtu lill-PAS għal programm ambizzjuż ta' riformi;
- F. billi l-FA/DCFTA huwa bbażat fuq il-valuri komuni li fuqhom hija mibnija l-UE – jiġifieri d-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-istat tad-dritt – u dawn il-valuri jinsabu wkoll fil-qalba tal-assoċjazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika kif previst mill-Ftehim FA/DCFTA;
- G. billi skont sħarriġ reċenti tal-opinjoni pubblika, 71,6 % taċ-ċittadini tal-Moldova jappoġġjaw l-oġettiv tal-integrazzjoni Ewropea ta' pajjiżhom;
- H. billi l-parteċipanti fil-11-il laqgħa tal-Kumitat Parlamentari ta' Assoċjazzjoni UE-Moldova (PAC) li saret fis-6 u s-7 ta' April 2022 ħadu nota tar-riżoluzzjoni tal-President, tal-gvern u tal-maġġoranza parlamentari tal-Moldova li jimplementaw l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Moldova bir-reqqa, u b'hekk wasslu għal titjib tanġibbli fil-ħajja taċ-ċittadini Moldovani;

<sup>(3)</sup> ĠU C 404, 6.10.2021, p. 136.

<sup>(4)</sup> ĠU C 118, 8.4.2020, p. 109.

<sup>(5)</sup> ĠU C 334, 19.9.2018, p. 199.

<sup>(6)</sup> ĠU C 11, 12.1.2018, p. 82.



## Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

- I. billi r-risultati konkreti tas-sitt Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Moldova li sar fit-28 ta' Ottubru 2021 jagħtu spinta għida għal kooperazzjoni aktar mill-qrib u msaħħa f'oqsma ewlenin;
- J. billi l-Pjan ta' Rkupru Ekonomiku għall-Moldova ġie propost bħala parti mill-aġenda mġedda għall-irkupru, ir-reżiljenza u r-riforma għall-pajjiżi tas-SL, abbażi ta' Pjan Ekonomiku u ta' Investiment (EIP) għall-irkupru soċjoekonomiku u r-reżiljenza fit-tul wara l-COVID-19, bil-motto "nibnu mill-ġdid aħjar"; billi l-inizjattivi ewlenin tal-EIP għall-Moldova jipprevedu investimenti fl-effiċjenza enerġetika, fl-infrastruttura u fil-konnettività, iżda mhux fit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa;
- K. billi l-programm attwali ta' Assistenza Makrofinanzjarja (MFA) ta' emerġenza tal-UE għall-Moldova fil-kuntest tal-COVID-19 tlesta, u l-ewwel porzjon ta' EUR 50 miljun ingħata f'Novembru 2020 u t-tieni pagament ta' EUR 50 miljun ingħata fis-7 ta' Ottubru 2021, wara li nkiseb progress sinifikanti fl-issodisfar tal-kundizzjonijiet ta' politika tal-Memorandum ta' Qbil,
- L. billi l-Moldova tikklassifika fil-105 post minn 180 pajjiż fl-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni tal-2021 (telgħet mill-115-il post fl-2020) u, minkejja l-bidliet fil-gvern, in-nuqqas ta' titjib sinifikanti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni huwa ta' tħassib kbir, peress li għal snin il-korruzzjoni affettwat serjament l-apparat tal-istat, fixklet it-tkabbir ekonomiku u l-modernizzazzjoni, u mminat id-demokrazzja;
- M. billi l-gvern il-ġdid għad irid jindirizza n-nuqqasijiet kritiċi fis-settur tal-ġustizzja u l-istat tad-dritt li qed ikomplu jxekklu l-governanza demokratika fil-Moldova;
- N. billi l-Moldova tikklassifika fid-89 post minn 180 pajjiż fl-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa tal-2021 (telgħet żewġ postijiet meta mqabbla mas-sena ta' qabel) u għad hemm tħassib dwar il-konċentrazzjoni tas-sjeda tal-media, il-monopolizzazzjoni tas-suq tar-reklamar, in-nuqqas ta' indipendenza editorjali, u l-kontroll li l-gruppi ekonomiċi u politiċi għandhom fuq l-istituzzjonijiet tal-media;
- O. billi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jkomplu jitolbu aktar trasparenza fit-teħid tad-deċizzjonijiet fil-Parlament u fawtoritajiet pubbliċi oħra, filwaqt li jtennu l-proposti tagħhom ippreżentati fl-2016 u fl-2017 rigward il-qafas leġiżlattiv dwar l-aċċess għall-informazzjoni;
- P. billi l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u s-soċjetà ċivili għadha sporadika u fil-biċċa l-kbira mhijiex istituzzjonalizzata;
- Q. billi fl-aħħar rapport ta' implimentazzjoni tagħha, il-Kummissjoni identifikat problemi ewlenin fir-rigward tad-dritt għall-aċċess għall-kura tas-saħħa u għall-informazzjoni ta' interess pubbliku, id-dritt għax-xogħol u ħajja deċenti, il-libertà tal-moviment u l-libertà tal-espressjoni;
- R. billi n-nisa qed ikomplu jħabbtu wiċċhom ma' disparità bejn il-ġeneri u l-involviment tagħhom fit-teħid tad-deċizzjonijiet huwa limitat minħabba l-istereotipi u n-normi marbuta mal-ġeneru;
- S. billi l-qafas legali ma għadux jipprojbixxi l-aċċess għal ċerti professjonijiet, iżda r-rata ta' implimentazzjoni tiegħu għadha baxxa u n-nisa għadhom iħabbtu wiċċhom ma' ostakli *de facto*, bħal nuqqas ta' aċċess għal servizzi ta' kura affordabbli;
- T. billi d-diskors ta' mibegħda jibqa' kwistjoni ta' tħassib u huwa mmirat l-aktar lejn in-nisa u l-persuni LGBTI;
- U. billi fir-rapport ta' implimentazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tindika kwistjonijiet serji bħall-mortalità tat-trabi, it-tħaddim tat-tfal, inklużi r-rabtiet mat-traffikar u l-isfruttament sesswali, is-sitwazzjoni partikolari tat-tfal Rom u tat-tfal li l-ġenituri tagħhom iħalluhom warajhom, l-għadd staġnat ta' trabi u tfal b'diżabbiltà f'faċilitajiet ta' kura istituzzjonali, u l-kwalità insuffiċjenti tas-servizzi soċjali biex jappoġġjaw lill-familji f'sitwazzjonijiet vulnerabbli;
- V. billi l-Moldova timporta madwar 80 % tal-enerġija tagħha, u l-enerġija eolika, solari u idroelettrika żgħira jammontaw biss għal madwar 1 % tat-taħlita enerġetika tal-Moldova;

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

- W. billi l-bijomassa hija l-uniku sors domestiku sinifikanti tal-enerġija tal-Moldova, u tikkontribwixxi 19 % tal-provvista totali tal-enerġija;
- X. billi skont il-Ftehim ta' Pariġi, il-Moldova hija impenjata li tnaqqas l-emissjonijiet b'70 % fl-2030 meta mqabbla mal-1990;

**Valuri komuni u prinċipji ġenerali**

1. Jilqa' r-riżultati storiċi tal-elezzjoni presidenzjali fl-2020 u l-elezzjonijiet parlamentari fl-2021, fejn il-poplu tal-Moldova ta maġġoranza kbira lill-forzi politiċi favur ir-riforma u favur l-Ewropa, li issa huma kompletament responsabbli għall-istat; jinkoraġġixxi lill-istituzzjonijiet tal-UE u t-tmexxija politika tal-Moldova jaħt fuq din l-opportunità unika biex jaħdmu flimkien għall-implimentazzjoni ta' riformi li ilhom neċessarji u jadvanzaw l-integrazzjoni Ewropea tal-Moldova bbażata fuq il-valuri kondiviżi tad-demokrazzja, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-istat tad-dritt;
2. Jilqa' s-sottomissjoni tal-Moldova tal-applikazzjoni tagħha biex tissieħeb fl-UE fit-3 ta' Marzu 2022, li tikkonferma t-triq Ewropea magħżula tagħha; jinnota li dan il-pass ikompli jenfasizza l-ħtieġa għal djalogu politiku intensifikat ta' livell għoli mal-awtoritajiet Moldovani sabiex jinkiseb progress tanġibbli u sostenibbli fl-implimentazzjoni tar-riformi ewlenin; jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE jagħtu l-istatus ta' kandidat tal-UE lill-Moldova, flimkien mal-Ukrajna u l-Georgia, f'konformità mal-Artikolu 49 TUE u abbażi tal-mertu, u, sadanittant, ikompli jaħdmu lejn l-integrazzjoni tagħha fis-suq uniku tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u s-SEAE jżidu l-impenn tagħhom mal-kontropartijiet Moldovani tagħhom u jimmassimizzaw l-appoġġ politiku, tekniku u finanzjarju tagħhom lill-Moldova matul dan iż-żmien kruċjali sabiex jagħtu impetu ulterjuri għall-progress u jiżguraw kapaċità ta' assorbiment adegwata għall-assistenza tal-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu eżaminati modi kif tiġi kkonsolidata u mtejba l-kapaċità tal-istituzzjonijiet pubbliċi Moldovani f'dan ir-rigward, fosthom proġett konġunt bejn l-UE u l-Moldova biex tiġi stabbilita istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja għat-taħriġ tar-riżorsi umani għall-amministrazzjoni pubblika Moldovana, biex b'hekk tiġi żgurata t-trasparenza massima tal-proċedura tal-għażla u tal-promozzjoni u l-għoti ta' assistenza tal-UE għall-aqwa żidiet meħtieġa tas-salarji tal-ħaddiema taċ-ċivil fil-gvern tal-Moldova li jaħdmu l-oqsma ewlenin tar-riformi tal-integrazzjoni Ewropea;
3. Jindika li l-Unjoni Ewropea għandha tkun aktar strateġika fl-appoġġ tagħha u jitlob li jitwaqqaf, fil-livell tal-Kummissjoni, Grupp ta' Appoġġ għar-Repubblika tal-Moldova bbażat fuq il-mudell ta' Grupp ta' Appoġġ għall-Ukrajna (SGUA), kif previst fil-mandat oriġinali tas-SGUA; jissottolinja li grupp bħal dan jista' jkollu rwol ċentrali biex jissimplifika aħjar l-appoġġ finanzjarju u tekniku tal-UE, u jipprovdi assistenza multidimensjonali lill-awtoritajiet Moldovani fl-avanz tar-riformi fl-oqsma ewlenin tal-ġustizzja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-amministrazzjoni pubblika, bl-implimentazzjoni tal-EIPs għal pajjiżi tas-SL u l-Pjan ta' Rkupru Ekonomiku għall-Moldova, kif ukoll jassisti lill-Moldova fit-thejġija għal negozjati ta' adeżjoni futuri;
4. Jistieden lill-Kummissjoni tassisti lill-Moldova fit-thejġija ta' strateġija kredibbli ta' qabel l-adeżjoni għas-sħubija fl-UE; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tadotta rapporti komprensivi annwali regolari li jivvalutaw l-implimentazzjoni tar-riformi abbażi ta' punti ta' referenza ċari u li jużaw l-istess metodoloġija kif applikata għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent;
5. Jisħaq fuq il-punt li l-applikazzjonijiet għas-sħubija fl-UE tal-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia fetħu kapitlu ġdid fl-integrazzjoni Ewropea tagħhom, li għandu jkun ikkaratterizzat minn sforzi msaħħa biex jiġu implimentati il-FA/DCFTA rilevanti u appoġġ aktar strateġiku min-naħa tal-UE hi u tappoġġja lil dawn il-pajjiżi;
6. Jilqa' r-riżultati tas-sitt summit tas-SL li sar fil-15 ta' Diċembru 2021, li afferma mill-ġdid il-kisbiet sinifikanti tal-kooperazzjoni f'dan il-format u fassal perkors ambizzjuż għal kooperazzjoni futura bbażata fuq valuri kondiviżi u li tiffoka fuq l-irkupru, ir-reżiljenza u r-riforma;
7. Jilqa' l-fatt li s-summit irrikonoxxa l-inizjattiva tal-Moldova, il-Georgia u l-Ukrajna biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom bħala t-tliet sħab assoċjati tal-UE ("it-Trio Assoċjat") u l-aspirazzjonijiet Ewropej u l-għażla Ewropea tagħhom; jinkoraġġixxi lit-tliet pajjiżi jaħdmu flimkien lejn l-għan iddikjarat tagħhom ta' sħubija fl-UE billi jkomplu jadvanzaw l-aġenda ta' riformi u jiskambjaw l-aħjar Prattiki dwar il-governanza tajba u l-implimentazzjoni tal-FA/DCFTA bħala l-bażi għal adeżjoni futura mal-UE bbażata fuq il-mertu; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-applikazzjoni għall-adeżjoni

## Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

tal-Moldova mal-UE u, sadanittant, twieġeb għall-interess tal-pajjiżi assoċjati li japprofondixxu l-kooperazzjoni settorjali mal-UE f'oqsma ta' interess reċiproku, filwaqt li jinżamm il-prinċipju ta' inklużività;

8. Jilqa' l-kontribut kostruttiv tal-Moldova għall-kooperazzjoni fi ħdan is-SL, speċjalment fil-qafas tal-pajjiżi assoċjati, u jesprimi t-tama li d-dikjarazzjonijiet dwar l-aġenda ambizzjuża tal-pajjiż u l-integrazzjoni settorjali fit-trasport, fl-enerġija u f'oqsma oħra jsiru deċiżjonijiet u azzjonijiet konkreti, min-naħa kemm tal-awtoritajiet Moldovani kif ukoll tal-Unjoni;

9. Jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE janalizzaw il-possibbiltà li jinkludu lill-Moldova bħala osservatur fil-ħidma tal-kumitati stabbiliti skont l-Artikolu 291 tat-TFUE u r-Regolament (UE) Nru 182/2011<sup>(7)</sup>, kif ukoll fil-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma u tal-kumitati tal-Kunsill, sabiex jintwera l-impenn tal-UE favur integrazzjoni ulterjuri u biex jissaħħaħ l-orjentament lejn ir-riformi u l-kompetenzi amministrattivi tal-pajjiżi;

10. Jirrikonoxxi li l-gwerra fl-Ukrajna affettwat b'mod sproporzjonat l-ekonomija tal-Moldova bħala riżultat ta' opportunitajiet ta' importazzjoni u esportazzjoni mitlufa, kostijiet oġhla tat-trasport, prezzijiet tal-enerġija li qed jiżdiedu malajr u l-ħtieġa li tindirizza s-sitwazzjoni umanitarja kritika minħabba l-għadd kbir ta' rifuġjati li qed jaslun mill-Ukrajna; ifaħħar lill-poplu Moldovan u lill-istituzzjonijiet tal-Istat għall-impenn straordinarju tagħhom biex ilaħħqu mal-għadd għoli ta' rifuġjati li deħlin fil-pajjiż mill-Ukrajna, li wassal biex il-Moldova tkun il-pajjiż bl-oġhla għadd ta' rifuġjati mill-Ukrajna *per capita*; jisħaq fuq il-punt li dan ifisser li l-ħtieġijiet tal-Moldova għolew ukoll b'mod drammatiku f'dak li jikkonċerna l-appoġġ ekonomiku, inkluża l-Assistenza Makrofinanzjarja; jitlob lill-UE u lis-sħab internazzjonali oħra tal-Moldova biex jirrieżaminaw b'mod urġenti l-politiki tagħhom kif xieraq u biex iżidu l-appoġġ tagħhom għall-pajjiż sabiex jistabbilizzaw is-sitwazzjoni soċjoekonomika tiegħu u jiżguraw l-iżvilupp kontinwu tiegħu;

11. Jilqa' l-azzjoni deċiżiva min-naħa tal-UE u l-Istati Membri tagħha bħala "Tim Ewropa" fil-mitigazzjoni tal-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19 permezz ta' donazzjonijiet ta' vaċċini u appoġġ finanzjarju; jistieden lis-SEAE jassisti lill-awtoritajiet Moldovani, permezz tat-Task Force East StratCom u d-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea għar-Repubblika tal-Moldova, fil-ġlieda kontra l-miżinformazzjoni dwar il-vaċċini tal-COVID-19 u t-trawwim ta' djalogu soċjali bil-għan li tintlaħaq il-mira tat-tilqim ta' minimu 70 % tal-popolazzjoni;

12. Jisħaq fuq il-punt li l-Pjan ta' Rkupru Ekonomiku għar-Repubblika tal-Moldova, li għandu baġit massimu ta' EUR 600 miljun, huwa element ewlieni fl-irkupru tal-Moldova, li jippreżenta opportunità unika biex jaċċellera r-riformi strutturali, jirristruttura l-ekonomija, jiġġieled il-faqar u l-inugwaljanzi soċjali, jagħti spinta lit-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali u jħejji lill-pajjiż għal sfidi oħra futuri; jilqa' l-ewwel żborż ta' għotja ta' EUR 36,4 miljun għall-Moldova, bħala parti mill-Pakkett ta' Rkupru Ekonomiku, biex tkompli tappoġġja r-riforma tal-pulizija u l-ġlieda tal-pajjiż kontra l-COVID-19;

13. Jilqa' l-programm ġdid ta' riforma ekonomika tal-Moldova, approvat mill-Fond Monetarju Internazzjonali f'Diċembru 2021, li jiftaħ it-triq għall-proposta l-ġdida tal-Kummissjoni għal pakkett MFA għall-Moldova li għandu baġit li jilħaq il-EUR 150 miljun; jilqa' l-adozzjoni rapida tal-MFA ġdida min-naħa tal-Parlament u l-Kunsill; jissottolinja l-importanza kruċjali ta' kundizzjonalità stretta primarjament marbuta ma' riformi demokratiċi aktar milli fatturi ekonomiċi, li tapplika wkoll għall-finanzjament l-ieħor kollu tal-UE lis-sħab tagħha; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-assistenza teknika tkun disponibbli għall-awtoritajiet Moldovani fl-implimentazzjoni adegwata tar-riformi miftiehma fil-kuntest tal-MFA;

### Riformi u qafas istituzzjonali

14. Jilqa' l-aġenda ambizzjuża ta' riforma bla preċedent tal-gvern ta' Natalia Gavriļița u l-progress inizjali li diġà nkiseb fl-implimentazzjoni tagħha, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, it-trasparenza dejjem tikber fil-governanza pubblika, l-avvanz tar-riformi fil-qasam tal-istat tad-dritt u d-diġitalizzazzjoni, it-titjib tal-istandards tal-ġhajxien tal-gruppi tal-popolazzjoni l-aktar vulnerabbli u t-titjib tal-klima kummerċjali fil-pajjiż; itenni li progress suffiċjenti fl-implimentazzjoni tar-riformi miftiehma huwa kundizzjoni ewlenija għal appoġġ finanzjarju kontinwu tal-UE u l-applikazzjoni tal-prinċipju "aktar għal aktar";

(7) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

15. Jinkoraġġixxi bil-qawwa lill-Gvern tal-Moldova biex ikompli l-ħidma tiegħu ħalli jallinja b'mod irriversibbli l-pajjiż mal-Unjoni Ewropea; iħeġġeġ kemm lill-awtoritajiet kif ukoll lill-oppożizzjoni jaħdmu flimkien b'mod kostruttiv lejn it-trasformazzjoni ta' pajjiżhom fi Stat li jiffunzjona u li jkun jista' joffri opportunitajiet liċ-ċittadini tiegħu u jwassal għal titjib fl-oqsma kollha li għalihom huwa responsabbli, peress li dan se jkollu impatt pożittiv fuq l-istandards tal-għajxien fil-Moldova u jikkonvinċi lill-Moldovani li jgħixu barra mill-pajjiż biex jirritornaw lejn pajjiżhom;

16. Jisħaq fuq il-punt li l-aspettattivi għoljin tan-nies tal-Moldova jeħtieġ li jiġu ssodisfati billi jsir titjib tanġibbli fl-għajxien tagħhom, tiġi restawrata l-fiducia tagħhom fl-istituzzjonijiet tal-Istat, u jiġu miġġielda l-korruzzjoni u l-istrutturi oligarkiki;

17. Jinnota li filwaqt li l-elezzjonijiet presidenzjali u l-elezzjonijiet parlamentari bikrija kienu ġestiti tajjeb u kompetittivi, il-kampanja elettorali kienet diviżiva u mmexxija b'mod negattiv, u involviet retorika intolleranti u attacki personali; jissottolinja li n-nuqqasijiet li fadal jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-OSKE/ODIHR, inkluż it-titjib tal-qafas legali elettorali f'konformità mal-impenji tal-OSKE u standards internazzjonali oħra, l-investigazzjoni fil-pront u bir-reqqa ta' allegazzjonijiet kredibbli tax-xiri tal-voti u l-inkoraġġiment illegali tal-votanti, l-indirizzar tal-użu ħażin tar-riżorsi tal-istat, it-titjib tat-trasparenza u r-responsabbiltà tal-finanzjament tal-kampanja, l-infurzar aktar strett tad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-Kodiċi tas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva dwar kopertura imparzjali matul il-kampanji, u l-għoti ta' garanziji aħjar biex jiġu żgurati li l-qrati jgawdu minn ħelsien mill-pressjonijiet politiċi u jibqgħu għalkollox imparzjali fl-immaniġġjar ta' każijiet relatati mal-elezzjonijiet; iħeġġeġ lill-Gvern Moldovan biex jistabbilixxi l-miżuri kollha meħtieġa ħalli jiżgura li ċ-ċittadini tal-Moldova li jgħixu barra l-pajjiż ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-elezzjonijiet b'mod inklużiv, trasparenti u ġust, ħielsa minn interferenza barranija;

**Is-sigurtà u r-reżiljenza fil-qasam tal-enerġija**

18. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipprovdi lill-Moldova b'EUR 60 miljun permezz ta' programm ġdid ta' appoġġ baġitarju sabiex tindirizza l-kriżi tal-provvista tal-gass maħluqa artifiċjalment minn Gazprom u ttaffi l-impatt tal-prezzijiet li qed jogħlew fuq l-aktar persuni vulnerabbli; jilqa' l-isforzi tal-Polonja, ir-Rumanija u l-Ukrajna, fost oħrajn, biex jipprovdu malajr provvisti ta' gass alternattivi; jindika li l-enerġija hija l-aktar riżorsa importanti għall-baġit, il-programmi militari u soċjali tar-Russja, u li Gazprom tintuża bħala għodda biex tavvanza l-interessi ekonomiċi u ġeopolitiċi tal-Kremlin barra l-pajjiż; jilqa' l-fatt li, bil-għan li tikkomplementa l-assistenza diġà pprovduta mill-UE fil-kuntest tal-kriżi tal-enerġija, id-Delegazzjoni tal-UE fi Chişinău mmobilizzat EUR 5 miljun biex tipprovdi appoġġ lill-gruppi vulnerabbli l-aktar milquta miż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija; jirrikonoxxi, madankollu, li hemm bżonn ta' appoġġ aktar sostanzjali fid-dawl tal-prezzijiet tal-enerġija li qed jogħlew kontinwament;

19. Jinnota li l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-użu tagħha tar-riżorsi tal-enerġija bħala arma tkompli tenfasizza l-importanza ġeostrateġika li jsiru riformi fis-settur tal-enerġija, li jeliminaw id-dipendenza fuq il-gass Russu u jagħtu spinta lid-diversifikazzjoni tal-provvisti u tar-rotot tal-enerġija, filwaqt li tinbena reżiljenza fit-tul; permezz ta' tranżizzjoni għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli u investment fl-aġġornament ta' infrastruttura eżistenti u l-ħolqien ta' infrastruttura ġdida u effiċjenza enerġetika, fosthom fis-setturi tal-produzzjoni tal-enerġija, tat-trasport u tad-dar, u b'hekk tittejjeb il-konnettività filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà ambjentali; jinnota li dan jista' jgħin ukoll biex tinbena r-reżiljenza kontra kwalunkwe sforz potenzjali minn partijiet terzi biex jużaw l-enerġija bħala lieva ġeopolitika;

20. Jisħaq fuq il-punt li huwa inaċċettabbli li l-provvista tal-gass mir-Russja tintuża bħala arma sabiex issir pressjoni politika fuq il-Gvern tal-Moldova ħalli jibdel l-orjentazzjoni ġeopolitika tiegħu u jżomm lura milli jirrispetta x-xewqat leġittimi tal-elettorat Moldovan; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex jinkludu lill-Moldova fil-pjanijiet tal-UE għall-ksib tal-indipendenza mill-provvista tal-enerġija mir-Russja u jżidu l-appoġġ finanzjarju u tekniku tal-UE lill-Moldova, li huwa meħtieġ biex tiġi żgurata r-reżiljenza tagħha kontra tali interferenza esterna u tintaqas id-dipendenza qawwija tagħha fuq l-enerġija Russa; jitlob lill-UE turi solidarjetà tal-enerġija aktar b'saħħitha mal-Moldova, f'konformità mal-FA, billi żżid l-interkonnessjonijiet tal-infrastruttura tal-enerġija bejn l-UE u l-pajjiżi fir-reġjun; jenfasizza l-importanza li jiġu implimentati mingħajr dewmien l-investimenti kollha meħtieġa u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tal-enerġija Ewropea sabiex il-faċilitajiet tal-ħażna u l-interkonnetturi tal-Istati Membri tal-UE jkunu jistgħu jippermettu t-trażmissjoni tal-gass fuq skala suffiċjenti mill-UE għall-pajjiżi sħab; jistieden lill-awtoritajiet Moldovani biex, fit-tul, iżommu l-impenn tal-pajjiż bħala membru tal-Komunità tal-Enerġija u jimplimentaw it-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija tal-UE, b'mod partikolari s-separazzjoni bejn it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-gass u tal-elettriku;

21. Jissottolinja l-ħtieġa li tizzied il-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija fil-Moldova, li bħalissa tiddependi 80 % fuq l-elettriku prodott fir-reġjun tat-Transnistrija; jilqa' s-sinkronizzazzjoni b'suċċess tal-grilji tal-elettriku tal-Moldova u l-Ukrajna man-Network Kontinentali Ewropew fis-16 ta' Marzu 2022, li se tgħin biex jiġu żgurati l-istabbiltà u s-sigurtà tal-provvista tagħhom; ifaħħar lin-Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Elettriku (ENTSO-E) għall-ħidma tiegħu fil-kisba ta' dan it-tragward f'ċirkostanzi straordinarji; jitlob li l-Kummissjoni tkompli tappoġġja l-integrazzjoni tal-Moldova u tal-Ukrajna mal-grilja tal-enerġija kontinentali Ewropea u tistabbilixxi b'mod urġenti struttura ddedikata fi ħdan l-amministrazzjoni tagħha għal dan il-għan; jilqa' l-passi meħuda għall-interkonnessjoni tas-sistema tal-elettriku tal-Moldova mal-UE permezz tar-Rumanija; jistieden lill-awtoritajiet kollha jissodisfaw l-oġettiv li l-Moldova tingħaqad mal-grilja enerġetika tar-Rumanija sal-2024, bl-appoġġ tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi lill-Moldova fit-testijiet tal-istress imwettqa għas-suq intern tal-enerġija; jinnota li l-appoġġ u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni msaħħa tal-UE ma' pajjiżi assoċjati fis-SL f'dawn is-setturi se joħlqu wkoll tkabbir ekonomiku u jsaħħu r-reżiljenza tal-enerġija tar-reġjun;

22. Jilqa' t-tnedija tad-djalogu ta' Livell Għoli bejn l-UE u l-Moldova dwar l-Enerġija fil-kuntest tas-sitwazzjoni ta' emerġenza fis-settur tal-gass tal-Moldova; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tikkunsidra li tnedi djalogi simili ta' livell għoli mal-UE biex issaħħaħ il-kooperazzjoni f'oqsma oħra, bħall-ġustizzja jew il-klima/il-Patt Ekoloġiku, li kieku jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġettivi fi ħdan il-FA/DCFTA;

23. Jitlob lill-Moldova u lill-UE jtejbu l-konnettività tal-Moldova fil-baċir tal-Baħar l-Iswed u fir-reġjun tal-Karpazji, javvanzaw il-ħidma fuq it-taqsimiet Moldovani tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport estiż (TEN-t) għall-pajjiżi tas-SL, jappoġġjaw ir-riformi tas-settur ferrovjarju u jespjoraw il-possibbiltajiet, flimkien mal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, għat-titjib tal-konnessjonijiet ferrovjarji bejn l-UE u l-Moldova, filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà ambjentali; iħeġġeġ lill-Moldova tagħmel progress fl-implimentazzjoni tal-acquis rilevanti, u jitlob aktar kooperazzjoni u l-integrazzjoni gradwali tal-Moldova fis-suq tat-trasport u fil-Komunità tat-Trasport tal-UE;

24. Jistieden lill-UE tipprovdi pjattaforma ta' ppjanar tal-investment għall-Moldova biex timplimenta aġenda ta' konnettività tal-infrastruttura fuq skala kbira, b'mod partikolari billi żżied il-kapaċità ta' assorbiment tal-Moldova u tipprovdi l-assistenza teknika meħtieġa, kif isir għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent taħt il-Qafas ta' Investment għall-Balkani tal-Punent (WBIF), pjattaforma ta' assistenza tal-kapaċità amministrata mill-Kummissjoni;

25. Jilqa' u jappoġġja l-interess tal-Moldova fl-avvanz tal-kooperazzjoni mal-UE fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni u tat-telekomunikazzjoni; iħeġġeġ lill-UE u lill-Moldova jneħħu b'mod reċiproku t-tariffi tar-roaming bejn il-Moldova u l-UE;

26. Jilqa' l-isforzi u l-progress kontinwu li sar mill-awtoritajiet Moldovani lejn it-titjib ulterjuri tas-sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza tal-Moldova u l-implimentazzjoni ta' standards internazzjonali tas-sikurezza tal-avjazzjoni, li rriżultaw fit-tneħħija tat-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati fil-Moldova mil-Lista tal-UE tas-Sikurezza tal-Ajru u jistieden lill-awtoritajiet tal-Moldova jiżguraw l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-UE u l-Moldova;

### ***Kooperazzjoni fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) u progress fir-riżoluzzjoni tal-kunflitt tat-Transnistrija***

27. Jilqa' l-ftehim bejn l-UE u l-Moldova dwar it-tnedija ta' Djalogu Politiku u ta' Sigurtà ta' Livell Għoli u l-impenn imġedded dwar is-sigurtà u l-PSDK permezz ta' konsultazzjonijiet bilaterali bejn il-persunal; jinkoraġġixxi lis-SEAE u lill-Moldova jagħmlu użu sħiħ minn dawn il-pjattaformi sabiex javvanzaw il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet bħal, iżda mhux limitati għal, ġlieda kontra t-theddid ibridu, it-tisħiħ tar-reżiljenza, it-tisħiħ taċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika, u t-tisħiħ tal-komunikazzjoni strateġika; jistieden lill-Moldova tkompli tallinja aktar il-pożizzjonijiet tagħha ma' dawk tal-PESK u tkompli tagħti u ssaħħaħ il-kontribut tagħha għall-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) u l-missjonijiet tagħha; iħeġġeġ lill-UE u lill-Moldova jidentifikaw modi kif jespandu din il-kooperazzjoni, b'mod partikolari minħabba s-sitwazzjoni ta' sigurtà volatili fil-viċinat tal-Lvant;

28. Jesprimi tħassib serju dwar l-iżviluppi riċenti fit-territorju tar-reġjun tat-Transnistrija u jikkundannahom bħala atti perikolużi ta' provokazzjoni mwettqa f'sitwazzjoni ta' sigurtà volatili ħafna; jappella għall-kalma sabiex jiġu ppreservati s-sigurtà u l-benesseri tan-nies li jgħixu fuq iż-żewġ naħat tax-xmara Nistru u fil-pajjiżi ġirien; jilqa', f'dan ir-rigward, ir-reazzjoni kalma u mrażżna tal-awtoritajiet f'Chişinău;

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

29. Jirrifjuta u jesprimi tħassib dwar id-dikjarazzjoni tat-3 ta' Marzu 2022 tal-awtoritajiet fir-reġjun okkupat tat-Transnistrija tal-Moldova li tħabbar tmiem il-proċess tas-soluzzjoni u li toħroġ sejħa mġedda għar-rikonoxximent tal-hekk imsejħa indipendenza tat-Transnistrija; itenni l-appoġġ tiegħu għal soluzzjoni komprensiva u paċifika tal-kunflitt tat-Transnistrija permezz tal-proċess ta' negozjati 5+2 ibbażat fuq is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Moldova fil-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha, bi status speċjali għar-reġjun tat-Transnistrija fi Stat Moldovan vijabbli; jissottolinja li kull riżoluzzjoni għall-kwistjoni tat-Transnistrija trid tirrispetta d-dritt sovrani tal-Moldova li tagħżel l-orjentament tagħha fil-qasam tad-difiża u tal-politika estera; jappoġġja l-isforzi biex jiġu estiżi l-benefiċċji tad-DCFTA u tas-sistema ta' vjaġġar mingħajr viża għar-reġjun tat-Transnistrija, li jippermetti tkabbir sinifikanti fil-mobbiltà u fil-kummerċ mar-reġjun;

30. Jinnota li l-Missjoni tal-UE ta' Assistenza fil-Fruntiera bejn il-Moldova u l-Ukrajna għandha rwol importanti ħafna fl-armonizzazzjoni tar-reġimi tal-ġestjoni tal-fruntieri u tad-dwana ma' dawk tal-Unjoni, anki fir-rigward tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-kuntrabandu u l-kontribut għas-soluzzjoni paċifika tal-kwistjoni tat-Transnistrija permezz ta' miżuri għat-tiħiħ tal-fiduċja u bħala preżenza ta' monitoraġġ fis-segment tat-Transnistrija tal-fruntiera bejn il-Moldova u l-Ukrajna; jinkoraġġixxi lill-Gvern Moldovan ikompli jipromwovi ambjent favorevoli għas-soluzzjoni tal-kunflitti u jappoġġja attivitajiet li jżidu l-fiduċja u l-kuntatti interpersonali fil-komunitajiet mifrudin minħabba l-kunflitti; jemmen li konklużjoni kostruttiva għall-kwistjoni tat-Transnistrija se ġġib stabbiltà u prosperità mhux biss għall-Moldova, iżda wkoll għaż-żona usa';

31. Jistieden lill-Moldova, lill-Federazzjoni Russa, lill-Istati Membri tal-UE u lil sħab internazzjonali oħra jikkooperaw dwar it-tneħħija u l-qerda totali ta' madwar 20 000 tunnellata ta' munizzjon antik tal-era Sovjetika maħżun fiċ-ċentru tal-munizzjon ta' Cobasna, li jirrappreżenta periklu gravi għas-sigurtà tan-nies u tal-ambjent fuq iż-żewġ ixtut tax-xmara Dniester, minħabba li huwa ferm lil hinn mid-data ta' skadenza tiegħu; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-eżerċizzji militari numerużi mwettqa mill-forzi militari Russi fit-Transnistrija u jistieden lill-Federazzjoni Russa tirtira kompletament u mingħajr kundizzjonijiet il-forzi u l-armamenti militari tagħha mir-reġjun tat-Transnistrija b'mod ordnat, f'konformità mat-talbiet ripetuti tal-awtoritajiet Moldovani u fir-rigward tas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Moldova;

32. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li qed tiddeterjora fir-reġjun tat-Transnistrija, b'mod partikolari l-persekuzzjoni ta' persuni kritiċi għall-amministrazzjoni *de facto* u l-iskjerament tal-armata Russa, u r-restrizzjonijiet fuq l-assembleji pubbliċi u l-attivitajiet tal-NGOs lokali; ifakkar lill-Federazzjoni Russa dwar ir-responsabbiltà li għandha fir-rigward tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fir-reġjun tat-Transnistrija, kif ikkonfermat minn diversi deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB); jistieden lill-awtoritajiet Russi jeżegwixxu s-sentenzi kollha tal-QEDB relatati mal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u mad-dritt għal-libertà u għas-sigurtà fir-reġjun tat-Transnistrija;

33. Ifaħħar lill-awtoritajiet Moldovani għall-appoġġ offrut lir-reġjun tat-Transnistrija fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, fosthom permezz tad-donazzjoni ta' 10 % tal-provvista tal-vaċċin tiegħu, it-taħriġ tal-persunal mediku u l-ipproċessar tat-testijiet tal-COVID-19;

34. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill li jipprovdi EUR 7 miljun f'assistenza fil-qafas tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi lill-Forzi Armati tal-Moldova għall-akkwist ta' tagħmir mediku u tagħmir għan-newtralizzazzjoni tal-isplussivi; jinkoraġġixxi lis-SEAE u lill-Kunsill jestendu aktar l-oqsma ta' kooperazzjoni mal-Moldova u jappoġġjaw it-tiħiħ tal-kapaċità tas-settur tad-difiża permezz ta' miżuri ta' assistenza taħt dan l-istrument;

35. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Moldovani jagħmlu użu ulterjuri mill-assistenza potenzjali tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi fi programmi annwali sussegwenti sabiex jikkonsolidaw il-kapaċità tal-Moldova li tiġġieled it-theddid ċibernetiku u ibridu; jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE jinkludu lill-Moldova f'formati ġodda ta' kooperazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà, it-theddid ibridu u l-investigazzjonijiet dwar iċ-ċiberkriminalità, fosthom billi jinvolvu liċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà għdid f'dawn l-isforzi;

**Stat tad-dritt u governanza tajba**

36. Itenni l-importanza fundamentali tar-riforma tal-ġustizzja, b'mod partikolari t-tiħiħ tal-indipendenza u tal-kompetenzi tal-ġudikatura, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jirrikonoxxi l-iskala enormi tal-isfida li qed iħabbtu wiċċhom magħhom l-awtoritajiet u jinkoraġġihom jiffukaw fuq prijoritajiet stabbiliti; jinnota l-impenn tal-President Maia Sandu u tal-gvern ta' Natalia Gavriļița li jibbażaw il-politiki tagħhom fuq deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali Moldovana; jitlob aċċellerazzjoni tar-riforma tal-ġustizzja li għaddejjja, inkluża l-implimentazzjoni tal-emendi għad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni dwar il-ġustizzja vvutati mill-Parlament Moldovan fit-23 ta' Settembru 2021, kif ukoll tal-Istrateġija għall-Iżguraw tal-Indipendenza u l-Integrità tas-Settur tal-Ġustizzja 2022-2025;

## Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

37. Jisħaq fuq il-punt li l-UE trid toffri aktar appoġġ, inkluża żieda fl-allokazzjonijiet finanzjarji, għar-riforma kumplessa tas-sistema tal-ġustizzja fil-Moldova; jirrikonoxxi l-hteġa għal riformi profondi tas-sistema ġudizzjarja mmirati lejn il-ksib tal-effiċjenza u l-indipendenza sħiħa u reali tal-ġudikatura, il-ksib mill-ġdid tal-fiduċja pubblika fis-sistema ġudizzjarja u tal-amministrazzjoni pubblika, it-tnaqqis tar-rabtiet man-networks informali postkomunisti u mal-oligarki, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus anki fl-ogħla livelli politiċi u kummerċjali; jappoġġja bil-qawwa l-oġettiv li jitneħħew mis-sistema tal-ġustizzja persuni li jeżistu dubji dwar l-integrità tagħhom u li jsiru bidliet komprensivi li jibnu pedamenti b'saħħithom għall-istat tad-dritt fil-pajjiż;

38. Jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat proċess ta' għażla bbażat fuq il-mertu u trasparenti għall-ħatriet ġudizzjarji; jistieden lill-awtoritajiet Moldovani biex ikomplu l-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa u mal-Unjoni Ewropea dwar ir-riforma tal-ġustizzja, inkluż dwar inizjattivi relatati mal-evalwazzjoni straordinarja tal-imħallfin u l-prosekuturi (skrutinju) u l-evalwazzjoni tal-integrità tal-kandidati għall-pożizzjoni ta' membri tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura u tal-Kunsill Superjuri tal-Prosekuturi (skrutinju minn qabel); itenni l-importanza li jiġu kkonsultati u implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja fil-qafas tal-proċess ta' riforma ġudizzjarja;

39. Huwa konvint li l-korruzzjoni fuq skala kbira hija waħda mill-problemi ewlenin li jxekklu l-progress tal-Moldova; jistieden lill-Gvern Moldovan iżid l-effettività tal-infrastruttura legali u istituzzjonali kontra l-korruzzjoni; jilqa' l-ħolqien tal-Kumitat Konsultattiv Indipendenti Kontra l-Korruzzjoni, li se jinvestiga l-korruzzjoni fis-setturi finanzjarji u bankarji tal-pajjiż u fl-istituzzjonijiet tal-Istat tiegħu;

40. Jistieden lill-Gvern Moldovan iżid it-trasparenza, is-sorveljanza demokratika u r-responsabbiltà fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u jikkoopera mill-qrib mas-soċjetà ċivili, sabiex ikun jista' jsir skrutinju pubbliku adegwat ta' dawn il-proċessi u kontribut inklużiv fihom; itenni fuq l-importanza li jiġi żgurat finanzjament sostenibbli għas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari minħabba t-tnaqqis sinifikanti fil-baġit matul il-pandemija; jisħaq fuq l-importanza ġenerali tad-djalogu miftuħ attiv tal-gvern mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, it-trade unions, l-assoċjazzjonijiet tan-negozju, u l-oppożizzjoni parlamentari u ekstraparlamentari, biex jiġi żgurat proċess inklużiv u parteċipattiv tat-teħid ta' deċiżjonijiet;

41. Jinnota l-passi meħuda mill-awtoritajiet u jħeġġiġhom ikomplu bl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw il-kwistjoni ta' applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi u l-allinjament tal-politika tal-Moldova dwar il-viża mal-listi tal-UE ta' pajjiżi mhux tal-UE li għalihom huma meħtieġa l-viżi;

42. Jistieden lill-Gvern Moldovan ikompli bl-isforzi biex jiddepoltiċizza l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u l-istituzzjonijiet pubbliċi kontra l-korruzzjoni u biex jinvesti fil-bini ta' fiduċja akbar bejn iċ-ċittadini u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi;

43. Jitlob l-implimentazzjoni deċiżiva tar-riforma tal-pulizija; jilqa' ż-żieda fl-għadd ta' nisa fil-forza tal-pulizija; jitlob aktar kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-aġenziji ta' infurzar tal-Moldova u l-Istati Membri sabiex titnaqqas il-kriminalità transfruntiera, b'mod partikolari t-traffikar ta' drogi illegali u ta' bnedmin, peress li l-Moldova sfortunatament tibqa' sors ta' traffikar tal-bnedmin għall-isfruttament sesswali u għall-finijiet tax-xogħol, imwettqa kemm min-networks Moldovani kif ukoll minn networks kriminali internazzjonali; jilqa' l-iffirmar tal-ftehim bejn l-UE u l-Moldova dwar l-attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) fil-Moldova u l-iskjerament tal-persunal tal-Frontex biex jappoġġja lill-awtoritajiet Moldovani f'attivitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri; jitlob li jkun hemm kooperazzjoni msaħħa mal-Europol, mal-Interpol u mal-organizzazzjonijiet doganali bħall-Organizzazzjoni Dinjija Doganali u l-Organizzazzjoni għan-Networks ta' Kooperazzjoni Ekonomika u ta' Żvilupp Kontra l-Korruzzjoni;

44. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet Moldovani jikkooperaw, jikkoordinaw u jieħdu miżuri urġenti biex jiproteġu lir-rifuġjati mill-Ukrajna ospitati fil-Moldova jew li jgħaddu minnha, speċjalment in-nisa u t-tfal, li huma friskju ta' traffikar u li jirrappreżentaw il-maġġoranza tar-rifuġjati mill-Ukrajna;

45. Jistieden lill-awtoritajiet jiggarrantixxu d-dritt għal proċess ġust u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-faċilitajiet ta' detenzjoni, fosthom billi jindirizzaw dispożizzjonijiet inadegwati tal-kura tas-saħħa, kif ukoll jevitaw l-amministrazzjoni ta' ġustizzja selettiva u motivata politikament; jissottolinja l-hteġa li jiġu eliminati t-tortura u t-trattament ħażin u li jiġu investigati allegazzjonijiet ta' tortura u ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-pulizija u minn uffiċjali oħra tal-infurzar tal-liġi;

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

46. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu indirizzati l-frodi finanzjarja, il-ħasil tal-flus u l-kriminalità organizzata permezz ta' leġislazzjoni komprensiva u implimentazzjoni effettiva; jilqa' l-pjanijiet għall-ħruġ ta' bidliet legali fil-Parlament tal-Moldova mmirati lejn it-titjib tal-qafas legali biex ikun possibbli li jiġi implimentat il-mekkaniżmu ta' konfiska estiża tal-assi akkumulati permezz tal-korruzzjoni;

47. Jitlob politika ċara u effettiva fil-qasam tal-irkupru ta' fondi miżapproprijati u assi frawdolenti billi tiġi stabbilita kooperazzjoni internazzjonali, b'enfasi fuq kollegament aħjar mal-Europol u mal-Eurojust; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Moldovani jibnu qafas iddedikat għall-kollaborazzjoni strateġika mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għal għestjoni aħjar tal-investigazzjonijiet tal-frodi u kontra l-korruzzjoni;

48. Iħeġġeġ il-kooperazzjoni kontinwa u mill-qrib bejn l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali fi Chişinău u l-uffiċċju tal-Eurojust, inkluż is-sekondar regolari ta' rappreżentanti Moldovani fl-uffiċċju tal-Eurojust bħala pass preparatorju fil-bini ta' task force ddedikata għall-irkupru ta' fondi miżapproprijati u assi frawdolenti;

49. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li titħaffef l-investigazzjoni dwar il-frodi bankarja esposta fl-2014, li għadha ma wasslitx għal riżultati sinifikanti f'dak li jikkonċerna t-tressiq ta' dawk responsabbli quddiem il-ġustizzja u l-irkupru tal-assi mitlufa; jisħaq fuq il-punt li dan in-nuqqas ta' progress għandu effett negattiv serju fuq ir-reputazzjoni internazzjonali tal-Moldova, b'mod partikolari, il-kredibbiltà tas-sistema ġudizzjarja f'għajnejn mhux biss il-poplu tal-Moldova, iżda wkoll is-sħab internazzjonali tal-pajjiż; jitlob l-intensifikazzjoni tal-proċess tat-tlestija ta' każijiet kriminali kontra persuni involuti fl-iskema Laundromat Russau fil-frodi tal-banek; jitlob, f'dan ir-rigward, li jkun hemm kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri tal-UE u l-awtoritajiet Moldovani fl-investigazzjoni tal-frodi bankarja, ħalli jiġi żgurat l-irkupru f'waqt ta' assi misruqa;

50. Itenni t-talba tiegħu għall-espansjoni tar-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem (l-Att tal-UE Magnitsky) biex il-korruzzjoni tiġi inkluża bħala reat issanzjonat, li jippermetti s-sanzjonar ta' dawk responsabbli għall-frodi bankarja tal-2014 u jiskoraġġixxi reati simili ta' korruzzjoni;

***Drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali***

51. Jilqa' r-ratiffika tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (Konvenzjoni ta' Istanbul), mill-Parlament tal-Moldova fl-14 ta' Ottubru 2021; jinnota l-ħruġ ta' mandat legali dwar l-implikazzjonijiet kostituzzjonali tar-ratiffika tal-Konvenzjoni ta' Istanbul mill-Kummissjoni ta' Venezja fl-10 u l-11 ta' Diċembru 2021 fuq talba tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Moldova; jitlob li tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Istanbul fil-livelli kollha sabiex tittejjeb is-sitwazzjoni tan-nisa u tal-bniet, u għal aktar sforzi li għandhom isiru biex isir progress lejn il-ksib tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, b'mod partikolari fit-titjib tal-aċċess tan-nisa għas-suq tax-xogħol, fl-indirizzar tad-differenza bejn il-ġeneri fil-paġi, id-diskriminazzjoni fuq bażi ta' età u r-rappreżentanza tan-nisa, u fl-iżgurar ta' trattament ugwali fil-livelli kollha;

52. Jissottolinja l-importanza li jissaħħaħ aktar il-qafas legali għall-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, b'mod partikolari billi jitnaqqsu d-diskrepanzi leġislattivi eżistenti sabiex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni fl-impjiegi, jiġu miġġielda b'mod effettiv ir-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda u jiġu protetti aktar id-drittijiet tal-minoranzi, inklużi r-Rom, il-persuni LGBTI u l-immigranti; jistieden lill-Moldova tabolixxi l-projbizzjoni kostituzzjonali fuq żwieġ bejn persuni tal-istess sess stabbilita fl-1994 u tistabbilixxi miżuri kontra d-diskriminazzjoni għal persuni LGBTI;

53. Jitlob li l-Kummissjoni u s-SEAE jintegraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki, fil-programmi u fl-attivitajiet kollha tagħhom relatati mal-Moldova; jistieden lill-Gvern Moldovan jaċċellera l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u kontra d-diskriminazzjoni, allinjata mal-istandards tal-UE, u jippermetti t-twettiq ta' dawn id-drittijiet permezz ta' qrati tal-liġi indipendenti u li jiffunzjonaw kif xieraq;

54. Jistieden lill-Gvern Moldovan, fir-rispons tiegħu għall-pandemija tal-COVID-19, biex jagħmel enfasi speċjali fuq il-ġlieda kontra l-inugwaljanza bejn il-ġeneri, il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, u d-diskriminazzjoni kontra gruppi emarġinati aggravati mill-pandemija; iħeġġeġ lill-awtoritajiet jindirizzaw iż-żieda fil-vjolenza kontra t-ftal u fil-faqar fost it-ftal bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19 u l-miżuri meħuda biex tiġi kkontrollata;



**Kummerċ u kooperazzjoni ekonomika**

55. Itenni l-importanza tal-implimentazzjoni effettiva tar-riformi meħtieġa biex jinkiseb il-benefiċċju sħiħ mid-DCFTA, jinkiseb progress f'integrazzjoni ekonomika ulterjuri mas-suq intern tal-UE u tiżdied id-diversifikazzjoni u l-kompetittività tal-ekonomija Moldovana, partikolarment ta' oġġetti ta' valur miżjud; jistieden lill-Moldova timplimenta bis-sħiħ il-Kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli tad-DCFTA u li tirrispetta l-impjenji internazzjonali tiegħu, b'mod partikolari l-Ftehim ta' Pariġi u r-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO); jitlob ir-rettifika tad-dritt kummerċjali intern li jirriżulta kunfliġġenti mal-impjenji li ħadet il-Moldova fil-qafas tad-DCFTA u tad-dispożizzjonijiet tad-WTO;

56. Jenfasizza l-effett pożittiv tad-DCFTA bejn l-UE u l-Moldova fuq il-kummerċ bejn iż-żewġ naħat, b'żieda ta' aktar minn 33 % fil-kummerċ totali bejn l-2015 u l-2020, aktar minn 61 % tal-esportazzjonijiet Moldovani li jmorru lejn is-suq tal-UE u aktar minn 70 % tal-kumpaniji Moldovani involuti f'attivitajiet ta' esportazzjoni li jesportaw lejn is-suq tal-UE; jinnotta li s-suq tal-UE huwa destinat li jsir saħansitra aktar importanti għall-Moldova minħabba t-tfixkil fil-kummerċ ikkawżat mill-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna; jilqa' l-fatt li l-Unjoni hija l-akbar investitur fil-pajjiż; jinkoraġġixxi aktar progress f'oqsma bħall-kodiċi doganali, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, it-titjib fl-istandards sanitarji u fitosanitarji, it-titjib fil-kundizzjonijiet tas-suq fil-qasam tal-enerġija, l-akkwist pubbliku, u l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs;

57. Jenfasizza li l-esportazzjonijiet tal-Moldova jistgħu jiżdiedu permezz ta' produzzjoni estiża, billi tingħata prijorità mill-ġdid lill-esportazzjonijiet u jiġu aġġustati l-istandards ta' kwalità; itenni li l-kategoriji ewlenin ta' merkanzija għall-esportazzjoni jibqgħu prodotti tal-annimali u tal-hexjex, li huma l-inqas l-prodotti profittabbli li l-Moldova tista' toffri lill-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Moldova fid-diversifikazzjoni tal-esportazzjonijiet tagħha lejn l-UE, fosthom permezz ta' twettiq aħjar tal-kwoti tariffarji tagħha għal prodotti bi profitt għoli;

58. Jistieden lill-Kummissjoni tibda l-proċess tal-integrazzjoni tal-pajjiżi tas-SL fis-suq uniku Ewropew billi tiegħu l-ewwel pass fl-analiżi tal-allinjament tagħhom minn perspettiva legali, ekonomika u teknika, u l-iżvilupp ta' regolamenti u standards immirati lejn it-tnejja ta' pajjiżi sħab għall-integrazzjoni ekonomika fsuq komuni;

59. Jinnotta l-interess akbar taċ-Ċina li tinvesti fl-ekonomija Moldovana, fost l-oħrajn fis-setturi tal-enerġija, tat-telekomunikazzjoni u tal-farmaċewtika; ifakkar fl-intenzjoni taċ-Ċina li tibni infrastruttura sostanzjali tat-trasport fil-Moldova bħala komponent tal-Inizjattiva "Belt and Road" usa' tagħha; itenni li l-Inizjattiva "Belt and Road" tinsab fiċ-ċentru tal-politika barranija taċ-Ċina u hija min-natura tagħha proġett ġeopolitiku;

60. Ifaħħar ir-riformi pro-demokratiċi li diġà saru min-naħa tal-Gvern tal-Moldova; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu u jstimulaw investiment imsaħħaħ tal-UE fil-Moldova abbażi tal-prinċipju "aktar għal aktar" u jinkoraġġixxu lill-Moldova tkun proattiva fl-avviċinament tal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-UE u Ewropej;

61. Jitlob l-isforzi kontinwi biex tinbena ekonomija tas-suq diġitali ġenwina, inkluż il-progress fuq l-iżvilupp ta' data miftuħa, billi twessa' l-aċċess għal sistemi ta' aċċess kundizzjonali għas-servizzi tat-televiżjoni diġitali u tan-netwerk virtwali, filwaqt li żżid in-numru ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika għaċ-ċittadini u r-reġistri pubbliċi; jappoġġja l-proċess tad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi ekonomiċi u l-iżvilupp ta' mekkaniżmi speċjali għall-kumpaniji tal-IT, speċjalment il-kumpaniji tal-innovazzjoni u n-negozji ġodda li għandhom problemi biex isibu sorsi ta' finanzjament u b'riżultat ta' dan ma jistgħux jappoġġjaw it-tranżizzjoni u l-proċessi ta' tkabbir tagħhom; jenfasizza li jrid isir aktar xogħol biex jiġi żgurat li d-drittijiet u l-ħtijiet taċ-ċittadini Moldovani li jużaw l-internet ikunu protetti u biex jiġu implimentati bis-sħiħ ir-rekwiżiti tas-suq uniku diġitali;

62. Jilqa' favorevolment l-approssimazzjoni ta' 499 (152 minnhom b'mod parzjali) minn 681 tal-acquis tal-UE mal-legalizzazzjoni nazzjonali Moldovana prevista mill-FA/DCFTA u jissottolinja fuq l-importanza li jitkomplew ir-riformi fl-amministrazzjoni pubblika, fis-sistema bankarja u fl-indipendenza tal-ġudikatura; jistieden lill-Moldova biex tkompli l-approssimazzjoni regolatorja tagħha mal-acquis tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw lill-istituzzjonijiet tal-Moldova u lill-amministrazzjoni pubblika tagħha bl-għarfien espert u bl-għajnuna teknika u finanzjarja meħtieġa; jistieden lill-awtoritajiet Moldovani jagħmlu progress aktar rapidu dwar l-approssimazzjoni għall-FA/DCFTA;

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

63. Jinkoraġġixxi l-armonizzazzjoni tal-istandards ta' kwalità nazzjonali ma' dawk tal-UE; jissottolinja l-iżvantaġġi għall-impreditturi u n-negozji Moldovani li jirriżultaw min-numru kbir ta' standards differenti li jeħtieġu jissodisfaw għall-esportazzjonijiet lejn l-Istati Membri u jenfasisza l-ħtieġa ta' politika ta' esklużjoni ta' standards li mhumiex allinjati jew li huma f'kunflitt dirett mal-istandards Ewropej;

64. Huwa tal-opinjoni li billi tiggarrantixxi aċċess eżenti minn tariffi għas-swieq tal-UE għal negozji tat-Transnistrija rreġistrati fix-xatt tal-Punent ta' Dniester u sottomessi għal kontrolli doganali minn uffiċjali Moldovani, id-DCFTA rriżultat f'evoluzzjoni enormi fid-direzzjoni tal-kummerċ mill-Unjoni Ekonomika Ewrasjatika lejn l-Unjoni; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Moldovani jagħmlu aktar passi lejn il-kummerċ u l-impenn mas-swieq tal-UE sabiex itejbu l-aċċess għas-suq, it-trasparenza, il-prattiki kummerċjali tajbin u jnaqqsu l-kapaċità għall-manipulazzjoni tas-suq u l-monopolizzazzjoni mill-oligarki;

65. Jilqa' l-appoġġ tal-UE għall-irkupru ekonomiku ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSMEs); jistieden lill-istituzzjonijiet responsabbli tal-UE u Moldovani biex jiżguraw li dan l-appoġġ tekniku u finanzjarju jkun imfassal għall-ħtiġijiet tal-MSMEs Moldovani, ikun ta' kopertura nazzjonali, inkluż ir-reġjun tat-Transnistrija, u jsaħħaħ kemm il-kapaċitajiet tal-MSMEs kif ukoll il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq intern tal-UE;

66. Jilqa' r-regolamenti l-ġodda fil-qasam tal-akkwist pubbliku, iżda jenfasisza l-ħtieġa għall-monitoraġġ pubbliku tal-proċessi tal-akkwist u l-importanza ta' rapporti aktar ċari u permanenti lill-pubbliku ġenerali; iħeġġeġ is-simplifikazzjoni tal-mekkaniżmi li bihom ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili jistgħu jkunu parti mill-proċessi tal-akkwist u jenfasisza l-ħtieġa li l-proċessi burokratiċi jiġu sostitwiti b'oħrajn trasparenti li jneħħu l-ostakli u li terġa' tinkiseb il-fiduċja fl-allokazzjoni u fl-użu tal-baġits pubbliċi;

67. Jirrikonoxxi l-impenn tal-Moldova li ssegwi l-approssimazzjoni mal-leġiżlazzjoni agrikola tal-UE sabiex iżżid l-esportazzjonijiet lejn l-UE u tiftaħ opportunitajiet kummerċjali għall-komunitajiet lokali; jistieden lill-awtoritajiet Moldovani jagħmlu progress aktar rapidu dwar l-approssimazzjoni għall-FA/DCFTA fdak li jikkonċerna s-saħħa tal-annimali u s-sikurezza tal-ikel;

68. Jenfasisza l-importanza li jiġu modernizzati l-laboratorji nazzjonali responsabbli għar-reqwiziti sanitarji u fitosanitarji, li jippermettu l-esportazzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' persunal kwalifikat tal-laboratorju;

69. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal trasparenza akbar fir-rigward tar-riżultati tal-missjonijiet tal-awditjar tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari u jenfasisza l-ħtieġa li jikber u jissaħħaħ in-network ta' laboratorji għall-analiżi sanitarja u fitosanitarja, filwaqt li jiżdied it-taħriġ tal-ispetturi u tal-ispeċjalisti li jaħdmu f'dawn il-laboratorji sabiex tinkiseb implimentazzjoni aħjar tar-regolamenti fil-qasam tas-sikurezza fitosanitarja u alimentari;

70. Jinkoraġġixxi lill-Moldova tagħmel użu sħiħ mill-opportunitajiet preferenzjali ta' esportazzjoni fl-UE permezz ta' kultivazzjoni aktar effiċjenti u sostenibbli tal-artijiet agrikoli, kif ukoll aċċess aktar demokratiku għall-art u l-użu tagħha, u b'hekk tiġġenera prodotti agrikoli li jampifikaw il-vantaġġi agrikoli relattivi tal-Moldova;

71. Iħeġġeġ lill-Moldova iżżid il-kooperazzjoni tagħha fl-infrastruttura mal-UE u mal-pajjiżi fir-reġjun, u timplimenta riformi strutturali profondi fis-settur tal-enerġija, fosthom id-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija, iż-żieda fl-effiċjenza enerġetika, l-attrazzjoni tal-investment fl-enerġiji rinnovabbli u t-titjib tal-konnettività, filwaqt li tiżgura s-sostenibbiltà ambjentali; jistieden lill-Moldova timplimenta bis-sħiħ l-impjenji tagħha skont it-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija;

72. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jagħtu appoġġ konkret lill-Moldova biex tissodisfa r-reqwiziti kollha meħtieġa ħalli tissieħeb fiż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro;

73. Jistieden lill-Gvern Moldovan jiffoka wkoll fuq id-dimensjoni soċjali tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli billi jirrispetta u jinforza l-istandards tax-xogħol, billi jirratifika u jimplimenta bis-sħiħ il-konvenzjonijiet kollha tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, u jelimina n-nuqqasijiet li jifdal fis-sistema ta' spezzjoni tax-xogħol;

**Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022**

74. Jinnota l-użu tal-bijomassa u tal-enerġija idroelettrika fl-isforzi ta' diversifikazzjoni tal-Moldova, iżda jfakkar fil-ħtieġa li jiġu żgurati s-sostenibbiltà, l-effiċjenza u r-rekwiżiti ambjentali rilevanti tagħhom; jisħaq li l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli huwa komponent kruċjali tal-isforzi kemm favur it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa kif ukoll lejn l-indipendenza enerġetika, filwaqt li jikkontribwixxi wkoll għall-ħolqien ta' impjegi lokali, il-kwalità tal-arja u s-saħħa taċ-ċittadini;

75. Jissottolinja r-rwol importanti tal-kooperazzjoni reġjonali fl-immodernizzar tal-pajjiż u fiż-żieda tal-kapaċitajiet fl-isforzi għall-implimentazzjoni tal-FA; jitlob it-tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali, kemm bejn ir-reġjuni differenti tal-Moldova kif ukoll bejn ir-reġjuni Moldovani u r-reġjuni tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-aġenziji rispettivi tal-UE jiffaċilitaw dan il-proċess f'kooperazzjoni b'saħħitha mal-Gvern Moldovan;

76. Jilqa' l-approvazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Iżvilupp Reġjonali għas-snin 2022-2028 u jitlob riforma amministrattiva-territorjali ffukata fuq it-tisħiħ tal-kompetittività u l-iżvilupp sostenibbli; jissottolinja l-ħtieġa ta' tkabbir soċjali u ekonomiku bbilanċjat fir-reġjuni kollha tal-Moldova u l-implimentazzjoni effiċjenti tal-politiki nazzjonali tal-iżvilupp reġjonali;

77. Jistieden lill-awtoritajiet Moldovani jirrispettaw il-prinċipji tad-demokrazija lokali u l-awtonomija lokali, f'konformità mal-Karta Ewropea dwar l-Awtonomija Lokali, jipprovdu setgħat xierqa u finanzjament suffiċjenti għall-gvernijiet lokali u jiżguraw il-funzjonament effettiv tagħhom, fosthom permezz ta' titjib ulterjuri fir-rigward tal-istat tad-dritt u l-implimentazzjoni ta' prinċipji ta' governanza tajba fil-livelli kollha;

78. Jistieden lill-awtoritajiet Moldovani jagħmlu aktar sforzi biex jiżguraw li l-opportunitajiet ipprovduti mill-FA/DCFTA u mill-assistenza u l-programmi tal-UE jilhq u l-livell lokali, inklużi l-partijiet remoti tal-pajjiż, u b'mod partikolari ż-żoni rurali, sabiex l-abitanti jkunu jistgħu jagħmlu pressjoni għal bidliet pożittivi; jitlob appoġġ akbar u kkomunikat aħjar mill-UE għal proġetti ta' żvilupp fl-Unità Territorjali Awtonoma ta' Gagauzia;

**Kooperazzjoni settorjali**

79. Huwa mħeġġeġ mill-assoċjazzjoni tal-Moldova ma' Orizzont Ewropa, li huwa l-programm ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE, għall-2021-2027, u li joħloq opportunitajiet ġodda għall-komunità tax-xjenza u l-innovazzjoni tagħha biex toħloq sħubijiet mal-kontropartijiet tagħhom fl-UE, kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-Moldova fil-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri;

80. Jitlob li jkun hemm kooperazzjoni aħjar bejn l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, l-Istati Membri u l-awtoritajiet Moldovani meta jikkomunikaw il-benefiċċji tal-FA/DCFTA u tal-assistenza tal-UE liċ-ċittadini tal-Moldova; jisħaq fuq l-importanza ta' qafas istituzzjonali u ta' sett konsistenti ta' politiki pubbliċi għall-għieda kontra d-diżinformazzjoni, inklużi d-diżinformazzjoni kontra l-UE, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni, l-aħbarijiet u l-propaganda foloz, kif ukoll kwalunkwe interferenza barranija malizzjuża, b'mod partikolari permezz ta' komunikazzjoni strateġika u reżiljenza kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni minn atturi domestiċi u barranin, online u offline; jistieden lill-awtoritajiet Moldovani u lill-Kummissjoni jikkooperaw dwar programmi u riformi li jippromwovu l-litteriżmu fil-media u fl-informazzjoni fil-kuntest tal-era diġitali attwali, kif ukoll itejbu l-kooperazzjoni settorjali fl-ekonomija diġitali;

81. Itenni li t-tisħiħ tal-pluraliżmu u l-indipendenza tal-media għandu jkun prijorità kemm għall-Unjoni kif ukoll għall-Moldova; jistieden lill-Kummissjoni iżid l-appoġġ tagħha għall-media indipendenti, inkluż barra mill-kapital, u l-isforzi biex tingħata informazzjoni kredibbli liċ-ċittadini tal-Moldova fil-partijiet kollha tal-pajjiż; jistieden lill-Fond Ewropew għad-Demokrazija biex jappoġġja aktar dawn l-isforzi;

82. Iħeġġeġ lill-Moldova tkompli tappoġġja media ħielsa u indipendenti billi tibni programm nazzjonali ta' żvilupp tal-media biex tirrevedi l-qafas legali sabiex tindirizza l-konċentrazzjoni tas-sjieda tal-media, il-monopolizzazzjoni tas-suq tar-reklamar, in-nuqqas ta' indipendenza editorjali u l-kontroll tal-istituzzjonijiet tal-media minn gruppi ekonomiċi u politiki, u l-ostakli għall-aċċess għall-informazzjoni, kif ukoll l-attakki fuq u l-intimidazzjoni tal-ġurnalisti;

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

83. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib is-settur tal-media fil-Moldova; jittama li l-Kunsill rikostitwit tat-Televiżjoni u tax-Xandir bir-Radju jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv bħala gwardjan tal-media indipendenti u jindirizza n-nuqqasijiet li ilhom jeżistu fix-xenarju tal-media, inkluża l-kwistjoni tal-indipendenza politika tal-kumpanija tax-xandir pubbliku; itenni l-importanza li tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-Kodiċi Awdjoviżiv;

**Dispożizzjonijiet istituzzjonali**

84. Jilqa' l-iffirmar fid-29 ta' Novembru 2021 tal-Memorandum ta' Qbil bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlament tal-Moldova dwar qafas konġunt għall-appoġġ għad-demokrazija parlamentari, li se joħloq opportunitajiet għat-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali u b'hekk id-demokrazija parlamentari fil-Moldova permezz ta' rabtiet istituzzjonali bilaterali aktar mill-qrib;

85. Jistieden lill-Parlament tal-Moldova jimplementa l-firxa sħiħa ta' attivitajiet ta' appoġġ għad-demokrazija disponibbli għalih, inkluż Djalogo Jean Monnet u programm Simone Veil, abbażi ta' pjan direzzjonali maqbul b'mod reċiproku;

86. Jindika r-rwol importanti li għandu l-Kumitat ta' Assoċjazzjoni Parlamentari UE-Repubblika tal-Moldova u l-Assemblea Parlamentari Euronest f'termini tat-trawwim ta' kooperazzjoni bilaterali u reġjonali mal-UE u l-iskambji ta' esperjenzi u prattiki tajbin mal-parlamentari Moldovani; jitlob li l-kooperazzjoni strutturali bejn il-Membri tal-Parlament Ewropew u l-Membri tal-Parlament tal-Moldova tissaħħaħ sabiex issir ħidma flimkien biex jiġu appoġġjati r-riformi u tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tagħhom;

87. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-involvement tas-soċjetà ċivili, inklużi t-trade unions, fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet sabiex jiżjed l-iskrutinju pubbliku tar-riformi u jiġu promossi t-trasparenza u l-aċċettazzjoni soċjali tagħhom; jissottolinja l-valur miżjud li diversi organizzazzjonijiet jipprovdu dwar kwistjonijiet importanti ta' interess pubbliku fil-Moldova; jinsab imħasseb dwar il-kooperazzjoni relattivament modesta li teżisti bejn l-awtoritajiet pubbliċi u s-soċjetà ċivili minkejja l-eżistenza ta' strateġija u pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp tas-soċjetà ċivili; jinsab imħasseb ukoll dwar it-tnaqqis ta' 17 % fl-għotjiet lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

88. Jitlob lill-UE u lill-Moldova jkomplu jtejbu l-kuntatti u l-iskambji bejn in-nies sabiex jibnu immaġnijiet pożittivi b'mod reċiproku ta' xulxin fost il-popolazzjonijiet rispettivi tagħhom permezz ta' proġetti konġunti żviluppati fil-livell tas-soċjetà ċivili, inkluż billi jingħata appoġġ lill-istudenti u lill-professjonisti żgħażaġh biex jipparteċipaw fil-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-UE bħall-Erasmus+; jitlob lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltà li tespandi ċerti programmi tal-UE biex jinkludu ċ-ċittadini tal-Moldova u pajjiżi oħra tas-SL; jisħaq fuq il-punt li l-espansjoni ta' programmi bħad-"DiscoverEU" fil-Moldova tista' tkompli ssaħħaħ is-sentiment pro-Ewropew fil-pajjiż;

**Id-drittijiet soċjali**

89. Jinnota li n-nuqqas ta' impjiegi u l-impjiegi prekarju għadhom għoljin fil-Moldova u li l-popolazzjoni fl-età tax-xogħol hija vulnerabbli għal xokkijiet ekonomiċi; jitlob l-adozzjoni ta' strateġija ta' rkupru li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-popolazzjoni u tinkorpora t-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli;

90. Jinsab imħasseb dwar l-immigrazzjoni fuq skala kbira taċ-ċittadini Moldovani, li tenfasizza x-xejriet demografiċi negattivi u tirrappreżenta theddida serja għall-futur tal-Moldova; jinkoraġġixxi lill-Gvern Moldovan jimplementa aktar miżuri biex jipprevjeni u jiġġielel dan il-fenomeno, b'mod partikolari billi joħloq opportunitajiet u jtejjeb il-kundizzjonijiet u l-pagi għall-ħaddiema żgħażaġh;

91. Jistieden lill-gvern jagħti l-akbar attenzjoni lit-talbiet tal-Ombudsman Moldovan għal titjib rigward l-aċċess għall-kura tas-saħħa, id-dritt għax-xogħol u l-libertà tal-moviment u tal-espressjoni;

92. Jistieden lill-Gvern Moldovan biex isaħħaħ is-sistema tal-kura tas-saħħa, jindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema li qed jagħmlu dan u jtejjeb l-istandards tas-sanità, speċjalment fl-isptarijiet; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Moldova jintensifikaw il-kooperazzjoni fil-qasam tar-reżiljenza tas-saħħa pubblika, jiskambjaw l-aħjar prattiki u biex jaħdmu mas-soċjetà ċivili ħalli jstabbilixxu strateġiji epidemiċi li jiffukaw fuq l-aktar gruppi vulnerabbli fis-soċjetà;

## Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

93. Jappoġġja l-kooperazzjoni kontinwa bejn il-Moldova u l-UE dwar l-indirizzar tal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha, kif ukoll it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fit-tul fil-qasam tas-saħħa pubblika; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Moldovani biex jaħtfu l-opportunità u jużaw il-fondi ta' rkupru tal-COVID-19 ħalli jimmodernizzaw l-isptarijiet u jtejbu l-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-servizzi mediċi, speċjalment fir-reġjuni;

94. Jilqa' l-adozzjoni mill-Kummissjoni tad-deċiżjoni ta' ekwivalenza taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġa mill-Moldova għaċ-Ċertifikat tal-COVID Diġitali tal-UE, u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jkomplu jiżguraw l-applikazzjoni tiegħu;

95. Jinnota li n-nuqqasijiet fil-liġi tax-xogħol qed iġibu magħhom Prattiki abbużivi, b'mod partikolari sığhat tax-xogħol ta' kuljum li huma eċċessivi f'xi każijiet, ħlas baxx u relazzjonijiet ta' impjeg parzjalment mhux dokumentati; jinsab imħasseb dwar l-applikazzjoni parzjali tar-regoli maħsuba biex jipprevjenu Prattiki bħal dawn;

96. Jinnota li d-djalogu soċjali mar għall-agħar f'dawn l-aħħar snin u ġie sospiż kompletament matul il-pandemija tal-COVID-19; jistieden lill-gvern jiżgura li jiġi stabbilit djalogu soċjali ġenwin u li dan jirriżulta fl-involviment tas-sħab soċjali kollha fil-proċess ta' rkupru ta' wara l-pandemija;

97. Jilqa' l-progress li sar mill-Moldova fil-proċess tad-deistituzzjonalizzazzjoni tas-sistema tal-indukrar tat-tfal u l-passi meħuda biex jiġi żviluppat Programm ta' Protezzjoni tat-Tfal u Pjan ta' Azzjoni ġdid għall-2022-2026;

98. Jilqa' l-impenji tal-Moldova fil-qasam tal-ambjent u t-tibdil fil-klima; jistieden lill-Moldova tkompli ssaħħaħ l-involviment tagħha fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u lill-Kummissjoni tiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-Moldova fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u tiżgura li d-DCFTA ma tikkontradixxi l-oġettivi u l-inizjattivi ambjentali stabbiliti fih;

99. Jappoġġja politika aħjar ta' integrazzjoni tal-politiki ambjentali fid-diversi setturi ekonomiċi u l-parteċipazzjoni usa' taċ-ċittadini fil-proċess tal-elaborazzjoni tal-politiki dwar il-protezzjoni ambjentali; jitlob approċċ aktar intensiv għas-sħubijiet mas-soċjetà ċivili biex jiġi żgurat il-funzjonament aħjar tal-attività tal-ġbir u r-riċiklaġġ tal-iskart, kif ukoll attenzjoni akbar għall-afforestazzjoni tal-art, it-tnaqqis tad-degradazzjoni tal-ħamrija u t-titjib tal-kwalità tal-ilma;

o

o o

100. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, kif ukoll lill-President, lill-gvern u lill-parlament tar-Repubblika tal-Moldova.

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

P9\_TA(2022)0212

**Ir-rapport 2021 tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt tal-2021 (2021/2180(INI))**

(2022/C 479/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 2, l-Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3), l-Artikolu 4(3) u l-Artikoli 5, 6, 7, 11, 19 u 49 tiegħu,
- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-artikoli tiegħu fir-rigward tar-rispett lejn id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fl-Unjoni, u l-promozzjoni u l-protezzjoni tagħhom, inklużi l-Artikoli 70, 258, 259, 260, 263, 265 u 267,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"),
- wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE), b'mod speċjali d-deċiżjonijiet fil-Kawżi C-156/21, *l-Ungerija vs il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea* <sup>(1)</sup> u C-157/21, *il-Polonja vs il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea* <sup>(2)</sup> dwar il-miżuri għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Lulju 2021 dwar ir-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt – is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea (COM(2021)0700),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) <sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' realtazjiet tas-suq li qed jinbidlu <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni <sup>(5)</sup> (ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jstabilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 <sup>(6)</sup>,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,
- wara li kkunsidra l-istrumenti tan-NU dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u r-rakkomandazzjonijiet u r-rapporti tal-Eżami Perjodiku Universali tan-NU, kif ukoll il-ġurisprudenza tal-korpi tat-trattati tan-NU u l-proċeduri speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem,

<sup>(1)</sup> Sentenza tas-16 ta' Frar 2022, *l-Ungerija vs il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, C-156/21, ECLI:EU:C:2022:97.

<sup>(2)</sup> Sentenza tas-16 ta' Frar 2022, *il-Polonja vs il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, C-157/21, ECLI:EU:C:2022:98.

<sup>(3)</sup> ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 303, 28.11.2018, p. 69.

<sup>(5)</sup> ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1.

<sup>(6)</sup> ĠU L 156, 5.5.2021, p. 1.

## Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet u r-rapporti tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kummissarju Għoli għall-Minoranzi Nazzjonali, ir-Rappreżentant għal-Libertà tal-Media u korpi oħra tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, il-Karta Soċjali Ewropea, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u l-konvenzjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet, ir-riżoluzzjonijiet, l-opinjoni u r-rapporti tal-Assemblea Parlamentari, il-Kumitat tal-Ministri, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza, il-Kumitat ta' Tmexxija dwar il-Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni, id-Diversità u l-Inklużjoni, il-Kummissjoni ta' Venezja u korpi oħra tal-Kunsill tal-Ewropa,
- wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Qbil bejn il-Kunsill tal-Ewropa u l-Unjoni Ewropea tat-23 ta' Meju 2007 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2020 dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa 2020-2022,
- wara li kkunsidra l-proposta raġunata tal-Kummissjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2017 dwar id-determinazzjoni ta' riskju ċar ta' ksur gravi tal-istat tad-dritt mir-Repubblika tal-Polonja, maħruġa skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE (COM(2017)0835),
- wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025 bit-titolu "Unjoni ta' ugwaljanza", inniedi fit-18 ta' Settembru 2020 (COM(2020)0565),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali tad-9 ta' Novembru 2021 bit-titolu "Antisemitism: Overview of antisemitic incidents recorded in the European Union 2010-2020" (L-Antisemitiżmu: Ħarsa ġenerali dwar il-każijiet ta' antisemitiżmu rreġistrati fl-Unjoni Ewropea 2010-2020),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali tat-22 ta' Settembru 2021 bit-titolu "Protecting civic space in the EU" (Nipproteġu l-ispazju ċiviku fl-UE), u r-rapporti, id-data u l-għodod l-oħra tiegħu, b'mod partikolari s-Sistema ta' Informazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali (EFRIS),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali <sup>(7)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Marzu 2018 dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex jiġi attivat l-Artikolu 7(1) tat-TUE minħabba s-sitwazzjoni fil-Polonja <sup>(8)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' April 2018 dwar il-ħtieġa li jiġi stabbilit Strument għall-Valuri Ewropej biex jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-valuri fundamentali fl-Unjoni Ewropea fil-livell lokali u nazzjonali <sup>(9)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2018 dwar proposta li titlob lill-Kunsill jiddetermina, skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni <sup>(10)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Novembru 2018 dwar il-ħtieġa ta' mekkaniżmu komprensiv tal-UE għall-protezzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali <sup>(11)</sup>,

<sup>(7)</sup> ĠU C 215, 19.6.2018, p. 162.

<sup>(8)</sup> ĠU C 129, 5.4.2019, p. 13.

<sup>(9)</sup> ĠU C 390, 18.11.2019, p. 117.

<sup>(10)</sup> ĠU C 433, 23.12.2019, p. 66.

<sup>(11)</sup> ĠU C 363, 28.10.2020, p. 45.

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2020 dwar is-seduti ta' smiġh li għaddejjin bħalissa skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE fir-rigward tal-Polonja u l-Ungerija <sup>(12)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-Bulgarija <sup>(13)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar l-istabbiliment ta' Mekkaniżmu tal-UE għad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali <sup>(14)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Novembru 2020 dwar l-impatt tal-miżuri tal-COVID-19 fuq id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali <sup>(15)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru 2020 dwar is-Sitwazzjoni tad-Drittijiet Fundamentali fl-Unjoni Ewropea – Rapport Annwali għas-snin 2018-2019 <sup>(16)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar ir-Rapport tal-2020 tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt <sup>(17)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2021 dwar it-tfassil ta' linji gwida għall-applikazzjoni tar-reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni <sup>(18)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2021 dwar ksur tal-liġi tal-UE u tad-drittijiet taċ-ċittadini LGBTIQ fl-Ungerija b'riżultat tal-bidliet legali adottati mill-Parlament Ungeriż <sup>(19)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2021 dwar id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ fl-UE <sup>(20)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021 dwar il-libertà tal-media u d-deterjorament ulterjuri tal-istat tad-dritt fil-Polonja <sup>(21)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar il-Media tal-Ewropa fid-Deċennju Diġitali: Pjan ta' Azzjoni b'Appoġġ għall-Irkupru u t-Trasformazzjoni <sup>(22)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2021 dwar il-kriżi tal-istat tad-dritt fil-Polonja u l-preċedenza tad-dritt tal-UE <sup>(23)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2021 dwar it-tisħiħ tad-demokrazija u tal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja fl-UE: l-użu indebitu ta' azzjonijiet fl-ambitu tad-dritt ċivili u kriminali biex jissikkta l-ġurnalisti, l-NGOs u s-soċjetà ċivili <sup>(24)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2021 dwar l-ewwel anniversarju tal-projbizzjoni de facto tal-abortion fil-Polonja <sup>(25)</sup>,

<sup>(12)</sup> ĠU C 270, 7.7.2021, p. 91.

<sup>(13)</sup> ĠU C 395, 29.9.2021, p. 63.

<sup>(14)</sup> ĠU C 395, 29.9.2021, p. 2.

<sup>(15)</sup> ĠU C 415, 13.10.2021, p. 36.

<sup>(16)</sup> ĠU C 425, 20.10.2021, p. 107.

<sup>(17)</sup> ĠU C 81, 18.2.2022, p. 27.

<sup>(18)</sup> ĠU C 99, 1.3.2022, p. 146.

<sup>(19)</sup> ĠU C 99, 1.3.2022, p. 218.

<sup>(20)</sup> ĠU C 99, 1.3.2022, p. 218.

<sup>(21)</sup> ĠU C 117, 11.3.2022, p. 151.

<sup>(22)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2021)0428.

<sup>(23)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2021)0439.

<sup>(24)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2021)0451.

<sup>(25)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2021)0455.



## Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-evalwazzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni biex jiġu evitati l-korruzzjoni, l-infiq irregolari u l-użu ħażin tal-fondi tal-UE u nazzjonali f'każ ta' fondi ta' emerġenza u oqsma ta' nfiq relatati mal-kriżi <sup>(26)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2021 dwar id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt fis-Slovenja, b'mod partikolari d-dewmien fin-nomina ta' prosekuturi tal-UPPE <sup>(27)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2022 dwar l-indħil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-diżinformazzjoni <sup>(28)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 09/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tat-3 ta' Ġunju 2021 bit-titolu "Id-diżinformazzjoni taffettwa lill-UE: qed tiġi indirizzata iżda mhux mitigata",
  - wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 01/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-10 ta' Jannar 2022 bit-titolu "L-appoġġ mogħti mill-UE għall-istat tad-dritt fil-Balkani tal-Punent: minkejja l-isforzi li saru, jippersistu problemi fundamentali",
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, il-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0139/2022),
- A. billi l-Unjoni hija msejsa fuq il-valuri komuni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE dwar ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi – valuri li huma komuni għall-Istati Membri tal-UE u li magħhom jeħtiġilhom jaderixxu l-pajjiżi kandidati sabiex jissieħbu fl-Unjoni bħala parti mill-kriterji ta' Copenhagen, li ma jistgħux jiġu injorati jew interpretati differenti wara l-adeżjoni; billi d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali huma valuri li jsaħħu lil xulxin u li, meta jiġu mminati, jistgħu jkunu ta' theddida sistemika għall-Unjoni u għad-drittijiet u l-libertajiet taċ-ċittadini tagħha; billi r-rispett tal-istat tad-dritt huwa vinkolanti għall-Unjoni fit-totalità tagħha u l-Istati Membri tagħha fil-livelli kollha ta' governanza, inklużi entitajiet subnazzjonali;
- B. billi l-prinċipju tal-kooperazzjoni leali fl-Artikolu 4(3) tat-TUE jistabbilixxi obbligu fuq l-Unjoni u l-Istati Membri biex jassistu lil xulxin fit-twettiq tal-obbligi li jirriżultaw mit-Trattati b'rispett reċiproku sħiħ, u fuq l-Istati Membri biex jieħdu kwalunkwe miżura xierqa, ġenerali jew b'mod partikolari, biex jiżguraw it-twettiq tal-obbligi li jirriżultaw mit-Trattati jew li jirriżultaw mill-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni;
- C. billi ċ-ċiklu annwali tar-rieżami tal-istat tad-dritt huwa żieda pożittiva għall-għodod disponibbli biex jiġu ppreservati l-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE billi tiġi indirizzata s-sitwazzjoni fl-Istati Membri kollha tal-UE f'rapport ibbażat fuq erba' pilastri, b'impatt dirett fuq ir-rispett tal-istat tad-dritt;
- D. billi mingħajr rakkomandazzjonijiet konkreti u segwitu effettiv, ir-rapport dwar l-istat tad-dritt jista' jonqos milli jipprevjeni, jidentifika u jindirizza b'mod effettiv u f'waqtu l-isfidi sistemiċi u r-rigress tal-istat tad-dritt, kif deher f'diversi Stati Membri tal-UE f'dawn l-aħħar snin;
- E. billi l-Istati Membri introduċew miżuri ta' emerġenza biex jirrispondu għall-pandemija tal-COVID-19; billi, sabiex ikunu legali, dawn kienu meħtieġa jirrispettaw il-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità meta jirrestrinġu drittijiet fundamentali jew libertajiet bażiċi; billi xi Stati Membri raw tendenza negattiva fir-rigward tal-istat tad-dritt peress li l-gvernijiet użaw il-miżuri straordinarji bħala skuża biex idgħajfu l-kontrolli u l-bilanċi demokratiċi;

<sup>(26)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2021)0502.

<sup>(27)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2021)0512.

<sup>(28)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2022)0064.

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

- F. billi jeħtieġ li jissaħħu u jiġu ssimplifikati l-mekkaniżmi eżistenti u jiġi żviluppat mekkaniżmu komprensiv uniku tal-UE biex id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali jiġu protetti b'mod effettiv u biex jiġi żgurat li l-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE jiġu rispettati madwar l-Unjoni kollha kif ukoll mill-pajjiżi kandidati, minkejja li b'reġimi ta' monitoraġġ differenti, sabiex l-Istati Membri ma jitħallewx jiżviluppaw liġi domestika li tmur kontra l-protezzjoni tal-Artikolu 2 tat-TUE;
- G. billi d-drittijiet għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni u d-dritt għall-parteċipazzjoni pubblika huma fost il-pedamenti tad-demokrazija;
- H. billi l-Kumitat ta' Esperti dwar il-Ġlieda kontra d-Diskors ta' Mibegħda tal-Kunsill tal-Ewropa ħejja abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda, li jipprovdi gwida mhux vinkolanti dwar kif jiġi indirizzat il-fenomeni u li bħalissa qed jistenna l-adozzjoni tiegħu fl-2022<sup>(29)</sup>; billi l-Kumitat ta' Esperti dwar il-Ġlieda kontra r-Reati ta' Mibegħda li għadu kif ġie stabbilit għandu l-kompitu li jħejji, sa tmiem l-2023, abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri dwar ir-reati ta' mibegħda;
- I. billi l-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri jippermetti appoġġ flessibbli dirett lill-atturi tas-soċjetà ċivili li jippromwovu u jipproteġu l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew;

**Ir-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt: kunsiderazzjonijiet ġenerali**

1. Jilqa' t-tieni rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt; jinnota li l-Parlament jaġmel użu regolari minn dan ir-rapport annwali bħala sors ta' informazzjoni u kontribut meta jiddiskuti s-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fi Stat Membru speċifiku; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni ma indirizzatx bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Parlament fir-risoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar ir-Rapport tal-2020 tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt, b'mod partikolari l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-rappurtar tagħha biex tkopri l-valuri kollha minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, id-differenzazzjoni bejn ksur sistemiku u individwali, u valutazzjoni aktar fil-fond u trasparenti, inkluż it-teħid ta' azzjonijiet b'reazzjoni għal ksur; iqis li dawn ir-rakkomandazzjonijiet jibqgħu validi u jtjenhom;
2. Jilqa' l-fatt li l-funzjonament tas-sistemi ġudizzjarji, il-qafas kontra l-korruzzjoni, il-pluraliżmu tal-media u ċerti kwistjonijiet istituzzjonali relatati mal-kontrolli u l-bilanċi, inkluż, sa ċertu punt, l-ispazju ċiviku, huma kollha parti mir-rapport annwali tal-Kummissjoni; jesprimi dispjaċir, madankollu, li mhux il-kwistjonijiet kollha relatati mal-istat tad-dritt ġew koperti b'mod dettaljat jew fond biżżejjed mir-rapport tal-2021; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tanalizza l-kwistjonijiet relatati mal-istat tad-dritt f'kull pilastru mill-perspettiva tal-valuri kollha minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u d-drittijiet fundamentali kif deskritti fil-Karta; jappella għall-inklużjoni fir-rapport annwali ta' elementi importanti oħra tal-Lista ta' Kontroll tal-Istat tad-Dritt tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-2016, bħall-prevenzjoni ta' abbuż tal-poter, l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi u n-nondiskriminazzjoni u l-aċċess għall-ġustizzja inklużi aspetti tad-dritt għal proċess ġust; itenni l-istatina tiegħu lill-Kummissjoni biex fir-rapporti futuri tinkludi evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-ħabsijiet;
3. Jinnota b'sodisfazzjon li r-rapport fih kapitoli speċifiċi għall-pajjiż; ifaħħar l-isforzi tal-Kummissjoni li tinvolvi lill-gvernijiet nazzjonali, il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew, kif ukoll is-soċjetà ċivili u atturi nazzjonali oħra; jistieden lill-Istati Membri jikkooperaw b'mod proattiv mal-Kummissjoni u jippubblikaw is-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom, sabiex esperti indipendenti u gruppi tas-soċjetà ċivili jkun u jistgħu jiċċekkjawhom u jirreaġixxu għalihom u biex tiġi żgurata trasparenza sħiħa; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli tapprofondixxi l-analiżi, u jstieden lill-Kummissjoni tiżgura riżorsi xierqa għal dan, inklużi riżorsi umani, bil-għan li tilħaq firxa wiesgħa u diversa ta' partijiet ikkonċernati; jemmen li għandhom jingħataw aktar żmien u importanza liż-żjarat tal-Kummissjoni fil-pajjiżi, speċjalment fuq il-post; jistieden lill-Kummissjoni tqajjem sensibilizzazzjoni akbar ta' dawn iż-żjarat fost il-pubbliku sabiex trawwem kultura tal-istat tad-dritt fil-livell nazzjonali; jilqa' iż-żjarat imwettqa mill-Kummissjoni fil-parlamenti nazzjonali sabiex tippreżenta s-sejbiet tar-rapport;

<sup>(29)</sup> Abbozz ta' test tar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda, aċċessibbli fuq <https://rm.coe.int/draft-recommendation-on-combating-hate-speech-public-consultation-v-18/native/1680a2ef25>; Aħbar imħabbra fuq <https://www.coe.int/en/web/committee-antidiscrimination-diversity-inclusion/-/the-cdadi-finalised-important-deliverables-at-its-fourth-plenary-meeting>.

## Metodoloġija

4. Jisħaq fuq il-fatt li l-Istati Membri kollha jiġu skrutinizzati skont l-istess indikaturi u metodoloġija, mingħajr ebda diskriminazzjoni kontra xi Stat Membru; jistieden lill-Kummissjoni telabora dwar l-indikaturi tagħha użati biex tivvaluta s-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt tal-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi Ġimgħa tal-Valuri tal-UE f'Settembru ta' kull sena, li matulha jiġi ppreżentat ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali fl-istess mument u jkun integrat aħjar fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE, ir-rapport dwar id-drittijiet fundamentali tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, u l-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media; huwa tal-fehma li r-rapport dwar l-istat tad-dritt bħalissa jservi ta' dokumentazzjoni deskrittiva tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri, iżda għandu jkun strument analitiku u preskrittiv sabiex jissodisfa l-għanijiet ta' prevenzjoni u mitigazzjoni tiegħu; jisħaq li analiżi bir-reqqa tas-sitwazzjoni attwali fl-Istati Membri tirrikjedi analiżi u evalwazzjoni ġenerali tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri; jenfasizza li l-preżentazzjoni ta' nuqqasijiet jew ta' ksur ta' natura jew ta' intensità differenti tissogra li l-aktar ksur serju tal-istat tad-dritt jiġi trivjalizzat; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel distinzjoni fir-rappurtar tagħha billi tidistingwi bejn ksur sistemiku u intenzjonat tal-istat tad-dritt u ksur iżolat b'mod aktar ċar u aktar komprensibbli;

5. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li r-rapport jonqos milli jirrikonoxxi b'mod ċar il-proċess intenzjonat tar-rigressjoni tal-istat tad-dritt fil-pajjiżi soġġetti għall-proċeduri li għaddejjin tal-Artikolu 7(1) tat-TUE, b'mod partikolari l-Polonja u l-Ungerija, biex jiġu identifikati nuqqasijiet fl-istat tad-dritt f'għadd ta' Stati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tikkjarifika li meta l-valuri fl-Artikolu 2 tat-TUE jinkisru b'mod sistematiku, konsapevoli, gravi u permanenti tul perjodu ta' żmien, l-Istati Membri jistgħu jonqsu milli jissodisfaw il-kriterji kollha li jiddefinixxu demokrazzija u jsiru reġimi awtoritarji;

6. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li diversi Stati Membri, b'mod partikolari l-Ungerija u l-Polonja, kellhom jissemmew diversi drabi mill-Kummissjoni bħala punti ta' tħassib fir-rapport ta' sinteżi u li ma sar ebda titjib tanġibbli minn meta ġie ppubblikat ir-rapport; ifakkar li minn Ġunju 2021, il-Parlament indirizza wkoll is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, fil-Polonja u fis-Slovenja fir-risoluzzjonijiet plenarji tiegħu; ifakkar ukoll li l-Grupp ta' Monitoraġġ għad-Demokrazzija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali tal-Kumitat tal-Parlament għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit ukoll indirizzaw problemi f'diversi Stati Membri; jisħaq li, wara li saru diversi delegazzjonijiet *ad hoc* f'xi wħud minn dawn l-Istati Membri, sar aktar ċar li s-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt, id-demokrazzija u d-drittijiet fundamentali f'dawn l-Istati Membri hija ħafna agħar minn dak li ġie deskritt mill-Kummissjoni fir-rapport tagħha; jemmen li sabiex jiġu identifikati aħjar il-pajjiżi li qed jirrigressaw, il-Kummissjoni għandha ttwettaq valutazzjoni aktar komprensiva tal-istess elementi fil-kapitoli kollha tal-pajjiżi;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tikkonkludi kull kapitolu tal-pajjiż b'valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-Istati Membri fil-konfront tal-pilastri individwali tar-rapport, filwaqt li tindika kemm il-kundizzjonijiet tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt ikunu ġew issodisfati; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tiżviluppa, minbarra l-valutazzjoni kwalitattiva, indiċi tal-istat tad-dritt għall-pilastri differenti bbażat fuq sistema oġġettiva, aċċessibbli, trasparenti, leġġibbli u nondiskriminatorja għal preżentazzjoni u analiżi komparattiva, li għandhom isiru minn esperti indipendenti, li jista' jindika l-livell tar-rispett għall-istat tad-dritt fl-Istati Membri;

8. Iqis li r-rapport annwali għandu jidentifika xejriet trażversali, inklużi vulnerabbiltajiet sistemiċi possibbli, fil-livell tal-UE; jitlob lill-Kummissjoni tidentifika każijiet li fihom il-miżuri jew il-prattiki li jimminaw l-istat tad-dritt fi Stat Membru wieħed isiru jew jissograw li jsiru blueprints għal oħrajn; jenfasizza li l-immirar intenzjonat tad-drittijiet ta' gruppi ta' minoranza f'xi Stati Membri ħoloq u stabbilixxa momentum xi mkien ieħor, kif jista' jiġi evidenzjat mir-rigress tad-drittijiet tan-nisa, tal-persuni LGBTIQ u ta' gruppi ta' minoranza oħrajn; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, tenfasizza l-effett negattiv li ksur tal-istat tad-dritt jista' jkollu fuq l-Unjoni kollha kemm hi;

9. Iqis li r-rapport għandu jmur lil hinn minn ħarsa ġenerali annwali u jipprovi perspettiva li tevolvi u dinamika tar-rispett għall-istat tad-dritt jew tar-rigress fih fis-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri kollha; jilqa' l-isforz tar-rapport tal-2021 li jqabbel is-sitwazzjoni ma' dik tar-rapport tal-2020; jemmen li huwa meħtieġ li jiġu identifikati xejriet pożittivi u negattivi b'mod ċar fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt u li tiġi pprovduta analiżi tar-raġunijiet sottostanti għal dan;

10. Iqis li kapitolu separat ġdid dwar l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, li jivvaluta s-sitwazzjoni fir-rigward tas-separazzjoni tas-setgħat, ir-responsabbiltà u l-kontrolli u l-bilanċi, ikun mixtieġ;

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022****Valutazzjoni u rakkomandazzjonijiet**

11. Iqis li r-rapport tal-2021 seta' jipprovdi valutazzjonijiet aktar ċari, li jiddikjaraw jekk kienx hemm nuqqasijiet, riskju ta' ksur serju jew ksur reali tal-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE f'kull wieħed mill-pilastri analizzati fil-kapitoli tal-pajjiżi; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi valutazzjoni tal-miżuri kollha tal-istat tad-dritt implimentati fis-sena preċedenti, akkumpanjata minn analiżi tal-effikaċja tagħhom u modi possibbli għal titjib; jappella għal analiżi aktar integrata dwar l-interkonnessjonijiet bejn l-erba' pilastri u dwar kif in-nuqqasijiet ikkombinati jistgħu jammontaw għal ksur jew għal riskji ta' ksur tal-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE; itenni l-importanza li jintuża lingwaġġ dirett u mhux ambigwu, u li tiġi enfazzzata b'mod ċar il-kwistjoni preżenti f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni;

12. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fir-rapport tal-2022; jistieden lill-Kummissjoni takkumpanja dawn ir-rakkomandazzjonijiet bi skadenzi għall-implimentazzjoni, il-miri u l-azzjonijiet konkreti li għandhom jittieħdu; jistieden lill-Kummissjoni biex fir-rapporti sussegwenti tinkludi informazzjoni dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħha, u, barra minn hekk, tagħmilha parti mid-dialogu strutturat mal-Parlament matul is-sena; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-rapporti annwali tagħha jiffokaw ukoll fuq kwalunkwe rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż għas-Semestru Ewropew, b'mod partikolari dawk marbuta mal-indipendenza tal-ġudikatura u tal-prosekutur pubbliku u mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-iżgurar tat-trasparenza u l-integrità;

13. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni, ħdejn kull waħda mir-rakkomandazzjonijiet tagħha, tindika lista mhux eżawrjenti tal-għodod li huma xierqa biex jintużaw mill-istituzzjonijiet tal-UE fil-każ li n-nuqqasijiet ma jiġux rimedjati; jistieden lill-Kummissjoni biex ma taħsibhiex darbtejn li tuża dawk l-għodod, speċjalment meta ma jkun hemm l-ebda fiduċja fl-implimentazzjoni rapida tar-rakkomandazzjonijiet jew ikun hemm riskju ta' aktar deterjorament, mingħajr ma toqgħod tistenna ċ-ċiklu annwali ta' rappurtar li jmiss;

**Kamp ta' applikazzjoni**

14. Jesprimi dispaċir għall-fatt li kemm ir-rapport tal-2020 kif ukoll ir-rapport tal-2021 jonqsu milli jinkludu bis-sħiħ il-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE tad-demokrazija u d-drittijiet fundamentali, li huma immedjatament affettwati meta l-pajjiżi jibdew jirrigressaw fl-istat tad-dritt; itenni r-rabta intrinsika bejn l-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali;

**Sistemi ġudizzjarji**

15. Jenfasizza li r-responsabbiltà ġudizzjarja, l-indipendenza tal-prosekuzzjoni u tal-ġudikatura u l-infurzar tas-sentenzi huma komponenti kruċjali tal-istat tad-dritt; jiddeplora l-problemi serji u strutturali rigward l-indipendenza ġudizzjarja f'ċerti Stati Membri; jišhaq fuq ir-rwol fundamentali tal-professjonijiet legali fl-iżgurar tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u fit-tisħiħ tal-istat tad-dritt; jistieden lill-Istati Membri jipproteġu lill-imħallfin u lill-prosekuturi minn attacchi u pressjonijiet politiċi li jippruvaw jimminaw il-ħidma tagħhom u jinsisti li l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkonformaw bis-sħiħ mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali rigward l-indipendenza ġudizzjarja; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rakkomandazzjonijiet konkreti fir-rapport tal-2022 tagħha sabiex tiġi żgurata l-indipendenza tal-ġudikatura fl-Istati Membri kollha, u biex tkopri wkoll l-indipendenza tal-avukati u tal-kmamar tal-avukati fir-rapport annwali, peress li dawn huma essenzjali għal sistemi ġudizzjarji indipendenti;

16. Ifakkar li d-dritt tal-Unjoni għandu preċedenza fuq il-liġi nazzjonali irrispettivament mill-mod li bih jiġu organizzati s-sistemi ġudizzjarji nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib is-sentenzi tal-qrati nazzjonali rigward il-preċedenza tad-dritt tal-UE fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali u b'mod partikolari l-inkompatibbiltà ta' ċerti artikoli tat-Trattati mal-kostituzzjonijiet nazzjonali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura risponsi konkreti, immedjati u adegwati għal rifjut ta' implimentazzjoni u rispett tas-sentenzi tal-QĠUE u tirrapporta lura lill-Parlament dwar l-azzjonijiet meħuda f'dan ir-rigward;

17. Jissottolinja r-rwol importanti tal-kunsilli tal-ġudikatura fis-salvagwardja tal-indipendenza ġudizzjarja; jirrimarka li diversi Stati Membri għandhom problemi li ilhom jeżistu fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-kunsilli tagħhom tal-ġudikatura u l-ħatra tal-imħallfin, li xi drabi huma vulnerabbli għal indħil politiku indebitu; iħeġġeġ lill-Istati Membri jitolbu b'mod sistematiku l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja f'każ li din tfittex li tadatta l-kompożizzjoni u l-funzjonament ta' dawn il-korpi u biex jagħtu segwitu lil dawk ir-rakkomandazzjonijiet; iqis li huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa tali segwitu fir-rapport annwali;

## Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

18. Jirrimarka li s-servizz tal-prosekuzzjoni huwa element ewlieni fil-għieda kontra l-kriminalità, il-korruzzjoni u l-abbuż tal-poter; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu stabbiliti salvagwardji biex tiġi ppreservata l-indipendenza tas-servizz tal-prosekuzzjoni u tal-prosekuturi individwali sabiex ikunu ħielsa minn pressjoni politika indebita, speċjalment mill-Gvern, filwaqt li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet meħtieġa ta' responsabbiltà biex jiġu evitati abbuż jew negliġenza; jesprimi s-solidarjetà totali u l-appoġġ sħiħ tiegħu lill-vittmi kollha tal-kriminalità;

19. Jindika li l-kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPPs) mhux biss jimminaw serjament id-dritt ta' aċċess effettiv għall-ġustizzja għall-vittmi tagħhom, u b'hekk l-istat tad-dritt, iżda jikkostitwixxu wkoll użu ħażin tas-sistemi tal-ġustizzja u l-oqfsa legali tal-Istati Membri, speċjalment billi jxekklju l-kapaċità tal-Istati Membri li jindirizzaw b'suċċess l-isfidi eżistenti, bħat-tul tal-proċedimenti u l-kwalità tas-sistemi tal-ġustizzja, kif ukoll l-amministrazzjoni tal-volum ta' każijiet u l-każijiet pendenti;

*Qafas kontra l-korruzzjoni*

20. Itenni l-fehma tiegħu li l-korruzzjoni hija theddida serja għad-demokrazija, għall-fondi Ewropej u għall-istat tad-dritt; jinsab imħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-livell ta' korruzzjoni u deterjorament osservat f'ċerti Stati Membri, l-emerġenza kontinwa ta' każijiet ta' korruzzjoni li jinvolvu uffiċjali ta' livell għoli u politiċi u l-infiltrazzjoni tal-kriminalità organizzata fl-ekonomija u fis-settur pubbliku; jilqa' l-informazzjoni inkluża fir-rapport tal-2021 dwar l-istat tad-dritt dwar din il-kwistjoni u jappella għal aktar kjarifika f'rapporti futuri dwar jekk il-fondi tal-UE ġewx affettwati;

21. Ihegġegħ lill-Kummissjoni taġġorna u ssaħħaħ il-politika u l-istrumenti tal-Unjoni kontra l-korruzzjoni, inkluż billi tipprevedi definizzjoni uniformi tar-reat tal-korruzzjoni u billi toħloq standards u punti ta' riferiment komuni u tiżgura l-implimentazzjoni u l-infurzar xierqa tagħhom; ifakkar fl-importanza li l-Istati Membri jinvolvu ruħhom mal-UPPE u jappoġġjaw b'mod attiv il-kompiti tiegħu; jistieden lill-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan biex jissieħbu fl-UPPE; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni baġtet ittri ta' intimazzjoni lil kważi l-Istati Membri kollha għan-nuqqas ta' traspożizzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tal-Infurmaturi<sup>(30)</sup>;

*Libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, libertà tal-media u pluraliżmu*

22. Ifakkar li l-libertà u l-pluraliżmu tal-media, inklużi l-mezzi tal-informazzjoni indipendenti u ta' kwalità, iffinanzjati b'mod trasparenti u sostenibbli, kemm tradizzjonali kif ukoll diġitali, il-ġurnalisti, il-verifikaturi tal-fatti u r-riċerkaturi indipendenti, u media soda tas-servizz pubbliku huma essenzjali għad-demokrazija, garanzija kontra l-abbuż tal-poter u l-aqwa rimedju għad-diżinformazzjoni; jesprimi tħassib dwar l-indipendenza politika tal-media f'xi Stati Membri peress li l-linji editorjali jirriflettju l-polarizzazzjoni qawwija tax-xena politika;

23. Jinsab allarmat mill-ambjent dejjem aktar ostili li fih il-ġurnalisti u l-atturi tal-media qed joperaw f'ħafna Stati Membri, b'mod partikolari meta l-ħidma tagħhom tiffoka fuq l-użu ħażin tal-poter, il-korruzzjoni, il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-attivitàjiet kriminali; ifakkar li l-ġurnalisti u l-mezzi tal-media qed ikunu dejjem aktar soġġetti għal intimidazzjoni, theddid (inkluż fuq il-media soċjali), akkużi kriminali, attacchi fiżiċi, inċidenti vjolenti u qtil f'xi Stati Membri; jikkundanna l-istrateġiji oppressivi użati minn xi gvernijiet tal-Istati Membri bħall-użu ta' SLAPPs u kampanji ta' malafama, kif ukoll iż-żieda fil-kontroll tal-istat fuq il-media pubblika, is-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet akkademiċi, li twassal għall-awtoċensura u d-deterjorament dejjem jikber tal-libertà tal-media u dik akkademiċa; ifakkar li meta ġiet assassinata, il-ġurnalista investigattiva Daphne Caruana Galizia kienet qed tiffaċċja 47 kawża ta' malafama ċivili u kriminali, li ħafna minnhom għadha qed tiffaċċjahom il-familja tagħha; iwissi li dawn l-iżviluppi inaċċettabbli jista' jkollhom effett dissważiv fuq il-libertà tal-kelma u l-libertà tal-istampa u ma għandhomx jitħallew joħlqu preċedent kemm fl-Unjoni kif ukoll għall-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali tal-Unjoni;

24. Jiddispjaċih li r-rapport tal-2021 ma jirriflettix il-gravità ta' dawn ix-xejriet, speċjalment dawk relatati mal-kontroll tal-istat, il-kawżi strateġiċi u l-kampanji ta' malafama minn ċerti Stati Membri; ihegġegħ lill-Kummissjoni ttejjeb il-kapitoli relatati mal-media billi tipprovdi valutazzjoni tal-effiċjenza u l-effikaċja tal-oqfsa nazzjonali għall-protezzjoni tal-libertà tal-media, tal-pluraliżmu tal-media u tat-trasparenza tas-sjieda tal-media, tintroduċi leġiżlazzjoni tal-Unjoni kontra l-użu ta'

<sup>(30)</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

SLAPPs li jistabbilixxu standards minimi u tippreżenta qafas legali ambizzjuż biex tiġġieled il-politiċizzazzjoni dejjem tikber tal-media f'ċerti Stati Membri fl-Att dwar il-Libertà tal-Media li jmiss; jisħaq li r-rapport għandu jinkludi valutazzjoni bir-reqqa tal-indipendenza tar-regolaturi tas-servizzi tal-media awdjoviżiva tal-Istati Membri, li skont id-dritt tal-Unjoni jeħtiġilhom ikunu indipendenti mill-gvernijiet rispettivi tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura finanzjament addizzjonali u aktar flessibbli għal ġurnaliżmu investigattiv indipendenti fl-Unjoni;

25. Jisħaq fuq l-importanza ta' media tas-servizz pubbliku li tkun indipendenti mil-lat editorjali sabiex tipprovdi kopertura ta' kwalità għolja, imparzjali u ħielsa tal-affarijiet pubbliċi, speċjalment matul l-elezzjonijiet; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw finanzjament stabbli, miftuħ, trasparenti, sostenibbli u adegwat għall-media tas-servizz pubbliku fuq bażi pluriennali sabiex jiggarantixxu l-kwalità u l-indipendenza tagħhom minn pressjonijiet governattivi, politiċi, ekonomiċi u oħrajn; jiddispijaċih li l-media tas-servizz pubbliku tħalliet barra mir-rapport annwali; jistieden lill-Kummissjoni tirreżamina bir-reqqa l-media tas-servizz pubbliku fir-rapporti futuri tagħha;

26. Josserva li l-aħbarijiet foloz u l-miżinformazzjoni li tirriżulta mmirati lejn iċ-ċittadini tal-UE huma theddida għad-demokrazija u l-istat tad-dritt fl-Unjoni, peress li t-tixrid tad-diżinformazzjoni jippolarizza u jdghajef id-demokrazija tagħna; jilqa' d-deskrizzjoni tal-Kummissjoni fir-rapport annwali tal-pressjoni u l-influenza politika fuq il-media u jistieden lill-Kummissjoni tiddekrivi b'mod aktar ċar il-kampanji sistematiki ta' diżinformazzjoni u l-indħil barrani li għandhom l-għan li jnaqqsu l-fiduċja tal-pubbliku fl-istituzzjonijiet tal-istat u fil-media indipendenti; jirrikonoxxi li l-pjattaformi online globali jista' jkollhom impatt ta' tfixkil kbir fuq is-settur tal-media; jisħaq, f'dan ir-rigward, li l-leġiżlazzjoni attwali ma tipprevedix għalkollox ambjent ġust fl-ekosistema online, bħal fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u r-responsabbiltà algoritmika; iqis li l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti, b'mod partikolari l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali, kienet pass fid-direzzjoni t-tajba, iżda jeħtieġ li jsir aktar fl-Att Ewropew dwar il-Media biex jinħolqu kundizzjonijiet ġusti fid-dawl tat-trasformazzjoni diġitali tas-settur tal-media u t-tixrid tal-pjattaformi online;

27. Jisħaq li l-libertà tal-media hija relatata mill-qrib mal-libertà artistika u akkademika; jiddeplora l-fatt li, fxi Stati Membri, il-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-arti u l-libertà tal-għaqda huma limitati u ristretti ħafna; jissottolinja li l-indipendenza tas-sistemi edukattivi tiġi mhedda meta l-istruttura organizzattiva awtonoma tal-istituzzjonijiet tagħha ma tkunx garantita; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi l-aspetti kollha tal-libertà tal-espressjoni fir-rapport tagħha dwar l-istat tad-dritt;

*Demokrazija u kontrolli u bilanċi*

28. Jiddefendi l-pożizzjoni li l-prinċipju tas-separazzjoni tas-setgħat huwa essenzjali għall-funzjonament effettiv tal-istat, inkluż il-funzjonament effettiv, indipendenti, imparzjali u effiċjenti tas-sistemi ġudizzjarji fl-Unjoni kollha, u li dan jirrikjedi li l-istituzzjonijiet joqogħdu lura milli jeżerċitaw kwalunkwe pressjoni fuq l-imħallfin u l-prosekuturi, speċjalment minn livelli politiċi u ekonomiċi;

29. Jissottolinja li elezzjonijiet ġusti u ħielsa huma fost l-istandards minimi assoluti għal demokrazija li tiffunzjona u li kull proċess elettorali fl-Unjoni għandu jkun mingħajr influwenza indebita u irregolaritajiet; jisħaq li f'każ li l-OSKE josserva li l-elezzjonijiet ma seħħewx b'mod ġust u ħieles, iridu jittieħdu azzjonijiet konkreti, inkluż skont il-proċedura tal-Artikolu 7 (1) tat-TUE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa meta jiġi identifikat ir-riskju ta' manipulazzjoni tal-elezzjonijiet fi Stat Membru, kemm jekk minn atturi tal-istat, barranin jew privati;

30. Ifakkar li l-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali, inkluż id-dritt li wieħed ikun kritiku fil-pubbliku, huwa element ewlieni ta' soċjetà ħielsa u demokratika; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-isparzju ċiviku li qed jiekien f'diversi Stati Membri, muri permezz tal-użu ta' SLAPPs kontra l-media u l-ġurnalisti, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-atturi u l-attivisti tas-soċjetà ċivili, u l-avversarji politiċi, u permezz tas-sorveljanza tagħhom; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tipproponi direttiva kontra l-litigazzjoni abbużiva mmirata lejn il-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet u jenfazizza li l-kamp ta' applikazzjoni jrid ikun komprensiv biżżejjed biex jinkludi lil dawk kollha li huma difensuri tad-drittijiet, inklużi attivisti individwali;

## Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

31. Jisħaq li l-użu illegali ta' Pegasus u spyware ekwivalenti mill-Istati Membri kontra ġurnalisti, avukati, politiċi tal-oppożizzjoni u persuni oħra joħloq theddida diretta għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-abbuż tal-għodod ta' sorveljanza u l-impatt tagħhom fuq il-proċessi demokratiċi fi ħdan l-Unjoni kif ukoll ksur potenzjali tal-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE u l-Karta;

32. Jemmen li s-sitwazzjoni tal-ispazju ċiviku fl-Istati Membri jixirqilha kapitolu separat fir-rapport u l-ħolqien ta' "indiċi Ewropew tal-ispazju ċiviku", minħabba l-importanza ċentrali tas-soċjetà ċivili biex tinżamm soċjetà demokratika u inklużiva bis-sħiħ ibbażata fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u b'kunsiderazzjoni tal-isfidi li tiffaċċja s-soċjetà ċivili f'diversi Stati Membri, li jinkludu miżuri leġiżlattivi u amministrattivi, aċċess ristrett għall-finanzjament u kampanji ta' malafama;

33. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiżviluppa r-raba' pilastru tar-rapport annwali fuq "kwistjonijiet istituzzjonali oħra marbuta mal-kontrolli u l-bilanċi" f'pilastru dwar id-demokrazija u l-kontrolli u l-bilanċi, li jivvaluta elementi bħat-theddid potenzjali għall-proċessi demokratiċi fl-Unjoni u l-Istati Membri, inkluża l-manipulazzjoni tal-elezzjonijiet;

*L-impatt tal-miżuri tal-COVID-19 fuq id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali*

34. Ifakkar fl-impatt qawwi tal-miżuri relatati mal-pandemija tal-COVID-19, inklużi r-reġimi ta' emerġenza u l-ordnijiet amministrattivi, fuq id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fi ħdan l-Unjoni, b'mod partikolari fl-oqsma tal-ġustizzja, il-libertà tal-media u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

35. Jesprimi dispjaċir għan-natura u l-użu eċċessiv ta' miżuri ta' emerġenza matul il-pandemija tal-COVID-19 flimkien man-nuqqas ta' kontroll *ex post* ta' tali miżuri minn xi parlamenti nazzjonali, u saħansitra l-għeluq tal-parlamenti f'diversi Stati Membri, li żied is-setgħa tal-gvernijiet u wassal għal nuqqas ta' responsabbiltà u trasparenza mill-eżekuttiv;

36. Ifakkar li l-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt negattiv kemm fuq l-aċċess għall-ġustizzja kif ukoll fuq l-effiċjenza tal-qrati nazzjonali, inkluż l-għeluq parzjali tal-qrati nazzjonali; jenfasizza li s-sitwazzjoni straordinarja imposta mill-pandemija wriet li hemm hteġa urġenti li jiġu mmodernizzati l-proċedimenti tal-ġustizzja u jiġu introdotti elementi diġitali sabiex tiżdied l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ġhajjnuna legali u l-informazzjoni;

37. Jilqa' l-fatt li r-rapport jinkludi taqsima dwar l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-istat tad-dritt; jisħaq li l-monitoraġġ tal-użu u l-proporzjonalità ta' dawn il-miżuri għandu jtkompla sakemm jitneħħew il-miżuri kollha mingħajr ebda eċċezzjoni; jinnota f'dan ir-rigward ir-riskju ta' użu ħażin tal-fondi mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-UE; itenni li dawn il-fondi jistgħu jittqassmu biss ladarba dan it-tħassib ikun ġie indirizzat bis-sħiħ; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta fi żmien debitu jekk il-miżuri meħuda mill-Istati Membri kinux tabilħaqq limitati fiż-żmien, meħtieġa u proporzjonati, filwaqt li tosserva l-kontrolli u l-bilanċi; jistieden lill-Kummissjoni tfassal rakkomandazzjonijiet biex tgħin lill-Istati Membri jimmitigaw l-impatt negattiv tal-pandemija fl-oqsma tal-ġustizzja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-libertà tal-media;

*Drittijiet fundamentali u ugwaljanza*

38. Jisħaq bi tħassib il-fatt li n-nisa u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inklużi l-persuni b'diżabilità, it-tfal, il-minoranzi reliġjużi, b'mod partikolari fi żmien ta' żieda fl-antisemitiżmu, l-antiżingariżmu u l-mibegħda anti-Musulmana fl-Ewropa, ir-Roma, il-persuni ta' dixxendenza Afrikana u Asjatika u persuni oħra li jappartjenu għal minoranzi etniċi u lingwistiċi, il-migranti, il-persuni li jfittxu aži, ir-refugiati, il-persuni LGBTIQ u l-anzjani, speċjalment il-persuni li jgħixu f'komunitajiet marġinalizzati, ikomplu jaraw li d-drittijiet tagħhom ma jiġux rispettati bis-sħiħ madwar l-Unjoni u jkomplu jiġu soġġetti għal Prattiki diskriminatorji; jenfasizza r-rabta ovsja bejn id-deterjorament tal-istandards tal-istat tad-dritt u l-ksur tad-drittijiet fundamentali u tad-drittijiet tal-minoranzi, bħall-użu ta' forza eċċessiva mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi matul il-protesti u fil-fruntieri tal-Unjoni; ifakkar li f'xi ċirkostanzi, l-Istati Membri deliberatament jirrikorru għal miżuri li huma dibattibbli mill-perspettiva tal-istat tad-dritt, bħal leġiżlazzjoni adottata fi proċeduri aċċellerati mingħajr konsultazzjoni pubblika jew saħansitra, f'każijiet eċċezzjonali, bidliet kostituzzjonali bħala mod kif jiġu legittimizzati politiki diskriminatorji li altrimenti ma jkunux jistgħu jiġu leġiżlati, bħal dispożizzjonijiet li jimmiraw speċifikament il-persuni LGBTIQ jew l-impożizzjoni ta' projbizzjoni kważi totali fuq l-abort; ifakkar li l-Istati Membri għandhom responsabbiltà lejn l-individwi mqiegħda f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u li dawn għandhom jipprovdulhom sikurezza u protezzjoni mid-diskriminazzjoni; itenni bil-qawwa l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tinkludi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' rapporti futuri valutazzjoni fil-fond tal-ksur persistenti tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni kollha, inklużi

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

l-ugwaljanza u d-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, sadanittant, jaqraw ir-rapporti annwali dwar l-istat tad-dritt fid-dawl tar-rapporti dwar id-drittijiet fundamentali ppubblikati mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali;

39. Jiddispaċiħ li xi Stati Membri ma inkorporawx b'mod sħiħ u korrett fil-liġi nazzjonali d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar ir-Razzizzmu u l-Ksenofobija <sup>(31)</sup>, u li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali <sup>(32)</sup> għadhom mhumiex qed jiġu implimentati bis-sħiħ fl-Istati Membri kollha; jirrakkomanda li tingħata aktar attenzjoni lid-diskorsi politiċi u tal-media li jħeġġu l-mibegħda kontra l-minoranzi u l-impatt dirett li għandhom fuq l-adozzjoni ta' liġijiet jew Prattiki diskriminatorji li jnaqqu l-istat tad-dritt għal kulħadd, inkluż fil-qasam tal-politiki dwar il-ġlieda kontra t-terrorizzmu u ta' sigurtà fid-dawl tar-riżoluzzjoni George Floyd <sup>(33)</sup> adottata mill-Parlament fl-2020;

40. Jesprimi tħassib partikolari dwar id-deterjorament tas-sitwazzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet tan-nisa f'xi Stati Membri, inkluża l-impożizzjoni ta' liġijiet restrittivi ħafna fuq l-abort, u l-attakki kontinwi u sistematiċi fuq id-drittijiet fundamentali tal-persuni LGBTIQ, imsaħħa mid-deterjorament tal-istat tad-dritt f'diversi Stati Membri; jiddispaċiħ li dawn l-iżviluppi mhumiex riflessi b'mod konsistenti fir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza dawn il-kwistjonijiet b'mod sistematiku fir-rapporti rilevanti kollha tal-pajjiżi u fir-rapport ta' sinteżi;

41. Jilqa' l-proċeduri ta' ksur mibdija mill-Kummissjoni fil-konfront tal-Ungerija u l-Polonja bħala parti mill-pakkett ta' ksur ta' Lulju 2021 dwar ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem tal-persuni LGBTIQ u l-ksur tad-dritt tal-Unjoni; jinnota li din hija l-ewwel darba li l-Kummissjoni bdiet proċeduri ta' ksur speċifikament biex tissalvagwardja d-drittijiet tal-persuni LGBTIQ;

42. Jinnota bi tħassib l-għadd kbir ta' rapporti ta' ksur sinifikanti u sistematiku tad-drittijiet fundamentali tal-migranti u tal-persuni li jfittxu ažił madwar l-Unjoni u b'mod partikolari fil-fruntieri esterni tagħha; jiddeplora l-fatt li diversi Stati Membri adottaw leġiżlazzjoni nazzjonali li tillimita b'mod sever id-drittijiet tal-persuni li jfittxu ažił u f'xi każijiet saħansitra toħloq theddida għall-prinċipju ta' non-refoulement u d-dritt għal rimedju effettiv; jiddispaċiħ li, minkejja l-istediniet mill-Parlament, il-Kummissjoni ma ffinalizzatx il-valutazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà ta' bosta miżuri leġiżlattivi nazzjonali fil-qasam tal-ažił u l-migrazzjoni mad-dritt tal-Unjoni; itenni li r-rispett tad-drittijiet fundamentali bħad-drittijiet għall-ažił u għal rimedju effettiv huwa essenzjali għall-funzjonament xieraq tal-istat tad-dritt;

**Sorsi**

43. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħa aktar id-djalogu regolari, inklużiv u strutturat mal-gvernijiet u l-parlamenti nazzjonali, l-NGOs, l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, l-ombudspersons, il-korpi tal-ugwaljanza, l-assoċjazzjonijiet professjonali u partijiet ikkonċernati oħra u biex tkun aktar trasparenti dwar il-kriterji li tuża biex tagħżel l-informazzjoni minn dawk il-partijiet ikkonċernati fil-proċess tal-abbozzar tar-rapporti annwali tagħha; iqis li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom ikunu involuti mill-qrib fil-fażijiet kollha taċ-ċiklu ta' rieżami permezz ta' proċess trasparenti, ibbażat fuq kriterji ċari; jenfasizza li l-konsultazzjonijiet strutturati tematikament iżidu l-effiċjenza tal-proċess u l-ammont ta' feedback siewi; jilqa' l-fatt li l-kwestjonarju ta' konsultazzjoni issa jippermetti lill-partijiet ikkonċernati jirrapportaw aspetti lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni previst mill-Kummissjoni, u jistieden lill-Kummissjoni tadatta l-istruttura tar-rapporti nazzjonali jekk ikun meħtieġ; jistieden lill-Kummissjoni tirreżamina u ttejjeb l-għodod online għall-kontribut tal-partijiet ikkonċernati u tkun flessibbli fir-rigward tal-limiti ta' spazju disponibbli;

<sup>(31)</sup> Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razzizzmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 55).

<sup>(32)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità (ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22).

<sup>(33)</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ġunju 2020 dwar il-protesti kontra r-razzizzmu wara l-mewt ta' George Floyd (ĠU C 362, 8.9.2021, p. 63).



44. Iqis li l-limiti ta' żmien għall-konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili fil-passat kienu qosra wisq jew mhux f'waqthom u għandhom ikunu adattati u flessibbli b'mod xieraq sabiex jippermettu kontribut sħiħ u komprensiv; jirrimarka li dan għamilha aktar diffiċli għall-partijiet ikkonċernati biex iħejju u jipplanaw il-kontributi u l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tagħhom, b'kunsiderazzjoni tal-limiti fuq il-kapaċitajiet u r-riżorsi finanzjarji tagħhom, b'mod partikolari jekk il-konsultazzjoni tikkoinċidi mal-vaganzi annwali; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi l-opportunità ta' konsultazzjoni matul is-sena kollha għas-soċjetà ċivili minflok ma tiffoka prinċipalment fuq sejħiet għal kontribut b'terminu ta' żmien; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni tippermetti sottomissjonijiet multilingwi fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi u tippubblika minn qabel l-iskeda ta' żmien tagħha għar-rapporti li gējin, billi tistabbilixxi d-dati għad-diversi stadji fil-proċess inkluż kalendarju taż-żjarat fil-pajjiżi kif ukoll id-data tal-pubblikazzjoni tar-rapport; jinnota li l-konsultazzjoni tista' tiġi sostanzjata aktar u jhegēgēg lill-Kummissjoni tagħti segwitu mal-atturi tas-soċjetà ċivili dwar il-kontribut li jipprovdu;

45. Ihegēgēg lill-Kummissjoni tiżgura segwitu xieraq, fi ħdan il-qafas tal-eżerċizzju tar-rapport annwali, għall-petizzjonijiet u espressjonijiet oħra ta' tħassib u xhieda taċ-ċittadini individwali dwar nuqqasijiet fl-istat tad-dritt; jemmen li bil-għan li jissaħħu l-kultura tal-istat tad-dritt u l-involvement tal-istituzzjonijiet tal-UE maċ-ċittadini, għandhom jiġu stabbiliti forums u strutturi parteċipattivi biex jiġu identifikati xejriet u tiġi pprovduta aktar viżibbiltà tat-theddid għall-valuri minqusa fl-Artikolu 2 tat-TUE, u tan-nuqqasijiet u l-ksur tagħhom, fl-Unjoni kollha;

46. Ifakkar li l-Kummissjoni għandha tkompli tqis l-informazzjoni rilevanti minn sorsi rilevanti u istituzzjonijiet rikonoxxuti b'mod sistematiku; ifakkar li għandhom jitqiesu s-sejbiet tal-korpi internazzjonali rilevanti, bħal dawk taħt l-awspiċji tan-NU, l-OSKE u l-Kunsill tal-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni tqis aħjar id-data u s-sejbiet minn indiċijiet rilevanti bħall-proġett tal-Indikaturi tal-Governanza Dinjija (Worldwide Governance Indicators – WGI), il-Proġett Dinji tal-Ġustizzja tal-Indiċi tal-Istat tad-Dritt (World Justice Project Rule of Law Index) u l-proġett tal-Varjetajiet tad-Demokrazija (Varieties of Democracy – V-DEM);

47. Jilqa' l-qbil tal-Kunsill li jimmodifika l-mandat tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) bħala pass 'il quddiem; jistieden lill-Kummissjoni tuża dan il-momentum u tistieden lill-FRA tippovdi pariri metodoloġiċi u twestaq rikerka komparattiva ħalli żżid id-dettall foqasma ewlenin tar-rapport annwali, filwaqt li żżomm f'moħħha li d-dritt għal proċess ġust, il-libertà tal-espressjoni u drittijiet fundamentali oħra għandhom rabtiet intrinċiċi mal-istat tad-dritt, flimkien mal-kontributi li l-Aġenzija diġà tagħmel, pereżempju, permezz tal-EFRIS u r-rapporti tagħha dwar l-ispazju ċiviku;

48. Iqis li l-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra hija ta' rilevanza partikolari għall-avvanz tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni tanalizza b'mod sistematiku data dwar in-nuqqas ta' konformità mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) u l-fehmiet tal-Korpi tat-Trattati tan-NU dwar il-komunikazzjonijiet individwali;

### **Mekkaniżmu tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali**

49. Jesprimi dispjaċir għan-nuqqas ta' rieda tal-Kummissjoni u l-Kunsill li jwieġbu b'mod pożittiv għall-istedina tal-Parlament, fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2020, għal mekkaniżmu konġunt tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, li għandu jkopri l-ambitu sħiħ tal-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE; itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jidħlu immedjatament f'negozjati mal-Parlament dwar ftehim interistituzzjonali;

50. Ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu rigward l-involvement ta' bord ta' esperti indipendenti biex jagħti pariri lit-tliet istituzzjonijiet, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-FRA; jitlob lill-Bureau tiegħu, fid-dawl tan-nuqqas ta' rieda tal-Kummissjoni u tal-Kunsill, jorganizza proċedura ta' akkwist pubbliku sabiex jinħoloq tali bord taħt l-awspiċji tal-Parlament, f'konformità mal-impenn meħud fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar ir-Rapport tal-2020 tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt, sabiex jagħti pariri lill-Parlament dwar il-konformità mal-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE fi Stati Membri differenti u jkun ta' eżempju ta' kif tali bord jista' jaħdem fil-prattika;

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

51. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tikkunsidra reviżjoni aktar komprensiva u ambizzjuża tar-Regolament FRA<sup>(34)</sup>; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tesplora l-potenzjal sħiħ fit-tul tal-iżvilupp tal-FRA f'konformità mal-prinċipji relatati mal-istatus u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet nazzjonali għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem (il-Prinċipji ta' Pariġi) sabiex issir korp kompletament indipendenti li jipprovdi pożizzjonijiet imparzjali u pubblikament disponibbli dwar sitwazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fil-qasam tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; jissottolinja li dan l-iżvilupp għandu jimxi id fid ma' żieda fir-riżorsi disponibbli;

**Komplementarjetà ma' strumenti oħra tal-istat tad-dritt**

52. Itenni li r-rapport annwali jrid ikun adegwat biex iservi bħala sors importanti u dokument ta' referenza biex jiġi deċiż jekk għandhiex tiġi attivata għodda rilevanti waħda jew inkella diversi għodod rilevanti bħall-Artikolu 7 tat-TUE, ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, strumenti oħra disponibbli skont il-leġiżlazzjoni finanzjarja tal-UE u r-regoli finanzjarji u speċifiċi għas-settur applikabbli biex il-baġit tal-UE jiġi protett b'mod effettiv, il-Qafas tal-Istat tad-Dritt jew proċeduri ta' ksur, inklużi proċeduri mħaffa, applikazzjonijiet għal miżuri interim quddiem il-QĠUE u azzjonijiet rigward in-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' sentenzi tal-QĠUE; jistieden lill-Kummissjoni torbot b'mod espliċitu dawn l-istrumenti ma' kwistjonijiet identifikati jew possibbli dwar l-istat tad-dritt fir-rapport; jistieden lill-istituzzjonijiet jattivaw dawn l-għodod u l-istrumenti, inkluż il-Mekkaniżmu ta' Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, mingħajr dewmien sabiex jipprovdu appoġġ proattiv għall-istat tad-dritt u jindirizzaw ir-rigress demokratiku fl-Unjoni, peress li r-Rapport tal-2021 tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt fih ħafna eżempji dettaljati ta' ksur tal-istat tad-dritt li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità; itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex toħloq rabta diretta bejn ir-rapporti annwali dwar l-istat tad-dritt, flimkien ma' sorsi oħra dwar l-istat tad-dritt, u l-Mekkaniżmu ta' Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt;

53. Ifakkar li l-proċeduri ta' ksur huma l-istrument ewlieni għall-protezzjoni u d-difiża tad-dritt tal-Unjoni u l-valuri komuni stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE; jinnota bi tħassib li l-għadd ta' proċeduri ta' ksur immedija mill-Kummissjoni ilu jonqos mill-2004; jinsab sorpriż bil-fatt li l-proċeduri ta' ksur ma jiġux skattati b'mod sistematiku tal-anqas hekk kif il-ksur rilevanti jiġi d-dokumentat fir-rapport annwali; jiddeplora n-nuqqas ta' rieda tal-Kummissjoni li timmonitorja b'mod attiv u sistematiku l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE u li tisfrutta l-possibbiltajiet ta' proċeduri ta' ksur kontra l-Istati Membri bħala l-istrument l-aktar adatt biex isolvi l-kwistjonijiet b'mod effiċjenti u mingħajr dewmien; jinnota li dan in-nuqqas ta' rieda rriżulta fi stedniet lill-Istati Membri biex jibdeu każijiet bejn l-Istati f'konformità mal-Artikolu 259 tat-TFUE; jinsab imħasseb li mingħajr applikazzjoni sistematika u f'waqtha l-kapaċità preventiva tal-proċeduri ta' ksur tonqos; jappella biex ir-rapport jinkludi ħarsa ġenerali tal-azzjonijiet kollha ta' infurzar meħuda mill-Kummissjoni għal kull Stat Membru, inklużi proċeduri ta' ksur pendenti, kif ukoll tal-istat tal-konformità mal-miżuri proviżorji u s-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB, li jikkontribwixxu għal applikazzjoni komprensiva tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE;

54. Ifakkar fl-importanza tad-deċiżjonijiet preliminari dwar l-istat tad-dritt; huwa tal-fehma li l-ġurisprudenza rilevanti tal-QĠUE għenet biex jiġi definit aktar l-istat tad-dritt u tista' sservi lill-Kummissjoni biex tirfina aktar il-punti ta' riferiment tagħha li tuża biex tivvaluta s-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri;

55. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas persistenti minn xi Stati Membri, inklużi l-Ungerija u l-Polonja, li jimplementaw sentenzi domestiċi, tal-QĠUE u tal-QEDB, li jikkontribwixxi għall-erożjoni tal-istat tad-dritt; jisħaq li n-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' sentenzi jista' jwassal biex ksur tad-drittijiet tal-bniedem jitħalla mingħajr rimedju; jenfasizza li dan jista' joħloq perċezzjoni fil-pubbliku li s-sentenzi jistgħu jiġu injorati, u b'hekk tiddgħajef l-indipendenza tal-ġudikatura u l-fiduċja ġenerali fil-forza ta' aġġudikazzjoni ġusta; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tirrapporta dwar il-kapitoli rispettivi tal-pajjiżi dwar l-implimentazzjoni tas-sentenzi mill-Istati Membri f'każijiet ta' implimentazzjoni parzjali jew nuqqas ta' implimentazzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinvolvi lill-awtoritajiet sabiex jinstabu soluzzjonijiet xierqa għall-implimentazzjoni sħiħa u biex l-informazzjoni tiġi aġġornata fuq bażi annwali; ifakkar li n-nuqqas li tiġi implimentata s-sentenza Coman & Hamilton<sup>(35)</sup> tal-QĠUE wassal biex ir-rikorrenti jkollhom jirrikorru għall-QEDB għal rimedju;

<sup>(34)</sup> Rapport interim tal-25 ta' Marzu 2021 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 168/2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (COM(2020)0225).

<sup>(35)</sup> Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, *Relu Adrian Coman et vs Inspectoratul General pentru Imigrări u Ministerul Afacerilor Interne*, C-673/16, ECLI:EU:C:2018:385.

56. Ifakkar fl-importanza tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt meta ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt jaffettwa jew jissogra serjament li jaffettwa l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jilqa' s-sentenzi tal-QĠUE tas-16 ta' Frar 2022 u s-sejbiet tagħha li l-Unjoni tabilħaqq għandha kompetenzi rigward l-istat tad-dritt fl-Istati Membri, li r-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni, u li jiċħdu l-azzjonijiet imressqa mill-Ungerija u l-Polonja kontra r-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt; itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tiegħu azzjoni immedjata skont ir-Regolament, għodda li ilha fis-seħħ minn Janjar 2021;

57. Iqis li r-rapport annwali huwa l-aktar post xieraq biex tiġi dedikata taqsima għat-tweqqiq tal-analiżi rilevanti skont ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt; jieħu nota tal-fatt li fis-27 ta' April 2022, il-Kummissjoni fl-aħħar bdiet il-proċedura formali kontra l-Ungerija skont ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt billi baġtet notifika bil-miktub; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tnedi l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6(1) ta' dak ir-Regolament tal-anqas anki fil-każ tal-Polonja; ifakkar li l-applikabbiltà, l-iskop u l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament huma definiti b'mod ċar u ma għandhomx bżonn jiġu appoġġjati b'aktar spjegazzjonijiet; jikkundanna d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tkompli tabbozza linji gwida anki wara d-deċiżjoni tal-QĠUE li tikkonferma l-legalità u l-validità tar-Regolament; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura, possibbilment permezz ta' proposta leġislattiva, li l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt ma taffettwax direttament jew indirettament liċ-ċittadini, peress li dawk responsabbli għall-ksur tal-istat tad-dritt huma rappreżentanti tal-gvern jew kapijiet ta' stat, u li dawk il-fondi li jibqgħu fil-baġit konsolidat tal-Unjoni jkunu jistgħu jiġu aċċessati direttament minn istituzzjonijiet pubbliċi lokali jew entitajiet privati; jistieden lill-Kummissjoni tapplika r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni u r-Regolament Finanzjarju b'mod aktar strett sabiex tindirizza l-użu diskriminatorju tal-fondi tal-UE, b'mod partikolari kwalunkwe użu ta' natura politikament motivata u tesplora l-potenzjal sħiħ ta' dawn l-istrumenti u r-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt biex tippoteġi d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u b'hekk tiżgura li l-fondi tal-Unjoni ma jintużawx għal inizjattivi li ma jikkonformawx mal-valuri tal-Unjoni minqax fl-Artikolu 2 tat-TUE, filwaqt li tirrispetta l-interessi tal-benefiċjarji aħharja li mhumiex entitajiet governattivi;

58. Jinsab imħasseb dwar is-sejbiet tar-Rapport tal-2021 tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt li, f'xi pajjiżi, il-fastidju u l-intimidazzjoni sponsorjati mill-istat fil-konfront tal-organizzazzjonijiet LGBTIQ jaffettwaw il-kapaċità tagħhom li jaċċessaw finanzjament; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-kwistjoni aktar mill-qrib u tiżgura permezz tal-mezzi meħtieġa li l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni li jirregola l-aċċess għall-fondi tal-Unjoni jiġi rispettat bis-sħiħ kullimkien fl-Unjoni; iqis li dawn is-sejbiet jirrinforzaw il-pożizzjoni tal-Parlament, li ilha żmien twil, li l-kamp ta' applikazzjoni tar-rapport dwar l-istat tad-dritt għandu jitwessa' biex jinkludi l-valuri kollha tal-Artikolu 2 tat-TUE;

59. Jesprimi dispjaċir kbir għall-inabbiltà tal-Kunsill li jagħmel progress sinifikattiv fil-proċeduri li għaddejjin tal-Artikolu 7(1) tat-TUE; iħeġġeġ lill-Kunsill jiżgura li s-seduti ta' smiħ isiru tal-anqas darba f'kull Presidenza matul il-proċeduri li għaddejjin tal-Artikolu 7 u biex jindirizza wkoll żviluppi għodda li jaffettwaw l-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali; jenfasizza li m'hemmx bżonn ta' unanimità fil-Kunsill sabiex jiġi identifikat riskju ċar ta' ksur serju tal-valuri tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE, u lanqas biex jiġu indirizzati rakkomandazzjonijiet konkreti lill-Istati Membri inkwistjoni u biex jiġu pprovduti skadenzi għall-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet; itenni l-istedina tiegħu lill-Kunsill biex jagħmel dan, filwaqt li jissottolinja li kwalunkwe dewmien ulterjuri ta' tali azzjoni jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju tal-istat tad-dritt mill-Kunsill innifsu; jinsisti li r-rwol u l-kompetenzi tal-Parlament għandhom jiġu rispettati;

60. Jieħu nota tad-diskussjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li sehew fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali abbażi tar-rapporti annwali tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt fil-qafas tad-Djalogu annwali tal-Kunsill dwar l-Istat tad-Dritt; jissuġġerixxi li dawn id-diskussjonijiet għandhom l-ewwel jiġu ffokati fuq l-Istati Membri li fir-rigward tagħhom il-kwistjonijiet dwar l-istat tad-dritt huma l-aktar urġenti, filwaqt li tinżamm il-prattika tal-ordni alfabetiku; jenfasizza li t-trasparenza akbar ittejjeb id-djalogu dwar l-istat tad-dritt fi ħdan l-Unjoni u, għalhekk, jistieden lill-Kunsill jipubblika dawn id-diskussjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, u jinkludi konklużjonijiet pubbliċi dettaljati;

61. Jikkundanna bil-qawwa lill-awtoritajiet tal-Istati Membri li jirrifjutaw li jipparteċipaw fid-Djalogu annwali tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt; iqis li kwalunkwe tali rifjut huwa raġuni biżżejjed biex il-Kummissjoni taċċellera u tirfina aktar l-eżami tas-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-pajjiżi kkonċernati; għandu fehma qawwiya li ċ-ċiklu tal-istat tad-dritt jista' jkun effettiv biss jekk il-prinċipju tal-kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) tat-TUE jiġi rispettata u applikat b'mod ugwali mill-istituzzjonijiet Ewropej u mill-Istati Membri;

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

62. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tipparteċipa b'mod attiv fid-dibattiti pubbliċi fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali u tinvesti aktar fis-sensibilizzazzjoni dwar il-valuri tal-Unjoni minnha fl-Artikolu 2 tat-TUE u l-għodod applikabbli, inkluż ir-rapport annwali, speċjalment f'dawk il-pajjiżi fejn hemm tħassib serju; jissottolinja l-importanza tal-komunikazzjoni strateġika biex jiġu miġġielda narrattivi kontra d-demokrazija, u tal-indirizzar ta' dawn in-narrattivi billi jiġu spjegati aħjar l-azzjonijiet tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, torganizza kampanji ta' komunikazzjoni dwar l-importanza tar-rispett tal-istat tad-dritt; jistieden lill-Kummissjoni tnedi programm dedikat li jappoġġa inizjattivi innovattivi bil-għan li tiġi promossa l-edukazzjoni formali, b'mod partikolari fost l-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja, kif ukoll l-edukazzjoni informali fir-rigward tal-istat tad-dritt u l-istituzzjonijiet demokratiċi fost iċ-ċittadini tal-UE ta' kull età;

63. Jimpenja ruħu li jipparteċipa f'konsultazzjonijiet regolari mal-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri dwar is-sejbiet tar-rapport annwali; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li r-rappreżentanti tagħhom fl-ogħla livell possibbli jieħdu sehem fi skambji mal-Parlament dwar l-istat tad-dritt; jesprimi dispjaċir kbir għar-rifjut tas-Sejm Pollakk li jiltaqa' mal-missjoni tal-Parlament Ewropew magħmula minn kumitati differenti fi Frar 2022 u n-nuqqas ta' tweġiba għall-istedina uffiċjali, li jmur direttament kontra l-Artikolu 9 tal-Protokoll (Nru 1) għat-Trattati tal-UE dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea;

64. Jišhaq li n-nuqqasijiet interni fl-istat tad-dritt jista' jkollhom effett detrimentali fuq il-kredibbiltà tal-politika barranija tal-Unjoni, b'mod partikolari lejn il-viċinat immedjat tagħha u l-kandidati u l-kandidati potenzjali għas-sħubija fl-Unjoni;

65. Jenfasizza li l-kontrolli u l-bilanċi fil-livell tal-Unjoni għandhom jiġu vvalutati b'mod indipendenti; jimpenja ruħu, għal dan il-għan, li jitlob studju tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar il-prinċipji ewlenin tad-demokrazija fil-governanza tal-Unjoni, b'mod partikolari s-separazzjoni tas-setgħat, ir-responsabbiltà u l-kontrolli u l-bilanċi;

o

o o

66. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, lill-Kunsill tal-Ewropa kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

P9\_TA(2022)0213

**Rapport tal-2021 dwar il-Maċedonja ta' Fuq****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Meju 2022 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2021 dwar il-Maċedonja ta' Fuq (2021/2248(INI))**

(2022/C 479/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, min-naħa l-oħra <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-applikazzjoni tal-Maċedonja ta' Fuq għal sħubija fl-Unjoni Ewropea tat-22 ta' Marzu 2004,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2021 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 u l-Aġenda ta' Salonka għall-Balkani tal-Punent,
- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2005 li tagħti lill-Maċedonja ta' Fuq status ta' kandidat għas-sħubija fl-UE,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2018,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' Ottubru 2019,
- wara li kkunsidra t-Trattat ta' Ħbiberija, Relazzjonijiet Tajbin ta' Viċinat u Kooperazzjoni bejn il-Bulgarija u l-Maċedonja ta' Fuq, iffirmat fl-1 ta' Awwissu 2017 u ratifikat f'Janjar 2018,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Finali għar-Riżoluzzjoni tad-Differenzi kif deskritt fir-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU 817 (1993) u 845 (1993), it-terminazzjoni tal-Ftehim Interim tal-1995 u l-istabbiliment ta' Sħubija Strateġika bejn il-Greċja u l-Maċedonja ta' Fuq tas-17 ta' Ġunju 2018, magħruf ukoll bl-isem tal-Ftehim ta' Prespa,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2020 dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mas-sħab tal-Balkani tal-Punent fil-qasam tal-migrazzjoni u s-sigurtà,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2019, tal-25 ta' Marzu 2020 u tal-14 ta' Diċembru 2021 dwar it-tkabbir u l-proċess ta' stabbilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Frar 2020 bit-titolu "It-titjib tal-proċess tal-adeżjoni – Perspettiva kredibbli tal-UE għall-Balkani tal-Punent" (COM(2020)0057),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' April 2020 bit-titolu "Appoġġ lill-Balkani tal-Punent fil-ġlieda kontra l-COVID-19 u l-irkupru wara l-pandemija" (COM(2020)0315),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju 2020 intitolata "Pjan ta' azzjoni 2020-2025 tal-UE dwar it-traffikar tal-armi tan-nar" (COM(2020)0608),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2020 bit-titolu "Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent" (COM(2020)0641),

<sup>(1)</sup> ĠU L 84, 20.3.2004, p. 13.<sup>(2)</sup> ĠU L 330, 20.9.2021, p. 1.

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' April 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata 2021-2025 (COM(2021)0170),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ottubru 2021 bit-titolu "Komunikazzjoni tal-2021 dwar il-Politika tat-Tkabbir tal-UE" (COM(2021)0644), akkumpanjata mid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni bit-titolu "Rapport tal-2021 dwar il-Maċedonja ta' Fuq" (SWD(2021)0294),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħasil tal-flus, it-Tiftix, is-Sekwestru u l-Konfiska tar-Rikavat minn Attività Kriminali u dwar il-Finanzjament tat-Terroriżmu,
- wara li kkunsidra r-rapport finali tat-2 ta' Ottubru 2020 tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR) tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) dwar l-elezzjonijiet parlamentari bikrija tal-Maċedonja ta' Fuq tal-15 ta' Lulju 2020 u r-rapport finali tiegħu tal-25 ta' Marzu 2022 dwar l-elezzjonijiet lokali tas-17 u l-31 ta' Ottubru 2021,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja tat-18 ta' Ottubru 2021 dwar l-abbozz ta' liġi dwar l-istat ta' emerġenza u l-opinjoniġiet preċedenti tagħha,
- wara li kkunsidra s-summits bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent li saru f'Sofija, f'Zagreb u f'Brdo pri Kranju fl-2018, l-2020 u l-2021, u d-dikjarazzjonijiet rispettivi tagħhom,
- wara li kkunsidra s-Summit ta' Sofija tal-10 ta' Novembru 2020, inkluża d-Dikjarazzjoni dwar is-Suq Reġjonali Komuni u d-Dikjarazzjoni dwar l-Aġenda Ekoloġika għall-Balkani tal-Punent,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Sofija tas-summit UE-Balkani tal-Punent tas-17 ta' Mejju 2018 u l-aġenda ta' prijoritajiet ta' Sofija annessa magħha,
- wara li kkunsidra t-tmien Summit tal-Proċess ta' Berlin tal-5 ta' Lulju 2021,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni finali tat-tmien Forum tas-Soċjetà Ċivili tal-Balkani tal-Punent bid-data tal-1 ta' Ottubru 2021,
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 01/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-10 ta' Jannar 2022 bit-titolu "L-appoġġ mogħti mill-UE għall-istat tad-dritt fil-Balkani tal-Punent: minkejja l-isforzi li saru, jippersistu problemi fundamentali",
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2019 dwar il-ftuħ ta' negozjati tal-adeżjoni mal-Maċedonja ta' Fuq u mal-Albanija <sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2020 lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar il-Balkani tal-Punent, wara s-Summit tal-2020 <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Tisħiħ tal-Libertà tal-Media: il-Protezzjoni tal-Ġurnalisti fl-Ewropa, id-Diskors ta' Mibegħda, id-Diżinformazzjoni u r-Rwol tal-Pjattaformi" <sup>(5)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar il-kooperazzjoni fir-rigward tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata fil-Balkani tal-Punent <sup>(6)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2022 dwar l-interferenza barranija fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-diżinformazzjoni <sup>(7)</sup>,

<sup>(3)</sup> ĠU C 202, 28.5.2021, p. 86.

<sup>(4)</sup> ĠU C 362, 8.9.2021, p. 129.

<sup>(5)</sup> ĠU C 425, 20.10.2021, p. 28.

<sup>(6)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2021)0506.

<sup>(7)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2022)0064.

Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Maċedonja ta' Fuq,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0133/2022),
- A. billi l-integrazzjoni tal-UE tirrappreżenta l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini tal-Maċedonja ta' Fuq għad-demokrazija u l-prosperità u sservi bħala katalizzatur b'saħħtu għar-riformi li jtejbu l-kwalità tal-ħajja u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet tal-istat u jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku u l-kooperazzjoni reġjonali; billi l-prospett tas-sħubija tal-Maċedonja ta' Fuq abbażi tal-mertu huwa fl-interess politiku, tas-sigurtà u dak ekonomiku tal-Unjoni stess;
- B. billi l-Maċedonja ta' Fuq hija sieħba affidabbli, peress li kompliet tagħmel progress konsistenti fit-triq tagħha lejn is-sħubija fl-UE u peress li ssodisfat u sostniet il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-ftuħ tan-negozjati tal-adeżjoni, filwaqt li anke allinjat lilha nfisha bis-sħiħ mal-politika estera u ta' sigurtà tal-UE, inkluż rigward is-sanzjonijiet fuq ir-Russja;
- C. billi l-UE jeħtiġilha ttiprovdi mogħdija ċara għall-pajjiżi li qed ifittxu li jissiehu fl-UE;
- D. billi l-Maċedonja ta' Fuq ilha pajjiż kandidat mill-2005; billi l-Kummissjoni ilha kontinwament tirrakkomanda l-ftuħ tan-negozjati tal-adeżjoni mill-2009 u l-pajjiż wera impenn dedikat fit-triq tiegħu lejn l-adeżjoni mal-UE, u dan irriżulta fid-deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Marzu 2020 li jinfetħu n-negozjati tal-adeżjoni;
- E. billi l-Ftehim ta' Prespa u t-Trattat ta' Ħbiberija, Relazzjonijiet Tajbin ta' Viċinat u Kooperazzjoni huma ftehimiet importanti ħafna li jirrappreżentaw mudell għall-istabbiltà u r-rikonċiljazzjoni fil-Balkani tal-Punent kollha u tejbju l-ispirtu ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u l-kooperazzjoni reġjonali;
- F. billi l-Maċedonja ta' Fuq żammet pass stabbli u determinat fl-avvanz tar-riformi tal-UE, b'enfasi fuq l-elementi fundamentali, u jenħtieġ li tkompli żżomm il-momentum tar-riformi u turi l-aħjar rekord ta' tranżizzjoni demokratika madwar ir-reġjun tal-Balkani tal-Punent;
- G. billi l-użu ħażin tal-proċess tal-adeżjoni għas-soluzzjoni tat-tilwim kulturali u storiku qed joħloq preċedent perikoluż għall-proċessi tal-adeżjoni futuri u jipperikola l-kredibbiltà, l-impatt u l-qawwa trasformattiva tal-Unjoni;
- H. billi s-sħubija fin-NATO timmarka pass ċar lejn stabbiltà, interoperabbiltà u integrazzjoni tad-difiża akbar fil-komunità Ewro-Atlantika;
- I. billi l-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ li tappoġġja l-oġettiv strateġiku tal-Maċedonja ta' Fuq tal-integrazzjoni fl-UE, abbażi tal-istat tad-dritt u r-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat, u għadha l-akbar sieħba kummerċjali u ta' investiment tal-Maċedonja ta' Fuq bil-bosta u l-akbar fornitur ta' assistenza finanzjarja, b'mod partikolari permezz tal-IPA III, il-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment (EIP) għall-Balkani tal-Punent u l-Assistenza Makrofinanzjarja; inkluż appoġġ sostanzjali biex tiġi indirizzata l-pandemija tal-COVID-19;
- J. billi l-integrazzjoni Ewropea hija strument effikaċi tal-politika barranija li jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-paċi u għat-tixrid tal-valuri fundamentali tal-UE tar-rispett għad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-libertà tal-espressjoni;
- K. billi l-interferenza barranija malinna diretta u bi prokura u d-diżinformazzjoni għandhom l-għan li jżirgħu n-nuqqas ta' qbil, jipprovokaw il-vjolenza u t-tensjonijiet interetniċi u jiddestabilizzaw ir-reġjun kollu;
1. Itenni l-appoġġ ċar tiegħu għall-impenn tal-Maċedonja ta' Fuq għad-demokrazija u l-istat tad-dritt, mirfud mill-orjentazzjoni strateġika pro-Ewropea tagħha, l-impenn sod għall-valuri Ewropej, ir-riformi relatati mal-UE u l-proċess tal-integrazzjoni tal-UE, u r-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u l-kooperazzjoni reġjonali inklużiva;

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

2. Jiddispyaċi dwar il-fatt li l-Kunsill naqas milli jiftaħ uffiċjalment in-negozjati tal-adeżjoni li messhom ilhom li saru mal-Maċedonja ta' Fuq u mal-Albanija; jenfasisza s-solidarjetà sħiħa tiegħu maċ-ċittadini tal-pajjiżi u s-simpatiji tiegħu magħhom u jqis li dan il-falliment, li jimmina l-attitudnijiet tal-pubbliku lejn l-UE u jippreżenta periklu serju għall-politika tat-tkabbir b'mod ġenerali, huwa ta' ħsara għar-reputazzjoni tal-UE bħala sieħba affidabbli u attur ġeopolitiku serju; jinkoraġġixxi lill-Bulgarija u lill-Maċedonja ta' Fuq isolvu t-tilwima kulturali storika tagħhom separatament mill-proċess tal-adeżjoni tal-Maċedonja ta' Fuq u jippermettu immedjatament l-organizzazzjoni tal-ewwel konferenza intergovernattiva peress li l-Maċedonja ta' Fuq issodisfat il-kriterji uffiċjali kollha;
3. Jafferma mill-ġdid l-importanza ġeostrateġika tal-Maċedonja ta' Fuq u tar-reġjun kollu tal-Balkani tal-Punent u l-futur tagħhom bħala parti mill-UE; ifakkar lill-Istati Membri li l-politika tat-tkabbir trid tkun xprunata minn kriterji oġġettivi; itenni li l-politika tat-tkabbir tal-UE kienet l-aktar strument effikaċi tal-politika barranija tal-Unjoni, u li l-integrazzjoni sħiħa tal-Balkani tal-Punent hija fl-interess politiku, tas-sigurtà u ekonomiku tal-UE bħala investment ġeostrateġiku f'Unjoni stabbli u sejra 'l quddiem; jenfasisza li l-bidu uffiċjali tan-negozjati tal-adeżjoni se jkun investment fil-kredibbiltà tal-UE, kif ukoll fl-istabbiltà, fil-prospertà u fil-proċessi ta' rikonċiljazzjoni li għaddejjin fir-reġjun;
4. Jistieden lill-UE tiegħu passi konkreti fl-integrazzjoni tal-Balkani tal-Punent f'kuntest strateġiku u ta' sigurtà usa', inklużi l-implikazzjonijiet tas-sigurtà tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, l-influwenza possibbli tar-Russja fir-reġjun u l-attivitajiet malizzjużi li jfittxu li jdgħajfu l-istabbiltà politika u l-integrazzjoni fl-UE tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent; ifakkar fin-natura trasformattiva tan-negozjati tal-adeżjoni li għandhom jitwettqu skont il-metodoloġija riveduta tat-tkabbir;
5. Ifakkar li l-UE hija msejsa fuq li tegħleb it-tilwim reġjonali u fuq passat diffiċli sabiex taħdem lejn futur aħjar, paċifiku u prosperu; jistieden lill-Bulgarija u lill-Maċedonja ta' Fuq jilhqqu malajr ftehim li jsolvi l-kwistjonijiet bilaterali sabiex jiġu pprevenuti aktar dewmien u ostakli għall-progress tal-adeżjoni;
6. Iħeġġeġ lill-Kunsill juri impenn politiku sħiħ favur it-tkabbir u jħaffef il-pass u jsahha il-kredibbiltà tal-integrazzjoni tal-UE billi uffiċjalment jibda n-negozjati tal-adeżjoni mal-Albanija u mal-Maċedonja ta' Fuq, speċjalment fil-kuntest ġeostrateġiku tar-relazzjonijiet mar-Russja u l-aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, peress li ż-żewġ pajjiżi ssodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa u taw riżultati sostnuti, inkluż fl-oqsma kollha tal-elementi fundamentali;
7. Ifaħħar lill-Maċedonja ta' Fuq għall-progress kostanti tagħha fit-triq lejn is-sħubija fl-UE, l-impenn tagħha favur l-implimentazzjoni tal-Ftehim Qafas Ohrid biex tiżgura l-multikulturaliżmu u l-armonija interetnika, u l-isforzi pożittivi u koerenti kontinwi tagħha biex issolvi l-kwistjonijiet bilaterali pendenti; jilqa' l-approċċ strateġiku lejn ir-riformi relatati mal-UE, inkluż fl-ambitu tal-aġenda "Europe at Home" u l-Programm Nazzjonali għall-Adozzjoni tal-Acquis;
8. Jissottolinja li l-pass tal-adeżjoni mal-UE għandu jiġi ddeterminat mill-progress li jsir fil-funzjonament xieraq tal-istituzzjonijiet demokratiċi, imsejjes fuq l-istat tad-dritt, il-governanza tajba u d-drittijiet fundamentali; jikkumplimenta lill-Maċedonja ta' Fuq tal-isforzi kontinwi tagħha biex issaħħa l-istat tad-dritt, l-indipendenza ġudizzjarja u d-drittijiet tal-minoranzi, tiġġieled kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, tirriforma l-amministrazzjoni pubblika tagħha u tikkonsolida l-libertà tal-media; iħeġġeġ lill-pajjiż isostni u jintensifika dawn l-isforzi;

***Funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi***

9. Jilqa' l-fatt li l-Maċedonja ta' Fuq tkompli turi l-aħjar rekord ta' tranżizzjoni demokratika fir-reġjun tal-Balkani tal-Punent, b'titjib notevoli fit-trasparenza, id-djalogu politiku u l-kompetittività elettorali;
10. Jilqa' l-isforzi kollha sabiex titnaqqas il-polarizzazzjoni u jiddied id-djalogu politiku kostruttiv u jħeġġeġ lill-partiti politiċi jaqdu rwol aktar kostruttiv f'dan ir-rigward, ħaġa li se tgħin biex jissaħħa l-istituzzjonijiet demokratiċi billi tkompli ttejjeb il-governanza, l-integrità u r-responsabbiltà tagħhom;



**Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022**

11. Jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li jibqa' jinżamm impenn kostruttiv bejn il-gvern u l-oppożizzjoni u kunsens wiesa' bejn il-partiti kollha dwar ir-riformi relatati mal-UE, billi jkomplu jissaħħu l-kapaċitajiet leġislattivi, ta' sorveljanza u baġitarji tal-Assemblea tal-Maċedonja ta' Fuq (Sobranie); jilqa' l-impenn politiku kontinwu bejn il-partiti kollha tal-Maċedonja ta' Fuq favur il-proċess tad-Djalogu Jean Monnet (JMD), li jsahha il-kapaċità tal-mexxejja politiċi li jiżviluppaw djalogu veru bejn il-partiti u jibnu l-kunsens meħtieġ biex jiġġeneraw il-fiduċja u kultura parlamentari demokratika; iħeġġeġ lil-leġislaturi jimplimentaw malajr l-impenn li jirvedu r-regoli ta' proċedura tagħha skont il-JMD u jintensifikaw id-djalogu mal-Parlament Ewropew u mal-parlamenti nazzjonali;
12. Jilqa' ż-żieda fit-trasparenza u r-responsabbiltà tas-Sobranie u jħeġġiġha ttejjeb il-kwalità leġislattiva, inkluż billi twettaq konsultazzjonijiet xierqa u valutazzjonijiet tal-impatt għall-leġislazzjoni ewlenija, tillimita l-użu tal-proċeduri rapidi strettament għall-minimu u tnaqqas il-polarizzazzjoni parlamentari; jilqa' l-appoġġ bejn il-partiti għall-adozzjoni ta' liġijiet dwar il-prevenzjoni u l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni, il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, u l-emendi għal-liġi dwar id-drittijiet tat-tfal;
13. Jenfasizza l-ħtieġa li r-riformi elettorali jiġu ffinalizzati b'mod li jkun f'waqtu, trasparenti u inklużiv f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet pendenti tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-OSKE (ODIHR) u tal-Kummissjoni ta' Venezja; jilqa' t-tmexxija bla xkiel u kompetittiva tal-elezzjonijiet lokali tas-17 u l-31 ta' Ottubru 2021, li saru b'mod liberu u ekwu;
14. Jistieden lill-partiti politiċi tal-Maċedonja ta' Fuq itejbu t-trasparenza tal-finanzjament tal-partiti u jsaħħu d-demokrazija u l-integrità intrapartitiċi kompetittivi;
15. Jappella għar-riforma kontinwa lejn amministrazzjoni pubblika responsabbli bbażata fuq il-mertu, b'indipendenza professjonali mtejba u linji tar-responsabbiltà, qafas istituzzjonali simplifikat, u koordinazzjoni bejn is-servizzi dwar l-integrazzjoni tal-UE u r-riformi relatati, proċeduri amministrattivi simplifikati u governanza lokali mtejba; jirrikonxxi l-passi meħuda biex jissaħħu l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizzi u tiġi eliminata l-korruzzjoni permezz tad-diġitalizzazzjoni;
16. Jilqa' l-fatt li sar iċ-ċensiment tal-popolazzjoni tal-2021 f'konformità mal-istandards rilevanti tan-NU u l-leġislazzjoni statistika tal-UE, li dab għandu jwassal għal teħid tad-deċizzjonijiet aħjar ibbażat fuq l-evidenza; jilqa' l-pubblikazzjoni tar-riżultati tiegħu u jistenna bil-ħerqa l-implimentazzjoni tagħhom fit-tfassil tal-politika;
17. Jitlob li jittieħdu passi ulterjuri biex tiġi żgurata r-responsabbiltà sistemika tal-istituzzjonijiet pubbliċi permezz ta' konsultazzjonijiet pubbliċi sinifikanti mal-partijiet ikkonċernati, u jilqa' l-progress li sar s'issa fil-qasam;
18. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Maċedonja ta' Fuq jiżgura finanzjament adegwat u implimentazzjoni konsistenti tad-deċizzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ta' korpi u aġenziji indipendenti, bħall-Ombudsman;
19. Jilqa' l-istabbiliment tal-Kummissjoni għall-Prevenzjoni u l-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni u l-ħidma tagħha li għaddeja bħalissa; iħeġġeġ lill-gvern jalloka r-riżorsi meħtieġa biex tkun tista' tiffunzjona bis-sħiħ;

***Il-media u s-soċjetà ċivili***

20. Ifakkar fil-ħtieġa li jkompli jiġi allinjat aktar, b'mod inklużiv u trasparenti, il-qafas ġuridiku għall-media online u offline f'konformità mal-acquis tal-UE u l-istandards tal-UE f'kooperazzjoni mal-assoċjazzjonijiet professjonali, is-soċjetà ċivili u l-esperti sabiex tissaħħa l-indipendenza tagħhom mill-indhila politiku, privat u indhila estern ieħor, filwaqt li jiġu żgurati t-trasparenza tas-sjieda, is-sostenibbiltà finanzjarja u l-awto-regolamentazzjoni; jistieden lill-Gvern tal-Maċedonja ta' Fuq jalloka biżżejjed riżorsi biex jiżgura l-professjonalizzazzjoni u l-indipendenza tax-xandar pubbliku;
21. Itenni t-talbiet tiegħu biex ir-regoli li jirregolaw il-finanzjament mill-istat u r-reklami tal-partiti politiċi fil-media jiġu mġedda sabiex tiġi żgurata d-distribuzzjoni kompetittiva u ekwa tal-finanzjament pubbliku u jiġu salvagwardjati l-kompetizzjoni ġusta u l-indipendenza editorjali;

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

22. Jinkoraġġixxi miżuri rapidi biex tiżdied l-indipendenza editorjali u finanzjarja, l-imparzjalità u l-professjonaliżmu tax-xandara tas-servizz pubbliku u r-regolaturi tal-media, u jilqa' l-modernizzazzjoni kontinwa ta' dawn iż-żewġ korpi;
23. Jitlob l-implimentazzjoni ta' miżuri li jżidu s-sikurezza tal-professionisti tal-media u li jindirizzaw b'mod determinat it-tentattivi biex jintimidawhom; jenfasizza l-importanza li jiġi infurzat approċċ ta' tolleranza żero għall-intimidazzjoni, it-theddid u l-atti ta' vjolenza kontra l-ġurnalisti; jinnota l-hteġa li kwalunkwe tentattiv bħal dan jiġi investigat u mħarrek u li jittejjb l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ġurnalisti sabiex jiġi żgurat ġurnaliżmu ta' kwalità;
24. Ifakkar fil-hteġa li jissaħħa il-ġurnaliżmu investigattiv indipendenti, il-verifika tal-fatti mingħajr preġudizzju u l-litteriżmu medjatiċu bħala mezz biex jiġu indirizzati b'mod determinat id-diskors ta' mibegħda, id-diżinformazzjoni u l-kampanji ta' indħil barrani, li intensifikaw matul l-emerġenza tal-COVID-19 u l-gwerra Russa kontra l-Ukrajna; jissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni istituzzjonali fl-istabbiliment ta' qafas effettiv biex tiġi indirizzata b'mod determinat id-diżinformazzjoni manipulattiva; jitlob li jiżdiedu l-isforzi biex jiġu żgurati l-pluralità u l-indipendenza tal-media u biex jitrawwem ambjent tal-media ħieles mill-influenzi esterni u li jwassal għal imġiba tal-media professjonali fil-Maċedonja ta' Fuq; jesprimi appoġġ għall-avvanz tal-media u l-pluraliżmu kulturali biex jitrawwem l-għarfien u l-iskambju kulturali u biex jittejjeb il-fehim reċiproku;
25. Ifaħħar l-isforzi tal-gvern biex itejjeb l-involvement mas-soċjetà ċivili u jitlob qafas li jiżgura s-sostenibbiltà finanzjarja tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi dawk li jirrappreżentaw u jiddefendu d-drittijiet tad-diversi komunitajiet etniċi; ifakkar li huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi żgurat proċess ta' konsultazzjoni aktar f'waqtu, sinifikattiv u trasparenti mas-soċjetà ċivili f'dan ir-rigward; jilqa' l-eżempji pożittivi ta' sinerġija bejn is-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet, bħall-ħolqien tal-Grupp Parlamentari bejn il-Partiti dwar id-Drittijiet tal-LGBTI+;

**Drittijiet fundamentali**

26. Jinnota t-titjib fl-iżgurar tad-drittijiet tan-nisa u l-politiki reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru; jilqa' l-adozzjoni tal-liġi mmirata lejn il-prevenzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika u jħeġġeġ lill-pajjiż isahha l-implimentazzjoni tal-panjan ta' azzjoni nazzjonali għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Istanbul; jistieden lill-Maċedonja ta' Fuq tkompli bl-isforzi mmirati lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa, inkluż billi tipprioritizza l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u kooperazzjoni akbar mas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tan-nisa;
27. Jistieden lill-Maċedonja ta' Fuq tieħu passi biex tiżgura rappreżentanza adegwata tan-nisa fil-pożizzjonijiet kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u biex tkompli tindirizza aktar in-nuqqas ta' implimentazzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema nisa u tindirizza b'mod determinat l-istereotipizzazzjoni tal-ġeneru, l-iżbilanċ bejn il-ġeneri u d-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi fil-forza tax-xogħol; jindika differenzi sinifikanti bejn il-ġeneri f'dawk li huma parteċipazzjoni fix-xogħol u l-kwalità tiegħu, azzjoni insuffiċjenti dwar il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol, diskriminazzjoni fid-dispożizzjonijiet legali relatati mal-leave tal-maternità, u n-nuqqas ta' kapaċità ta' indukrar tat-tfal u dik preprimarja; jirrikonoxxi l-emendi fil-liġi dwar id-drittijiet tat-tfal u t-tlestija tal-proċess ta' deistituzzjonalizzazzjoni;
28. Jinkoraġġixxi l-passi li qed jittieħdu bħalissa biex tkompli tinbena aktar il-fiduċja fost il-komunitajiet u fil-funzjonament ta' soċjetà multi-etnika u tad-demokrazija, filwaqt li jfakkar l-importanza li d-drittijiet tal-komunitajiet jiġu appoġġjati u li l-każijiet kollha ta' diskriminazzjoni jiġu indirizzati b'mod determinat u effikaċi; iħeġġeġ lill-gvern jiżgura protezzjoni kostituzzjonali ugwali tad-drittijiet tal-komunitajiet etniċi kollha, fejn xieraq permezz ta' emendi leġiżlattivi, u jipproteġi u jippromwovi l-wirt kulturali, il-lingwi u t-tradizzjonijiet tagħhom permezz ta' aċċess ugwali, inklużiv u nondiskriminatorju għall-edukazzjoni u l-media;
29. Jistieden lill-awtoritajiet jiżviluppaw strateġija għda biex jindirizzaw b'mod determinat il-kwistjonijiet li qed tiffaċċja l-komunità Rom, liema strateġija tissostitwixxi l-istrateġija preċedenti li skadiet fl-2020, u jikkunsidraw mill-għid id-deċiżjoni li jnaqqsu l-baġit għall-inklużjoni tar-Rom, li fil-fatt għandu jiżdied;
30. Jilqa' s-suċċess tat-tieni avveniment Pride ta' Skopje li sar fl-2021; jistieden lill-Parlament tal-Maċedonja ta' Fuq jadotta b'mod urġenti panjan ta' azzjoni nazzjonali dwar il-kwistjonijiet LGBTI+ u jiżgura l-allokkazzjoni ta' riżorsi suffiċjenti għall-implimentazzjoni tiegħu; iħeġġeġ lill-atturi politiċi kollha jemendaw il-Liġi dwar ir-Reġistru Ċivili u jiżguraw ir-rikonoxximent legali, rapidu u mingħajr xkiel, tal-ġeneru abbażi tal-awtodeterminazzjoni;

## Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022

31. Jappella għal aktar titjib fl-infurzar tad-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, inklużi l-awtoidentifikazzjoni u l-edukazzjoni interkulturali inklużiva; jenfasizza l-importanza li jiġu aġġornati u adottati liġijiet dwar l-edukazzjoni li jneħħu l-kontenut diskriminatorju u stigmatizzanti u li jkunu armonizzati mal-Liġi dwar il-Prevenzjoni u l-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni;
32. Jenfasizza l-hteġa li jsir aktar progress biex jiġi żgurat li d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità jiġu rispettati; jilqa' l-mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità stabbilit fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman; jenfasizza l-hteġa li tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni li jiffaċċjaw il-persuni b'diżabilità, kemm diretta kif ukoll indiretta, bħala riżultat tal-ostakli relatati mal-infrastruttura, in-nuqqas ta' informazzjoni u servizzi, l-attitudnijiet diskriminatorji u l-esklużjoni soċjali; ihegġegħ lill-awtoritajiet jiffinalizzaw minnufih il-proċess ta' deistituzzjonalizzazzjoni; jisħaq fuq il-hteġa ta' riżorsi u infrastruttura adegwati biex tiġi appoġġjata l-protezzjoni soċjali meħtieġa u jiġu żgurati kundizzjonijiet tal-għajxien deċenti għall-persuni b'diżabilità fil-Maċedonja ta' Fuq;
33. Ihegġegħ lill-korpi rilevanti jipprevjenu b'mod proattiv u jħarrku b'mod sistematiku l-każijiet kollha ta' diskors ta' mibegħda, reati ta' mibegħda u intimidazzjoni, jinvestigaw bir-reqqa l-attakki relatati u jiżguraw is-sikurezza u s-sigurtà tal-miri tagħhom, bħall-ġurnalisti, il-persuni li jappartjenu għal minoranzi u gruppi vulnerabbli oħra; itenni l-appell tiegħu biex l-awtoritajiet rilevanti jtejbju l-kapaċitajiet istituzzjonali għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda, ir-reati ta' mibegħda u d-diskriminazzjoni għal kwalunkwe raġuni f'konformità mal-istandards internazzjonali;
34. Ihegġegħ lill-atturi politiċi kollha jwaqqfu u jikkundannaw id-diskors ta' mibegħda, il-kampanji ta' malafama u l-fastidju kontra l-organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili u jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jinfurzwaw approċċ ta' tolleranza żero għall-intimidazzjoni, it-theddid u l-atti ta' vjolenza kontra l-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u jiżguraw li l-awturi jressqu quddiem il-ġustizzja;
35. Jinsab imħasseb dwar iż-żieda qawwija fil-miżinformazzjoni u d-diskors diskriminatorju kontra l-persuni LGBTI+ u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-media u d-diskors politiku; jikkundanna l-fastidju, id-diskors ta' mibegħda, ir-reati ta' mibegħda u t-theddid ta' mewt fil-konfront tal-persuni LGBTI+ u d-difensuri tad-drittijiet u jhegġegħ l-investigazzjoni sħiħa u s-sanzjonar ta' dawn l-inċidenti;
36. Ifakkar fil-hteġa li tiżdied is-sorveljanza indipendenti tal-pulizija, li tiġi prevenuta l-impunità tal-pulizija kontra komunitajiet emarġinati, bħar-Rom, u tiġi żgurata r-responsabbiltà tal-pulizija f'dan ir-rigward, u li jittejjeb it-trattament tad-detenuti u l-kundizzjonijiet tal-ħabsijiet permezz tal-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti;
37. Jilqa' l-isforzi kontinwi tal-awtoritajiet tal-Bulgarija u tal-Maċedonja ta' Fuq biex jibnu relazzjoni rispettuża bbażata fuq il-fiduċja reċiproka, it-tqarrib u l-kuntatti aktar mill-qrib bejn il-persuni; jikkundanna bil-qawwa r-retorika xewwiexa u jhegġegħ it-tisħiħ tal-isforzi reċiproċi għall-prevenzjoni u l-prosekuzzjoni tal-każijiet kollha ta' diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda bbażati fuq l-oriġini nazzjonali jew etnika;
38. Jilqa' s-sħubija tal-Maċedonja ta' Fuq fl-Alleanza Internazzjonali għat-Tifkira tal-Olokawstu;
39. Ifakkar fil-hteġa li jinfetħu l-arkivji tas-servizzi sigrieti Jugoslavi (UDBA) u tas-servizz sigrieti Jugoslavi tal-Armata tal-Poplu (KOS) fir-reġjun kollu sabiex issir riċerka bir-reqqa u jiġu indirizzati r-reati u l-organizzazzjonijiet kriminali tal-era komunista; huwa tal-fehma li l-ġestjoni trasparenti tar-reati totalitarji, inkluż il-ftuħ ta' dawn l-arkivji, hija pass 'il quddiem lejn aktar demokratizzazzjoni, responsabbiltà u saħħa istituzzjonali;
40. Jitlob lill-UE ssaħħa l-appoġġ tagħha għall-assistenza umanitarja u l-ġestjoni tal-fruntieri fir-reġjun; li għandhom jitwettqu b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali; ifaħħar l-isforzi tal-Maċedonja ta' Fuq biex tospita lir-rifuġjati u r-rwol kostruttiv kontinwu li l-pajjiż għandu fil-ġestjoni tal-migrazzjoni irregolari; itenni t-talbiet tiegħu biex il-pajjiż itejjeb l-aċċess għall-ażil u l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza u jistabbilixxi sistema xierqa ta' ġestjoni u ta' reġistrazzjoni tal-migrazzjoni; ifakkar fil-hteġa li jiġi adottat approċċ sistematiku għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin u għall-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari, jilqa' l-kooperazzjoni internazzjonali f'dan ir-rigward u jinnota li l-ftehim dwar l-istatus mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) għadu ma ġiex iffirmat minħabba kwistjonijiet bilaterali pendenti;

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022****Stat tad-dritt**

41. Jissottolinja, filwaqt li jirrikonoxxi l-progress li sar, il-ħtieġa li jsiru sforzi biex titmexxa 'l quddiem ir-riforma tal-istat tad-dritt bħala s-sinsla tat-trasformazzjoni demokratika, filwaqt li jiġu żgurati ċ-ċertezza tad-dritt, it-trasparenza, l-aċċess għall-ġustizzja u n-nondiskriminazzjoni;

42. Ihegġegħ lill-Kummissjoni timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali 01/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex jiġi żgurat l-impatt effettiv fuq l-istat tad-dritt tal-assistenza finanzjarja fil-Balkani tal-Punent, inkluż fil-Maċedonja ta' Fuq;

43. Jilqa' passi ulterjuri biex jiġi kkonsolidat ir-rekord dwar l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-ipproċessar ta' każijiet ta' korruzzjoni u kriminalità organizzata, inkluż f'livell għoli, u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet ta' sorveljanza indipendenti u s-sistemi ġudizzjarji;

44. Ifakkar li l-aġġornamenti li jsiru lill-kodiċi penali għandhom ikopru, fost l-oħrajn, id-dispożizzjonijiet dwar il-vjolenza kontra n-nisa, il-kriminalità ekonomika, il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni, il-konfiska tal-assi u t-tixrid tad-diżinformazzjoni, u għandhom jintensifikaw il-għieda kontra l-kriminalità organizzata, inkluż il-qtuħ illegali tal-injam;

45. Jenfasizza l-ħtieġa li r-riforma ġudizzjarja tkompli tavvanza, u b'hekk jissaħħu l-indipendenza istituzzjonali, il-finanzjament, il-kwalità, il-koordinazzjoni u t-trasparenza tal-ġudikatura u l-funzjonament tal-korpi ta' awtogovernanza tagħha; ihegġegħ lill-forzi politiċi jilhq u qbil malajr dwar il-ħatra ta' mħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali biex jiżguraw il-funzjonament xieraq tagħha;

46. Jilqa' l-progress konsiderevoli li sar u jappoġġja l-miżuri infurzati fil-għieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, bħal fl-ambitu tal-pjan "Azzjoni 21" kontra l-korruzzjoni, inkluż permezz ta' investigazzjonijiet proattivi mill-Kummissjoni tal-Istat għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni u l-Prosekutur għall-Kriminalità Organizzata u l-Korruzzjoni, li taw prijorità lill-kundanni u l-konfiska ta' assi kriminali f'każijiet ta' livell għoli; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent f'materji kriminali, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ l-*acquis* tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data;

47. Jitlob il-finalizzazzjoni tal-miżuri ta' riforma tas-settur tas-sigurtà u tal-intelligence, filwaqt li jiġu żgurati l-indipendenza tas-settur u sorveljanza parlamentari sinifikattiva; jitlob li l-mekkaniżmu ta' protezzjoni tal-informaturi jiġi aġġornat, filwaqt li jittejjeb l-allinjament mad-Direttiva tal-UE dwar il-protezzjoni l-informaturi<sup>(8)</sup> u l-implimentazzjoni tagħha u r-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2014)7 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-protezzjoni tal-informaturi u l-iżgurar tal-implimentazzjoni effettiva tal-liġi dwar il-lobbying li għadha kif ġiet emendata;

48. Jissottolinja l-importanza li jkompli jiġi stabbilit l-obbligu ta' rendikont legali, inkluż fil-kawżi ewlenin kollha relatati mal-abbuż tal-uffiċċju, l-impunità tal-pulizija, il-korruzzjoni, l-attakki tal-2017 fil-Parlament tal-Maċedonja ta' Fuq, l-interċezzjoni illegali u l-estorsjoni;

49. Jissottolinja l-importanza li jitwettqu investigazzjonijiet, prosekuzzjoni u kundanni finali konsistenti u proattivi f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli;

50. Jappella għat-teħid ta' azzjoni deċiżiva kontra l-ħasil tal-flus u l-kriminalità finanzjarja permezz ta' koordinazzjoni msaħħa, inkluż mal-Europol, filwaqt li jkun hemm allinjament sħiħ mal-*acquis* tal-UE dwar id-data u dan jiġi rrispettat; ihegġegħ it-tisħiħ tal-kapaċità tal-korpi tal-infurzar tal-liġi fil-għieda kontra l-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni; jistieden lill-awtoritajiet jadottaw u jimplementaw il-leġiżlazzjoni meħtieġa biex tiġi rregolata l-attività tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi u tittejjeb l-effettività tas-sistema nazzjonali għall-irkupru tal-assi;

51. Jilqa' l-progress sostnut li sar s'issa, li għandu jwassal għal titjib sistemiku fil-għieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, tad-drogi, tal-armi tan-nar u tal-oġġetti, flimkien maċ-ċiberkriminalità u s-sorveljanza, il-kriminalità vjolenti, l-estremiżmu u t-theddid terroristiku; ifaħħar l-investigazzjonijiet dwar iż-żarmar tan-networks tal-kriminalità tranżnazzjonali u l-kooperazzjoni bilaterali u internazzjonali li għaddejja dwarhom, inkluż mal-aġenziji tal-ġustizzja u l-affarijiet interni

<sup>(8)</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

**Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022**

internazzjonali u tal-UE, bħall-Eurojust, il-Europol u l-Frontex, li intensifikaw l-azzjoni kontra t-traffikar tal-bnedmin, id-drogi u l-armi illegali u l-periklu tar-radikalizzazzjoni; jinnota l-appoġġ politiku, operattiv u loġistiku tal-Maċedonja ta' Fuq lill-Frontex u lis-servizzi tal-gwardja tal-fruntiera u tal-kosta tal-Istati Membri; ihegġegħ lill-Maċedonja ta' Fuq issaħħaħ ir-reżiljenza tagħha għat-theddid ibridu, id-diżinformazzjoni u l-aħbarijiet foloz; jiddeplora l-attakki ċibernetiċi mwettqa kontra l-istituzzjonijiet tal-pajjiż;

**Riformi soċjoekonomiċi**

52. Jieħu nota tal-impatt ekonomiku u soċjali serju tal-kriżi tal-COVID-19 u jesprimi appoġġ għall-firxa ta' miżuri meħuda mill-awtoritajiet biex jiproteġu s-saħħa pubblika u jtaffu l-impatt soċjoekonomiku tal-kriżi, inkluż l-użu tajjeb tal-appoġġ sostanzjali pprovdut mill-UE f'dawk li huma assistenza finanzjarja, tagħmir mediku u vaċċini; jilqa' l-irkupru aktar malajr milli mistenni tal-Maċedonja ta' Fuq fl-2021 u ż-żieda fit-tkabbir ekonomiku;

53. Jirrakkomanda li l-Maċedonja ta' Fuq tkompli tieħu passi biex ittejjeb il-klima kummerċjali u l-infrastruttura skont il-Pjan ta' Finanzjament tal-Aċċelerazzjoni tat-Tkabbir, tiġġieled l-evazzjoni tat-taxxa, timmodernizza l-edukazzjoni, twessa' l-kopertura tas-sigurtà soċjali, tavanza t-trasformazzjoni diġitali, u tirriforma s-swieq tal-enerġija u tat-trasport, flimkien ma' miżuri fuq terminu qasir biex jittaffa l-impatt tal-pandemija u ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel;

54. Jilqa' l-passi meħuda biex tiġi stabbilita sistema ta' tassazzjoni personali diretta abbażi ta' rati progressivi; jinnota r-ritorn lejn il-mudell ta' taxxa fissa; ihegġegħ lill-gvern jimmodernizza l-kodiċi tat-taxxa sabiex titqiegħed enfasi akbar fuq ir-rati progressivi fuq l-introjtu u t-tassazzjoni tal-proprjetà, u l-elementi ambjentali, sabiex jipproduċi valur suffiċjenti biex jimplementa r-riformi soċjali u jiġġieled l-inugwaljanza;

55. Ihegġegħ lill-awtoritajiet inaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali billi jtejbu l-aċċess universali għas-servizzi soċjali, tal-edukazzjoni u tal-kura tas-saħħa, b'mod partikolari għall-popolazzjonijiet żvantaġġati u l-gruppi vulnerabbli;

56. Ihegġegħ lill-Maċedonja ta' Fuq tkompli tagħmel progress fl-implimentazzjoni tar-riformi relatati maż-żgħażaġh u l-edukazzjoni; jitlob li ssir reviżjoni tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Sekondarja permezz ta' proċess inklużiv li jinvolvi esperti, Prattikanti u s-soċjetà ċivili, b'attenzjoni partikolari għad-drittijiet tal-istudenti b'diżabilità;

57. Jinkoraġġixxi lill-Maċedonja ta' Fuq tkompli tisfrutta l-potenzjal offrut mid-diġitalizzazzjoni għall-immodernizzar tal-proċessi amministrattivi, elettorali, ġudizzjarji, soċjali, tas-saħħa, fiskali u ekonomiċi, iżżid it-trasparenza u r-responsabbiltà, u tindirizza b'determinazzjoni l-korruzzjoni u l-ekonomija informali f'konformità mal-acquis tal-UE; jissottolinja l-ħtieġa li jiżzed l-appoġġ tal-UE għall-istat tad-dritt, it-tkabbir ekoloġiku sostenibbli, il-bijodiversità, l-innovazzjoni, il-kompetittività, id-drittijiet tal-proprjetà, u t-treġġiħ lura tal-eżodu ta' l-imħuħ u t-tnaqqis demografiku; jissottolinja l-ħtieġa li tingħata spinta lill-investment fit-tisħiħ tal-pożizzjoni u l-inklużjoni taż-żgħażaġh, flimkien ma' miżuri biex jitnaqqsu l-livelli għoljin ta' qgħad fost iż-żgħażaġh;

58. Jilqa' l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ fil-Maċedonja ta' Fuq bħala programm għat-tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażaġh, b'mod partikolari meta jitqiesu l-prekarjetà ekonomika u t-tnaqqis fl-opportunitajiet ta' impjegi għaż-żgħażaġh ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19; itenni l-importanza tal-fondi disponibbli permezz tal-EIP għall-Balkani tal-Punent għal proġetti ewlenin bħall-Garanzija għaż-Żgħażaġħ fil-Maċedonja ta' Fuq;

59. Ifakkar li l-finanzjament tal-UE fl-ambitu tal-IPA III u l-EIP għall-Balkani tal-Punent, strumenti li huwa jilqa', huwa bbażat fuq kundizzjonalità stretta; jisħaq li l-IPA III jipprevedi li l-finanzjament irid jiġi modulat jew saħansitra sospiż fil-każ ta' rigressjoni sinifikanti jew nuqqas persistenti ta' progress fil-qasam tal-elementi fundamentali, b'mod partikolari fil-qasam tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, inkluża l-għieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, kif ukoll il-libertà tal-media; jisħaq li huwa fl-interess tas-sigurtà tal-UE stess u hija r-responsabbiltà tagħha li tiggarrantixxi li l-fondi tal-UE ma jikkontribwixxux għall-korruzzjoni; jitlob lill-UE u lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, f'dan il-kuntest, isaħħu l-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera u jistabbilixxu qafas għal kooperazzjoni effettiva mal-Uffiċċju tal-Prosekutur

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

Pubbliku Ewropew, b'mod partikolari fil-qasam tal-fondi tal-IPA III; jissottolinja l-ħtieġa li tittejjeb il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-UE u li jiġi żgurat li kwalunkwe investment ikun konformi mal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u l-miri ta' dekarbonizzazzjoni tal-UE;

60. Jilqa' l-adozzjoni tal-EIP u l-Aġenda Ekoloġika għall-Balkani tal-Punent, li għandhom l-għan li jixprunaw l-irkupru ekonomiku fuq terminu twil tar-reġjun, jappoġġjaw tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, u jrawmu l-konnettività u l-integrazzjoni reġjonali u l-konverġenza mal-Unjoni Ewropea; ifakkar fil-potenzjal tal-kooperazzjoni Ewropea f'oqsma bħall-ġestjoni tal-ilma, it-teknoloġiji tat-trattament tal-ilma mormi u tal-iskart, l-enerġija rinnovabbli, it-teknoloġiji tal-ipproċessar agrikolu u tal-ikel, l-ICT, il-farmaċewtiċi u t-tagħmir mediku; jisħaq fuq l-importanza ta' koordinazzjoni msaħħa ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Programm tan-NU għall-Ambjent fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;

**Ambjent, enerġija u trasport**

61. Iħeġġeġ lill-gvern iżid l-ambizzjonijiet tiegħu b'mod konsiderevoli u jżid ir-rieda politika li jimplementa r-rakkomandazzjonijiet tas-sena l-oħra rigward it-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Aġenda Ekoloġika għall-Balkani tal-Punent, filwaqt li jisfrutta l-potenzjal tal-EIP għall-Balkani tal-Punent f'dan ir-rigward;

62. Jilqa' l-wegħda aġġornata dwar il-klima tal-Maċedonja ta' Fuq ta' tnaqqis nett ta' 82 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030, filwaqt li jappella għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż bl-adozzjoni ta' strateġija komprensiva dwar il-klima u liġi li jkunu konsistenti mal-qafas ta' politika tal-UE għall-klima u l-enerġija għall-2030; ifakkar li hemm bżonn ta' sforzi addizzjonali biex jintlaħqu l-miri għall-effiċjenza fl-enerġija, l-enerġija rinnovabbli, is-sigurtà tal-provvista u t-tnaqqis tal-emissjonijiet; iħeġġeġ lill-UE tintensifika l-appoġġ tagħha għall-ġlieda kontra t-treġġigħ lura ta' tranżizzjoni sostenibbli mill-faħam u telimina gradwalment is-sorsi tal-enerġija fossili quddiem il-kriżi enerġetika globali; iħeġġeġ lill-awtoritajiet jallinjaw il-leġiżlazzjoni dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima mal-*acquis* tal-UE u jiżguraw l-infurzar tagħha;

63. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li tittejjeb il-kwalità tal-arja, b'mod partikolari fiż-żoni urbani; iħeġġeġ ħafna lill-awtoritajiet iżidu l-miżuri dwar il-protezzjoni tal-bijodiversità, l-ilma, l-arja u l-klima, ir-riċiklaġġ u l-ġestjoni tal-iskart reġjonali, inkluż permezz ta' valutazzjonijiet tal-impatt komprensivi, konsultazzjonijiet pubbliċi xierqa, koordinazzjoni intersettorjali mtejba, aktar riżorsi finanzjarji u prosekuzzjoni rigoruża tar-reati ambjentali;

64. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet itejbu b'mod sinifikanti l-kwalità tal-valutazzjonijiet ambjentali strateġiċi (VAS) tagħhom, u jimplementaw u jinfurzw id-Direttiva VAS<sup>(9)</sup> bil-għan li jipprevjenu b'mod effettiv impatt ekoloġiku negattiv u jeliminaw il-korruzzjoni fis-settur; jistieden lill-awtoritajiet iqisu bis-sħiħ ir-rakkomandazzjoni tal-organizzazzjonijiet ambjentali u tal-esperti indipendenti dwar l-emendi proposti għal-Liġi dwar l-Urbanizzazzjoni;

65. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni toffri appoġġ sħiħ lill-Maċedonja ta' Fuq fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni maħsub biex inaqqas id-dipendenza fuq is-sorsi tal-enerġija importati mir-Russja, bil-għan li żżid ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-enerġija, kif ukoll biex tkun tista' tilħaq l-aspirazzjonijiet tal-UE għan-newtralità klimatika; jirrikonoxxi ż-żieda fl-allinjament tal-pajjiż mat-tielet pakkett dwar l-enerġija tal-UE u jħeġġeġ li s-separazzjoni tat-trażmissjoni tal-gass tiġi ffinalizzata u li tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni dwar l-effiċjenza fl-enerġija;

66. Iħeġġeġ lill-pajjiż iżid l-isforzi biex itejjeb l-infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija, kif ukoll il-konnettività reġjonali; itenni l-importanza tat-tlestija rapida ta' proġetti kbar ta' infrastruttura reġjonali, filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ il-proċeduri xierqa għall-valutazzjonijiet tal-impatt komprensivi meħtieġa, inklużi l-kurituri ferrovjarji u tat-toroq VIII u X, l-interkonnetturi tal-gass mal-Bulgarija, il-Greċja, il-Kosovo u s-Serbja, u l-interkonnetturi tal-elettriku mal-Albanija;

<sup>(9)</sup> Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).

67. Jilqa' l-ftuħ ta' konnessjoni bl-ajru bejn Skopje u Sofija u jħeġġeġ it-titjib ta' konnessjonijiet oħra tat-trasport u l-ftuħ ta' punti ta' kontroll ġodda fuq il-fruntiera mal-pajjiżi ġirien;

68. Jilqa' t-tneħħija tat-tariffi tar-roaming fost il-Maċedonja ta' Fuq u ħames stati oħra tal-Balkani tal-Punent mill-1 ta' Lulju 2021; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, il-ħolqien ta' pjan direzzjonali rapidu biex jitnaqqsu u jiġu eliminati t-tariffi tar-roaming fl-Istati Membri kollha;

### **Kooperazzjoni reġjonali u politika estera**

69. Jitlob lill-UE tivvaluta b'mod kritiku l-implikazzjonijiet storikament importanti mil-lat tas-sigurtà għall-istabbiltà u l-unità fil-kontinent Ewropew u fil-Balkani tal-Punent fil-kuntest tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna; iħeġġeġ lill-Istati Membri juru l-unità Ewropea billi uffiċjalment jibdew in-negozjati ta' adeżjoni mal-Maċedonja ta' Fuq u mal-Albanija, filwaqt li jqisu kemm l-implikazzjonijiet ġeopolitiċi kif ukoll l-issodisfar tal-kriterji uffiċjali, bħala investiment fil-fiduċja, fl-istabbiltà, fil-prospertà u fil-proċessi ta' rikonċiljazzjoni li għaddejjin fir-reġjun;

70. Jilqa' l-impenn tal-Maċedonja ta' Fuq għas-solidarjetà, il-multilateraliżmu u r-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat; jesprimi appoġġ għall-integrazzjoni tal-UE u għall-passi kontinwi biex jiġu promossi kemm il-kuntatti bejn il-persuni madwar l-Ewropa tax-Xlokk kif ukoll l-integrazzjoni reġjonali inklużiva, biex ir-reġjun kollu jinġieb eqreb lejn l-UE billi jiġi żviluppat is-Suq Reġjonali Komuni; jesprimi l-appoġġ tiegħu għal skemi ta' kooperazzjoni ekonomika reġjonali inklużivi li jistabbilixxu kooperazzjoni fuq bażi ekwa fost is-sitt pajjiżi, isaħħu l-allinjament mal-istandards tal-UE u l-*acquis* tal-UE, u jikkontribwixxu għall-proċessi ta' integrazzjoni tal-UE;

71. Jistenna bil-ħerqa l-Presidenza tal-OSKE tal-Maċedonja ta' Fuq fl-2023 bħala manifestazzjoni tar-responsabbiltà u l-affidabbiltà internazzjonali tagħha bħala membru tan-NATO u Stat Membru futur tal-UE, u bħala kontribut għall-promozzjoni tal-prinċipji fundaturi tal-OSKE fil-qasam tas-sigurtà, id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; ifaħħar l-integrazzjoni rapida eżemplari tal-Maċedonja ta' Fuq fl-istrutturi tan-NATO, filwaqt li jenfasizza l-għażliet strateġiċi tas-sigurtà tagħha u b'hekk tikkontribwixxi u tipprovdi stabbiltà fil-Balkani tal-Punent;

72. Jilqa' l-impenn kontinwu tal-Maċedonja ta' Fuq għall-qafas ta' sigurtà Ewro-Atlantiku; ifaħħar l-allinjament sħiħ tal-pajjiż mal-politika estera, ta' sigurtà u ta' difiża komuni tal-UE; jilqa' l-kontributi kontinwi tagħha għall-missjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet tal-UE u għall-operazzjonijiet immexxija min-NATO; ifaħħar l-allinjament rapidu tagħha mas-sanzjonijiet imposti fil-kuntest tal-aggressjoni Russa li għandha l-għan li ddgħajjef l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna, u b'hekk iżżid l-allinjament tal-politika estera tagħha għal 100 %;

73. Jinnota r-riskji li taż-żieda fid-dipendenza ekonomika u enerġetika fuq iċ-Ċina u r-Russja fir-reġjun kollu; jinsab imħasseb dwar il-vulnerabbiltà u d-dipendenza li jirriżultaw mis-self għal investiment iffinanzjat miċ-Ċina; jilqa' l-impenn tal-Maċedonja ta' Fuq li tiżgura s-sigurtà tal-fruntieri, flimkien mal-privatezza u s-sigurtà tad-data taħt l-inizjattiva "Network Nadif";

74. Jilqa' l-proċess li għaddej ta' tisħiħ tar-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat mal-pajjiżi ġirien u kooperazzjoni reġjonali msaħħa, inkorporati fil-Ftehim ta' Prespa mal-Greċja u t-Trattat ta' Ħbiberija, Relazzjonijiet Tajbin ta' Viċinat u Kooperazzjoni mal-Bulgarija; jappella lill-partijiet kollha biex ikomplu jsegwu djalogu kostruttiv sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa u konsistenti tagħhom *bona fide*, filwaqt li joqogħdu lura minn azzjonijiet li jstgħu jimminaw l-integrazzjoni tal-UE u l-interessi usa' tal-UE quddiem l-indħil barrani; jistieden lill-Kummissjoni iżżid l-isforzi tagħha biex tiffaċilita d-djalogu, u b'hekk twitti t-triq għal ftehim vijabbli u sostenibbli;

75. Iħeġġeġ lill-Bulgarija u lill-Maċedonja ta' Fuq isibu soluzzjoni reċiprokament aċċettabbli għall-kwistjonijiet bilaterali pendenti; jilqa' bis-sħiħ l-impetu politiku għal involviment estensiv u kostruttiv bejn iż-żewġ naħat, li jfittex bażi komuni ġdida f'diversi oqsma ta' interess reċiproku, aktar milli jfassal aktar linji ta' diviżjoni; iħeġġeġ lis-sħab jaċċelleraw dan l-impenn *bona fide* u f'konformità mat-Trattat ta' Ħbiberija, Relazzjonijiet Tajbin ta' Viċinat u Kooperazzjoni u jibdew in-negozjati ta' adeżjoni, filwaqt li jsolvu l-kwistjonijiet bilaterali pendenti li jinsabu fil-"miżuri 4+1" biex jiġu implimentati

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

u indirizzati b'mod suffiċjenti matul il-proċess ta' integrazzjoni tal-UE; iħegġegħ lis-sħab jistinkaw b'mod sinċier biex jilħqu soluzzjonijiet reċiprokament aċċettabbli, ibbilanċjati u sostenibbli għall-kwistjonijiet bilaterali pendenti malajr kemm jista' jkun; jilqa' l-issoktar tal-ħidma tal-Kummissjoni Konġunta ta' Esperti Multidixxiplinari dwar Kwistjonijiet Storiċi u Edukattivi tal-Bulgarija u tal-Maċedonja ta' Fuq, biex b'hekk is-soċjetajiet jitqarrbu lejn xulxin billi jagħmlu futur komuni fl-UE possibbli, filwaqt li ma jkollha l-ebda effett fuq il-proċess ta' adeżjoni tal-Maċedonja ta' Fuq;

76. Itenni t-talba tiegħu għal rikonċiljazzjoni storika bbażata fuq l-istorja komuni definita, kif stipulata mit-Trattat ta' ħbiberija, relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u kooperazzjoni;

77. Itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-implimentazzjoni reċiproka konsistenti u aċċellerata tal-Ftehim ta' Prespa mal-Greċja bħala element importanti tar-relazzjonijiet bilaterali, inkluża r-ratifika pendenti tal-memoranda ffirmati bejn iż-żewġ pajjiżi;

78. Jifraħ lill-Maċedonja ta' Fuq għall-inawgurazzjoni tad-Djalogu tal-Forum ta' Prespa, bħala pjattaforma reġjonali biex tispira u tippromwovi d-djalogu, ir-rikonċiljazzjoni, ir-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u l-kooperazzjoni reġjonali fl-ispirtu tal-integrazzjoni tal-UE;

79. Jitlob għal darb'oħra lill-mexxejja politiċi reġjonali kollha jistabilixxu l-Kummissjoni Reġjonali għall-Istabiliment tal-Fatti dwar id-Delitti tal-Gwerra u Ksur Gravi Ieħor tad-Drittijiet tal-Bniedem Kommessi fit-Territorju ta' dik li qabel kienet il-Jugoslavja (RECOM), abbażi tal-ħidma sinifikanti li għamlet il-Koalizzjoni għar-RECOM;

80. Iħegġegħ ħafna li tissokta l-ħidma fuq il-kotba skolastiċi tal-istorja fil-Bulgarija u fil-Maċedonja ta' Fuq; jisħaq li t-testi għandhom jirriflettu l-interpretazzjoni tal-fatti u ċ-ċifri storiċi mill-istorja komuni taż-żewġ popli, abbażi ta' dokumenti/sorsi storiċi awtentiki; jemmen li dan huwa l-pedament li fuqu ż-żewġ pajjiżi għandhom jibnu r-relazzjonijiet tagħhom, u li r-relazzjoni bejn il-ġenerazzjonijiet futuri tal-Maċedonja ta' Fuq u l-Bulgarija se tkun riflessjoni tal-proċessi edukattivi fiż-żewġ pajjiżi;

81. Jikkundanna kwalunkwe tentattiv biex jiġu sostitwiti monumenti u/jew artefatti storiċi, inkluża l-qerda tal-wirt kulturali awtentiku u kwalunkwe tentattiv ta' kitba mill-ġdid tal-istorja; jisħaq li inċidenti bħal dawn iqajmu tħassib serju, inkluż fil-kuntest tan-nuqqas ta' implimentazzjoni tat-Trattat ta' ħbiberija, Relazzjonijiet Tajbin ta' Viċinat u Kooperazzjoni tal-2017;

o

o o

82. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, u lill-President, lill-Gvern u lill-Assemblea tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq.

---



Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

P9\_TA(2022)0214

**Rapport tal-2021 dwar l-Albanija****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Meju 2022 dwar ir-Rapport tal-2021 tal-Kummissjoni dwar l-Albanija (2021/2244(INI))**

(2022/C 479/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-applikazzjoni tal-Albanija biex tissieħeb mal-Unjoni Ewropea, mibgħuta fl-24 ta' April 2009,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2021 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 u l-Aġenda ta' Salonka għall-Balkani tal-Punent,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-26 u s-27 ta' Ġunju 2014, li fihom hemm inklużja d-deċiżjoni li tagħti lill-Albanija l-istatus ta' pajjiż kandidat għall-adeżjoni mal-UE,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2018,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' Ottubru 2019,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2019, tal-25 ta' Marzu 2020 u tal-14 ta' Diċembru 2021 dwar it-tkabbir u l-proċess ta' stabbilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Frar 2020 bit-titolu "It-titjib tal-proċess tal-adeżjoni – Perspettiva kredibbli tal-UE għall-Balkani tal-Punent" (COM(2020)0057),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' April 2020 bit-titolu "Appoġġ lill-Balkani tal-Punent fil-ġlieda kontra l-COVID-19 u l-irkupru wara l-pandemija" (COM(2020)0315),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju 2020 bit-titolu "Pjan ta' azzjoni 2020-2025 tal-UE dwar it-traffikar tal-armi tan-nar" (COM(2020)0608),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2020 bit-titolu "Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent" (COM(2020)0641),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' April 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata 2021-2025 (COM(2021)0170),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ottubru 2021 bit-titolu "Komunikazzjoni tal-2021 dwar il-Politika tat-Tkabbir tal-UE" (COM(2021)0644), akkumpanjata mid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni bit-titolu "Albania 2021 Report" (Rapport 2021 dwar l-Albanija) (SWD(2021)0289),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ħasil tal-flus, it-tiftix, il-qabda u l-konfiska ta' profitti minn attività kriminali u l-iffinanzjar tat-terroriżmu,

<sup>(1)</sup> ĠU L 107, 28.4.2009, p. 166.

<sup>(2)</sup> ĠU L 330, 20.9.2021, p. 1.

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kunsill tal-Ewropa ta' Novembru 2021 bit-titolu "Beyond Definitions: a call for action against hate speech in Albania – a comprehensive study" (Lil hinn mid-Definizzjonijiet: sejħa għal azzjoni kontra d-diskors ta' mibegħda fl-Albanija – studju komprensiv),
- wara li kkunsidra r-rapport finali tas-26 ta' Lulju 2021 mill-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR) tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali dwar l-elezzjonijiet parlamentari tar-Repubblika tal-Albanija tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) tal-25 ta' April 2021,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-14 ta' Diċembru 2021 dwar l-estensjoni tal-mandat tal-korpi tranżitorji inkarigati mill-evalwazzjoni mill-ġdid tal-imħallfin u l-prosekuturi,
- wara li kkunsidra l-Opinjoni Konġunta tal-Kummissjoni ta' Venezja u tal-OSKE/ODIHR tal-11 ta' Diċembru 2020 dwar l-emendi tat-30 ta' Lulju 2020 għall-Kostituzzjoni tal-Albanija u tal-5 ta' Ottubru 2020 għall-Kodiċi Elettorali,
- wara li kkunsidra l-opinjonijiet l-oħra kollha tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar l-Albanija,
- wara li kkunsidra s-Summit ta' Sofija tal-10 ta' Novembru 2020, inkluża d-Dikjarazzjoni dwar is-Suq Regionali Komuni u d-Dikjarazzjoni dwar l-Aġenda Ekoloġika għall-Balkani tal-Punent,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Sofija tas-Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent tas-17 ta' Mejju 2018 u l-Aġenda ta' Prijoritajiet ta' Sofija,
- wara li kkunsidra s-Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent, li sar f'Zagreb fis-6 ta' Mejju 2020, u d-dikjarazzjoni tiegħu,
- wara li kkunsidra s-Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent, li sar fi Brdo pri Kranju fis-6 ta' Ottubru 2021, u d-dikjarazzjoni tiegħu,
- wara li kkunsidra t-Tmien Summit dwar il-Proċess ta' Berlin tal-5 ta' Lulju 2021,
- wara li kkunsidra l-Forum Ministerjali bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni li sar fi Brdo pri Kranju mill-1 sat-3 ta' Diċembru 2021 u d-dikjarazzjoni għall-istampa konġunta tiegħu,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni finali tat-Tmien Forum tas-Soċjetà Ċivili tal-Balkani tal-Punent bid-data tal-1 ta' Ottubru 2021,
- wara li kkunsidra r-rapport speċjali 01/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-10 ta' Jannar 2022 bit-titlu "L-appoġġ mogħti mill-UE għall-istat tad-dritt fil-Balkani tal-Punent: minkejja l-isforzi li saru, jippersistu problemi fundamentali",
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2019 dwar il-ftuħ ta' negozjati tal-adeżjoni mal-Maċedonja ta' Fuq u mal-Albanija <sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2020 lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà fil-Balkani tal-Punent, wara s-summit tal-2020 <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2020 dwar it-tisħiħ tal-libertà tal-media: il-protezzjoni tal-ġurnalisti fl-Ewropa, id-diskors ta' mibegħda, id-diżinformazzjoni u r-rwol tal-pjattaformi <sup>(5)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar il-kooperazzjoni fir-rigward tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata fil-Balkani tal-Punent <sup>(6)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2022 dwar l-interferenza barranija fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża id-diżinformazzjoni <sup>(7)</sup>,

<sup>(3)</sup> ĠU C 202, 28.5.2021, p. 86.

<sup>(4)</sup> ĠU C 362, 8.9.2021, p. 129.

<sup>(5)</sup> ĠU C 425, 20.10.2021, p. 28.

<sup>(6)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2021)0506.

<sup>(7)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2022)0064.

## Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Albanija,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0131/2022),
- A. billi t-tkabbir huwa wieħed mill-aktar strumenti effikaċi tal-politika estera tal-UE, inkwantu jikkontribwixxi biex jestendi l-firxa tal-valuri fundamentali tal-libertà, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-konsolidament tal-paċi u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità;
- B. billi l-integrazzjoni Ewropea tirrappreżenta l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini Albaniżi lejn id-demokrazija u l-prosperità u sservi bħala katalizzatur b'saħħtu għar-riformi li jtejbu l-funzjonament tal-istituzzjonijiet tal-istat u l-kwalità tal-ħajja;
- C. billi l-prospett tas-sħubija tal-Albanija abbażi tal-mertu huwa fl-interess politiku, tas-sigurtà u dak ekonomiku tal-Unjoni;
- D. billi l-Albanija ilha pajjiż kandidat mill-2014 u l-Kummissjoni ilha tirrakkomanda li jibdew taħditiet ta' adeżjoni mill-2018 u fl-aħħar ippreżentat abbozz ta' qafas ta' negozjar għall-Albanija fl-1 ta' Lulju 2020;
- E. billi l-UE jeħtiġilha tipprovdi perkors ċar u affidabbli għall-pajjiżi li qed ifittxu li jissieħbu mal-UE; billi l-kwalità tar-riformi meħtieġa ta' pajjiż għandha tiddetermina l-iskeda ta' żmien għall-adeżjoni; billi l-Albanija żiedet l-isforzi tagħha u kisbet riżultati tanġibbli u sostenibbli dwar oqsma ewlenin identifikati mill-Kunsill bħala meħtieġa għall-adozzjoni tal-qafas ta' negozjar qabel l-ewwel konferenza intergovernattiva;
- F. billi l-Albanija jeħtiġilha tkompli tirsisti bil-konsolidazzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-protezzjoni tal-persuni li jappartjenu għall-minoranzi, flimkien mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni bħala punti ta' riferiment ewlenin għall-valutazzjoni tal-progress lejn l-adeżjoni tal-UE;
- G. billi l-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ li tappoġġja l-għażla strateġika tal-Albanija dwar l-integrazzjoni mal-UE, abbażi ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat, u għadha bil-wisq l-akbar sieħeb kummerċjali u ta' investiment tal-Albanija u l-akbar fornitur ta' assistenza finanzjarja tagħha billi l-pajjiż ibbenefika minn EUR 1,24 biljun f'finanzjament ta' qabel l-adeżjoni tal-UE taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) I u l-IPA II mill-2007;
- H. billi l-UE wriet l-impenn tagħha favur il-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u mmobilizzat EUR 3,3 biljun biex tindirizza l-kriżi tas-saħħa immedjata u ttaffi l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19;
- I. billi l-interferenza barranija malinna diretta u bi prokura u d-diżinformazzjoni għandhom l-għan li joħolqu nuqqas ta' qbil, vjolenza u tensjonijiet interetniċi u li jiddestabilizzaw ir-reġjun kollu;
- J. billi l-Albanija tibqa' alleat ġeopolitiku importanti u sieħeb affidabbli tal-politika estera, fallinjament sħiħ mal-politika estera u ta' sigurtà komuni u mal-isforzi tagħha biex tavvanza l-kooperazzjoni reġjonali u r-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat;
- K. billi l-Albanija ssieħbet fl-isforzi tal-UE biex tappoġġja lill-Ukrajna billi tissanzjona lir-Russja, tallinja ruħha mal-voti tal-Istati Membri tal-UE fl-Assemblea Ġenerali tan-NU u taħdem fil-kapaċità tagħha bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU;
- L. billi l-Albanija għamlet sforzi sostnuti biex tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha għall-iskedar tal-ewwel Konferenza Intergovernattiva, kif diġà affermat fir-rapport tal-Parlament dwar ir-rapport tal-Kummissjoni 2019-2020 dwar l-Albanija, u qed tavvanza fil-proċess ta' adeżjoni tagħha;
- M. billi ċ-ċittadini Albaniżi gawdew minn vjaġġar mingħajr viża lejn iż-żona Schengen minn Diċembru 2010 u setgħu jipparteċipaw fi skambji ta' studenti, akkademiċi u taż-żgħażaġh taħt il-programm Erasmus+ mill-2015 'l hawn;

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

1. Itenni mill-ġdid l-appoġġ ċar tiegħu għat-trasformazzjoni demokratika tal-Albanija, sostnuta mill-orjentazzjoni strateġika tagħha u mill-impenn sod tagħha għall-integrazzjoni Ewropea, flimkien ma' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u kooperazzjoni reġjonali inklużiva; jafferma mill-ġdid il-futur Ewropew tal-Albanija u tar-reġjun kollu tal-Balkani tal-Punent;
2. Jesprimi dispjaċir dwar in-nuqqas li jinfetħu negozjati tal-adeżjoni li ilhom li saru mal-Albanija u mal-Maċedonja ta' Fuq; jenfasizza s-solidarjetà sħiħa u s-simpatiji tiegħu maċ-ċittadini tal-pajjiżi u jqis li dan il-falliment, li jimmina l-attitudni pubblika lejn l-UE, huwa ta' periklu serju għall-politika tat-tkabbir tal-UE kollha kemm hi, u dan jagħmel ħsara lir-reputazzjoni tal-UE bħala sieħeb affidabbli u attur ġeopolitiku serju;
3. Iħeġġeġ lill-Kunsill biex jirrispetta l-kredibbiltà tal-integrazzjoni Ewropea billi jiftaħ minnufih in-negozjati tal-adeżjoni mal-Albanija u mal-Maċedonja ta' Fuq, kif rakkomandat kontinwament mill-Kummissjoni, fid-dawl tal-fatt li ż-żewġ pajjiżi ssodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill Ewropew u jkomplu jiksbu riżultati sostnuti f'oqsma fundamentali; jistieden lill-Istati Membri juru impenn politiku sħiħ favur it-tkabbir u jagħtu impetu kredibbli għall-isforzi ta' riforma f'pajjiżi oħra tat-tkabbir billi jifih n-negozjati tal-adeżjoni mal-Albanija u mal-Maċedonja ta' Fuq;
4. Jirrikonoxxi n-natura trasformattiva tan-negozjati tal-adeżjoni li għandhom jitwettqu skont il-metodoloġija riveduta tat-tkabbir f'kuntest ġeostrateġiku usa', inklużi attivitajiet malizzjużi li jfittxu li jimminaw l-integrazzjoni tal-UE aktar profonda tal-Balkani tal-Punent u l-istabbiltà tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent;
5. Ifakkar li l-adeżjoni finali tal-Albanija mal-UE tiddependi minn riformi deġġiema, profondi u irrversibbli fl-oqsma fundamentali kollha, l-ewwel nett bl-istat tad-dritt u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi; jissottolinja li l-pass tal-adeżjoni abbażi tal-mertu mal-UE għandu jkun iddeterminat mill-progress dwar il-funzjonament xieraq tal-istituzzjonijiet kollha u huwa bbażat fuq l-istat tad-dritt, il-governanza tajba u d-drittijiet fundamentali; iħeġġeġ lill-Albanija ssostni u tintensifika l-isforzi biex issaħħaħ il-funzjonament tal-ġudikatura, issaħħaħ id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-ekonomija, tagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili, tiġġieled il-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, tiżgura l-libertà tal-media u tigarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet tal-minoranzi, inkluża l-komunità LGBTI+; ifakkar li l-pajjiżi kandidati jgħaddu minn trasformazzjonijiet profondi biex jissodisfaw il-kriterji tas-sħubija matul in-negozjati tal-adeżjoni, li jdumu sakemm ikun meħtieġ biex jiġu implimentati r-riformi meħtieġa;

**Istituzzjonijiet demokratiċi, media u soċjetà ċivili**

6. Jafferma mill-ġdid ir-responsabbiltà konġunta tal-forzi politiċi tal-Albanija biex isaħħu l-kooperazzjoni u d-djalogu politiku kostruttiv, li jippermettu l-funzjonament effikaċi tal-istituzzjonijiet demokratiċi tal-pajjiż billi jkomplu jtejbu l-governanza, it-trasparenza u l-pluraliżmu u billi jippermettu l-parteċipazzjoni attiva tas-soċjetà ċivili; jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-klima politika polarizzata u n-nuqqas ta' kooperazzjoni sostenibbli bejn il-partiti li jkomplu jxekklu l-proċess demokratiku; ifakkar fl-importanza li jinbena l-kunsens meħtieġ bejn l-atturi politiċi kollha biex jissaħħu l-kultura parlamentari demokratika tal-Albanija, it-tradizzjoni parlamentari kostruttiva, il-fiduċja u djalogu veru bejn il-partiti; iħeġġeġ l-użu tad-Djalogu Jean Monnet f'dan ir-rigward;
7. Jilqa' l-isforzi kollha li saru biex titnaqqas il-polarizzazzjoni qabel l-elezzjonijiet ġenerali tal-2021, li daħħlu lill-partiti tal-oppożizzjoni lura fil-proċess politiku fil-Parlament; jesprimi dispjaċir dwar il-bidliet mhux kunsenswali tal-kostituzzjoni u tal-liġi elettorali mill-maġġoranza fil-gvern qabel l-elezzjonijiet ġenerali; jistieden lill-partiti politiċi tal-Albanija juru maturità politika fit-trattament ta' kwistjonijiet ta' interess pubbliku u jsaħħu d-demokrazija u l-integrità bejn il-partiti kompetittivi bħala pass importanti lejn il-pluraliżmu u t-trasformazzjoni demokratika;
8. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet elettorali li fadal f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-OSKE/ODIHR u tal-Kummissjoni ta' Venezia fi żmien debitu qabel l-elezzjoni ġenerali li jmiss, billi jkomplu jtejbu l-aċċessibbiltà u l-integrità tal-elezzjonijiet u jiġi evitat ix-xiri tal-voti u l-użu ħażin tar-riżorsi amministrattivi, inkluż permezz tad-diġitalizzazzjoni, it-trasparenza, il-protezzjoni tad-data, l-aċċess ekwu għall-media, kif ukoll il-legalizzazzjoni u r-regoli riveduti dwar il-finanzjament u l-funzjonament tal-partiti politiċi; jinnota li minkejja dawn in-nuqqasijiet

## Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

u l-problemi, l-elezzjonijiet parlamentari tal-2021 kienu ġeneralment organizzati tajjeb u kompetittivi; jesprimi dispjaċir dwar in-nuqqas ta' kundanni finali f'każijiet ta' xiri ta' voti ta' livell għoli; jipproponi li tintbagħat Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE fl-Albanija qabel l-elezzjonijiet parlamentari li jmiss;

9. Jesprimi tħassib dwar retorika inflammativa fit-tul, inkluż minn politiki ta' livell għoli, uffiċjali pubbliċi u personalitajiet pubbliċi oħra, li tagħti spinta lill-kultura ta' intimidazzjoni, kampanji ta' malafama, vjolenza u rvellijiet; ihegġegħ lill-atturi politiki jmxexxu bl-eżempju fl-avvanz tad-djalogu mas-soċjetà u jitlob li jiġu żgurati l-kundanni finali ta' dawk li jattakkaw lill-ġurnalisti;

10. Jenfasizza l-hteġa li jiżdied l-involvement tal-Parlament Albaniż (Kuvendi) fil-proċess ta' integrazzjoni tal-UE biex ikompli javvanza l-kapaċitajiet leġislattivi, ta' sorveljanza u baġitarji tiegħu; ihegġegħ lil Kuvendi javvanza l-progress fuq ir-riformi elettorali u territorjali u jilqa' l-istabbiliment tal-komitati parlamentari rilevanti;

11. Ihegġegħ lill-gvern jaċċellera t-tħejjijiet amministrattivi għan-negozjati tal-adeżjoni li ġejjin u jagħmel l-aħjar użu mill-assistenza u l-għarfien rilevanti pprovduti mill-Istati Membri tal-UE; jisħaq fuq l-importanza li jkun hemm fis-seħħ strutturi governattivi koerenti u effiċjenti biex jiġu kkoordinati b'mod effettiv kwistjonijiet ta' integrazzjoni tal-UE li jinvolvu s-soċjetà ċivili u l-partijiet interessati rilevanti, filwaqt li tiġi żgurata t-trasparenza lejn il-pubbliku ġenerali;

12. Jissottolinja l-hteġa li jittejbu l-koordinazzjoni, l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ bejn is-servizzi tar-riformi relatati mal-UE, li jiġu avvanzati d-deċentralizzazzjoni, il-modernizzazzjoni u d-depolitiċizzazzjoni tas-servizz ċivili madwar il-pajjiż u li jinħolqu kundizzjonijiet li jippermettu t-twettiq taċ-ċensiment tal-popolazzjoni li jmiss f'konformità mal-istandards internazzjonali dwar it-trasparenza u l-kunfidenzjalità, sabiex il-minoranzi nazzjonali kollha jkunu jistgħu jingħaddu b'mod preċiż u mingħajr biża' ta' intimidazzjoni; itenni l-hteġa li tiġi kkonsolidata aktar ir-riforma amministrattiva territorjali bħala parti mill-aġenda usa' ta' deċentralizzazzjoni sabiex tiġi ggarantita l-awtonomija fiskali lokali u tingħata s-setgħa lill-muniċipalitajiet biex jipprovdu servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja;

13. Ifakkar fir-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali u lokali li jtejbu t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-inklużività billi jwettqu konsultazzjonijiet pubbliċi antiċipatorji, sinifikattivi u regolari mal-partijiet ikkonċernati u jsaħħu l-kapaċità tal-Kunsill Nazzjonali għas-Soċjetà Ċivili li jleħħen il-prijoritajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jappella għall-istabbiliment ta' konsultazzjonijiet pubbliċi xierqa u djalogu mal-pubbliku, inklużi ż-żgħażaġh u l-minoranzi, li jkopru, fost l-oħrajn, kwistjonijiet ambjentali u proġetti ta' rikostruzzjoni u urbanizzazzjoni; jissottolinja l-hteġa li tissaħħaħ id-demokrazija parteċipattiva, inkluż billi tiġi adottata liġi tar-referendum ibbilanċjata; ihegġegħ lill-awtoritajiet jiżguraw finanzjament adegwat u l-funzjonament effettiv u imparzjali tal-korpi u l-aġenziji indipendenti u l-implimentazzjoni konsistenti tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom;

14. Isostni mill-ġdid il-hteġa li titrawwem il-kultura ta' responsabbiltà, aċċess mhux partiġġjan għall-informazzjoni pubblika u skrutinju tal-istituzzjonijiet pubbliċi, b'mod partikolari permezz ta' ambjent fiskali u ta' sigurtà abilitanti u kooperazzjoni mal-media u mas-soċjetà ċivili; jappella għal aktar progress tanġibbli fit-titjib tas-sostenibbiltà legali u finanzjarja u l-awto-regolamentazzjoni tas-setturi mhux governattivi u tal-media, inkluża l-media online;

15. Jinnota l-hteġa ta' titjib urġenti dwar il-libertà tal-espressjoni, l-indipendenza tal-media u l-pluraliżmu u huwa mħasseb dwar in-nuqqas ta' progress f'dan il-qasam, peress li l-Albanija waqgħet tmien postijiet fl-"Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa" ta' Reporters mingħajr fruntieri mill-2018 'l hawn;

16. Jitlob li l-awtoritajiet jimplimentaw politika ta' tolleranza żero u jieħdu azzjoni deċiżiva kontra l-emarġinazzjoni u l-intimidazzjoni ta' strumenti tal-media u reporters indipendenti u kontra l-vjolenza kontrihom, billi jieħdu azzjoni kontra kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika, kampanji ta' malafama u pressjoni politika u finanzjarja indiretta li joħonqu serjament il-libertà tal-media, iwasslu għall-awto-ċensura u jimminaw serjament l-isforzi biex jinkixfu l-kriminalità

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

u l-korruzzjoni u jirrapportaw b'mod indipendenti; iħeġġeġ lill-figuri politiċi jwaqqfu l-attakki verbali, il-kampanji ta' malafama u l-atti ta' intimidazzjoni, b'hal kawżi ta' malafama mmirati lejn il-ġurnalisti, li g'ħandhom l-għan li jimminaw jew jiskreditaw l-importanza tal-ġurnaliżmu u l-indipendenza tal-media;

17. Itenni t-talbiet tiegħu biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ġurnalisti billi tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet tax-xogħol u dawk soċjali tal-ġurnalisti Albaniżi, u biex jiġu adottati regolamenti li jsaħħu t-trasparenza dwar is-sjieda tal-media, is-sorsi ta' finanzjament u r-reklamar pubbliku u l-iżvelar pubbliku tagħhom;

18. Ifakkar li kwalunkwe revizzjoni tal-liġijiet dwar il-media minn Kuvendi g'ħandha tkun konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezia u g'ħandha ssir b'mod trasparenti u inklużiv, f'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-media, bil-għan li jittejbu l-libertà tal-media u l-awtoregolamentazzjoni u titnaqqas il-konċentrazzjoni tal-media, l-użu ħażin tagħha, l-interferenza esterna u l-awtoċensura; itenni t-tħassib serju tiegħu dwar il-"pakkett kontra l-malafama" propost preċedentement u jilqa' l-fatt li Kuvendi beda proċess biex jirrieżamina l-liġijiet attwali rigward il-qafas kontra l-malafama;

19. Ifakkar fil-ħtieġa li jissaħħaħ il-ġurnaliżmu investigattiv, l-ivverifikar tal-fatti u l-litteriżmu fil-media b'hal mezz biex jiġu miġġielda d-diskors ta' mibegħda, id-diżinformazzjoni u l-aħbarijiet foloz; iħeġġeġ l-appoġġ għal mekkaniżmu awtoregolatorju għall-media u jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat funzjonament regolatorju imparzjali tal-Awtorità tal-Media Awdjoviżiva; jappella għal riforma tax-xandar tas-servizz pubbliku biex jissaħħu l-indipendenza editorjali u finanzjarja, l-imparzjalità u l-professionaliżmu tiegħu;

20. Jissottolinja li l-Aġenzija għall-Media u l-Infurmazzjoni li għadha kif ġiet stabbilita g'ħandha żżid it-trasparenza u d-deċentralizzazzjoni u bl-ebda mod ma g'ħandha timpedixxi l-aċċess ugwali min-naħa tal-ġurnalisti għall-infurmazzjoni minn sorsi tal-gvern; jistieden lill-gvern itejeb l-aċċess għar-rappurtar u l-iskrutinju tal-ħidma tiegħu permezz ta' mezzi uffiċjali u formali, b'hal konferenzi stampa u intervisti;

21. Jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Kummissjoni jtejbu l-koordinament u jindirizzaw id-diżinformazzjoni u t-theddid ibridu li jippruvaw idgħajfu l-prospettiva tal-UE billi jenfasizzaw b'mod aktar strateġiku r-rilevanza tal-UE għan-nies fil-Balkani tal-Punent;

**Drittijiet fundamentali**

22. Iħeġġeġ lill-korpi rilevanti jipprevjenu b'mod sistematiku u proattiv, jinvestigaw u jressqu għall-prosekuzzjoni malajr u bir-reqqa l-każijiet kollha ta' diskors ta' mibegħda offline u online, reati ta' mibegħda, attakki verbali u fiżiċi u intimidazzjoni, inkluż kontra ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u persuni li jappartjenu għal gruppi vulnerabbli u ta' minoranza, b'hal-LGBTI+ jew il-persuni Rom, biex jiżguraw is-sikurezza u s-sigurtà tagħhom; iħeġġeġ lill-uffiċċju tal-Kummissarju għall-Protezzjoni mid-Diskriminazzjoni jkun aktar proattiv fil-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda diskriminatorju, b'mod partikolari kontra l-persuni LGBTI+, u jiżviluppa għbir ta' data diżaggregata dwar il-kwistjoni; iħeġġeġ lill-gvern jikkunsidra li jiddefinixxi d-diskors ta' mibegħda fil-kodiċi kriminali tiegħu;

23. Jilqa' l-avvanzi fl-isforzi biex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs u jitlob li jsir aktar titjib fl-infurzar tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tal-proprjetà, il-protezzjoni tad-data, id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà u d-drittijiet tal-minoranzi fl-oqsma tal-edukazzjoni, il-lingwi, l-awtoidentifikazzjoni u l-protezzjoni tal-wirt kulturali; jistieden lill-awtoritajiet jiżguraw trattament ugwali għall-minoranzi LGBTI+ u Rom u jindirizzaw id-diskriminazzjoni intersezzjonali li dawn il-gruppi jiffaċċjaw permezz ta' approċċ istituzzjonali sistemiku u effettiv; jilqa' l-adozzjoni tad-digriet dwar l-edukazzjoni tal-minoranzi u jistieden lill-gvern jadotta malajr il-bqija tal-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni relatata mal-liġi qafas tal-2017 dwar il-protezzjoni tal-minoranzi nazzjonali, inkluż fir-rigward tal-awtoidentifikazzjoni u l-użu tal-lingwi minoritarji; iħeġġeġ lill-awtoritajiet jiżguraw aċċess nondiskriminatorju għall-edukazzjoni u jistieden lill-Albanija tiżgura l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-proprjetà u tal-wirt kulturali tal-minoranzi etniċi u nazzjonali kollha u li l-gruppi ta' minoranza jkollhom opportunitajiet indaqs u rappreżentanza adegwata fil-ħajja politika u kulturali, fil-media pubblika, fl-amministrazzjoni u fil-ġudikatura;

## Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

24. Jitlob li jsiru aktar sforzi biex tiġi żgurata u protetta t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabbiltà, li kienu fost l-aktar milquta mill-pandemija tal-COVID-19; jiddeplora l-fatt li matul l-elezzjonijiet ta' April 2021, il-persuni b'diżabbiltà ltaqgħu ma' ostakli biex jivvutaw; jitlob li jsiru aktar sforzi biex tiġi indirizzata l-vjolenza kontra l-persuni b'diżabbiltà, tittejjeb l-aċċessibbiltà ġenerali (inklużi s-servizzi u l-informazzjoni), u jiġu promossi l-impjiegi; jirrimarka li l-kwalità tal-edukazzjoni għat-tfal b'diżabbiltà, speċjalment it-tfal torox, għadha kawża ta' tħassib; jinnota li l-Albanija ma rratifikatx il-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà;

25. Iqis li l-irduppar irrappurtat tal-infezzjonijiet tal-HIV mis-sena l-oħra huwa ta' tħassib kbir; ifakkar li l-istrategġja nazzjonali għall-persuni li jgħixu bl-HIV skadiet fl-2020; jistieden lill-gvern jieħu miżuri xierqa, flimkien mas-soċjetà ċivili, biex jiġi indirizzat l-għadd dejjem jikber ta' infezzjonijiet tal-HIV u jiġi żgurat aċċess għall-kura tas-saħħa għal daww l-aktar vulnerabbli;

26. Ifaħħar l-adozzjoni tal-pjan ta' azzjoni nazzjonali l-ġdid tal-LGBTI+ 2021-2027 u jħeġġeġ l-implimentazzjoni sħiħa u l-ibbaġitjar xieraq tiegħu permezz ta' korp ta' koordinazzjoni u monitoraġġ li jissorveljah; ifakkar fil-ħtieġa li jinqerdu d-diskriminazzjoni, l-aggressjoni u d-diskors ta' mibegħda prevalenti u li jiġu żgurati drittijiet ugwali għall-persuni LGBTI+, speċjalment fir-rigward tal-aċċess għall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, il-ġustizzja, l-impjiegi u l-akkomodazzjoni;

27. Jistieden lill-Albanija timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja billi tavvanza riforma komprensiva tas-settur tal-art permezz ta' konsolidazzjoni trasparenti tar-reġistrazzjoni u l-kumpens tal-proprjetà;

28. Jesprimi tħassib serju dwar rivelazzjonijiet kbar ta' data personali; jistieden lill-awtoritajiet Albaniżi biex itejbu l-prevenzjoni, jiżguraw ir-responsabbiltà għall-użu ħażin tad-data u jħaffu l-allinjament mar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data personali;

29. Jirrikonoxxi l-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul; jistieden lill-awtoritajiet iżidu l-prevenzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-femminiċidju u r-reazzjonijiet għalihom, isaħħu l-appoġġ finanzjarju, għar-riintegrazzjoni u legali għas-superstiti u jżidu l-finanzjament għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi rilevanti tan-nisa; jissottolinja l-ħtieġa li tiġi avvanzata l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' fastidju, vjolenza domestika u vjolenza kontra t-tfal, inkluż permezz ta' żieda fl-għadd ta' uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u mħallfin imħarrġa kif xieraq u sensitivi għall-ġeneru; iħeġġeġ lill-awtoritajiet jieħdu azzjoni kontra l-abbużi sesswali kollha, b'mod partikolari tat-tfal, speċjalment tfal rifuġjati u migranti vulnerabbli hařna u tfal b'diżabbiltà, peress li l-maġġoranza tal-każijiet kollha ta' abbuż sesswali fl-Albanija jitwettqu kontra l-bniet; iħeġġeġ ukoll lill-awtoritajiet isaħħu s-sistema għall-monitoraġġ u l-ġlieda kontra t-tħaddim tat-tfal u forom oħra ta' sfruttament; jinnota li r-rappreżentanza tan-nisa f'uffiċċji pubbliċi teħtieġ aktar titjib;

30. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġi żgurat b'mod effettiv id-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika mingħajr miżuri arbitrari jew diskriminatorji u jinnota l-importanza li jiġu indirizzati allegazzjonijiet ta' mġiba ħażina min-naħa tal-pulizija u jiġi investigat u jitressaq għall-prosekuzzjoni tal-użu sproporzjonat tal-forza; jesprimi appoġġ għall-iskrutinju indipendenti ta' uffiċjali għolja tal-pulizija u jissuġġerixxi li l-Albanija tikkunsidra li tintroduċi kontrolli regolari tal-integrità tal-uffiċjali tal-pulizija; jitlob li jsir progress fir-riforma penitenzjarja biex jittejjeb aktar il-kundizzjonijiet fil-ħabs u t-trattament tal-priġunieri f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattament u Pieni Inumani jew Degradanti; ifakkar fil-ħtieġa li jiġu indirizzati d-delitti tal-era komunista, li jiġi investigat l-għajbien sfurzati, li daww responsabbli jitressqu għall-prosekuzzjoni u li jingħata kumpens lis-superstiti u lill-familji tagħhom;

31. Jilqa' l-impenn li l-Albanija ilha żmien twil tiddedika f'dak li jikkonċerna l-akkoljenza tar-rifuġjati; ifakkar fl-obbligu tal-awtoritajiet li jiżguraw proċess ta' ažiil xieraq u li jindirizzaw il-ħtiġijiet tar-rifuġjati, tal-persuni li jfittxu ažiil u tal-migranti; jistieden lill-UE tagħti spinta lill-appoġġ tagħha għall-assistenza umanitarja u l-ġestjoni tal-migrazzjoni fir-reġjun; jilqa' d-deċiżjoni tal-Albanija dwar l-akkoljenza temporanja ta' ċittadini Afgani u Ukreni li jfittxu rifuġju wara li jtitlqu minn pajjiżhom;

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022****Stat tad-dritt**

32. Jissottolinja li l-istat tad-dritt u r-riformi ġudizzjarji huma s-sinla ta' trasformazzjoni demokratika u jiżguraw iċ-ċertezza tad-dritt, it-trasparenza, l-aċċess għall-ġustizzja u n-nondiskriminazzjoni; ihegġegħ lill-Kummissjoni timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport speċjali 01/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, filwaqt li tiżgura li l-finanzjament tal-UE javvanza l-istat tad-dritt fil-Balkani tal-Punent, inkluż fl-Albanija;

33. Jenfasizza l-obbligu tal-awtoritajiet Albaniżi li jkomplu jeliminaw il-korruzzjoni u l-attivitajiet kriminali mill-oqsma kollha tal-ħajja pubblika, inklużi l-proċeduri ta' akkwist pubbliku u l-finanzjament tal-partiti politiċi; jinnota li l-Albanija naqset b'27 post fl-indiċi dwar il-perċezzjoni tal-korruzzjoni ta' Transparency International għall-2021, mill-2016 'l hawn; jesprimi tħassib dwar is-sorveljanza u l-obbligu ta' rendikont imdgħajfa għall-akkwist pubbliku u l-infiq f'għajjnuna barranija matul il-pandemija u jhegġegħ rimedju rapidu għan-nuqqasijiet;

34. Jilqa' l-progress kostanti fl-implimentazzjoni ta' riforma komprensiva tal-ġustizzja, sostnut mill-qafas leġislativ imsaħħaħ u mill-proċess ta' skrutinju mingħajr preċedent, li komplew jagħtu riżultati tanġibbli; jilqa' l-appoġġ bejn il-partiti li jippermetti d-deċiżjoni ta' Kuvendi li jestendi l-mandat tal-korpi ta' skrutinju sal-31 ta' Diċembru 2024 u jhegġegħ lin-naħat kollha jaċċelleraw it-tlestija tal-proċess ta' skrutinju; jissottolinja l-ħtieġa li jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġu eliminati l-effetti sekondarji tal-iskrutinju, bħal proċedimenti twal, rata baxxa tal-ikklijar u ammont kbir ta' każijiet b'lura; jilqa' l-funzjonalità restawrata tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Qorti Nazzjonali, li għandha ttejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għall-ġustizzja u tħaffef il-proċedimenti ġudizzjarji;

35. Ifakkar fl-importanza kbira li jkomplu jsiru avvanz u konsolidazzjoni tal-kapaċità tas-sistema ġudizzjarja biex tkun tista' ssir bidla irriversibbli lejn istituzzjonijiet ġudizzjarji u ta' governanza responsabbli, indipendenti u funzjonali; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati riżorsi finanzjarji, tekniċi u umani adegwati, kif ukoll l-indipendenza finanzjarja u operattiva tal-istituzzjonijiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi; jilqa' l-progress fit-titjib tal-professjonaliżmu, l-imparzjalità u l-obbligu ta' rendikont tal-ġudikatura, li għandu l-għan li jiżgura l-indipendenza tagħha minn influwenza indebita u jsolvi l-għadd dejjem jikber ta' każijiet pendenti; ifakkar fl-obbligu li tiġi ggarantita operazzjoni effettiva tal-korpi ġudizzjarji awtonomi;

36. Jilqa' l-ħidma tal-Istruttura Speċjalizzata għall-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni u l-Kriminalità Organizzata inklużi l-qrati tagħha huma u jindirizzaw il-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata; jinnota li huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex ikomplu jiżiedu l-qabda u l-konfiska ta' assi kriminali li jirriżultaw minn reati relatati mal-korruzzjoni u biex jiġi żviluppat rekord ta' prestazzjoni f'każijiet ta' livell għoli; jiddeplora l-fatt li l-kundanni f'każijiet li jinvolvu uffiċjali ta' livell għoli għadhom limitati, u dan irawwem kultura ta' impunità;

37. Jilqa' l-adozzjoni ta' 10 liġijiet li għandhom l-għan li jkomplu jsaħħu l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja u jissottolinja l-importanza ta' miżuri addizzjonali bħall-implimentazzjoni tal-mappa ġudizzjarja, sistema integrata ġdida ta' ġestjoni tal-każijiet u sistema ta' edukazzjoni legali msaħħa; jenfasizza li r-riforma tas-sistema tal-qrati skont il-mappa ġudizzjarja l-ġdida għandha tqis l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati u l-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi tal-gruppi vulnerabbli u ttejjeb l-aċċess għall-ġustizzja u l-proċess legali dovut;

38. Jissottolinja l-importanza li tittieħed azzjoni deċiżiva kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu billi jiġi żgurat rekord konsistenti ta' investigazzjoni proattiva, prosekuzzjoni u kundanni finali għall-korruzzjoni ta' livell għoli u l-konfiska ta' assi kriminali; ihegġegħ ir-rimedju rapidu tan-nuqqasijiet fl-indirizzar tal-pjan ta' azzjoni tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja u tar-"rakkomandazzjonijiet Moneyval" u fl-implimentazzjoni sħiħa tal-leġislazzjoni emendata reċentement li tallinja mar-regoli rilevanti tal-UE;

39. Ifakkar fil-potenzjal enormi tad-diġitalizzazzjoni għas-servizz tal-ġustizzja u l-eliminazzjoni tal-attivitajiet kriminali u l-kunflitti ta' interess permezz tal-iżvelar u l-verifika tal-assi u tal-interessi; jistieden lill-gvern jimplimenta miżuri biex inaqas l-informalità, fejn possibbli;



## Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

40. Ihegġegħ lill-Albanija żżomm lura milli tistabbilixxi skema ta' ċittadinanza b'investment, li tista' toħloq riskji serji għas-sigurtà, il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni u l-evażjoni tat-taxxa;
41. Jilqa' l-impenn kostruttiv imġedded tal-Istati Uniti fil-Balkani tal-Punent, inkluża l-konċentrazzjoni tagħhom fuq il-għieda kontra l-korruzzjoni; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-ordni eżekuttiva tal-Istati Uniti li tissanzjona persuni li jikkontribwixxu għas-sitwazzjoni destabilizzanti fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll l-azzjoni tal-Istati Uniti mmirata lejn individwi u entitajiet għal atti sinifikanti tagħhom ta' korruzzjoni; jistieden lill-UE tivvaluta bir-reqqa allinjament possibbli ma' tali azzjonijiet;
42. Jilqa' l-isforzi li għaddejjin li għandhom iwasslu għal titjib sistemiku biex tiġi indirizzata l-kriminalità organizzata, inkluż it-traffikar ta' bnedmin, tad-droga, tal-armi tan-nar u ta' beni kulturali u ta' oġġetti oħra, flimkien maċ-ċiberkriminalità, il-kriminalità vjolenti, l-estremiżmu u t-theddid terroristiku; ifaħħar il-kooperazzjoni bilaterali, reġjonali u internazzjonali li għaddeja dwar iż-żarmar tan-networks tal-kriminalità tranżnazzjonali, inkluż mal-aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-UE, bħall-Europol, l-Eurojust u l-Frontex, u din tkopri l-azzjoni intensifikata kontra l-produzzjoni u t-traffikar organizzat tad-droga, tal-armi illegali u ta' persuni;
43. Jenfasizza li l-Albanija hija l-uniku pajjiż fir-reġjun li ffirmat ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-aġenziji kollha tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-UE u li l-ewwel operazzjoni konġunta sħiħa mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) barra mill-UE ġiet skjerata fil-fruntiera bejn il-Greċja u l-Albanija f'Mejju 2019; ifaħħar il-fatt li l-Albanija ppermettiet il-monitoraġġ tal-arja mis-servizzi tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-UE biex tiġi identifikata l-produzzjoni tan-narkotiċi; jirrakkomanda li l-Albanija taġġorna l-leġiżlazzjoni dwar il-prekursuri tad-droga;
44. Jesprimi tħassib dwar il-prevalenza wiesgħa tal-armi tan-nar fl-Albanija; jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejbu l-proċeduri u l-mekkaniżmi standard biex jiġi miġġieled il-kummerċ illeċitu ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir u li jiżdedu l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tat-traffikar tagħhom;
45. Jissottolinja l-kontribut kruċjali tal-Albanija għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni u l-prevenzjoni tal-kriminalità transfruntiera, li trid tkompli tkun prijorità u trid titwettaq b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali minqax fil-liġijiet u l-prinċipji internazzjonali u reġjonali applikabbli;
46. Jinnota li l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent għadhom rotta ta' tranżitu migratorja u li l-movimenti kbar ta' rifuġjati, persuni li jfittxu ażil u migranti jippreżentaw sfida għar-reġjun u l-Istati Membri tal-UE; jinnota li l-Albanija kompliet tesperjenza għadd dejjem jikber ta' wasliet ta' migranti irregolari li l-biċċa l-kbira tagħhom jgħaddu minnha; jappella għal sforzi msaħħa fil-protezzjoni tal-migranti vulnerabbli, inkluż billi tiġi indirizzata l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni, b'mod partikolari minorenni mhux akkumpanjati; jinnota t-tnaqqis kontinwu ta' applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi minn ċittadini Albaniżi, li għadhom jirrikjedu aktar sforzi mill-awtoritajiet Albaniżi u jinnota l-issodisfar tal-punti ta' riferiment tal-liberalizzazzjoni tal-viża;

**Riformi soċjoekonomiċi**

47. Jenfasizza l-finanzjament tal-UE għall-irkupru sostenibbli wara t-terremoti u wara l-pandemija u jappoġġja l-isforzi kontinwi lejn it-trasformazzjoni demokratika, ekoloġika u diġitali tal-Albanija; jilqa' l-appoġġ tal-UE għar-rikostruzzjoni, inkluż il-bini mill-ġdid ta' skejjet u kindergartens u siti ta' wirt kulturali wara l-Konferenza tad-Donaturi Together4Albania wara t-terremot devastanti ta' Novembru 2019; jissottolinja l-ħtieġa li jiżdedu l-assistenza u l-finanzjament tal-UE għat-titjib tal-istat tad-dritt u jhegġegħ it-tkabbir ekoloġiku sostenibbli, il-bijodiversità, l-innovazzjoni, il-kompetittività, id-drittijiet tal-proprjetà u t-treġġiġħ lura tat-tnaqqis demografiku;
48. Jissottolinja li s-simplifikazzjoni u l-modernizzazzjoni tas-sistema tat-taxxa u l-ġbir imtejjeb tat-taxxi jiffaċilitaw il-ġestjoni tan-nefqa pubblika u d-defiċit fid-dawl taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel;
49. Jisħaq li governanza, trasparenza, ċertezza tad-dritt, inklużjoni u djalogu soċjali mtejjba huma essenzjali biex jiġi stimulat l-investment dirett barrani u ż-żamma ta' ħaddiema tas-sengħa; jappella għal inklużjoni sinifikattiva tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra fid-dibattitu dwar l-azzjonijiet ta' politika;

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

50. Jissottolinja l-importanza li ż-żgħażaġh jingħataw is-setgħa u jilqa' l-ħatra ta' Tirana bħala l-Kapitali Ewropea taż-Żgħażaġħ għall-2022; jisħaq fuq is-sinifikat tal-programm għall-Balkani tal-Punent bħala opportunità biex jitravmu l-valuri tal-integrazzjoni Ewropea u r-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat fost iż-żgħażaġh mill-Ewropa kollha, filwaqt li tiġi promossa d-diversità kulturali u lingwistika;

51. Ihegġegħ lill-awtoritajiet Albaniżi jnaqqsu r-riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali billi jtejbu l-aċċess għas-servizzi soċjali, tal-edukazzjoni u tal-kura tas-saħħa, speċjalment għall-popolazzjonijiet żvantaġġati bħal komunitajiet Rom u Eġizzjani, gruppi minoritarji, persuni b'diżabbiltà u l-foqra; ihegġegħ l-istabbiliment ta' standard minimu ta' għajxien, bħala mezz biex jitnaqqas ir-riskju tal-faqar; jesprimi dispjaċir li l-allokkazzjoni baġitarja tal-2021 għall-edukazzjoni kienet biss ta' 2,7 % tal-PDG tal-Albanija; jappella għal żieda fl-investment fil-modernizzazzjoni tas-sistema edukattiva biex jiġu żgurati l-kwalità u l-inklużività tagħha;

52. Ihegġegħ lill-Albanija żżid l-isforzi mmirati lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa, inkluż billi tipprijoritizza l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u kooperazzjoni akbar mas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tan-nisa; jistieden lil dawk li jfasslu l-liġijiet fl-Albanija jieħdu passi għall-iżgurar ta' rappreżentanza adegwata tan-nisa fil-pożizzjonijiet kollha tat-teħid tad-deċizzjonijiet, u biex jiġu indirizzati aktar in-nuqqas ta' implimentazzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema nisa, l-istereotipizzazzjoni tal-ġeneru, l-iżbilanċ bejn il-ġeneri u d-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi fil-forza tax-xogħol; jilqa', f'dan ir-rigward, l-ewwel kabinett b'maġġoranza nisa tal-gvern attwali; jindika differenzi sinifikanti bejn il-ġeneri fil-parteċipazzjoni tax-xogħol u l-kwalità tiegħu, azzjoni insuffiċjenti dwar il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol, diskriminazzjoni fid-dispożizzjonijiet legali relatati mal-leave tal-maternità u nuqqas ta' kura tat-tfal u ta' kapaċità ta' qabel l-iskola;

53. Jirrikonoxxi l-importanza tal-IPA III u l-Pjan Ekonomiku u ta' Investment għall-Balkani tal-Punent għall-appoġġ tal-proċess ta' riforma, il-konnettività sostenibbli, il-kapital uman, il-kompetittività u t-tkabbir inklużiv, kif ukoll għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali u transfruntiera; jenfasizza li kwalunkwe investment irid ikun konformi mal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u l-miri tad-dekarbonizzazzjoni tal-UE;

54. Ifakkar li l-IPA III jipprevedi kundizzjonalità b'saħħitha u li fiha l-finanzjament irid jiġi modulat jew sospiż fil-każ ta' rigressjoni sinifikanti jew nuqqas persistenti ta' progress fil-qasam tal-"fundamentali", b'mod partikolari fil-qasam tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, inkluża l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, kif ukoll il-libertà tal-media; jisħaq li huwa fl-interess tas-sigurtà tal-UE stess u huwa r-responsabbiltà tagħha li tiggarantixxi li l-fondi tal-UE ma jikkontribwixxux għall-korruzzjoni; jitlob, f'dan il-kuntest, li l-UE u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent isaħħu l-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera u jstabbilixxu qafas għal kooperazzjoni effettiva mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, b'mod partikolari fil-qasam tal-fondi tal-IPA III;

55. Jisħaq fuq il-bżonn li l-viżibbiltà tal-finanzjament tal-UE fl-Albanija u l-komunikazzjoni dwarha jittejjebu; ifakkar, f'dan ir-rigward, fl-appoġġ sostanzjali li l-UE pprovdiet lill-Balkani tal-Punent għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 u biex jitrażżnu l-konsegwenzi ekonomiċi sussegwenti;

**Ambjent, enerġija u trasport**

56. Ihegġegħ ħafna lill-awtoritajiet biex iżidu l-miżuri dwar il-bijodiversità, l-ilma, l-arja, il-protezzjoni tal-klima u l-ġestjoni tal-iskart reġjonali, inkluż permezz ta' valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u strateġiċi komprensivi, konsultazzjonijiet pubbliċi xierqa, proċeduri trasparenti fis-setturi ekosensittivi u prosekuzzjoni rigoruża tar-reati ambjentali;

57. Jilqa' d-deżinjazzjoni tax-xmara Vjosa bħala park naturali<sup>(8)</sup>, filwaqt li jhegġegħ lill-awtoritajiet Albaniżi jstabbilixxu l-Park Nazzjonali ta' Vjosa<sup>(9)</sup> malajr kemm jista' jkun u tiġi koperta x-xmara kollha, inklużi t-tributarji tagħha li jgħaddu b'mod ħieles;

<sup>(8)</sup> Deżinjati bħala kategorija IV: Iż-Żona ta' Ġestjoni tal-Habitat/tal-Ispesċijiet mill-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura u tar-Riżorsi Naturali (IUCN).

<sup>(9)</sup> Kategorija II tal-IUCN: Park Nazzjonali.

## Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

58. Jesprimi tħassib dwar ir-reviżjoni tal-mappa tan-network taż-żoni protetti, li ma għandhiex tikkontribwixxi għad-degradazzjoni ambjentali fiż-żoni kostali u mistagħdra tal-Albanija li huma rikki fil-bijodiversità;

59. Jistieden lill-awtoritajiet jipprijoritizzaw il-monitoraġġ u r-rappurtar annwali tat-tniġġis tal-arja, it-tniġġis akustiku u l-kwalità tal-ilma tal-wiċċ; jinnota l-ħtieġa li l-popolazzjoni tiġi infurmata regolament dwar l-istatus tat-tniġġis ambjentali;

60. Jappella għal reviżjoni tal-istrateġija nazzjonali dwar il-ġestjoni tal-iskart għall-2018-2035 li tiffoka mill-ġdid fuq l-aktar metodi sofistikati għar-riċiklaġġ f'konformità mal-istandards tal-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa li tintuża teknoloġija moderna ta' filtrazzjoni għall-impjanti ta' inċinerazzjoni sakemm tkun stabbilita strateġija sħiħa ta' riċiklaġġ sabiex jitnaqqsu l-perikli għas-saħħa u għall-ambjent;

61. Jappella għal aktar sforzi fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, inkluż billi tiġi stabbilita sistema soda għal konsultazzjonijiet ma' diversi gruppi ta' interess fiż-żoni rurali; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żviluppata agrikoltura moderna, ekoloġika, li ma tagħmilx ħsara lill-klima fuq skala żgħira u medja li tiżgura l-għajxien tal-bdiewa u l-protezzjoni tar-riżorsi naturali tal-Albanija kif ukoll tal-bijodiversità;

62. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Albaniżi javvanzaw fl-implimentazzjoni tal-aġenda ekoloġika għall-Balkani tal-Punent, li tirrifletti l-prijoritajiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u d-Dikjarazzjoni ta' Brdo, adottata fis-Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent fi Brdo pri Kranju fis-6 ta' Ottubru 2021;

63. Ifakkar fil-fatt li huma meħtieġa sforzi sostanzjali biex jiġu infurzati l-għanijiet relatati mal-effiċjenza, is-sigurtà, id-diversifikazzjoni u l-ekoloġizzazzjoni tal-provvista u t-trasport tal-enerġija permezz tal-implimentazzjoni tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima<sup>(10)</sup>, tal-iżvilupp ta' strumenti tal-ipprezzar tal-karbonju u tal-indirizzar tal-faqar enerġetiku; ifakkar fil-ħtieġa li tiżdied is-sostenibbiltà ambjentali tal-enerġija idroelettrika, jiġi minimizzat l-impatt negattiv tagħha u jitwaqqaf l-iżvilupp tagħha f'żoni protetti;

64. Jilqa' t-tnedija tal-pakkett ta' investiment ta' EUR 3,2 biljun taħt il-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment tal-UE għall-Balkani tal-Punent u jenfasizza r-rwol trasformattiv ta' dawn l-investimenti; jinnota b'sodisfazzjon li wieħed mill-proġetti ffinanzjati se jkun l-ewwel impjant tal-enerġija solari li jżomm f'wiċċ l-ilma fl-Albanija fil-ġibjun ta' Vau i Dejës; jafferma mill-ġdid ir-rwol tal-link ferrovjarju futur Tirana-Podgorica, l-interkonnettur tal-elettriku Elbasan-Bitola u l-pipeline tal-gass Fier-Vlora fit-tisħiħ tal-konnettività reġjonali u trans-Ewropea; jilqa' l-bidu tal-ħidma fuq l-interkonnettur tas-sistemi ta' trażmissjoni tal-enerġija tal-Maċedonja ta' Fuq u tal-Albanija; ifakkar li l-proġetti infrastrutturali, inkluż fil-port ta' Durrës, iridu jikkonformaw mal-istandards tal-UE dwar l-akkwist pubbliku li jinsabu fil-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni;

65. Jilqa' t-tneħħija tat-tariffi tar-roaming bejn is-sitt stati tal-Balkani tal-Punent; iħeġġeġ lill-partijiet rilevanti kollha jinneogzjaw pjan li jwassal għall-eliminazzjoni eventwali tat-tariffi tar-roaming bejn l-Albanija u l-Istati Membri tal-UE;

### **Politika estera u ta' sigurtà**

66. Jilqa' l-fatt li l-Albanija tibqa' sieħeb ta' politika esterna affidabbli u impenjat, li jallinja bis-sħiħ mal-politika estera, ta' sigurtà u difiża tal-UE, u jikkontribwixxi b'mod attiv għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet;

67. Ifaħħar ir-reazzjoni qawwija u l-allinjament rapidu tal-Albanija mal-UE fis-sanzjonar tal-Federazzjoni Russa u t-tmexxija politika tagħha għall-aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, inkluża l-projbizzjoni fuq id-dħul fl-isparzu tal-ajru tagħha; jilqa' l-allinjament komplut kontinwu tagħha mal-miżuri restrittivi tal-UE;

<sup>(10)</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

68. Jenfasizza l-kontribut kruċjali tal-Albanija, bħala membru tan-NATO, għall-protezzjoni tal-fruntiera esterna tal-UE u jistieden lill-UE tintensifika l-appoġġ tagħha għas-sigurtà tal-fruntiera fir-reġjun;

69. Ifaħħar l-impenn tal-pajjiż għas-solidarjetà u l-multilateraliżmu, fosthom permezz tas-sħubija tiegħu fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fl-2022-2023;

70. Jistieden lill-UE tivvaluta b'mod kritiku l-implikazzjonijiet għas-sigurtà storikament importanti għall-istabbiltà u l-unità fil-kontinent Ewropew u fil-Balkani tal-Punent fil-kuntest tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna; iħeġġeġ lill-Istati Membri juru l-unità Ewropea billi uffiċjalment jibdew negozjati ta' adeżjoni mal-Maċedonja ta' Fuq u mal-Albanija, filwaqt li jqisu kemm l-implikazzjonijiet ġeopolitiċi kif ukoll l-issodisfar tal-kriterji uffiċjali;

71. Ifakkar li atturi barranin malizzjużi għandhom it-tendenza li jisfruttaw it-tensjonijiet etniċi fil-Balkani tal-Punent, inkluż fl-Albanija, inkluż billi jittestjaw manipulazzjoni tal-informazzjoni u tekniki tal-gwerra ibrida mmirati biex jimminaw l-UE; jirrakkomanda li l-UE u l-Albanija jkomplu jskambjaw l-aħjar prattiki u jikkoordinaw azzjonijiet rigward l-interferenza barranija u d-diżinformazzjoni; jissottolinja l-hteġa li l-UE u l-Istati Uniti jsaħħu s-sħubija u l-koordinazzjoni tagħhom fil-Balkani tal-Punent;

72. Jistieden lill-Gvern Albaniż ikompli jippromwovi relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u jsaħħaħ l-integrazzjoni reġjonali inklużiva li tistabbilixxi kooperazzjoni ugwali fost is-sitt pajjiżi kollha, filwaqt li jkompli jsaħħaħ l-allinjament mal-istandards u l-acquis tal-UE billi jimplimenta u jiżviluppa s-Suq Reġjonali Komuni, u b'hekk jibni fuq il-kisbiet taż-Żona Ekonomika Reġjonali fit-tisħiħ tal-konnettività u l-integrazzjoni reġjonali; jilqa' l-adozzjoni min-naħa tal-Albanija ta' protokoll addizzjonali għall-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali;

o

o o

73. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika tal-Albanija.

Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022

P9\_TA(2022)0215

**Il-prosekuzzjoni tal-oppożizzjoni u d-detenzjoni ta' mexxejja tat-trade unions fil-Belarussja****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-prosekuzzjoni tal-oppożizzjoni u d-detenzjoni ta' mexxejja tat-trade unions fil-Belarussja (2022/2664(RSP))**

(2022/C 479/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Belarussja,
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21 sat-22 ta' Ottubru 2021,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet riċenti mill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar il-Belarussja, b'mod partikolari dawk tal-10 ta' Novembru 2021 dwar is-sitwazzjoni fil-fruntiera tal-Unjoni Ewropea u tat-28 ta' Frar 2022 dwar ir-referendum kostituzzjonali,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tal-4 ta' Marzu 2022 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarussja fil-perjodu ta' qabel l-elezzjoni presidenzjali tal-2020 u wara dan,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-konvenzjonijiet kollha dwar id-drittijiet tal-bniedem li l-Belarussja hija parti għalihom,
  - wara li kkunsidra l-preambolu tal-Kostituzzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-ħtieġa għar-rikonoxximent tal-prinċipju tal-libertà ta' assoċjazzjoni, il-Konvenzjoni tal-ILO dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni, u l-Konvenzjoni tal-ILO dwar id-Dritt ta' Organizzazzjoni u tal-Innegozjar Kollettiv,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 36 u 41 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Belarussja fir-rigward tal-libertà ta' assoċjazzjoni u d-dritt li jiġu fformati trade unions,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-Kelliem tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) tad-29 ta' April 2022 dwar miżuri ripressivi ġodda fil-Belarussja li jwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni għall-użu tal-piena kapitali,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-4 ta' Mejju 2021 ta' Anaïs Marin, Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarussja, lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-G7 tal-14 ta' Mejju 2022 dwar il-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi r-reġim ta' Lukashenka fil-Belarussja qed jippermetti direttament l-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna, fost l-oħrajn, billi jippermetti lir-Russja tattakka lill-Ukrajna, inkluż permezz tal-isparar ta' missili ballistiċi mit-territorju tal-Belarussja, billi jippermetti l-istazzjonar u t-trasport ta' persunal militari Russu, il-ħżin u t-trasport ta' tagħmir militari u armi, inklużi armi tqal, billi jippermetti lill-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru tal-Belarussja lejn l-Ukrajna u billi jipprovdni punti ta' riforniment tal-fjuwil;
- B. billi fis-27 ta' Frar 2022, il-Belarussja organizzat l-hekk imsejjaħ referendum f'atmosfera ta' repressjoni li approva kostituzzjoni ġdida li ddgħajef in-newtralità tagħha, u b'hekk hija rrinunzjat għall-istatus mhux nukleari tagħha u tat immunità tul il-ħajja mill-prosekuzzjoni lill-president ladarba jitlaq mill-kariga;

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

- C. billi fit-2 ta' Diċembru 2021, il-Kunsill adotta l-ħames pakkett ta' sanzjonijiet kontra l-Belarusja minħabba l-abbużi kontinwi tad-drittijiet tal-bniedem u l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti.
- D. billi l-UE adottat għadd ta' miżuri diversi fl-2022 b'reazzjoni għall-involvement tal-Belarusja fil-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata, mhux ġustifikata u illegali tar-Russja kontra l-Ukraina, inklużi sanzjonijiet individwali u ekonomiċi;
- E. billi l-Istati Membri ġirien, il-Polonja, il-Latvja u l-Litwanja huma soġġetti għal forma ta' gwerra ibrida minħabba l-qsim illegali sponsorjat mill-Istat tal-Belarusja fil-fruntieri esterni tal-UE, li għandu l-għan li jkompli jintimida u jiddestabilizza l-UE;
- F. billi fl-4 ta' Mejju 2022, il-Kunsill tar-Repubblika approva emenda għall-Artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali, li tintroduċi l-piena tal-mewt għal "tentattivi ta' atti ta' terroriżmu", att li jmur kontra t-tendenza globali fejn il-piena tal-mewt qed tiġi abbandunata, filwaqt li aktar minn 30 prigionier politiku ġew akkużati jew ikkundannati għal sentenzi twal ta' ħabs fl-ambitu tal-istess dispożizzjoni tal-Kodiċi Kriminali u rappreżentanti oħra tal-oppożizzjoni demokratika jew attivisti politiċi qed jiġu mfittxija fuq akkużi ta' "terroriżmu"; billi l-Belarusja hija l-uniku pajjiż fl-Ewropa li għadu japplika l-piena kapitali;
- G. billi l-awtoritajiet Belarussi għalqu tal-inqas 275 organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili u tad-drittijiet tal-bniedem u mblukkaw diversi stazzjonijiet tal-media indipendenti fuq ir-rappurtar tal-gwerra, u dan fuq il-bażi tat-tixrid ta' "materjali estremisti" u "informazzjoni falza"; billi fil-5 ta' April 2022, il-Prosekutur Ġenerali tal-Belarusja ħabbar li s-sit web tal-Human Rights Watch kien ġie mblukkat; billi Aliksandr Lukashenka espanda l-kampanja tiegħu kontra attivisti favur id-drittijiet tal-bniedem u ġurnalisti billi baġat il-ħabs lil Andrzej Poczobut, ġurnalista prominenti u attivista li jagħmel parti mill-minoranza Pollakka li safa vittima ta' kampanja ta' propaganda bbażata fuq narrattivi storiċi foloz; billi aktar minn 60 rappreżentant tal-media jinsabu taħt prosekuzzjoni kriminali; billi 26 huma f'ċella;
- H. billi fis-6 ta' Lulju 2021, il-kandidat presidenzjali Viktor Babaryka ġie kkundannat għal 14-il sena ħabs u l-kap tal-kampanja presidenzjali tiegħu u r-rebbieħ tal-Premju Sakharov tal-Parlament Ewropew għall-2020 għal-Libertà tal-Ħsieb, Maryia Kalesnikava, u l-avukat tagħha Maksim Znak ġew ikkundannati għal 11-il sena u għal 10 snin ħabs rispettivament;
- I. billi fl-14 ta' Diċembru 2021, l-individwi ewlenin tal-oppożizzjoni tal-Belarusja Siarhei Tsikhanouski u Mikola Statkevich, ir-rebbieħa tal-Premju Sakharov tal-Parlament Ewropew għall-2020 għal-Libertà tal-Ħsieb, u Ihar Losik, Artsyom Sakau, Uladzimir Tsyhanovich u Dzmitry Papou ngħataw sentenzi twal ta' ħabs abbażi ta' akkużi foloz ta' tentattivi ta' ħtif tal-poter, inċitament ta' mibegħda u nkwieta soċjali, u estremiżmu; billi Siarhei Tsikhanouski, li ġie arrestat f'Mejju 2020 wara li ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jikkontesta għall-presidenza kontra dak li ilu dittatur tal-Belarusja għal żmien twil, Aliksandr Lukashenka, u li ilu miżmum arrestat minn dak iż-żmien, ġie kkundannat għal 18-il sena ħabs; billi Mikola Statkevich, politiku veteran li jmessi il-partit politiku mhux irregiſtrat Narodnaya Hramada u li kkontesta l-elezzjoni presidenzjali tal-2010, ġie kkundannat għal 14-il sena ħabs, u Ihar Losik, Artsyom Sakau, Uladzimir Tsyhanovich u Dzmitry Papou ġew mogħtija sentenzi ta' 15, 16, 15 u 16-il sena rispettivament fuq akkużi foloz simili;
- J. billi t-trade unions għandhom rwol fundamentali fl-iżgurar tal-funzjonament xieraq tad-demokrazzja, tar-rappreżentanza taċ-ċittadini u tal-ħaddiema, u tad-difiża tad-drittijiet tagħhom;
- K. billi mill-inqas 18-il mexxej ta' trade unions u rappreżentanti tal-moviment indipendenti tat-trade unions tal-Belarusja ġew arrestati fid-19 ta' April 2022 u mixlija skont l-Artikolu 342 tal-Kodiċi Kriminali bl-organizzazzjoni u bit-tħejjija ta' azzjonijiet li jiksru l-ordni pubbliku b'mod gravi jew bil-parteċipazzjoni attiva ftali azzjonijiet, b'hekk wasslu jew għall-arrest, għaċ-ċaħda tal-libertà għal sentejn sa ħames snin jew għal prigionerija sa erba' snin; billi daww arrestati jinkludu Aliksandr Yaroshuk, President tal-Kungress Belarussu tat-Trade Unions Demokratiċi (BKDP), li huwa wkoll Viċi President tal-Konfederazzjoni Internazzjonali tat-Trade Unions u membru tal-Korp Governattiv tal-ILO, Siarhei Antusevich, Viċi President tal-BKDP, Aleh Padalinski, Segretarju Internazzjoni tal-BKDP, Alena Yaskova, avukat tal-BKDP, u Mikola Sharakh, President tal-Unjoni tal-Kummerċ Ħieles Belarussa;

## Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022

- L. billi f'dawn l-aħħar xahrejn, l-attakki fuq l-attivisti u l-mexxejja tat-trade unions intensifikaw, primarjament b'rabta mal-fatt li ħafna minnhom irreżistew l-appoġġ tal-Belarussja għall-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, kif ukoll l-appoġġ fit-tul tagħhom għad-demokrazija u l-oppożizzjoni għar-reġim ta' Lukashenka; billi l-aktar attakk reċenti fuq il-moviment indipendenti tat-trade unions seħħ fid-19 ta' April 2022; billi saru tfittxijiet fl-uffiċċju tal-BKDP u fl-uffiċċji tal-affiljati tiegħu, it-Trade Union Libera Belarussa, it-Trade Union Libera ta' Dawk Li Jaħdmu l-Metall u t-Trade Union Belarussa tal-Ħaddiema tar-Radju u tal-Industrija Elettronika (REP) f'Minsk u fir-reġjuni tal-madwar, kif ukoll fid-djar privati tal-mexxejja u tal-attivisti tat-trade unions;
- M. billi fis-17 ta' Mejju 2022, Maksim Pazniakou ġie arrestat mill-awtoritajiet tal-Istat tal-Belarussja; billi, fit-13 ta' Mejju 2022, il-Kunsill tar-rappreżentanti tal-BKDP kien eleggà lil Maksim Pazniakou (President tat-Trade Unions Indipendenti tal-Belarussja tal-Minaturi u l-Ħaddiema fl-Industrija tal-Kimika) bħala Viċi President tal-BKDP, li tagħmlu aġent president tal-BKDP skont l-istatut; billi fit-13 ta' Mejju 2022 il-Kunsill tal-BKDP abbozza dikjarazzjoni pubblika biex għal darb' oħra jikkundanna l-arresti tal-comrades tagħhom u ħabbar li kienu se jkomplu l-ħidma tal-BKDP minkejja dawn l-arresti, f'dikjarazzjoni ffirmata minn Maksim Pazniakou u ppubblikata fis-16 ta' Mejju 2022;
- N. billi l-persekuzzjoni tat-trade unions indipendenti u tal-mexxejja tat-trade unions reċentement kienet ta' natura sistemika, u hija eżempju tal-kampanja kontra t-trade unions li għaddejja bħalissa fil-Belarussja, kif enfasizza wkoll il-Parlament fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2021;
- O. billi bosta membri ta' trade unions għadhom taħt arrest, fosthom il-President u l-Viċi President tal-BKDP, il-konfederazzjoni ewlenija tat-trade unions indipendenti, u għandhom protezzjoni legali limitata u ma għandhom l-ebda aċċess, għall-qraba jew għall-kollegi tagħhom tat-trade unions; billi l-individwi detenuti ma jistgħux jaraw lill-familji tagħhom jew lill-kollegi tagħhom tat-trade unions, u s-sigurtà, is-saħħa u l-benesseri psikoloġiku tagħhom jibqgħu sors ta' tħassib kbir;
- P. billi l-moviment tat-trade unions indipendenti fil-Belarussja ilu taħt attakk serju għal ħafna snin; billi l-bini tal-unions jinsab taħt sorveljanza, l-attivisti tad-drittijiet tal-ħaddiema huma soġġetti għal intimidazzjoni, sensji u arresti illegali, u l-membri tal-unions qed jiġu intimidati bl-iskop li jirriżenjaw; filwaqt li sar tiftix fid-djar privati tal-mexxejja u l-membri u ċerti unions reċentement issemew mill-KGB (Komitet Gosudarstvennoy Bezopasnosti — il-Kumitat għas-Sigurtà tal-Istat tal-Belarussja) bħala "gruppi estremisti", inkluż ir-REP fis-7 ta' April 2022;
- Q. billi l-awtoritajiet Belarussi rrevokaw l-istatus legali tal-organizzazzjonijiet tal-Trade Unions Indipendenti tal-Belarussja (membru tal-BKDP) fir-raffineriji taż-żejt ta' Grodno Azot, Naftan u Mozyr, u b'hekk komplew jipprivaw il-ħaddiema mir-rappreżentazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tagħhom; billi l-President tat-Trade Union indipendenti fir-raffinerija taż-żejt OJSC Naftan, Olga Britikova, ġiet ikkundannata għall-ħames darba konsekuttiva;
- R. billi l-moviment indipendenti tat-trade unions tal-Belarussja kien fuq quddiem nett fil-ġlieda għad-demokrazija u d-djalogu fil-Belarussja għal żmien twil; billi d-detenzjoni tal-mexxejja tat-trade unions se jkollha impatt fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet tat-trade unions fil-Belarussja u effett dissważiv fuq il-ħaddiema;
- S. billi r-reġim f'Minsk kontinwament jixli liċ-ċittadini għal raġunijiet politiċi, inkluż għal protesti kontra l-gwerra, u billi protestanti paċifiċi għadhom jiġu arrestati, u huma imposti detenzjonijiet arbitrarji għall-wiri ta' simboli bojod-ħomor-bojod, inkluż fi djar u territorji privati; billi minn Mejju 2022, madwar 1 200 persuna fil-Belarussja huma meqjusin bħala priġunieri politiċi, skont iċ-Ċentru tad-Drittijiet tal-Bniedem Viasna; billi minn Awwissu 2020 'il hawn aktar minn 40 000 ruħ inżammu f'detenzjoni u u tressqu aktar minn 5 500 akkuża kriminali fil-konfront taċ-ċittadini Belarussi, filwaqt li lanqas kawża waħda ma nfetħet kontra l-persuni responsabbli mill-ksur sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem, jew li kienu kompliċi fih;

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

- T. billi l-prosekuzzjoni kriminali hija forma severa ta' repressjoni u għadha indiskriminata u mifruxa fil-Belarusja; billi l-ġudikatura saret strument effettiv għas-soppressjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet fil-Belarusja, u l-imħallfin huma involuti b'mod attiv fir-repressjoni; billi l-evidenza infondata ma ssirlihiex evalwazzjoni kritika oġġettiva, il-leġiżlazzjoni mhux demokratika hija applikata bl-għama u l-akkużati jiġu kkundannati b'mod selettiv għall-iktar piena ħarxa possibbli; billi l-impunità mifruxa għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem tipperpetwa s-sitwazzjoni ddisprata tal-poplu Belarussu;
- U. billi l-eżami mill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem sab li individwi kienu qed jiġu mmirati u soġġetti għal tendenza konsistenti ta' użu mhux meħtieġ jew sproporzjonat tal-forza, arresti, detenzjoni – inklużi d-detenzjoni fiżolament – it-it-tortura jew trattament ħażin, l-abbuż sesswali u l-vjolenza sesswali u bbażata fuq il-ġeneru, u ċ-ċaħda sistematika għal proċess ġust u għal drittijiet għal proċess ġust; billi eluf ta' Belarussi ġew imġiegħla jew saritilhom pressjoni biex jitolqu minn pajjiżhom u jsibu rifuġju barra l-pajjiż;
- V. billi fis-6 ta' Mejju 2022, qorti Belarussa kkundannat lil Sofia Sapega, studenta tal-Università Ewropea tal-Istudji Umanistiċi u ċittadina Russa, li ġiet detenuta wara li s-sena l-oħra t-titjira kummerċjali tagħha bejn żewġt ibliet kapitali tal-UE ġiet sfurzata tinżel fil-Belarusja, għal sitt snin ħabs talli inċitat il-mibegħda soċjali;
- W. billi l-Belarusja bdiet it-tħaddim kummerċjali tal-impjant tal-enerġija nukleari (NPP) Belarussu f'Astravyets mingħajr ma indirizzat ir-rakkomandazzjonijiet kollha dwar is-sikurezza inklużi fir-rapport tal-UE dwar is-simulazzjoni ta' kriżi tal-2018; billi n-naħa tal-Belarusja mhijiex trasparenti u ma tippovdix informazzjoni affidabbli dwar l-avvenimenti fis-sit tal-NPP, u dan jikkonferma mill-ġdid li l-NPP tal-Belarusja mhux sikur u huwa ta' theddida serja għas-sikurezza nukleari għall-poplu tal-Belarusja, għall-pajjiżi ġirien u għall-Ewropa kollha;
1. Jafferma mill-ġdid is-solidarjetà tiegħu mal-poplu tal-Belarusja, li għadu jissielet għal Belarussja sovrana, ħielsa u demokratika u li qed jirriskja l-libertà u, aktar u aktar ta' spiss, il-ħajja, u jappella b'mod urġenti għall-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tal-priġunieri politiċi kollha u tal-persuni kollha detenuti, arrestati jew ikkundannati b'mod arbitrarju għal raġunijiet politikament motivati, u għat-tneħħija tal-akkużi kollha kontrihiom, kif ukoll għar-riabilitazzjoni sħiħa tagħhom u kumpens finanzjarju għad-danni li ġarrbu minħabba d-detenzjoni illeġittima tagħhom; jitlob li tintemm il-vjolenza Statali;
  2. Jikkundanna r-repressjoni sistematika tar-reġim ta' Lukashenka fuq il-popolazzjoni ċivili, li minn mindu ġew misruqa l-elezzjonijiet tad-9 ta' Awwissu 2020 ġiegħlet lil eluf ta' Belarussi jaħarbu mill-pajjiż. itenni li l-kampanja ta' repressjoni sistematika li għaddeja bħalissa u l-ispostament furzat taċ-ċittadini jikkostitwixxu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem;
  3. Jitlob l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti ġodda taħt osservazzjoni internazzjonali mill-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE); ifakkar li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ma rrikonoxxewx ir-riżultati tal-elezzjoni presidenzjali tal-2020 minħabba falsifikazzjoni u fabbrikazzjoni fuq skala massiva u ma jirrikonoxxux lil Aliksandr Lukashenka bħala l-President tal-Belarusja;
  4. Ifakkar lill-Belarusja dwar l-obbligi tagħha fid-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati l-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u ġudikatura indipendenti li tiffunzjona fil-Belarusja; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Belarussi jikkooperaw bis-sħiħ mal-korpi internazzjonali rilevanti bħall-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-OSKE u l-ILO, fosthom billi jagħtu aċċess mingħajr xkiel u jimplimentaw rakkomandazzjonijiet, u jirrispettaw l-obbligi tagħhom fid-dritt nazzjonali u internazzjonali; jinsisti fuq il-ħtieġa li jitwaqqfu r-ripressjoni, il-persekuzzjoni, it-trattament ħażin, il-vjolenza sesswali u bbażata fuq il-ġeneru, l-għajbien sfurzati u t-tortura kollha; jitlob li tintemm id-diskriminazzjoni fil-konfront tan-nisa u l-gruppi vulnerabbli, inklużi l-persuni b'diżabilità u l-persuni LGBTIQ;



## Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022

5. Jiddenunzja l-fatt li l-proċessi motivati politikament isiru bil-bibien magħluqa u mingħajr proċess xieraq tal-liġi, u b'hekk jinkisru l-obbligi u l-impenji internazzjonali tal-pajjiż, u dan jirriżulta f'sentenzi ħorox u mhux ġustifikati mogħtija lill-mexxejja tal-oppożizzjoni, b'mod partikolari lil Sjarhei Tsikhanouski, Mikola Statkevich, Viktor Babaryka, Maryia Kalesnikava, Maksim Znak, Ihar Losik, Artsyom Sakau, Uladzimir Tsyhanovich u Dzmitry Papou; jinnota l-kundizzjonijiet inumani fil-faċilitajiet ta' detenzjoni Belarussi, inkluż l-abbuż fiżiku u psikoloġiku, u ċelel iffollati u mhux iġjeniċi;
6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ u protezzjoni lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lis-soċjetà ċivili fil-Belarussja, li se jiffaċċjaw repressjoni severa, inkluż billi joħorġu viżi ta' emerġenza biex jitilqu mill-Belarussja jekk ikun meħtieġ;
7. Jistieden lill-awtoritajiet Belarussi jirrilaxxaw immedjatament u mingħajr kundizzjonijiet lill-mexxejja u lir-rappreżentanti kollha tat-trade unions li ġew detenuti u jwaqqgħu l-akkużi kollha kontrihom; jitlob it-tmiem tal-intimidazzjoni ta' mexxejja u attivisti ta' trade unions indipendenti u t-tfixkil tal-funzjonament tat-trade unions indipendenti fil-Belarussja; jinsisti li l-awtoritajiet Belarussi jeħtiġilhom ineħħu x-xkiel kollu, kemm ta' natura legali kif ukoll ta' natura Prattika, għall-organizzazzjoni ta' trade unions indipendenti u għall-parteċipazzjoni fihom; jistieden lill-awtoritajiet Belarussi biex il-legalizzazzjoni tal-pajjiż jagħmluha konformi mal-impenji internazzjonali tal-pajjiż dwar il-liġi tax-xogħol, mal-konklużjonijiet rilevanti tal-Kumitat tal-Esperti tal-ILO għall-Applikazzjoni tal-Konvenzjonijiet u tal-Kumitat tal-ILO għal-Libertà ta' Assoċjazzjoni, u biex jikkoperaw mal-ILO dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Inkješta bis-sħiħ u mingħajr dewmien;
8. Jikkundanna l-arrest u d-detenzjoni reċenti tal-mexxejja u tar-rappreżentanti tat-trade unions mill-awtoritajiet Belarussi, kif ukoll l-attakk li dan jirrappreżenta kemm fuq id-drittijiet tal-bniedem kif ukoll fuq id-drittijiet fundamentali stabbiliti f'konvenzjonijiet internazzjonali, inklużi dawk tal-ILO relatati mad-dritt tal-ħaddiema li jorganizzaw ruħhom u li jeħdu sehem f'azzjoni pubblika;
9. Jistieden lill-awtoritajiet Belarussi jiprovdu informazzjoni ċara dwar fejn jinsabu u dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa tad-detenuti arrestati għal raġunijiet politiċi, biex lil dawn jeħilsu hom minnufih u biex jiżguraw l-aċċess tagħhom għal ġustizzja indipendenti;
10. Itenni li d-dritt ta' dimostrazzjoni u ta' strajk huwa dritt fundamentali, u jistieden lill-Belarussja tneħħi r-restrizzjonijiet kollha fil-liġi u fil-prattika li jimpedixxu dawn il-libertajiet, u terġa' tistabbilixxi minnufih l-istatus legali tat-trade unions indipendenti li dan l-aħħar ġew imċaħħda minn tali status f'diversi kumpaniji, inkluż fir-raffineriji taż-żejt ta' Grodno Azot, Naftan u Mozyr, u tirtira l-klassifikazzjoni tal-REP bħala organizzazzjoni estremista;
11. Jinkoraġġixxi lit-trade unions fl-Istati Membri kollha biex ikomplu jtejbu l-kuntatti mal-kontropartijiet Belarussi tagħhom, biex jiskambjaw informazzjoni dwar l-iżvilupp tas-sitwazzjoni tal-attivisti tat-trade unions fil-Belarussja u dwar ir-repressjoni mir-reġim li huma jiffaċċjaw, biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni u jipprovduhom b'appoġġ materjali u psikoloġiku;
12. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħa l-appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet għat-trade unions indipendenti tal-Belarussja, għall-media ħielsa, għas-soċjetà ċivili, u għall-attivisti favur id-demokrazzja kemm fil-Belarussja kif ukoll fl-eżilju;
13. Jenfasizza li l-azzjonijiet tal-awtoritajiet Belarussi kontra t-trade unions indipendenti jirrappreżentaw ksur tal-legalizzazzjoni nazzjonali tal-pajjiż u tal-obbligi internazzjonali tiegħu; jistieden lill-ILO tissospendi s-sħubija tat-trade unions Belarussi li huma favur il-gvern, peress li la jirrappreżentaw il-vuċi indipendenti tal-ħaddiema, u lanqas jipproteġu d-drittijiet tagħhom;
14. Jissottolinja r-rwol importanti ta' koordinazzjoni li għandu l-BKDP biex jirrappreżenta membri ta' trade unions Belarussi indipendenti f'istituzzjonijiet nazzjonali u internazzjonali, u jistieden lill-awtoritajiet Belarussi jtemmu r-repressjoni tagħhom u jibnu relazzjoni ta' ħidma ma' trade unions demokratiċi u indipendenti bbażata fuq id-djalogu soċjali, bħala mod kif jinbena djalogu bejn l-awtoritajiet, l-istituzzjonijiet tal-Istat, l-impjegaturi u l-ħaddiema, u s-soċjetà ċivili b'mod ġenerali;

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

15. Jesprimi tħassib serju dwar ir-riskji li ħolqot il-Belarusjsja mill-abbandon tan-newtralità tagħha, l-ospitar tal-forzi armati Russi u t-twettiq ta' eżerċizzji militari konġunti; jinnota r-rwol akbar tar-Russja fil-Belarusjsja, inkluż l-influwenza finanzjarja tagħha, li tqajjem dubji serji dwar il-kapaċità tal-Belarusjsja li tieħu deċiżjonijiet sovrani;

16. Huwa xxokkjaq bl-appoġġ ipprovdut mir-reġim ta' Lukashenka għall-gwerra mhux ipprovokata tar-Russja fl-Ukrajna, inkluż permezz tal-hekk imsejjaħ referendum li jerġa' jintegra l-istatus nukleari tal-pajjiż, iżda wkoll billi jippermetti l-moviment ta' truppi u armi, l-użu tal-ispazju tal-ajru tal-pajjiż, ir-riforniment bil-fjuwil u l-ħżin tal-munizzjon militari;

17. Jikkundanna bil-qawwa l-użu tat-territorju Belarussu mill-militar Russu; jikkundanna l-appoġġ tal-Belarusjsja u tal-forzi armati u tas-servizzi sigrieti Belarussi għat-tnedija tal-gwerra ta' aggressjoni illegali, mhux ġustifikata u mhux ipprovokata tar-Russja kontra l-Ukrajna; iqis li l-Belarusjsja hija responsabbli b'mod konġunt għall-attakk, li jġorr miegħu l-konsegwenzi legali kollha li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali;

18. Jenfasizza li r-referendum kostituzzjonali tas-27 ta' Frar 2022, amministrat mill-awtoritajiet Belarussi illeġittimi f'kuntest ta' ksur mifruq tad-drittijiet tal-bniedem, ta' repressjoni brutali u tal-użu intenzjonat ta' diżinformazzjoni, ma jistax jitqies bħala l-espressjoni demokratika leġittima tar-rieda tal-poplu Belarussu u lanqas ma jilleġittimizza l-presidenza illeċita ta' Aliaksandr Lukashenka li għadha għaddejja; jistieden lill-awtoritajiet Belarussi jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-missjoni ta' esperti indipendenti fil-qafas tal-Mekkaniżmu ta' Moska;

19. Jikkundanna l-kampanji ta' diżinformazzjoni u t-tixrid tal-propaganda tal-gwerra tal-Kremlin fil-Belarusjsja;

20. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw li jkunu stabbiliti l-miżuri meħtieġa biex tissaħħaħ ir-reżiljenza għall-forom kollha ta' interferenza barranija li jistgħu jitwettqu mir-reġim ta' Lukashenka, inklużi, iżda mhux biss, attakki ċibernetiċi u diżinformazzjoni fil-kuntest tal-aggressjoni li għaddejja bħalissa tar-Russja kontra l-Ukrajna;

21. Jinnota bi tħassib l-integrazzjoni kontinwa bejn ir-Russja u l-Belarusjsja f'diversi oqsma, mhux l-inqas il-militarizzazzjoni progressiva tal-Belarusjsja u r-reġjun usa', ħaġa li tikkostitwixxi sfida għas-sigurtà u l-istabbiltà tal-kontinent Ewropew, u b'mod partikolari għall-pajjiżi fil-Viċinat tal-Lvant tal-UE li r-Russja diġà qiegħda f'kunflitt magħhom;

22. Jesprimi apprezzament u appoġġ għaċ-ċittadini Belarussi li ħarġu fit-toroq, b'riskju għas-sikurezza tagħhom stess, biex jikkundannaw il-gwerra mnedija fisem il-Federazzjoni Russa u bl-appoġġ tad-dittatur illeġittimu tal-Belarusjsja, u għal dawk li wettqu operazzjonijiet ta' sabotaġġ biex jipprevjenu u jfixxlu l-loġistika militari Russa fit-territorju tal-Belarusjsja;

23. Jiddeplora l-fatt li bħalissa l-Belarusjsja hija l-uniku pajjiż fl-Ewropa li għadu jinforza l-piena tal-mewt u li wessa' l-kamp ta' applikazzjoni għall-użu tagħha; jikkundanna l-emenda għall-Kodiċi Kriminali tal-Belarusjsja li tintroduċi l-piena tal-mewt għal "tentattivi ta' atti ta' terroriżmu"; iqis li din tista' tiġi abbużata faċilment mir-reġim biex jeħles mill-avversarji politiċi tiegħu; ifakkar li ħafna priġunieri politiċi ġew mixlija jew diġà ġew ikkundannati għal sentenzi twal ta' ħabs skont id-dispożizzjonijiet dwar it-terroriżmu tal-Kodiċi Kriminali tal-Belarusjsja; jistieden lill-awtoritajiet Belarussi biex jabolixxu minnufih il-piena tal-mewt b'mod permanenti;

24. Jišhaq fuq l-importanza li jiġu indirizzati t-theddiet għas-sikurezza nukleari maħluqa mill-NPP tal-Belarusjsja f'Astravyets; jinsisti li l-Belarusjsja timpenja ruħha fuq il-kwistjoni tas-sikurezza nukleari tal-NPP tal-Belarusjsja bi trasparenza sħiħa u timpenja ruħha li timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rieżami bejn il-pari tal-impjant tal-Grupp ta' Regolaturi Ewropew dwar is-Sikurezza Nukleari; jappoġġja, sakemm dan ikun il-każ, il-projbizzjoni fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija mill-NPP tal-Belarusjsja fis-suq tal-UE u r-riflessjoni ta' din il-pożizzjoni fil-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri tal-UE; jappella biex jiġu introdotti salvagwardji effettivi kontra l-bejgħ dirett jew indirett fis-swieq tal-UE tal-elettriku Belarussu prodott fl-impjant tal-enerġija nukleari ta' Astravyets, kif ukoll li jitwaqqfu l-investimenti minn Stati Membri tal-UE fi proġetti ta' infrastruttura tal-enerġija fil-Belarusjsja;

25. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għas-sitt pakkett ta' sanzjonijiet kontra r-Russja u l-Belarusjsja u jistieden lill-Kunsill jiżgura l-implimentazzjoni komprensiva u rapida tiegħu; jappella sabiex is-sanzjonijiet kollha maħruġa kontra r-Russja jiġu riflessi b'mod strett għall-Belarusjsja u implimentati kif xieraq, inkluż fiċ-ċikli futuri kollha ta' sanzjonijiet;

## Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022

26. Jissottolinja l-ħtieġa ta' investigazzjoni komprensiva tar-reati mwettqa mir-reġim ta' Lukashenka kontra l-poplu tal-Belarusija; jistieden lill-Istati Membri biex b'mod attiv japplikaw il-prinċipju ta' guriżazzjoni universali u jħejju proċedimenti ġudizzjarji fil-konfront tal-uffiċjali Belarussi responsabbli mill-vjolenza u r-repressjoni, jew kompliċi fihom, inkluż Aliaksandr Lukashenka;
27. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lis-SEAE jikkooperaw ma' sħab internazzjonali, bħall-Mekkaniżmu ta' Moska tal-OSKE u l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, kif ukoll lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u s-soċjetà ċivili fuq il-post, biex jiżguraw il-monitoraġġ, id-dokumentazzjoni u r-rappurtar tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u sussegwentement jiġi stabbilit l-obbligu ta' rendikont u tingħata ġustizzja lill-vittmi;
28. Jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jieħdu l-azzjoni kollha meħtieġa fl-istituzzjonijiet u fil-proċedimenti internazzjonali u fil-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC) jew fi tribunali jew qrati internazzjonali xierqa oħra biex jappoġġjaw l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni, b'relazzjoni mal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, mal-azzjonijiet ta' dawk responsabbli politikament fil-Belarusija, b'mod partikolari Aliaksandr Lukashenka, bħala reati tal-gwerra u reati kontra l-umanità;
29. Ifaħħar il-ħidma sistematika u konsistenti tal-forzi demokratiċi Belarussi fil-Belarusija u fl-eżilju, b'mod partikolari l-mexxejja tal-oppożizzjoni demokratika Sviatlana Tsikhanouskaya, il-Kunsill ta' Koordinazzjoni u l-Ġestjoni Nazzjonali Kontra l-Kriżijiet; itenni l-ħtieġa urġenti li jinżammu u jiġu estiżi l-kuntatti u l-kooperazzjoni ma' dawn il-forzi; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw l-oppożizzjoni politika demokratika fil-Belarusija billi jipprovdu l-għajnuna meħtieġa biex isaħħu l-kapaċitajiet tagħhom;
30. Jiddispjaċih għall-fatt li l-Istati Membri ma aġixxewx b'mod ikkoordinat u unifikat meta sejhju lura lir-rappreżentanti diplomatiċi tagħhom mill-Belarusija;
31. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri tal-UE jżidu l-appoġġ dirett lill-oppożizzjoni, lis-soċjetà ċivili, lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, lir-rappreżentanti tat-trade unions u lill-organizzazzjonijiet tal-media indipendenti Belarussi fi ħdan u barra mill-Belarusija; jissottolinja l-importanza li jinżammu relazzjonijiet ma' dawn l-individwi, li jiġu mmonitorjati s-sitwazzjoni u l-proċessi ta' priġunieri politiċi individwali fuq il-post, li jiġu ffaċilitati r-rekwiżiti tal-viża, li jittejbu l-proċessi tal-ażil u li jiġi pprovdut kenn temporanju fl-Istati Membri tal-UE għal dawk li qed ifittxu rifuġju mill-Belarusija; jimpenja ruħu li jintensifika l-attivitajiet li bihom jappoġġja d-demokrazija; itenni t-talba tiegħu għal programm ta' assistenza tal-UE mmirat biex jgħin lis-soċjetà ċivili, lill-media indipendenti, lill-akkademja, inkluż permess tal-forniment ta' assistenza kontinwa lill-Università Ewropea tal-Istudji Umanistiċi, bħala bażi ta' edukazzjoni għall-istudenti Belarussi u l-oppożizzjoni Belarussa fl-eżilju, kif ukoll il-vittmi tar-repressjoni politika u l-vjolenza mill-pulizija u dawk li qed jaħarbu mir-reġim oppressiv;
32. Jappoġġja t-tnejniet għal konferenza internazzjonali tad-donaturi mmexxija mill-UE biex tassisti lill-forzi demokratiċi tal-Belarusija; jappella lill-UE biex timpenja ruħha flivell operazzjonali mar-rappreżentanti tal-forzi demokratiċi tal-Belarusija sabiex tikkonkludi l-ħidma fuq l-adozzjoni ta' pjan direzzjonali mmirat lejn l-implimentazzjoni tal-pakkett ta' investment u ekonomiku ta' EUR 3 biljun li huwa diġà previst mill-Kummissjoni bħala mod kif jiġu mħaddna l-aspirazzjonijiet demokratiċi tal-poplu Belarussu; jappella għal djalogu politiku bejn l-UE u l-forzi demokratiċi tal-Belarusija sabiex tinkiseb viżjoni konġunta dwar dan il-pjan ta' appoġġ imsemmi hawn fuq; jenfasizza l-ħtieġa li ssir diskussjoni pubblika sostantiva sabiex jinbena appoġġ pubbliku għal involviment konsiderevoli tal-UE;
33. Itenni l-importanza tal-istabbiliment ta' ambaxxati tal-poplu tal-Belarusija madwar id-dinja u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiprovdu aktar appoġġ biex jiproteġu d-drittijiet u l-interessi taċ-ċittadini Belarussi barra mill-pajjiż u l-interessi ta' Belarusija demokratika, pereżempju billi jesploraw modi kif jiffinanzjaw l-ambaxxati tal-poplu tal-Belarusija;
34. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-kooperazzjoni tagħhom dwar il-ġestjoni tal-fruntieri, il-ġlieda kontra t-traffikar ta' bnedmin u sfidi oħra għas-sigurtà maħluqa jew aggravati mir-reġim Belarussu;
35. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-VP/RGħ u lill-Istati Membri jkomplu jqajmu s-suġġett tas-sitwazzjoni fil-Belarusija fl-organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali rilevanti kollha, b'mod partikolari l-OSKE, in-NU u l-korpi speċjalizzati tagħha, u l-ILO, bil-għan li jtejbu l-iskrutinju internazzjonali tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, itejbu l-azzjoni internazzjonali dwar is-sitwazzjoni fil-Belarusija u jegħlbu l-imblukkar tar-Russja u ta' pajjiżi oħra għal tali azzjoni;

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

36. Jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex jorganizzaw summits regolari ma' rappreżentanti f'pożizzjonijiet għolja tal-forzi demokratiċi tal-Belarussja; iqis li dan iwassal għall-adozzjoni ta' linji gwida ta' politika konġunti dwar il-futur tar-relazzjonijiet tal-UE ma' Belarussja demokratika;

37. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Belarussja, u lir-rappreżentanti tal-oppożizzjoni demokratika tal-Belarussja.

---

Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

P9\_TA(2022)0217

**L-istabbiliment ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025 – mikrokredezzjali, kontijiet ta' apprendiment individwali u apprendiment għal ambjent sostenibbli****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Meju 2022 dwar l-istabbiliment taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025 – mikrokredezzjali, kontijiet ta' apprendiment individwali u apprendiment għal ambjent sostenibbli (2022/2568(RSP))**

(2022/C 479/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikoli 165 u 166 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Protokoll Nru 2 tat-Trattati dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 14 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali<sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2020 bit-titolu "Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza" (COM(2020)0274),
  - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640),
  - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Jannar 2018 dwar il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali (COM(2018)0022),
  - wara li kkunsidra r-rapport finali tal-Kummissjoni ta' Diċembru 2020 bit-titolu "A European approach to micro-credentials – output of the micro-credentials higher education consultation group" (Approċċ Ewropew għall-mikrokredezzjali – il-kontribut tal-grupp ta' konsultazzjoni dwar il-mikrokredezzjali fl-edukazzjoni għolja),
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2021 dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni: approċċ olistiku kondiviż<sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-mistoqsijiet tal-Kummissjoni u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025 – mikrokredezzjali, kontijiet ta' apprendiment individwali u apprendiment għal ambjent sostenibbli (O-000011/2022 – B9-0013/2022 u O-000012/2022 – B9-0014/2022),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 136(5) u l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni,
- A. billi, skont il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-aċċess għall-edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva u t-tagħlim tul il-ħajja huwa dritt bażiku tal-bniedem u huwa essenzjali għall-kisba u ż-żamma tal-ħiliet, għall-parteċipazzjoni sħiħa u attiva fis-soċjetà u sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għal suq tax-xogħol li qed jevolvi;
- B. billi l-Kummissjoni għandha l-għan li tistabbilixxi iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025;
- C. billi l-bidliet fis-suq tax-xogħol qed iwasslu biex il-ħiliet isiru skaduti iktar malajr u kkawżaw domanda dejjem tikber għal opportunitajiet ta' apprendiment flessibbli; billi l-motivazzjoni, il-ħin u l-finanzjament huma fatturi ewlenin fit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid;

<sup>(1)</sup> ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10<sup>(2)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2021)0452.

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

1. Jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni biex tiżviluppa approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali, għall-kontijiet individwali tal-apprendiment u għall-apprendiment għas-sostenibbiltà ambjentali bħala parti miż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025, li jgħin biex il-perkorsi tal-apprendiment isiru aktar flessibbli, iwessa' l-opportunitajiet ta' apprendiment, japprofondixxi r-rikonoxximent reċiproku, joħloq rabtiet mat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi u jsaħħaħ ir-rwol li għandhom l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) fit-tagħlim tul il-ħajja;
2. Jenfasizza li l-mikrokredenzjali u l-kontijiet individwali tal-apprendiment jistgħu jkunu importanti għall-persuni li jixtiequ jtejbju l-ħiliet, jitħarrġu mill-ġdid u jiksbu kwalifiki rikonoxxuti uffiċjalment sabiex ilaħħqu mal-bidliet rapidi fis-soċjetà u ma' suq tax-xogħol dejjem aktar diġitalizzat, kif ukoll jaqilbu l-perkorsi tagħhom għall-iżvilupp personali jew għall-mobbiltà soċjali <sup>1</sup> fuq;
3. Jistieden lill-Kunsill jadotta definizzjoni komuni għaż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni ta' mikrokredenzjali u standards komuni, li jiffurmaw il-bażi għall-garanzija tal-kwalità, ir-rikonoxximent, it-trasparenza u l-portabbiltà;
4. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovi strument robust li jimmotiva lill-Istati Membri jimplimentaw il-mikrokredenzjali, li għandhom jibqgħu volontarji; jinnota li dan bħalissa huwa nieqes mill-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill u jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-pilotaġġ b'suċċess tal-Inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej bħala mudell;
5. Jinsisti fuq l-importanza li jiġu pprovduti reġistri nazzjonali li jkunu faċli għall-utent u aġġornati regolarment, li għandhom ikunu viżibbli u faċilment aċċessibbli permezz ta' portal tal-UE, bil-ħsieb li tiġi ggarantita l-kwalità tal-mikrokredenzjali u li l-mikrokredenzjali jsiru disponibbli f'format diġitali biex jiġu appoġġati t-titjib tal-ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid u l-akkwist ta' kompetenzi ġodda, tiżdied it-trasparenza u jittejbju l-mobbiltà, l-iskambji u l-kooperazzjoni transfruntiera u internazzjonali;
6. Jenfasizza li l-mikrokredenzjali Ewropej huma partikolarment meħtieġa għar-rikonoxximent transsettorjali u transfruntier ta' perjodi iqsar ta' apprendiment, li huwa fundamentali biex titħeġġeġ mobiltà akbar madwar l-Ewropa; jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta l-użu tal-mikrokredenzjali fir-rikonoxximent tal-ħiliet u tal-kompetenzi miksuba permezz tal-mobiltà Ewropea għall-apprendiment u l-involviment ċiviku fil-qafas tal-programmi Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, u tirrapporta dwaru;
7. Jissottolinja r-rwol ta' appoġġ li l-mikrokredenzjali għandu jkollhom biex jorbtu;-apprendiment informali u mhux formali mal-edukazzjoni formali; iħeġġeġ li jiġi żvilupp u implimentat qafas komuni biex jiġu rikonoxxuti l-ħiliet, il-kompetenzi u l-metodoloġiji miksuba permezz tal-apprendiment informali u mhux formali;
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi approċċ komuni għall-ħiliet psikosoċjali u personali f'konformità mad-definizzjonijiet adottati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u mill-UNESCO; jenfasizza li dan l-approċċ għandu jispira ruħu mill-inizjattivi u l-proġetti attwali ffinanzjati taħt il-programmi tal-UE u mir-rapport ta' politika taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni dwar il-kompetenzi tul il-ħajja <sup>(3)</sup>, u għandu jtfassal f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet edukattivi, l-għalliema u l-atturi tas-suq tax-xogħol sabiex, fost l-oħrajn, jiġu indirizzati l-aspetti prattiċi tal-implimentazzjoni;
9. Jirrimarka li r-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-mikrokredenzjali fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni jista' jkun pass lejn l-iffaċilitar tar-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki b'mod aktar ġenerali; iqis li l-istabbiliment ta' sistema Ewropea koerenti tal-mikrokredenzjali li tinvolvi lill-partijiet interessati rilevanti jkun pass' il quddiem fit-tisħiħ tas-setgħa edukattiva u l-kompetittività globali tal-Ewropa;
10. Ifakkar lill-awtoritajiet pubbliċi fir-rwol essenzjali tagħhom fl-iżgurar tal-bilanċ fit-taħriġ tal-ħiliet offrut lill-adulti u jirrimarka, b'mod partikolari, li l-ħiliet bażiċi, trasversali, psikosoċjali u personali huma importanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali daqs il-ħiliet tekniċi;

<sup>(3)</sup> Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, Science for Policy Report, *LifeComp: The European Framework for Personal, Social and Learning to Learn Key Competence* (Rapport dwar ix-Xjenza għall-Politika, LifeComp: Il-qafas Ewropew għall-kompetenza ewlenija personali, soċjali u biex wieħed jitgħallew jitgħallew), il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2020.

## Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

11. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja jiżviluppaw mikrokredenzjali biex joffru lill-istudenti esperjenzi soċjalment impenjattivi, ta' kwalità għolja u inklużivi, inklużi l-volontarjat, il-mentoraġġ u l-ħidma fost iż-żgħażaġh matul l-istudji tagħhom;
12. Jenfasizza l-importanza li jiġu pprovduti riżorsi għas-servizzi ta' gwida u ta' konsulenza biex l-adulti u ż-żgħażaġh jiġu meġhuna jidentifikaw u jiċċertifikaw il-ħiliet u l-kompetenzi li diġà jkunu kisbu permezz tal-apprendiment informali u jidderiġuhom lejn opportunitajiet biex ikomplu jiżviluppaw is-settijiet ta' ħiliet tagħhom, sabiex il-mikrokredenzjali jsiru għodod għall-inklużjoni aktar milli jipperpetwaw jew jikkonsolidaw l-inugwaljanzi eżistenti fl-aċċess għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid; jinsisti fuq l-użu tal-mikrokredenzjali fil-livell universitarju ta' qabel il-lawrja sabiex jiġi żgurat li l-benefiċjarji primarji ma jkunux studenti minn gruppi li diġà jgawdu vantaġġi f'termini tal-edukazzjoni u tal-istatus professjonali;
13. Jilqa' l-fatt li l-kontijiet individwali tal-apprendiment, flimkien mal-mikrokredenzjali, huma mfassla biex jagħmlu t-tagħlim tul il-ħajja aktar inklużiv, aċċessibbli u għall-but ta' kulħadd; ifakkar li dawn l-inizjattivi huma maħsuba sabiex ikunu għal kulħadd, irrISPettivament mill-età, il-ġeneru, l-istatus tal-impjeg, l-introjt u jew il-livell ta' edukazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi promossa mentalità ta' tagħlim tul il-ħajja fost iż-żgħażaġh;
14. Jinsisti li l-għażliet disponibbli permezz ta' kontijiet individwali tal-apprendiment m'għandhomx ikunu limitati wisq għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, iżda għandhom iservu biex jagħtu s-setgħa liċ-ċittadini billi jippermettulhom jagħmlu għażliet individwali u jifitħu opportunitajiet ta' impjeg indipendenti u ta' intraprenditorija;
15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-intitolamenti għat-taħriġ fil-kontijiet individwali tal-apprendiment għal adulti b'livell baxx ta' ħiliet, persuni b'diżabilità, studenti żvantaġġati, persuni minn gruppi vulnerabbli jew emarġinati, rifuġjati u dawk li jgħixu f'żoni remoti jew rurali, u biex jistabbilixxu kriterji ċari għall-allokazzjoni tagħhom;
16. Iwissi li l-implimentazzjoni tal-mikrokredenzjali u tal-kontijiet individwali tal-apprendiment m'għandhiex toħloq ostakli mhux intenzjonati għall-istudenti adulti li jeħtieġu jkopru l-ispiża ta' programmi edukattivi aktar fit-tul u/jew formali;
17. Jemmen li t-tagħlim għas-sostenibbiltà ambjentali għandu jiġi integrat fil-kurrikuli edukattivi kollha madwar l-UE b'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja, inkluż permezz tal-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza Ewropea u globali, sabiex l-istudenti jingħataw is-setgħa biex ikunu jistgħu jsiru proponenti attivi ta' soċjetajiet aktar inklużivi u sostenibbli;
18. Jenfasizza d-diversi benefiċċji potenzjali tat-tliet inizjattivi, peress li l-parteċipazzjoni akbar fi programmi ta' tagħlim għall-adulti hija assoċjata ma' titjib fil-litteriżmu ambjentali, parteċipazzjoni ċivika akbar, u relazzjoni aħjar mal-ambjent, is-sens ta' benesseri u s-sodisfazzjon tal-ħajja;
19. Jenfasizza l-importanza li jiġu inklużi s-setturi kulturali u kreattivi biex jitrajmu mentalitajiet immirati lejn l-iżvilupp sostenibbli fir-riġenerazzjoni tar-realtajiet ekonomiċi, kif muri minn ċerti Kapitali Ewropej tal-Kultura u l-opportunitajiet ġodda pprovduti mill-Bauhaus Ewropea l-Ġdida;
20. Jinsisti li dawn l-inizjattivi għandhom jingħataw viżibilità eċċellenti fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, inklużi d-dimensjoni Ewropea u l-valur miżjud tagħhom, sabiex l-Ewropej ikunu jistgħu jidentifikaw b'mod ċar il-benefiċċji possibbli u jsiru konxji tal-merti ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni;
21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

P9\_TA(2022)0218

## **Il-ġlieda kontra l-impunità għad-delitti tal-gwerra fl-Ukrajna**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-ġlieda kontra l-impunità għad-delitti tal-gwerra fl-Ukrajna (2022/2655(RSP))**

(2022/C 479/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet u r-rapporti preċedenti tiegħu dwar l-Ukrajna u r-Russja,
- wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tal-1949 u l-protokoll addizzjonali tagħhom,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet ta' The Hague 1899 u 1907,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju tad-9 ta' Diċembru 1948 u l-protokoll addizzjonali relatati,
- wara li kkunsidra l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) tas-17 ta' Lulju 1998 u l-Emendi ta' Kampala tal-2010 dwar id-Delitt tal-Aggressjoni,
- wara li kkunsidra l-Prinċipji tad-Dritt Internazzjonali Rikonoxxuti fil-Karta tat-Tribunal ta' Nürnberg u fis-Sentenza tat-Tribunal (il-prinċipji ta' Nuremberg) żviluppati mill-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali tan-NU, li jiddeterminaw x'jikkostitwixxi delitt tal-gwerra,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet 1820 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar il-vjolenza sesswali bħala arma tal-gwerra u 1888 (2009) li jstabbilixxu r-Rappreżentant Speċjali dwar il-vjolenza sesswali fil-kunflitti,
- wara li kkunsidra d-definizzjoni ta' "stupru" matul żminijiet ta' gwerra, stabbilita fl-1998 mit-Tribunali Kriminali Internazzjonali għar-Rwanda u t-Tribunali Kriminali Internazzjonali għall-Jugoslavja,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tat-2 ta' Marzu 2022 dwar l-aggressjoni kontra l-Ukrajna u tal-24 ta' Marzu 2022 dwar il-konsegwenzi umanitarji tal-aggressjoni kontra l-Ukrajna,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tan-NU adottata mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Marzu 2022 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukrajna li tirriżulta mill-aggressjoni Russa, li fiha l-Kunsill iddeċieda li jstabbilixxi kummissjoni ta' inkjest internazzjonali indipendenti,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa tat-28 ta' April 2022 bit-titolu "l-aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna: l-iżgurar tal-obbligu ta' rendikont għal ksur serju tad-dritt umanitarju internazzjonali u reati internazzjonali oħrajn",
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Versailles tal-11 ta' Marzu 2022,
- wara li kkunsidra ż-żjara tal-President Metsola fl-Ukrajna fl-1 ta' April 2022 u d-dikjarazzjoni tagħha dwar id-delitti tal-gwerra internazzjonali li qed jitwettqu fl-Ukrajna,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-4 ta' April 2022 tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, fisem l-UE, dwar l-atroċitajiet Russi mwettqa f'Bucha u fi bliet oħrajn tal-Ukrajna,



## Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-2 ta' Marzu 2022 tal-Prosekutur tal-QKI, Karim A.A. Khan QC, bit-titolu "Is-sitwazzjoni fl-Ukrajna: Riċeviment ta' Referimenti minn 39 Stat Parti u l-Ftuħ ta' Investigazzjoni",
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) tat-13 ta' April 2022 dwar il-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-dritt internazzjonali li jikkonċerna d-drittijiet tal-bniedem, u dwar id-delitti tal-gwerra u d-delitti kontra l-umanità mwettqa fl-Ukrajna mill-24 ta' Frar 2022,
  - wara li kkunsidra l-ftehim tal-2006 bejn il-Qorti Kriminali Internazzjonali u l-Unjoni Ewropea dwar il-kooperazzjoni u l-għajjnuna,
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/638 tat-13 ta' April 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) <sup>(1)</sup>, li emendat il-mandat tal-EUAM Ukraine biex tippovdi appoġġ lill-awtoritajiet Ukreni u biex tiffaċilita l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe reat internazzjonali mwettaq fil-kuntest tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna,
  - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni biex temenda r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-ġbir, il-preservazzjoni u l-analiżi ta' evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra fil-Eurojust (COM(2022)0187),
  - wara li kkunsidra r-rapporti tal-Human Rights Watch dwar l-Ukrajna tat-3 ta' April u tal-21 ta' April 2022 u r-rapport ta' Amnesty International tas-6 ta' Meju 2022,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi mill-24 ta' Frar 2022, meta r-Russja bdiet fażi ġdida tal-gwerra illegali, mhux provokata u mhux ġustifikata ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, il-forzi armati tagħha u l-assoċjati tagħha wettqu attakki indiskriminati kontra persuni ċivili, inklużi ħtif, eżekuzzjonijiet extrajudizzjarji, u tortura kemm fiż-żoni tal-Ukrajna li għadhom kif ġew invaduti kif ukoll f'dawk li kienu diġà okkupati;
- B. billi eluf ta' persuni tilfu ħajjithom jew sfaw midruba, madwar 7,7 miljun ċittadin Ukren ġew spostati internament u kważi 6 miljun ruħ ħarbu lejn il-pajjiżi ġirien; billi, skont il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Parlament Ukren, mill-24 ta' Frar 2022, 400 000 persuna ċivili Ukrena, inklużi aktar minn 200,000 tifel u tifla, ġew deportati bil-forza mill-Ukrajna lejn il-Federazzjoni Russa; billi l-forzi Russi u l-assoċjati tagħhom għal diversi drabi ma ħallewx li jġu stabbiliti kurituri umanitarji u b'hekk imblukkaw jew ostakolaw l-evakwazzjoni tal-popolazzjoni ċivili mit-territorji assedjati;
- C. billi l-atroċitajiet mwettqa mit-truppi Russi u mill-assoċjati tagħhom laħqu l-aktar livell baxx s'issa meta nhar il-Ħadd 3 ta' April 2022 ġew skoperti iġsma ta' rġiel u nisa ċivili mitluqin fit-toroq ta' Bucha, belt li għal kważi xahar ma kinitx aċċessibbli għall-armata Ukrena; billi hemm rapporti minn għadd ta' bliet Ukreni li qabel kienu okkupati, inklużi Bucha, Irpen, Hostomel, Ivankiv, u minn postijiet oħra li issa ġew illiberati mill-Forzi Armati tal-Ukrajna, ta' oqbra tal-massa bil-fdalijiet ta' mijiet ta' persuni, u ta' iġsma ta' persuni ċivili misjuba fit-toroq, inklużi dawk ta' nisa, tfal u anzjani, xi wħud b'idejhom marbutin wara daharhom; billi atroċitajiet simili għall-każijiet imsemmija hawn fuq x'aktarx li jseħħu b'mod regolari fil-bliet u l-irħula Ukreni invaduti u li għadhom okkupati mir-Russja u l-assoċjati tagħha, u li x'aktarx il-gravità reali tad-delitti tal-gwerra huma ħafna akbar minn dak li ġie ddokumentat s'issa;
- D. billi bosta rapporti, ikkomplementati minn ritratti u vidjows, jiddokumentaw l-eżekuzzjonijiet sommarji ta' persuni ċivili matul l-okkupazzjoni Russa ta' villaġġi u bliet, l-arresti ta' persuni ċivili mingħajr proċedura xierqa u bi trattament ħażin li jirrappreżenta tortura, każijiet ta' stupru ta' persuni ċivili, inklużi ta' tfal, mill-forzi armati Russi u l-assoċjati tagħhom, u l-użu ta' artillerija mhux iggwidata, ta' munizzjon dispersiv u ta' mini antipersuna matul l-attakki Russi f'żoni popolati; billi l-vjolenza sesswali tintuża mir-Russja bħala arma tal-gwerra biex tkisser il-moral Ukren u bħala forma ta' tortura sabiex tikseb konfessjonijiet permezz tal-istupru, l-esponiment furzat u t-theddid ta' vjolenza sesswali kontra t-tfal, in-nisa u l-irġiel jew il-qraba tagħhom; billi l-istupru bħala delitt tal-gwerra huwa l-aktar reat iebes li jrid jiġi

<sup>(1)</sup> ĠU L 117, 19.4.2022, p. 38.

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

ddokumentat b'mod li jista' jittersaq quddiem qorti u jreġi fil-proċess quddiemha; billi l-vittmi ta' delitti sesswali tal-gwerra jistgħu jiffaċċjaw riskji multipli ta' diskriminazzjoni u stigma, minbarra ħsara fiżika; billi ż-żmien huwa ta' importanza kruċjali biex tinġabar evidenza u xhieda u biex tingħata assistenza medika u psikoloġika lill-vittmi tal-vjolenza sesswali;

- E. billi l-forzi armati Russi u l-assoċjati tagħhom żammew, issekwestraw, ħatfu, attakkaw u qatlu ġurnalisti, sindki u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; billi l-ġurnalisti u l-ħaddiema tal-media huma protetti skont id-dritt umanitarju internazzjonali bl-Artikolu 79 tal-Protokoll Addizzjonali I għall-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra; billi skont il-pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-protezzjoni tal-ġurnaliżmu u s-sikurezza tal-ġurnalisti, mill-inqas 10 ħaddiema tal-media Ukreni u internazzjonali nqatlu u ħafna oħrajn sfaw midruba;
- F. billi l-forzi armati Russi u l-assoċjati tagħhom ġew implikati fis-sakkeġġ ta' proprjetà ċivili inkluż ikel, ħwejjeġ, apparat domestiku, ħatab għan-nar u ammont kbir ta' ċereali, kif ukoll fit-tifrik ta' infrastrutturi ċivili inklużi dawk li jaqdu l-ħtiġijiet ta' gruppi soċjali vulnerabbli, bini residenzjali, skejjel, skejjel materni u sptarijiet; billi l-forzi armati tal-Federazzjoni Russa u l-assoċjati tagħha ħadu b'mod sistematiku biċċiet tal-arti, artefatti u oġġetti oħra ta' valur kulturali għoli; billi l-Ukrajna akkużat lir-Russja li serqet diversi mijiet ta' eluf ta' tunnelli ta' ċereali, u n-NU kkonfermaw li hemm evidenza dejjem akbar li t-truppi Russi serqu stokkijiet ta' ċereali tal-Ukrajna u qerdu faċilitajiet għall-ħżin taċ-ċereali, li aggrava l-kriżi globali tal-ikel u kkontribwixxa għall-possibbiltà ta' karestija fl-Ukrajna; billi kważi 25 miljun tunnellata ta' ċereali għadhom maqbuda fl-Ukrajna minħabba l-qerda tal-infrastruttura loġistika u l-imblokk tal-baħar mir-Russja; billi l-impatt tal-gwerra fuq l-ambjent u fuq is-saħħa se jkun ukoll devastanti u fit-tul;
- G. billi l-erba' Konvenzjonijiet ta' Ġinevra u l-Protokoll Addizzjonali I, li għalihom l-Ukrajna u l-Federazzjoni Russa huma partijiet tal-Istat, jistabbilixxu li l-ksur serju tad-dritt umanitarju internazzjonali, flimkien mal-ksur gravi, jikkostitwixxu delitti tal-gwerra; billi kull min jordna jew iwettaq tali atti, jew jgħin u jassisti biex iseħħu, huwa responsabbli għal tali delitti tal-gwerra;
- H. billi f'Novembru 2016, ir-Russja ddeċidiet li tirtira l-firma tagħha mill-Istatut ta' Ruma; billi l-Ukrajna mhijiex Stat parti għall-Istatut ta' Ruma, iżda darbtejn eżerċitat il-prerogattivi tagħha li taċċetta l-ġurisdizzjoni tal-QKI fuq allegati delitti skont l-Istatut ta' Ruma li jseħħu fit-territorju tagħha, skont l-Artikolu 12(3) tal-istatut;
- I. billi fit-2 ta' Marzu 2022, il-Prosekutur tal-QKI ħabbar li kien ipproċeda biex jiftaħ investigazzjoni dwar is-Sitwazzjoni fl-Ukrajna abbażi tar-referenzi li kien irċieva mill-Istati parti<sup>(?)</sup>;
- J. billi fit-3 ta' Marzu 2022, l-Ukrajna, bl-appoġġ ta' 45 Stat parteċipanti, invokat il-Mekkaniżmu ta' Moska tal-OSKE biex tindirizza l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-impatt umanitarju tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna;
- K. billi fl-ewwel tliet xhur tal-gwerra, il-prosekutur ġenerali Ukren fetaħ mill-inqas 9 300 investigazzjoni u identifika mijiet ta' suspettati mir-Russja għal allegati delitti tal-gwerra, li jinkludu serq, qtil, tortura u stupru;

(?) Fl-1 ta' Marzu 2022, l-uffiċċju tiegħu rċieva referenza ta' Stat parti mir-Repubblika tal-Litwanja. Fit-2 ta' Marzu 2022, il-grupp ikkoordinat ta' Stati Parti li ġej ippreżenta referenza konġunta: ir-Repubblika tal-Albanija, il-Commonwealth tal-Awstralja, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, il-Kanada, ir-Repubblika tal-Kolombja, ir-Repubblika tal-Costa Rica, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Repubblika Franċiża, il-Georgia, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, l-Ungerija, l-Iżlanda, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, il-Gran Duk tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta' Malta, New Zealand, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Renju tan-Netherlands, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovakkja, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Renju ta' Spanja, ir-Renju tal-Iżvezja, il-Konfederazzjoni Żvizzerja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

## Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022

- L. billi l-korpi ġudizzjarji governattivi u internazzjonali bdew sensiela ta' sforzi ta' obbligu ta' rendikont, inkluż il-ftuħ ta' investigazzjoni formali mill-Qorti Kriminali Internazzjonali, kif ukoll investigazzjonijiet kriminali skont il-prinċipju ta' ġurisdizzjoni universali minn Franza, mill-Ġermanja, mil-Litwanja u mill-Iżvezja;
- M. billi fl-4 ta' Marzu 2022, il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU vvota favur il-ħolqien tal-Kummissjoni Internazzjonali ta' Inkjesta dwar l-Ukrajna b'mandat li tinvestiga l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali fil-kuntest tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna tal-2022; billi l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jinsab ipparalizzat fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna minħabba l-kapaċità tar-Russja li timponi veto fuq kwalunkwe azzjoni sostantiva;
- N. billi fil-25 ta' Marzu 2022, il-Polonja, il-Litwanja u l-Ukrajna ħabbru l-ħolqien ta' Skwadra ta' Investigazzjoni Konġunta biex tiġbor evidenza u tinvestiga d-delitti tal-gwerra u d-delitti kontra l-umanità, bl-appoġġ tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u bil-parteċipazzjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-QKI, kif imħabbar fil-25 ta' April 2022; billi l-koordinazzjoni bejn l-investigazzjonijiet tal-QKI u dawk tal-korpi governattivi u ta' mekkaniżmu oħrajn hija essenzjali biex il-ġustizzja ssir malajr;
- O. billi l-QKI ma għandhiex ġurisdizzjoni fuq id-delitt tal-aggressjoni f'din is-sitwazzjoni, peress li la l-Ukrajna u lanqas il-Federazzjoni Russa ma rratifikaw l-Istatut ta' Ruma u l-emendi tiegħu li huma relatati mad-delitt tal-aggressjoni; billi dan in-nuqqas għandu jiġi indirizzat billi jiġi stabbilit tribunal internazzjonali speċjali, li jkollu l-mandat li jinvestiga u jmessi l-prosekuzzjoni tal-allegati delitti ta' aggressjoni mwettqa kontra l-Ukrajna mill-mexxejja politiċi u l-kmandanti militari tar-Russja u tal-alleati tagħha;
1. Itenni bl-aktar mod qawwi possibbli l-kundanna tiegħu għall-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata, illegali u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna u għall-invażjoni Russa tal-Ukrajna, u jeżiġi li r-Russja ttejjem minnufih l-attivitajiet militari kollha fl-Ukrajna u tirtira mingħajr kundizzjonijiet il-forzi u t-tagħmir militari kollha mit-territorju kollu internazzjonalment rikonoxxut tal-Ukrajna, kif ordnat il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja fis-16 ta' Marzu 2022;
  2. Jesprimi l-akbar rabja u l-għadab tiegħu għal-atroċitajiet irrappurtati, inklużi l-bumbardamenti indiskriminati tal-bliet u l-irħula, id-deportazzjonijiet furzati, l-użu ta' munizzjon ipprojbit, l-attakki kontra persuni ċivili li jippruvaw jaħarbu minn żoni ta' kunflitt permezz ta' kurituri umanitarji miftiehma minn qabel, l-eżekuzzjonijiet ta' persuni ċivili, il-vjolenza sesswali, l-ispostament furzat u s-sakkeġġ intenzjonat u l-immirar ta' żoni residenzjali u infrastruttura ċivili, bħal sptarijiet, faċilitajiet mediċi, skejjel, xelters u ambulanzi, li kollha jammontaw għal ksur gravi tad-dritt umanitarju internazzjonali u jistgħu jammontaw għal delitti tal-gwerra mill-Federazzjoni Russa u l-assoċjati tagħha fl-Ukrajna, li kollha kemm huma s'issa ma ġewx imħarrka u ma ġewx ikkastigati;
  3. Jikkundanna bil-qawwa l-użu orribbli u sistematiku tal-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru bħala arma tal-gwerra mill-forzi armati Russi u l-assoċjati tagħhom u, filwaqt li jfakkar ir-Riżoluzzjoni Nru 1820 (2008) tan-NU dwar il-vjolenza sesswali bħala arma tal-gwerra, jafferma li l-istupru u forom oħrajn ta' vjolenza sesswali jistgħu jikkostitwixxu delitti tal-gwerra, delitti kontra l-umanità jew att kostitutiv fir-rigward tal-ġenoċidju, u għalhekk għandhom jiġu pproċessati f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-dritt internazzjonali u l-Istatut ta' Ruma tal-QKI, b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 8 tiegħu; juri dispożizzjoni għall-progress limitat dwar il-prosekuzzjoni effettiva ta' delitti sesswali u bbażati fuq il-ġeneru fi ħdan il-QKI; huwa tal-fehma li l-każijiet tal-vittmi tal-invażjoni illegali tal-Ukrajna jistgħu jstabbilixxu preċedent f'dan ir-rigward; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fi kwalunkwe investigazzjoni li għaddeja u futura;
  4. Jesprimi l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-investigazzjoni varata mill-Prosekutur tal-QKI dwar l-allegati delitti tal-gwerra, delitti kontra l-umanità u delitti ta' ġenoċidju mwettqa fl-Ukrajna, għall-ħidma tal-Kummissjoni ta' Inkjesta tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u għall-isforzi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili indipendenti li qed jaħdmu biex jiġbru u jippreservaw l-evidenza tad-delitti tal-gwerra; jissottolinja l-importanza ta' ħidma u progress rapidi sabiex tiġi żgurata l-evidenza meħtieġa għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' dawk kollha responsabbli għall-awtorizzazzjoni, it-tweġiq u l-ħabi tad-delitti tal-gwerra u ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali; jenfasizza r-riskju gravi li l-evidenza relatata mad-delitti tal-gwerra qed tinqered u ma tistax

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

tinġabar u tinħażen b'mod sikur għall-fini tal-investigazzjonijiet dwar id-delitti tal-gwerra fl-Ukrajna, minħabba l-ostilitajiet li għadhom għaddejnin; iqis li azzjoni rapida hija ta' importanza kruċjali biex jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa ħalli jiġi żgurat li dawk li wettqu ksur tad-drittijiet tal-bniedem u delitti tal-gwerra fl-Ukrajna jinżammu responsabbli;

5. Jitlob li jingħata appoġġ lill-Prosekutur tal-QKI fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-awturi suspettati b'delitti tal-gwerra, delitti kontra l-umanità u, possibbilment, ġenoċidju, billi jingħata appoġġ politiku, isir disponibbli kwalunkwe evidenza fil-pussess ta' dak li jkun, inklużi intelligence, informazzjoni u data b'sors miftuħ, immaġnijiet bis-satellita u interċettazzjonijiet ta' komunikazzjonijiet, u jiġu pprovduti riżorsi umani u finanzjarji adegwati għall-baġit ġenerali tal-QKI sabiex tiġi protetta bis-sħiħ l-indipendenza u l-imparzjalità tagħha;

6. Jilqa' u jappoġġja bis-sħiħ l-isforzi tal-prosekuturi u l-investigaturi Ukreni biex iressqu quddiem il-ġustizzja lil dawk responsabbli ta' delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità, u jistieden lill-Istati Membri tal-UE, lill-komunità internazzjonali u lill-istituzzjonijiet rilevanti jassistu bis-sħiħ lill-awtoritajiet Ukreni f'dan il-proċess;

7. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jipprovdu l-assistenza kollha meħtieġa biex jirfdu l-kapaċità u r-riżorsi ġudizzjarji tal-Ukrajna biex jinvestigaw u jipproċessaw b'mod effettiv id-delitti tal-gwerra; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ lill-awtoritajiet Ukreni biex jilhqo parametri referenzjarji ewlenin ħalli jiġġieldu lill-impunità għal delitti internazzjonali gravi, inklużi d-delitti tal-gwerra u d-delitti kontra l-umanità, fil-livell domestiku;

8. Jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jieħdu l-azzjoni kollha meħtieġa fl-istituzzjonijiet u fil-proċedimenti internazzjonali u fil-QKI jew fi tribunali jew qrati internazzjonali xierqa oħra biex jappoġġjaw il-prosekuzzjoni tar-reġim Russu u dak Belarussu għad-delitti tal-gwerra, d-delitti kontra l-umanità, id-delitti ta' ġenoċidju u d-delitti ta' aggressjoni; jitlob, barra minn hekk, li dawn l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjoni konsegwenti tagħhom jiġu applikati wkoll għall-persunal kollu tal-forzi armati Russi u għall-uffiċjali kollha tal-gvern Russu involuti fid-delitti tal-gwerra; jesprimi s-sodisfazzjoni tiegħu, għalhekk, bl-inkjesti u l-investigazzjonijiet varati minn għadd ta' Stati Membri skont il-prinċipju tal-ġuriżdizzjoni universali u b'appoġġ għall-ħidma mwettqa mill-QKI; jilqa' bl-istess mod il-mandat emandat tal-EUAM Ukraine, li se jippermettilha tappoġġja lill-awtoritajiet Ukreni fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe reat internazzjonali mwettaq fil-kuntest tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna;

9. Jistieden lill-awtoritajiet Russi jtemmu immedjatament l-ispostament furzat ta' ċittadini Ukreni u jippermettu liċ-ċittadini Ukreni li ġew spostati bil-forza lejn it-territorju tal-Federazzjoni Russa jirritornaw b'mod sikur lejn l-Ukrajna;

10. Jistieden lill-Istati Membri jiġbru l-evidenza u jappoġġjaw investigazzjoni tal-Prosekutur tal-QKI sabiex jiġi stabbilit jekk id-delitti tal-gwerra u d-delitti kontra l-umanità mwettqa mill-forzi Russi u mill-assoċjati tagħhom fl-Ukrajna jammontawx għal ġenoċidju;

11. Jinsisti fuq il-ħtieġa li tiżdied il-koordinazzjoni tad-diversi mekkaniżmi stabbiliti għall-ġlieda kontra l-impunità għad-delitti tal-gwerra fl-Ukrajna, inkluż permezz ta' laqgħa internazzjonali mmirata lejn il-koordinazzjoni tal-ġbir tal-evidenza u b'hekk tittejjeb l-effiċjenza tal-proċessi tal-obbligu ta' rendikont; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jappoġġjaw dawn l-isforzi ta' koordinazzjoni;

12. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE, b'mod partikolari lill-Kummissjoni, jappoġġjaw il-ħolqien mingħajr dewmien ta' bażi ġuridika xierqa, bl-appoġġ ta' forums multilaterali stabbiliti bħan-NU u l-Kunsill tal-Ewropa, biex jippermettu t-twaqqif ta' tribunal internazzjonali speċjali għall-ikkastigar tad-delitt ta' aggressjoni mwettaq kontra l-Ukrajna mill-mexxejja politiċi u l-kmandanti militari tar-Russja u l-alleati tagħha; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE, b'mod partikolari lill-Kummissjoni, jipprovdu, malajr kemm jista' jkun, ir-riżorsi umani u baġitarji kollha meħtieġa u l-appoġġ amministrattiv, investigattiv u loġistiku kollu meħtieġ għall-istabbiliment ta' dan it-tribunal;

## Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

13. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE, b'mod partikolari lill-Kummissjoni, ifittxu appoġġ politiku mingħand sħab u organizzazzjonijiet internazzjonali tal-istess fehma, b'mod partikolari l-Assemblea Ġenerali tan-NU, għall-istabbiliment ta' dan it-tribunal;

14. Jilqa' l-istabbiliment tal-iskwadra ta' investigazzjoni konġunta mil-Litwanja, il-Polonja u l-Ukrajna, ikkoordinata mill-Eurojust, li fiha l-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-QKI se jkun parteċipant għall-ewwel darba, bil-għan li jiġu ffaċilitati l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet fl-Istati parteċipanti kif ukoll dawk li jistgħu jiġu ttrattati quddiem il-QKI; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jingħaqdu mal-iskwadra ta' investigazzjoni konġunta;

15. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni tal-25 ta' April 2022 li l-mandat u l-funzjonijiet operattivi tal-Eurojust jiġu estiżi fir-rigward tal-analiżi, il-preservazzjoni u l-kondiviżjoni tal-evidenza b'appoġġ għall-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tar-reati internazzjonali ewlenin, b'mod partikolari l-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità, id-delitti tal-gwerra u r-reati kriminali relatati<sup>(3)</sup>; jistieden lill-Eurojust tuża dawn is-setgħat ġodda biex tappoġġja lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri b'analiżi tal-evidenza biex tgħin ħalli tiġi żgurata l-ammissibbiltà sussegwenti ta' tali evidenza fil-qrati nazzjonali jew internazzjonali jew mekkaniżmi ekwivalenti; jissottolinja li l-estensjoni tal-mandat għandha tkun akkumpanjata minn żieda adegwata fil-finanzjament għall-Eurojust;

16. Jenfasizza l-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha jagħmlu użu sħiħ mill-kapaċitajiet tagħhom u l-mezzi legali disponibbli biex l-awturi tad-delitti tal-gwerra jinżammu responsabbli; jilqa', f'dan ir-rigward, il-fatt li l-Eurojust hija mħejjija u lesta li tappoġġja skwadra ta' investigazzjoni konġunta u jistieden lill-aġenzija tikkoopera mill-qrib mal-Eurojust jekk tintalab tagħmel dan;

17. Ifakkar li l-prinċipju tal-ġurisdizzjoni universali jfittex li jevita l-impunità tal-kriminali tal-gwerra billi jagħti l-kapaċità lill-Istati kollha jwettqu d-dmir tagħhom li jipprosegwixxu u jikkastigaw lill-awturi; iqis li huwa importanti li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji fl-Istati Membri jingħataw l-għodod xierqa biex ikunu jistgħu b'mod effettiv jiġbru l-evidenza meħtieġa biex il-kriminali tal-gwerra jiġu kkundannati; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jagħmlu użu effettiv mill-prinċipju tal-ġurisdizzjoni universali għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tad-delitti tal-gwerra fl-Ukrajna, u jżidu l-kooperazzjoni bejniethom, bi rwol ta' koordinazzjoni u promozzjoni għall-Kummissjoni;

18. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta pjan ta' azzjoni tal-UE dwar l-impunità u jitlob kapitolu speċifiku dwar l-Ukrajna;

19. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem mill-qrib flimkien mal-QKI u mal-Eurojust skont il-mandat rivedut tagħha dwar id-dokumentazzjoni ta' stupru, abbuż u forum oħra ta' vjolenza sesswali ta' matul il-gwerra fl-Ukrajna, inkluż billi tiġbor evidenza statistika jew relatata ma' tendenza mingħand l-esperti u mir-rekords mediċi u farmaċewtiċi rilevanti, u billi tfittex u tiddokumenta rakkonti ta' stupru bħala arma tal-gwerra fl-Ukrajna li jidhru online fl-istampa u fil-media soċjali u li jistgħu jwasslu lill-investigaturi għall-vittmi ta' stupru u ta' vjolenza sesswali; jitlob li din il-ħidma tiġi kkomplementata minn sforzi simili fil-kampijiet tar-rifuġjati u, kull meta jkun possibbli, fuq il-post fl-Ukrajna; jistieden lill-UE u lill-pajjiżi ospitanti u ta' tranżitu jiggarantixxu l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttivi u d-drittijiet relatati, b'mod partikolari l-kontraċezzjoni ta' emerġenza, il-profilassi ta' wara l-esponiment u l-kura f'każ ta' abort, inkluż għas-superstiti tal-istupru;

20. Jistieden lill-komunità internazzjonali tinvestiga u tippenalizza wkoll b'mod serju r-reati ambjentali, b'mod partikolari t-tniġġis ambjentali massiv, inkluża l-ħsara ambjentali transfruntiera, kif ir-Russja tkompli timmira lejn faċilitajiet industrijali u tal-fjuwil, provvisti tal-enerġija, provvisti tal-ilma, sistemi tad-drenaġġ u faċilitajiet oħra u b'hekk qed toħloq kontaminazzjoni mifruxa u teqred artijiet mistagħdra, foresti, parks nazzjonali, żoni protetti, inkluża ż-żona ta' esklużjoni ta' 30 kilometru f'Chernobyl, u l-habitat ta' speċijiet fil-periklu u mhedda, b'impatti fit-tul gravi;

21. Iħeġġeġ li jsiru investigazzjonijiet dwar l-allegati sakkeġġ u qerda ta' faċilitajiet tal-ħżin tal-ikel mill-forzi Russi u l-assoċjati tagħhom, kif ukoll valutazzjoni sinifikattiva tal-impatt globali tagħhom, b'mod partikolari fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jimportaw l-ikel;

(<sup>3</sup>) Proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-ġbir, il-preservazzjoni u l-analiżi ta' evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra fil-Eurojust (COM(2022)0187).

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

22. Jissottolinja l-importanza ta' sistemi tal-IT tal-UE fuq skala kbira biex jiġi żgurat li l-kriminali tal-gwerra ma jkunux jistgħu jaħrabu u jidħlu fit-territorju tal-UE mingħajr ma jiġu nnutati; jinsab konvint li r-riforma li għadha għaddejjja tal-qafas ġuridiku tal-UE dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi se taċċellera l-kompilazzjoni tal-informazzjoni rilevanti miżmuma dwar il-kriminali tal-gwerra fil-bażijiet tad-data tal-pulizija ta' Stati Membri differenti;
23. Jiddispaċiħ għall-fatt li l-kostituzzjoni tal-Interpol ma tippredix il-possibbiltà li s-sħubija tiġi sospiża u jistieden lill-Interpol tissospendi tal-anqas l-aċċess tal-Uffiċċju Ċentrali Nazzjonali tar-Russja għall-bażijiet tad-data tal-Interpol;
24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw attivitajiet li jiffaċilitaw it-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll għall-imħallfin u l-prosekuturi, dwar l-evidenza diġitali u r-reġistrazzjoni diġitali tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem sabiex tiżdied iċ-ċarezza dwar il-kriterji tal-ammissibbiltà fil-qrati domestiċi u internazzjonali;
25. Jilqa' l-adozzjoni mill-Verkhovna Rada tal-Abbozz ta' Liġi #7304, li jipprevedi l-ammissjoni tal-QKI biex taħdem fl-Ukrajna u jistieden lill-awtoritajiet Ukreni jappoġġjaw l-isforzi tal-obbligu ta' rendikont għar-reati internazzjonali serji billi jirratifikaw b'mod urġenti l-Istatut ta' Ruma tal-QKI u jsiru formalment membru tal-QKI; jistieden lill-awtoritajiet Ukreni jallinjaw il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri nazzjonali tal-Ukrajna mad-dritt internazzjonali, u b'hekk isaħħu l-mekkaniżmi legali domestiċi biex jiġġieldu lill-impunità għad-delitti, jarmonizzaw il-leġiżlazzjoni domestika, b'mod partikolari l-Kodiċi Kriminali, mad-dritt kriminali internazzjonali u d-dritt umanitarju internazzjonali, u jadottaw qafas ċar u prattiku għall-kooperazzjoni mal-QKI u ma' korpi oħra li qed jinvestigaw id-delitti mwettqa fl-Ukrajna; ifakkar fil-ħtieġa li l-partijiet kollha f'kunflitt jirrispettaw strettament id-dritt umanitarju internazzjonali;
26. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-komunità internazzjonali jipprovdu aktar riżorsi finanzjarji u assistenza teknika għall-ġbir u l-ħżin tal-ammont kbir ta' evidenza ta' ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali, delitti tal-gwerra, u delitti kontra l-umanità fl-Ukrajna; jistieden lill-UE, f'dan ir-rigward, tappoġġja dan il-proċess permezz ta' aktar fondi mill-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali;
27. Jilqa' l-pakketti ta' sanzjonijiet kontra r-Russja u jissottolinja li l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom madwar l-UE u mill-alleati internazzjonali tal-UE issa trid tkun prijorità; jitlob l-adozzjoni rapida tas-sitt pakkett ta' sanzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi b'mod urġenti strument legali li jippermetti li jiġu kkonfiskati assi u fondi Russi ffriżati sabiex ikunu jistgħu jintużaw bħala riparazzjonijiet u għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna;
28. Jesprimi l-apprezzament profund u r-rispett tiegħu għall-ħidma u d-dedikazzjoni tas-soċjetà ċivili Ukrena, inkluża l-ħidma tagħha li tiddokumenta l-ksur li għadu għaddej fl-Ukrajna u l-promozzjoni li twettaq b'appoġġ għall-ġlieda kontra l-impunità fl-Ukrajna; jinnota li hemm ħafna organizzazzjonijiet mhux governattivi fit-territorju tal-Ukrajna li qed jagħmlu sforz biex jiddokumentaw id-delitti tal-gwerra, inklużi l-istupri tal-massa matul iż-żmien tal-gwerra, u li l-isforzi tagħhom jeħtieġ li jiġu appoġġjati u kkonsolidati; jistieden lill-atturi tal-obbligu ta' rendikont internazzjonali u nazzjonali kollha jaħdmu mill-qrib mas-soċjetà ċivili biex jassistu l-proċessi ġudizzjarji, inkluż billi jtejbu l-aċċess għall-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni għall-vittmi u l-komunitajiet affettwati, jiżguraw il-pubbliċità, it-trasparenza tal-proċess u l-involvement tas-soċjetà ċivili b'rispons għall-atroċitajiet imwettqa mill-Federazzjoni Russa;
29. Ihegġegħ lill-Istati Membri, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-Ħames Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, u lin-NU, jiżguraw li l-Kummissjoni ta' Inkjesta tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU jkollha riżorsi finanzjarji biżżejjed biex twettaq l-aspetti kollha tal-mandat tagħha b'mod indipendenti;
30. Jiddispaċiħ ħafna dwar id-deċiżjoni li tingħalaq il-Missjoni Speċjali ta' Monitoraġġ tal-OSKE fl-Ukrajna wara n-nuqqas ta' kunsens fil-Kunsill Permanenti tal-OSKE fil-31 ta' Marzu 2022 dwar l-estensjoni tal-mandat tal-missjoni, u jhegġegħ lill-Istati Membri jesploraw kull għażla biex jistabbilixxu mill-ġdid il-mandat tagħha;
31. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lin-Nazzjonijiet Uniti, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, lill-President, lill-gvern u lill-parlament tal-Ukrajna, lill-President, lill-gvern u lill-parlament tal-Federazzjoni Russa u lill-Prosekutur Ġenerali tal-QKI.

Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

P9\_TA(2022)0219

**Il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-gwerra Russa fl-Ukrajna għall-UE – it-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE li taġixxi****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Meju 2022 dwar il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-gwerra Russa fl-Ukrajna għall-UE – it-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE li taġixxi (2022/2653(RSP))**

(2022/C 479/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' April 2022 dwar il-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2022, inklużi l-aħħar żviluppi tal-gwerra kontra l-Ukrajna u s-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja u l-implimentazzjoni tagħhom <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2022,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Marzu 2022 bit-titolu "REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli" (COM(2022)0108).
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tas-27 ta' Meju 2020 dwar l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' rkupru tal-Ewropa (SWD(2020)0098),
- wara li kkunsidra r-rapport ta' prospettiva ekonomika reġjonali tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) tat-22 ta' April 2022 bit-titolu "Europe: War Sets Back the European Recovery" (L-Ewropa: Il-Gwerra Timpedixxi l-Irkupru Ewropew),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Marzu 2022 dwar il-ħtieġa ta' pjan ta' azzjoni urġenti tal-UE biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel kemm fl-UE kif ukoll barra mill-UE fid-dawl tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Meju 2022 dwar l-impatt tal-gwerra kontra l-Ukrajna fuq in-nisa <sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020, bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2021 dwar ir-rieżami tal-qafas leġislativ makroekonomiku għal impatt aħjar fuq l-ekonomija reali tal-Ewropa u trasparenza aħjar tat-teħid ta' deċiżjonijiet u tal-akkontabbiltà demokratika <sup>(5)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi r-Russja ilha twestaq gwerra ta' aggressjoni illegali, mhux ipprovokata u mhux iġġustifikata kontra l-Ukrajna mill-24 ta' Frar 2022;

<sup>(1)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2022)0121.

<sup>(2)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2022)0099.

<sup>(3)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2022)0206.

<sup>(4)</sup> ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

<sup>(5)</sup> ĠU C 99, 1.3.2022, p. 191.

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

- B. billi l-invażjoni Russa tal-Ukrajna hija kriżi umanitarja kbira li qed taffettwa lil miljuni ta' persuni, u din inevitabbilment se tirriżulta f'xokk ekonomiku serju ta' durata u kobor inċerti fl-UE;
- C. billi l-aktar konsegwenzi importanti tal-gwerra fl-Ukrajna huma l-ħajjiet mitlufa u l-kriżi umanitarja assoċjata mal-għadd kbir ta' persuni taħt assedju u spostati; billi, skont data mill-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Refuġjati, sal-5 ta' Mejju 2022 kienu ħarbu mill-Ukrajna aktar minn 5,7 miljun persuna, b'aktar minn 85 % minnhom ospitati bħalissa f'pajjiż tal-UE; billi l-piż relatat mal-kriżi umanitarja qed jinġarr fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri li jmissu mal-Ukrajna;
- D. billi l-impatti ambjentali kkawżati mill-kunflitt, bħala konsegwenza tal-bumbardamenti, it-tnixxijiet taż-żejt/tal-gass u l-inċidenti f'fabbriki kimiċi u f'impjanti nukleari, huma ta' tħassib kbir għall-popolazzjoni kemm fl-Ukrajna kif ukoll fl-UE; billi l-UE jeħtiġilha tgħin biex tippoteġi l-ambjent mill-ħsara kkawżata mill-gwerra u tirretifika din il-ħsara u tissanzjona r-reati ambjentali, peress li inevitabbilment se jkollhom konsegwenzi fit-tul;
- E. billi r-Russja ddeċidiet unilateralment li twaqqaf il-provvista tal-gass lill-Bulgarija u lill-Polonja; billi numru dejjem akbar ta' Stati Membri tal-UE diġà esprimew l-appoġġ tagħhom għall-implimentazzjoni ta' embargo sħiħ fuq l-enerġija tar-Russja biex jevitaw dan ir-rikatt;
- F. billi s-sanzjonijiet qed ikollhom effett qawwi fuq l-ekonomija Russa (skont l-FMI: tiċkin tal-PDG tagħha bi 8,5 % u inflazzjoni ta' 21,3 % fl-2022); billi x-xiri Ewropew ta' fjuwils fossili mir-Russja, li għall-kunsinna tagħhom ir-Russja tirċievi EUR 800 miljun kuljum, għadu jipprovdi lir-reġim b'mezzi li jgħinuh jiffinanzja l-gwerra; billi l-Kummissjoni ppreżentat pjan ambizzjuż biex tipprobixxi l-importazzjoni taż-żejt Russu fi żmien sitt xhur u ta' prodotti raffinati sal-aħħar tas-sena;
- G. billi l-kuntest ekonomiku, flimkien mal-effetti tas-sanzjonijiet meħtieġa, se jkollhom impatt serju fuq is-sitwazzjoni soċjali u ekonomika, fost l-oħrajn fuq is-swieq tax-xogħol tal-UE u l-kundizzjonijiet tal-għajxien; billi l-kriżi li tirriżulta mill-gwerra toħloq ir-riskju li jkollha impatt negattiv fuq it-tkabbir u l-impjiegi, inkluż minħabba r-riperkussjonijiet fuq is-swieq finanzjarji, nuqqas ta' enerġija, aktar pressjonijiet fuq il-prezzijiet tal-enerġija, punti ta' konġestjoni persistenti fil-katina tal-provvista u effetti fuq il-fiduċja;
- H. billi l-inflazzjoni tal-prezzijiet għall-konsumatur fl-UE laħqet livelli li ilhom ma jidhru f'ħafna pajjiżi mis-sebgħinijiet, fejn laħqet 7,5 % f'April 2022, l-ogħla livell mill-introduzzjoni tal-munita unika, żieda qawwija l-aktar minħabba ż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija fossili; billi dan irriżulta f'żieda fil-prezzijiet agrikoli; billi skont l-aħħar tbassir taż-żona tal-euro tal-BĊE, ir-rata tal-inflazzjoni (HICP) hija mistennija li tonqos minn medja ta' 5,1 % fl-2022 għal 2,1 % fl-2023 u 1,9 % fl-2024;
- I. billi ż-żieda fl-inflazzjoni u, b'mod partikolari, iż-żidiet rapidi fil-prezzijiet tal-ikel u tal-enerġija madwar l-UE qed jaffettwaw il-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli, u qed ikomplu jżidu l-inugwaljanza u jaggravaw il-faqar inġenerali u l-faqar enerġetiku; billi l-pagi mhumiex mistennija li jżidiedu bl-istess rata tal-inflazzjoni u għalhekk il-ħaddiema qed jitilfu l-kapaċità tal-akkwist u jistgħu jaraw li, fil-ftit xhur li ġejjin, il-kundizzjonijiet tal-għajxien tagħhom se jmorru għall-agħar; billi dan se jeżerċita wkoll pressjoni akbar fuq il-kapaċità tal-politika soċjali, kif ukoll fuq stabbilizzaturi awtomatiċi bħall-iskemi għall-qgħad nazzjonali; billi l-istrument Ewropew għall-appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza adottat mill-Kummissjoni kien suċċess;
- J. billi skont il-perspettiva ekonomika dinjija tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) ta' April 2022, it-tkabbir globali huwa mistenni li jonqos minn madwar 6,1 % fl-2021 għal 3,6 % fl-2022 u fl-2023, li huwa 0,8 u 0,2 punti perċentwali aktar baxxi għall-2022 u l-2023 milli previst f'Jannar; billi t-tkabbir fiż-żona tal-euro huwa mistenni li jonqos minn madwar 5,3 % fl-2021 għal 2,8 % fl-2022 u 2,3 % fl-2023;



## Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022

- K. billi skont il-proposta tal-Kummissjoni għal Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2022, l-użu mifrux tal-iskemi għaż-żamma tal-impjiegi matul il-pandemija kkontribwixxa għaż-żieda relattivament limitata fil-qgħad fl-2021, minn żieda ta' 6 % fl-2020 għal 0,4 % biss fl-2021 <sup>(6)</sup>;
- L. billi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) isibuha aktar diffiċli jiksbu finanzjament milli l-intrapriżi kbar; billi l-proċeduri amministrattivi jagħmluha partikolarment diffiċli għall-SMEs li jkollhom aċċess għall-fondi pubbliċi; billi kwalunkwe kundizzjoni għall-aċċess tal-SMEs għall-appoġġ finanzjarju għandha għalhekk tqis is-simplifikazzjoni meħtieġa tal-proċeduri;
- M. billi l-Ewropa qed tiffaċċja sfidi emerġenti, bħal żieda fl-inugwaljanzi bejn il-ġenerazzjonijiet, tnaqqis fl-opportunitajiet u r-riżorsi soċjali, tas-saħħa, ekonomiċi u ambjentali, disparitajiet territorjali u aċċess inugwali għal servizzi soċjali u tas-saħħa fundamentali, opportunitajiet ta' negozju u impjiegi u infrastruttura soċjali; billi fl-2020, 96,5 miljun persuna fl-UE kienu friskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, li huwa l-ekwivalenti ta' 21,9 % tal-popolazzjoni tal-UE; billi l-faqar u l-esklużjoni soċjali naqsu f'dawn l-aħħar għaxar snin; billi huwa meħtieġ aktar tnaqqis; billi t-tnaqqis fl-inugwaljanzi huwa responsabbiltà kondiviża tal-UE u l-Istati Membri; billi għandna nindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-iżbilanċi ekonomiċi u soċjali fit-tul;
- N. billi fl-2018 madwar 34 miljun ċittadin Ewropew irrapportaw li mhux qed ikunu kapaċi jżommu djarhom sħan b'mod adegwat, u fi s'tħarriġ li sar fl-2019 madwar l-UE kollha, 6,9 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni qalu li ma jistgħux jaffordjaw li jsaħħnu djarhom b'mod suffiċjenti;
- O. billi sistemi ta' protezzjoni soċjali robusti huma essenzjali għar-reżiljenza soċjali fi żminijiet ta' kriżi; billi l-konsegwenza soċjali ewlenija fl-Ewropa hija żieda fl-għoli tal-ħajja u fl-affordabbiltà tal-prodotti u tas-servizzi, li jpoġġu friskju d-drittijiet tal-bniedem bħall-aċċess għall-ikel, għall-akkomodazzjoni, għall-ħwejjeġ u għall-edukazzjoni, kundizzjonijiet tax-xogħol favorevoli u l-protezzjoni mill-qgħad, u l-aċċess għall-kura medika;
- P. billi l-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali stabbilixxa mira għall-UE biex tnaqqas in-numru ta' persuni friskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali b'mill-inqas 15-il miljun u adotta serje ta' proposti sabiex jintlaħaq dan l-għan sal-2030; billi fil-kuntest attwali, minħabba ż-żieda mbassra fil-faqar u l-qgħad fix-xhur li ġejjin, il-kisba tal-mira qed issir aktar diffiċli; billi s-sistemi ta' protezzjoni soċjali qegħdin taħt pressjoni kbira biex itaffu l-impatt soċjali tal-kriżi, jagħtu appoġġ lir-rifugiati u jiżguraw kundizzjonijiet ta' għajxen deċenti għal kulħadd, kif ukoll aċċess għal servizzi essenzjali ta' kwalità bħas-saħħa, l-edukazzjoni u l-akkomodazzjoni;
- Q. billi l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija stmat li l-profitti eċċessivi fl-2022 jammontaw għal EUR 200 biljun <sup>(7)</sup>; billi hija ddikjarat ukoll li l-miżuri fiskali temporanji fuq profitti mhux mistennija jistgħu jsiru disponibbli għad-dħul pubbliku biex jiġu kkompensati parzjalment il-kontijiet ogħla tal-enerġija; billi l-Kummissjoni pproponiet gwida dwar l-introduzzjoni ta' miżuri tat-taxxa temporanji fuq profitti mhux mistennija f'Marzu 2022 <sup>(8)</sup>;
- R. billi l-gwerra Russa fl-Ukrajna wriet id-determinazzjoni, l-unità u s-saħħa tal-UE fid-difiża tal-valuri demokratiċi; billi wriet ukoll il-ħtieġa ta' riformi ekonomiċi, soċjali u istituzzjonali tal-UE biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi globali tal-aggressjoni militari tar-Russja; billi hemm ħtieġa assoluta li jinżammu l-unità u s-solidarjetà li s'issa kienu impressjonanti tal-Unjoni wara l-użu tal-għodod mhux militari disponibbli kollha biex tintemm l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u permezz ta' mezzi kollettivi biex jiġu indirizzati l-effetti immedjati fi ħdan l-UE, kif ukoll permezz taż-żamma tal-aġenda leġiżlattiva li għaddejjja bil-għan li tittiejeb ir-reżiljenza soċjali, ekonomika u ambjentali tal-Unjoni, minkejja x-xewqa ta' Putin li jaqsamna u li jgħib fix-xejn dawn l-isforzi;

<sup>(6)</sup> Proposta tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2021 għal Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2022 (COM(2021)0743).

<sup>(7)</sup> <https://www.iea.org/reports/a-10-point-plan-to-reduce-the-european-unions-reliance-on-russian-natural-gas>

<sup>(8)</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Marzu 2022 bit-titolu "REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli" (COM(2022)0108).

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

- S. billi huwa meħtieġ li jiġi żgurat il-funzjonament tal-ekonomija soċjali tas-suq u tas-suq uniku, inkluż fi żminijiet ta' kriżi, biex jilhqg l-potenzjal sħiħ tagħhom għall-benefiċċju tal-konsumaturi Ewropej u jikkontribwixxu biex tingħata spinta lill-produttività, lill-kompetittività tan-negozji Ewropej u lill-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità;
- T. billi l-Kummissjoni ppreżentat miżuri konkreti biex tagħmel REPowerEU realtà;
- U. billi l-UE jeħtiġilha ssir potenza reali fix-xena dinjija bil-kapaċità li taġixxi u tiddeċiedi waħedha, b'mod partikolari fir-rigward tad-difiża, l-enerġija, l-agrikoltura, l-akkwakultura u l-industrija;
- V. billi l-aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati qed isir ukoll dejjem aktar diffiċli għar-rifuġjati li jaslu fl-UE; billi l-UE impenjat ruħha favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt ta' kull individwu, u ta' kull mara u tfajla, li jkollhom kontroll sħiħ u jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwar kwistjonijiet relatati mas-sesswalità tagħhom u mad-drittijiet sesswali u riproduttivi tagħhom, mingħajr diskriminazzjoni, koerċizzjoni u vjolenza abbażi tal-ġeneru;

**Kunsiderazzjonijiet ġenerali**

1. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-poplu tal-Ukrajna u jirrikonoxxi li l-gwerra attiva fil-fruntieri immedjati tal-UE għandha konsegwenzi soċjali u ekonomiċi serji għall-Ewropa; huwa kompletament konxju li d-demokrazija u l-libertà ma jistgħux jiġu espressi permezz ta' kwalunkwe ekwivalenti monetarju jew kumdità soċjali; itenni l-kundanna tiegħu bl-aktar mod qawwi possibbli tal-aggressjoni militari illegali, mhux provokata u mhux ġustifikata kontra l-Ukrajna u l-invażjoni tagħha mill-Federazzjoni Russa, kif ukoll l-involvement tal-Belarusja fiha;
2. Jenfasizza li l-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna u s-sanzjonijiet ġustifikati tal-UE kontra r-Russja u l-Belarusja qed jaffettwaw l-irkupru ekonomiku ta' wara l-pandemija tal-UE u huma ta' theddida serja għall-istrateġija tagħha ta' rkupru u reżiljenza, kif ukoll għall-integrità tas-suq uniku;
3. Jenfasizza li l-gwerra attwali kontra l-Ukrajna aggravat il-kriżi tal-prezzijiet tal-enerġija diġà qawwija madwar l-Ewropa, u dan qed ikollu effett negattiv dirett fuq il-kapaċità tal-akkwist taċ-ċittadini kollha tal-UE u fuq l-SMEs; ifakkar li l-prezzijiet għoljin tal-gass u tal-elettriku tal-lum jaffettwaw lill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, għalkemm fi gradi differenti u fi żminijiet differenti, u li ż-żieda f'daqqa attwali fil-prezzijiet tirrikjedi intervent rapidu sabiex jiġu identifikati u evitati l-konsegwenzi soċjoekonomiċi permezz ta' rispons politiku ekonomiku u soċjali koordinat;
4. Jissottolinja l-importanza li jiġu żgurati s-sovranià tal-enerġija u l-indipendenza mill-provvisti Russi u aktar awtonomija strateġika u sigurtà tal-enerġija, billi jiġi ammeljorat u żgurat investiment maġġuri fl-infrastruttura tal-enerġija tal-UE, inkluż fl-interkonnessjonijiet u l-infrastruttura transfruntiera għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, u l-effiċjenza enerġetika;
5. Huwa konvint mill-hteġa li jkompli jissaħħu l-kapaċitajiet ta' solidarjetà tal-Unjoni fi żminijiet ta' kriżi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill ikunu lesti f'każ li l-effetti negattivi tal-kriżi ma jkunux jistgħu jiġu indirizzati b'mod suffiċjenti permezz tal-programmi eżistenti, u jirreaġixxu b'determinazzjoni, unità u ħeffa u f'solidarjetà ma' daww affettwati minn din il-kriżi severa ġdida, sabiex jgħinu lill-unitajiet domestiċi u lill-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs; jissottolinja li rispons Ewropew determinat, koordinat u bbażat fuq is-solidarjetà huwa essenzjali biex jiġi limitat it-tixrid tal-kriżi billi jiġu identifikati, prevenuti u mmitigati l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tagħha, u għalhekk jinżamm l-appoġġ taċ-ċittadini Ewropej għall-azzjonijiet meħuda kontra r-Russja u għall-azzjonijiet l-oħra meħtieġa biex l-Ukreni jiġu appoġġjati fid-difiża tagħhom; jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE jagħtu status ta' kandidat tal-UE lill-Ukrajna, f'konformità mal-Artikolu 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u abbażi tal-mertu;
6. Jenfasizza l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-Ukrajna u għall-poplu Ukren; jenfasizza l-importanza tal-approvazzjoni tal-ħames pakketti ta' sanzjonijiet fuq ir-Russja mill-Kunsill Ewropew u jappella għall-implimentazzjoni rapida u effettiva tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jadottaw b'mod urġenti s-sitt pakkett ta' sanzjonijiet, inkluża projbizzjoni fuq l-importazzjonijiet taż-żejt Russu, kif propost mill-Kummissjoni; itenni l-appell tiegħu għal embargo immedjat u sħiħ fuq l-importazzjonijiet Russi taż-żejt, tal-faħam, tal-fjuwil nukleari u tal-gass, u biex in-Nord Stream 1 u 2 jiġu abbandunati kompletament; jitlob l-adozzjoni urġenti ta' miżuri ta' kontroll tal-ħsara fir-rigward tas-sanzjonijiet sabiex jiġi żgurat li l-ħaddiema u l-unitajiet domestiċi ma jgħorrox il-piż ta' dawn id-deċiżjonijiet politiċi;

**Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022**

7. Jappoġġja l-isforzi globali biex tingħata għajnuna lill-Ukrajna, b'mod partikolari permezz tal-G7, u jappella għal serħan mid-dejn għall-Ukrajna; jitlob li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jmexxu l-ħidma fuq Fond Fiduċjarju ta' Solidarjetà għall-Ukrajna u l-istrateġija għall-bini mill-ġdid tal-Ukrajna wara l-gwerra; ifakkar fil-pożizzjoni li ilu jħaddan li l-Parlament jeħtieġlu jkun involut bis-sħiħ fl-istabbiliment u s-supervizzjoni tal-fondi fiduċjarji tal-UE u fit-teħid ta' deċizzjonijiet operazzjonali relatati;

8. Jistieden lill-Kunsill jestendi l-lista ta' individwi li huma fil-mira diretta tas-sanzjonijiet tal-UE, inklużi l-oligarki Russi, filwaqt li jqis il-lista ta' 6 000 individwu ppreżentata mill-Fondazzjoni Navalny; jappella għal estensjoni tal-entitajiet tal-media affiljati mar-Russja li joperaw fl-UE ssanzjonati mill-EU, speċifikament l-"aġenzija tal-aħbarijiet" InfoRos affiljata mal-GRU;

9. Jinnota li eks politiċi bħal Esko Aho, Francois Fillon u Wolfgang Schäussel reċentement irriżenjaw mill-pożizzjonijiet tagħhom f'ditti Russi u jitlob bil-qawwa li oħrajn, bħal Karin Kneissl u Gerhard Schröder, jagħmlu l-istess; jistieden ukoll lill-Kunsill jestendi l-lista ta' individwi fil-mira tas-sanzjonijiet tal-UE għall-membri Ewropej tal-bordijiet ta' kumpaniji Russi ewlenin u għal politiċi li jkomplu jirċievu flus Russi;

**Indirizzar tal-kriżi ekonomika u soċjali b'mod koordinat**

10. Jinsab konvint li rispons effettiv fuq terminu qasir huwa li jingħata kontribut biex jittaffew il-prezzijiet għoljin tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u n-negozji u li jinżammu l-kapaċità tal-akkwist, is-servizzi pubbliċi u l-impjegi ta' kwalità, filwaqt li jitkomplew l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u t-tranżizzjoni ġusta, diġitali u ekoloġika, kif ukoll it-tisħiħ tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; jitlob it-tisħiħ tas-suq intern tal-enerġija sabiex jiġu eliminati d-dipendenzi tal-UE mingħajr ma jinħolqu oħrajn ġodda;

11. Jisħaq, għal darb' oħra, fuq l-importanza tad-diversifikazzjoni tar-riżorsi tal-enerġija, it-teknoloġiji u r-rotot tal-provvista, filwaqt li jiġu evitati l-effetti ta' intrappolament tal-klijentela, minbarra l-istabbiliment ta' pjan fuq skala kbira għal investiment pubbliku u privat fl-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli, u l-investimenti pubbliċi sostenibbli fit-tul fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-problema tal-provvista tal-enerġija; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni żżid il-koordinazzjoni tal-ippjanar u l-iffinanzjar tal-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari l-idroġenu ekoloġiku; jitlob l-eliminazzjoni gradwali rapida tas-sussidji fuq il-fjuwils fossili;

12. Itenni l-istima tal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa ta' investiment annwali addizzjonali fil-medda ta' tliet ċifri ta' biljuni <sup>(9)</sup> biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet tat-trasformazzjoni diġitali, it-tranżizzjoni ekoloġika u ġusta, u l-irkupru ekonomiku u soċjali; jisħaq, għalhekk, li jrid jiġi stabbilizzat livell ogħla ta' investiment u l-konverġenza 'l fuq fl-UE trid tissaħħaħ għal ħafna snin oħra;

13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkundizzjonaw l-investiment pubbliku u l-appoġġ finanzjarju, inkluż l-appoġġ finanzjarju pubbliku għan-negozji mogħti fi ħdan il-flessibilizzazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, għar-rekwiżiti rilevanti marbuta mal-oġettivi tal-politika pubblika, b'mod partikolari r-rekwiżiti soċjali, ambjentali u finanzjarji, li għandhom jiġu ssodisfati mill-benefiċjarji sakemm jirċievu l-appoġġ pubbliku, filwaqt li jiżguraw kompetizzjoni ġusta u miftuħa, kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn il-kumpaniji tagħna, u r-rispett għall-prinċipji fundamentali li fuqhom huwa bbażat is-suq uniku tagħna;

14. Jirrikonoxxi li l-mitigazzjoni tal-impatt taż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija fuq unitajiet domestiċi vulnerabbli se tkun kruċjali biex jiġu kkontrollati r-rati tal-faqar; jistieden lill-Istati Membri jkunu effettivi u mmirati fiż-żieda fl-infiq soċjali tagħhom, inkluż l-appoġġ għall-introjt, biex itaffu l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, speċjalment għall-unitajiet domestiċi b'introjt baxx, u fil-finanzjament ta' politiki pubbliċi ħalli jżidu l-effiċjenza enerġetika u l-espanzjoni tal-enerġija rinnovabbli; jisħaq li t-tkabbir fil-pagi għandu jqis l-inflazzjoni fit-tul u t-tkabbir fil-produttività sabiex tinżamm il-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi;

<sup>(9)</sup> Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tas-27 ta' Meju 2020 dwar l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' rkupru tal-Ewropa (SWD(2020)0098), p 16ff.

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

15. Itenni l-appell tal-Kunsill lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti li jindirizzaw b'mod effettiv il-problema ta' prezzijiet eċċessivi tal-elettriku filwaqt li jippreservaw l-integrità tas-suq uniku; ifakkar fl-għażliet attwali fuq terminu qasir ippreżentati mill-Kummissjoni (appoġġ dirett lill-konsumaturi permezz ta' vawċers, rifużjonijiet tat-taxxa jew permezz ta' "mudell ta' aggregatur/xerrej waħdieni", għajnunha mill-Istat, tassazzjoni, limiti massimi tal-prezzijiet u miżuri regolatorji bħal kuntratti għal differenzi) sabiex jitnaqqas l-impatt tal-prezzijiet għoljin b'mod straordinarju fuq iċ-ċittadini u n-negozji, filwaqt li jiġi indirizzat l-effett ta' kontagġju fuq is-swieq tal-elettriku; jinsab imħasseb dwar abbużi potenzjali tas-suq; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt tal-prezzijiet tal-gass fuq il-funzjonament tas-suq tal-elettriku, b'mod partikolari r-rwol tal-iffissar tal-prezz tal-gass fil-prezz finali;

16. Huwa mħasseb ħafna dwar il-konsegwenzi tal-gwerra Russa kontra l-Ukrajna fuq is-sistema tal-ikel tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jissaħħaħ l-approċċ tal-UE għas-sigurtà tal-ikel u, fejn meħtieġ, li tiżied il-kapaċità tal-produzzjoni sostenibbli sabiex titnaqqas id-dipendenza ġenerali tas-sistema tal-ikel tal-UE u tinbena reżiljenza akbar fil-katina tal-provvista tal-ikel; jirrimarka li l-impatt ewlieni fuq is-settur agroalimentari minħabba ż-żieda qawwija fl-ispejjeż tal-produzzjoni, kif deskritt fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-24 ta' Marzu 2022 dwar il-ħtieġa ta' pjan ta' azzjoni urġenti tal-UE biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel kemm fl-UE kif ukoll barra l-UE fid-dawl tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna, iwissi li r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni mħabbra minn ħafna pajjiżi jistgħu jwasslu għal żidiet fil-prezzijiet, jiddestabilizzaw is-swieq, jikkontribwixxu għall-ġuħ u għal Prattiki spekulattivi;

***L-integrazzjoni ta' persuni spostati temporanjament mill-Ukrajna***

17. Jisħaq li l-gwerra fl-Ukrajna u ż-żieda sussegwenti fl-għoli tal-ħajja u r-riskju tal-qgħad jistgħu jkomplu jaggravaw is-sitwazzjoni tal-familji, ir-rifuġjati, in-nisa, it-tfal friskju ta' faqar u inklużjoni soċjali jew ta' dawk li jeħtieġu aċċess għal kura ta' kwalità jekk miżuri ta' protezzjoni addizzjonali xierqa ma jiġux implimentati; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffukaw l-isforzi tagħhom fuq l-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal lejn l-iżgurar tal-aċċess għal servizzi ta' kwalità bla ħlas għat-tfal li jaħarbu mill-Ukrajna fuq l-istess livell tal-pari nazzjonali tagħhom tal-UE fl-Istati Membri ospitanti u jżidu b'mod urġenti l-finanzjament tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal b'baġit xieraq;

18. Iqis li l-aċċess għal servizzi sħaħ tal-kura tas-saħħa għal kulħadd, b'mod partikolari għan-nisa u l-bniet li huma vittmi ta' reati tal-gwerra u li huma rifuġjati fl-UE jrid jiġi ggarantit fl-Istati Membri kollha; jistieden lill-Istati Membri jgħinu lin-nisa Ukreni spostati temporanjament biex jiżguraw aċċess universali għal kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva ta' kwalità ħielsa minn diskriminazzjoni, koerċizzjoni u abbuż, jindirizzaw il-kwistjoni tar-rimedji legali u jipprevjenu l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem li jaffettwahom; jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni ta' EUR 1,5 miljun għal proġett iddedikat għall-appoġġ tal-Fond tan-NU għall-Popolazzjoni biex jassisti lin-nisa u l-bniet fl-Ukrajna billi jipprovdi servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati, tfal mifruda u tfal minn ambjenti ta' kura istituzzjonali mill-Ukrajna biex jiżguraw li l-ħtieġijiet immedjati tagħhom jiġu ssodisfati, li jiġu identifikati u traċċati b'mod adegwat u li d-data tinqasam bejn l-Istati Membri bil-għan li jerġgħu jingħaqdu mal-familji tagħhom jew jiġu integrati mill-ġdid aktar tard fis-soċjetà Ukrena, filwaqt li tiġi ggarantita l-protezzjoni tagħhom mill-abbuż jew it-traffikar, b'mod partikolari fil-każ ta' nisa żgħażagħ;

20. Jenfasizza li l-kriżi tal-COVID-19 uriet il-kontribut kruċjali tal-ħaddiema migranti fl-appoġġ tal-ekonomiji Ewropej; iwissi, madankollu, li ħafna drabi l-ħaddiema migranti jiltaqgħu ma' kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien ħżiena, in-nuqqas ta' protezzjoni soċjali, iċ-ċaħda tal-libertà ta' assoċjazzjoni u d-drittijiet tal-ħaddiema, id-diskriminazzjoni u l-ksenofobija, u jinsab imħasseb dwar il-każijiet irraportati ta' sfruttament ta' ħaddiema ġejjin mill-Ukrajna; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw dawn il-każijiet, u jiżguraw li d-drittijiet tal-ħaddiema Ukreni huwa protetti u li l-integrazzjoni tagħhom titwettag b'rispett sħiħ għal-liġi, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni; jemmen li t-trade unions u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili madwar l-UE jeħtieġ li jiġu appoġġjati, anke meta jitwettqu azzjonijiet biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet fundamentali tax-xogħol u soċjali tar-rifuġjati, biex il-ħaddiema rifuġjati jiġu organizzati u magħquda f'union u biex jingħataw is-setgħa;

21. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovi wkoll għajnuna finanzjarja lill-Istati Membri li jirrispettaw l-istat tad-dritt għall-akkoljenza u l-integrazzjoni soċjali tar-refuġjati u l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, inkluż għas-servizzi tal-kura, għall-akkomodazzjoni, għall-ikel, għall-għajnuna materjali, għall-programmi ta' taħriġ u għas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu offruti protezzjoni u kura speċjalizzati lill-persuni b'diżabilità li ġejjin mill-Ukrajna; jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw lill-awtoritajiet nazzjonali, iċ-ċentri ta' akkoljenza, edukazzjoni u impjiegi, l-NGOs u l-organizzazzjonijiet tal-karità fl-użu tal-Għodda tal-UE għall-Profiliet tal-Filiet għaċ-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi;

22. Jirrimarka li s-sistemi tas-saħħa mentali tal-Ewropa għandhom jiġu ffinanzjati aħjar u li l-kura tista' tkun ta' sfida għall-aċċess għall-popolazzjoni ġenerali u għandha tittejjeb; jisħaq li hija saħansitra aktar ta' sfida għar-rifuġjati u migranti oħra; iqis li se jkun kruċjali li jiddied b'mod sinifikanti l-finanzjament għas-servizzi tas-saħħa mentali klinika biex jiġu appoġġjati r-rifuġjati ħalli jkun jistgħu jgħixu bit-trawma, flimkien ma' approċċi mhux kliniċi fi sħubija mal-iskejjel, mal-organizzazzjonijiet ibbażati fil-komunità u ma' oħrajn;

### **Pakkett ġdid ta' reżiljenza għall-Ewropa**

#### *Pakkett ta' Reżiljenza Soċjali għan-nies*

23. Jisħaq li huwa mistenni li s-sitwazzjoni ekonomika u soċjali fl-UE turriskja li tkompli tiddeterjora fix-xhur li ġejjin u se tintensifika minħabba l-kombinazzjoni ta' prezzijiet tal-enerġija saħansitra ogħla u b'hekk nefqa ogħla għat-tisħin, u inflazzjoni ogħla għal prodotti u servizzi oħra; itenni li r-riskji għas-saħħa xorta għandhom jiġu mmonitorjati; iqis li jkun importanti għall-UE li tantiċipa dan u li tistabbilixxi qafas ta' politika u inizjattivi konkreti għall-Istati Membri, li għandhom jkunu mmirati biex jappoġġjaw is-segmenti l-aktar vulnerabbli tal-popolazzjonijiet tagħhom sas-sajf tal-2022; itenni l-appell tal-Kunsill lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fid-dawl tal-istaġun tax-xitwa li jmiss, biex jistabbilixxu b'mod urġenti l-mekkaniżmi ta' solidarjetà u kumpens meħtieġa u biex jaħdmu flimkien fuq miżuri komuni;

24. Jitlob pakkett temporanju Ewropew ta' reżiljenza soċjali li jikkoordina sett ta' miżuri u mezzi biex jissaħħu s-sistemi ta' servizzi soċjali u ta' protezzjoni soċjali fl-UE, inklużi l-kontinwazzjoni u r-rifinanzjament ta' SURE sakemm il-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-gwerra jkomplu jkollhom impatt negattiv fuq is-suq tax-xogħol, u faċilità ta' salvataġġ soċjali b'aktar appoġġ pubbliku għal strumenti eżistenti mmirati lejn l-ifqar fis-soċjetà tagħna; jitlob, barra minn hekk, l-adozzjoni rapida tal-Fond Soċjali għall-Klima; jitlob għal tisħiħ tal-investment f'miżuri klimatiċi soċjali; jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw sospensjoni temporanja tal-iskemi nazzjonali għall-indiċizzazzjoni tal-kera, fejn applikabbli;

25. Jistieden lill-Kummissjoni torganizza segwitu għas-Summit Soċjali ta' Porto li jinkludi l-istituzzjonijiet tal-UE u s-sħab soċjali sabiex jiġu diskussi l-isfidi tas-sitwazzjoni straordinarja li qed inħabbtu wiċċna magħha maż-żieda fl-inflazzjoni u l-konsegwenzi soċjali tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-għajxien, ridistribuzzjoni ġusta tal-ġid fost gruppi differenti fis-soċjetà u pagi deċenti, u taħdem fuq aġġornament tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li jiżgura li l-oġettivi li ġew stabbiliti jintlaħqu bl-adozzjoni potenzjali ta' proposti addizzjonali, fejn meħtieġa, u/jew mezzi finanzjarji;

26. Jenfasizza li l-Kummissjoni se tippreżenta rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas għal skemi ta' introjtu minimu, bil-għan li tissalvagwardja d-dritt għal ħajja deċenti, teqred il-faqar u tindirizza l-kwistjonijiet tal-adegwatezza u l-kopertura, inkluża klawżola ta' nonrigressjoni, peress li din hija meħtieġa b'mod urġenti; ifakkar li l-Kummissjoni kienet qed tirrakkomanda skemi ta' introjtu minimu fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u ddikjarat li mhux l-Istati Membri kollha stabbilew l-iskemi tagħhom il fuq mis-soll tal-faqar; jitlob, barra minn hekk, li l-adozzjoni ta' skemi ta' allowances għall-ksib ta' kwalifiki tingħata lin-nies fil-bżonn li jridu jirreġistraw għat-taħriġ vokazzjonali jew għall-edukazzjoni terzjarja, sabiex jiġu koperti l-ispejjeż edukattivi u l-ħtiġijiet essenzzjali tagħhom;

27. Ifakkar li ż-żgħażaġh ġew affettwati b'mod partikolari mill-kriżi tal-COVID-19 f'termini ta' impjeg, edukazzjoni, taħriġ u benesseri mentali; jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-konsegwenzi ekonomiċi mill-kriżi attwali li jirriżultaw mill-aggressjoni Russa fl-Ukrajna se jirriskjaw li jħallu ħafna aktar żgħażaġh fl-Ewropa qiegħda, b'konsegwenzi soċjoekonomiċi fit-tul;

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

28. Ifakkar li d-dritt għal standard ta' għajxien adegwat, inkluża l-akkomodazzjoni, huwa inkluż fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem; iwissi li s-suq tal-akkomodazzjoni fl-Ewropa se jitqiegħed taħt aktar pressjoni u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, għalhekk, jaħdmu biex jiżguraw aċċess għal akkomodazzjoni deċenti u bi prezzijiet raġonevoli għal kulħadd permezz tal-Pjanijiet Nazzjonali ta' Akkomodazzjoni bi Prezzijiet Raġonevoli inklużi fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma; jilqa', f'dan il-kuntest, il-Pjattaforma Ewropea għall-ġlieda kontra l-problema ta' persuni mingħajr dar;

29. Iwissi dwar l-impatt tal-gwerra li għaddeja fuq il-ktajjen tal-provvista globali tal-ikel u l-prezzijiet tal-ikel, u l-konsegwenzi għall-kapaċità tal-akkwist; fid-dawl taż-żieda tal-prezzijiet tal-ikel, jenfasizza ż-żieda fl-allokazzjoni minima adottata lejn miżuri ta' inklużjoni soċjali fl-FSE+ il-ġdid kif ukoll it-3 % aktar minn dik għal miżuri fi ħdan il-Fond għal Għajjnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn, u jhegġegħ lill-Istati Membri jallokaw aktar mill-ammonti minimi meħtieġa f'konformità mal-FSE+;

*Pakkett ta' Għajjnuna Ekonomika għan-Negozji*

30. Itenni l-appelli tiegħu biex tittieħed azzjoni konġunta tal-UE ħalli jiġu indirizzati l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna u tas-sanzjonijiet imposti; jipproponi li jinħoloq Pakkett ta' Għajjnuna Ekonomika għan-Negozji, inklużi elementi ekonomiċi, baġitarji u leġiżlattivi, għall-SMEs u l-investment pubbliku, mingħajr ma jiġu kompromessi l-miri klimatiċi tal-UE għall-2030 u l-2050; jemmen li tali pakkett għandu tal-anqas jinkludi:

- (a) li l-Kummissjoni tipprovdi analiżi li tidentifika s-setturi l-aktar affettwati mill-effetti kumulattivi ta' prezzijiet ogħla tal-enerġija u tal-materja prima u l-impatt tal-gwerra, f'konformità mal-oġġettivi ta' regolamentazzjoni aħjar;
- (b) żieda tal-għajjnuna għan-negozji ftali setturi billi tiġi żgurata applikazzjoni flessibbli tar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat, filwaqt li tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta soġġetta għar-rekwiżiti vinkolanti rilevanti ta' sostenibbiltà integrati fil-mudelli ta' negozju tal-impriżi, bħal projbizzjonijiet fuq sensji kollettivi, żieda fl-effiċjenza enerġetika, użu addizzjonali tal-enerġija rinnovabbli u miri ta' tnaqqis ta' materjal verġni;
- (c) l-adozzjoni ta' strateġija ta' diversifikazzjoni biex tiġi żgurata provvista affidabbli ta' komoditajiet u materja prima kritika, bħall-metalli tal-materjali tal-art rari, kif ukoll l-iżgurar ta' ktajjen ta' provvista sostenibbli f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi;
- (d) li tiġi żgurata l-indipendenza enerġetika mill-provvisti Russi u aktar awtonomija strateġika, billi jiġi ammeljorat u żgurat investment maġġuri fl-infrastruttura tal-enerġija tal-UE, inkluż fl-interkonezzjonijiet u l-infrastruttura transfruntiera, il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, u l-effiċjenza enerġetika;
- (e) żieda fil-livell tal-garanzija tal-UE fil-programm InvestEU biex tingħata spinta lill-investment b'appoġġ għall-SMEs Ewropej, inkluż għal skopijiet ta' appoġġ kapitali, u l-ħolqien ta' tieqa ddedikata għall-kumpaniji affettwati mill-konsegwenzi tal-gwerra u għal proġetti relatati mal-indipendenza enerġetika u li jaġġoġġjaw il-miri tal-enerġija u tal-klima f'dan il-programm, iffinanzjat minn finanzjament ġdid;

31. Jissottolinja l-konklużjonijiet reċenti tal-Kunsill li jstiednu lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jkomplu jaġhmlu l-aħjar użu mis-sett ta' għodod tal-għajjnuna mill-Istat, inkluż il-qafas temporanju ġdid ta' għajjnuna mill-Istat għall-kriżijiet; jissottolinja n-nuqqas, f'dan ir-rigward, ta' kwalunkwe kundizzjoni ta' sostenibbiltà u soċjali fil-qafas ta' għajjnuna mill-Istat ippreżentat mill-Kummissjoni; jinsisti li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju pubbliku pprovdut lill-kumpaniji sabiex jiġu miġġielda l-effetti ekonomiċi tal-pandemija u l-gwerra jiġi pprovdut biss jekk il-finanzjament jintuża għall-benefiċċju tal-impjegati u li l-kumpaniji li jirċevuh ma jaġhtux bonusijiet lill-maniġment, ma jevitawx it-taxxa, ma jħallsux dividendi u ma joffrux skemi ta' xiri lura ta' ishma sakemm ikunu qed jirċievu dan l-appoġġ;

32. Jilqa' l-adozzjoni li ġejja mill-Kummissjoni ta' strument ta' emerġenza tas-suq uniku; ihegġegħ lill-Kummissjoni tintegra dispożizzjonijiet fil-kuntest ta' qafas leġiżlattiv bħal dan li jstabbilixxu testijiet tal-istress ta' reżiljenza għall-impriżi, bħalma huma t-testijiet tal-istress għall-istituzzjonijiet finanzjarji, li jimmappjaw, jivvalutaw u jipprovdu tweġibiet potenzjali għar-riskji tal-katina tal-provvista tagħhom, inkluż l-esternalitajiet u r-riskji soċjali, ambjentali u politiki;

33. Ifakkar fl-importanza ta' suq uniku li jiffunzjona tajjeb bħala s-sintra tal-ekonomija tal-UE; jissottolinja li l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja enfazzjazzat għadd ta' sfidi għar-reżiljenza tal-UE għad-domanda u l-provvista, li qed jaffettwaw l-industriji tagħha u jifframmentaw is-suq uniku; jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposti ġodda biex thegħeġ lill-atturi privati jinvestu fl-UE u b'mod partikolari jsaħħu s-suq uniku għas-servizzi, tagħmel progress fl-unjoni tas-swieq kapitali u fl-unjoni bankarja u tagħmel użu minn forom ġodda ta' sħubijiet pubbliċi-privati li fihom l-Istat jassumi riskji limitati ta' finanzjament biex jattira aktar attivitajiet ta' investment tas-settur privat, bħall-iskemi ta' appoġġ tal-COVID għall-SMEs;

### **Tisħiħ tal-kapaċità ta' azzjoni tal-UE**

34. Jenfasizza li fir-rispons Ewropew għall-kriżi tal-COVID, iċ-ċittadini Ewropej ħassew li l-UE kienet qed tiprotegħom u tiftaħ prospetti, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien tal-programm SURE u n-NextGenerationEU (NGEU); jissottolinja li la l-fond tal-NGEU, il-komponent tiegħu tal-Fond għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u lanqas il-flessibbiltà fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) attwali tal-2021-2027 mhuma biżżejjed biex ikopru bis-sħiħ il-ħtiġijiet finanzjarji ġġenerati mill-gwerra fl-Ukrajna; ifakkar li dawn l-istrumenti la kienu mfassla u lanqas maħsuba f'termini ta' daqs biex jindirizzaw l-isfidi l-ġodda li jirriżultaw mill-aggressjoni u l-invażjoni Russa u fl-istess ħin iżommu l-investimenti fil-programmi u l-politiki tal-UE, inklużi prijoritajiet importanti bħat-tranżizzjonijiet ġusti, ekoloġiċi u diġitali;

35. Jenfasizza l-ħtieġa li jsir użu ottimali mill-opportunitajiet ta' finanzjament eżistenti, mill-flessibbiltà u minn dispożizzjonijiet oħra stabbiliti fir-Regolament dwar il-QFP u fir-Regolament Finanzjarju; huwa madankollu konvint li jeħtieġ li tiġi prevista flessibbiltà addizzjonali fil-baġit tal-UE biex jirrispondi għal ħtiġijiet mhux previsti u urġenti, inkluż l-użu sħiħ mid-diżimpenji; jistieden lill-Kummissjoni twestaq rieżami fil-fond tal-funzjonament tal-QFP attwali u tipproċedi bi proposta leġiżlattiva għal reviżjoni komprensiva tal-QFP mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-ewwel trimestru tal-2023; jistenna li tali reviżjoni tqis l-implikazzjonijiet fit-tul tal-gwerra fl-Ukrajna u l-miżuri ta' emerġenza meħuda;

36. Ifakkar li huwa lest li jimmobilizza l-istrumenti baġitarji kollha disponibbli tal-UE bil-għan li jipprovdi l-appoġġ finanzjarju l-aktar b'saħħtu possibbli lin-nies li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna u jwissi li tali mobilizzazzjoni ma għandhiex tkun ta' detriment għall-programmi u l-azzjonijiet eżistenti; jistieden lill-Kummissjoni tidentifika r-riżorsi addizzjonali mhux allokati, b'mod partikolari minn eżerċizzji ta' programmazzjoni preċedenti, li jstgħu jiġu mmobilizzati biex jappoġġjaw lill-Ukrajna u jindirizzaw il-konsegwenzi tal-gwerra;

37. Jilqa' l-pjan deskritt mill-Kummissjoni taħt il-programm il-ġdid tagħha REPowerEU biex l-Ewropa ssir indipendenti mill-fjuwils fossili Russi ferm qabel l-2030, li tibda bil-gass, fid-dawl tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja; jistieden lill-Kummissjoni tesplora kif dan il-programm jista' jintuża flimkien mal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jiġu avvanzati l-investimenti fit-tranżizzjoni tal-enerġija, inkluż il-finanzjament ta' proġetti multinazzjonali fil-qasam tas-sigurtà tal-enerġija;

38. Jitlob l-implimentazzjoni rapida tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza, b'mod partikolari fil-qasam tal-enerġija, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew; jemmen bis-sħiħ li dan għandu jżid l-awtonomija strateġika tal-UE;

39. Ifakkar li aktar minn EUR 200 biljun ta' self ma ġewx ikkuntrattati; jitlob, għalhekk, lill-Istati Membri jużaw is-self li għadu ma ntabx taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza sabiex ikopru l-ispejjeż ekonomiċi u soċjali negattivi li jirriżultaw mill-gwerra, f'konformità mar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

40. Jinnota l-konklużjonijiet tal-FMI li l-politika fiskali hija aktar adattata biex tindirizza xokkijiet ġodda mill-politika monetarja u li l-istabbilizzaturi fiskali awtomatiċi għandhom jitħallew joperaw liberament, filwaqt li jiġi allokat, *inter alia*, infiq addizzjonali għall-appoġġ umanitarju lir-rifuġjati u għat-trasferimenti lejn unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u appoġġ immirat lejn ditti vulnerabbli, iżda vijabbli;

**Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022**

41. Jinnota l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-gwida tal-politika fiskali għall-2023<sup>(10)</sup> u t-talba tagħha biex tinżamm pożizzjoni fiskali ta' appoġġ filwaqt li tkun lesta tirreaġixxi għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali li qed tevolve; jistenna li l-Kummissjoni tressaq sett ta' miżuri ta' politika fiskali biex tirreaġixxi għal xokkijiet ekonomiċi u ż-żieda fil-livelli tal-faqar; jistenna wkoll, f'dan il-kuntest, li l-klawżola liberatorja ġenerali tibqa' attivata sakemm tippersisti l-ġustifikazzjoni sottostanti; iqis li r-ritorn għar-regoli fiskali fiċ-ċirkostanzi attwali jista' jkollu konsegwenzi mhux intenzjonati għall-ekonomija tal-UE u għall-kapaċità tal-Istati Membri li jiffaċċjaw il-kriżi attwali;

42. Jieħu l-opportunità, fost l-isfidi ġeopolitiċi globali li għaddejjin bħalissa, bħall-pandemija tal-COVID-19 u l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, li jikkunsidra mill-ġdid il-governanza ekonomika tal-UE sabiex iżid ir-reżiljenza tagħha għax-xokkijiet u l-kriżijiet, kif ukoll isaħħaħ id-dimensjoni soċjali u tal-enerġija tagħha; jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti ħajja għada lir-rispons komprensiv tal-politika ekonomika għall-kriżi attwali sabiex tindirizza b'mod effettiv l-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali fl-isfond ta' ħtiġijiet enormi ta' investiment

43. Jistieden lill-Kummissjoni tnedi rieżami tar-regoli fiskali tal-UE; jinnota li r-rieżami tal-qafas ta' governanza ekonomika jrid iqis il-konsegwenzi tal-pandemija, il-gwerra u l-implikazzjonijiet għat-tranżizzjoni enerġetika;

44. Jitlob l-istabbiliment ta' Fond Ewropew iddedikat għid (Fond Awtonomu Strateġiku għall-Ewropa) biex jiffinanzja l-infrastruttura tal-enerġija transfruntiera – filwaqt li jiġu evitati effetti ta' intrappolament fuq il-fjuwils fossili – u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, filwaqt li tissaħħaħ it-triq lejn il-Patt Ekoloġiku Ewropew, kif ukoll iċ-ċibersigurtà, il-kompetittività industrijali, l-ekonomija ċirkolari, is-sigurtà tal-ikel u l-iżvilupp sostenibbli, u b'hekk tiġi żgurata l-awtonomija tal-Ewropa u jiġu protetti servizzi pubbliċi ta' kwalità fid-deċennji li ġejjin; jinsisti li kwalunkwe fond għid bħal dan għandu jiġi stabbilit skont il-proċedura u l-funzjoni leġiżlattiva ordinarja u jiġi operat taħt is-sorveljanza sħiħa tal-Parlament Ewropew u jkun ġestit direttament mill-Kummissjoni; jenfasizza li l-ammont globali tiegħu għandu jiġi stabbilit abbażi ta' valutazzjoni ċara tal-lakuni fl-ispejjeż u fl-investiment; jitlob li dan kollu jkun ibbażat fuq it-tagħlimiet meħuda mill-NGEU;

45. Jenfasizza li, b'mod parallel, huma meħtieġa riżorsi proprji ġodda addizzjonali tal-UE biex tal-anqas ikopru l-ispejjeż ta' ripagament tal-NGEU (kapital u imgħax) u biex jiżguraw finanzjament sostenibbli tal-baġit tal-UE fuq bażi fit-tul sabiex jiġi evitat li l-prijoritajiet il-ġodda tal-UE jiġu ffinanzjati għad-detriment tal-programmi u l-politiki eżistenti tal-UE; huwa determinat li jimmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali miftiehem u legalment vinkolanti dwar ir-riżorsi proprji minn Diċembru 2020; iħeġġeġ lill-Kunsill iħaffef in-negozjati dwar l-ewwel basket ta' riżorsi proprji tal-UE, li jinkludi dħul mill-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntiera, l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u schem mill-profitti tal-akbar kumpaniji multinazzjonali u l-aktar profittabbli bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim qabel it-tlestija tal-proċedura baġitarja tal-2023; itenni t-talba tiegħu għall-introduzzjoni tat-tieni basket ta' riżorsi proprji ġodda mingħajr aktar dewmien, inkluża Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta qabel Diċembru 2023; jenfasizza l-ħtieġa li tittieħed azzjoni ulterjuri jekk ir-riżorsi proprji ġodda proposti ma jiġux adottati jew ma jiġġenerawx il-livell antiċipat ta' dħul għall-baġit tal-UE; jirrimarka l-importanza, f'dan il-kuntest, tad-Djalogo Regolari dwar ir-Riżorsi Proprji bejn it-tliet istituzzjonijiet;

46. Jenfasizza li, kif enfasizzat mill-Kunsill Ewropew, it-tassazzjoni temporanja jew l-interventi regolatorji fuq profitti mhux mistennija jistgħu jkunu sors ta' finanzjament pubbliku nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkordinaw it-fassil ta' skemi ta' tassazzjoni tal-profit mhux mistenni jew miżuri regolatorji oħra sabiex jużawhom biex itaffu l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-gwerra fl-Ukrajna għall-UE;

47. Jenfasizza l-urġenza tal-implimentazzjoni rapida tal-ftehim tal-Pilastru 2 tal-OECD dwar tassazzjoni effettiva minima, minbarra l-implimentazzjoni tal-Pilastru 1, iċċentrat fuq distribuzzjoni aktar ġusta tal-profitti u fuq id-drittijiet tat-tassazzjoni fost il-pajjiżi fir-rigward tal-akbar kumpaniji multinazzjonali, inklużi dawk fis-settur diġitali<sup>(11)</sup>;

<sup>(10)</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Marzu 2022 dwar gwida għall-politika fiskali għall-2023 (COM(2022)0085).

<sup>(11)</sup> Ara t-tweġiba mogħtija mill-Kummissarju Gentiloni fil-15 ta' Frar 2022 bi tweġiba għall-Mistoqsija bil-Miktub E-005563/2021 dwar id-dħul mit-taxxa tal-Istati Membri u l-UE wara l-ftehim tal-OECD.



## Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022

48. Itenni l-urġenza li jiġu miġġielda l-evażjoni tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa permezz ta' riformi ulterjuri, inkluż dik tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament; jistieden lill-Kunsill jilħaq ftehim dwar il-proposti tal-Kummissjoni għal reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija <sup>(12)</sup> u għal direttiva li tistabbilixxi regoli biex jiġi evitat l-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal skopijiet ta' taxxa <sup>(13)</sup> wara l-opinjoni tal-Parlament dwar dan;

49. Jilqa' l-istudju ta' fattibbiltà mitlub mill-Kummissjoni għal reġistru tal-assi tal-UE bħala riżultat ta' talba speċifika mill-Parlament; jinnota li mekkaniżmu bħal dan jista' jipprovdi lill-awtoritajiet pubbliċi b'aċċess f'waqtu għall-informazzjoni dwar is-sjieda ta' assi u oġġetti ta' valur għoli madwar l-UE u b'hekk irażżan b'mod effettiv l-isforzi biex jiġu evitati sanzjonijiet finanzjarji mmirati, u jiġu miġġielda l-ħasil tal-flus u l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa; iqis, barra minn hekk, li l-Kummissjoni titlob li l-ġurisdizzjonijiet barra mill-UE jiżvelaw informazzjoni dwar is-sjieda tal-assi ta' individwi u entitajiet sanzjonati fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom;

50. Itenni t-talba tiegħu li jintuża l-qafas tan-negozjati dwar il-pakkett leġislattiv dwar il-għieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu biex jingħalqu l-lakuni eżistenti li jippermettu li l-istrutturi tas-sjieda benefiċjarja jiġu oskurati, u biex jiġi żgurat li l-assi rilevanti kollha miżmuma mill-oligarki Russi elenkati fl-UE jiġu kkonfiskati f'konformità mal-qafas legali tal-UE; jirrikonoxxi l-ħidma tat-Task Force tal-Kummissjoni dwar l-Iffriżar u l-Konfiska f'dan il-kuntest;

o

o o

51. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

<sup>(12)</sup> Proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 li tirriforma l-istruttura tal-Unjoni dwar tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku (COM(2021)0563).

<sup>(13)</sup> Proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2021 li tistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal finijiet ta' taxxa (COM(2021)0565).

Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022

## III

(Atti preparatorji)

## IL-PARLAMENT EWROPEW

P9\_TA(2022)0208

**Il-liberalizzazzjoni temporanja tal-kummerċ li tissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna \*\*\*I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liberalizzazzjoni temporanja tal-kummerċ li tissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (COM(2022)0195 – C9-0159/2022 – 2022/0138(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2022/C 479/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0195),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0159/2022),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-13 ta' Mejju 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A9-0146/2022),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**P9\_TC1-COD(2022)0138**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-19 ta' Mejju 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ temporanji li tissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra**

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, ir-Regolament (UE) 2022/870.)

Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022

P9\_TA(2022)0209

**Il-preservazzjoni, l-analiżi u l-ħżin fil-Eurojust ta' evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra lumanità, delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati \*\*\*I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 fir-rigward tal-preservazzjoni, l-analiżi u l-ħżin fil-Eurojust ta' evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati (COM(2022)0187 – C9-0155/2022 – 2022/0130(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: L-ewwel qari)

(2022/C 479/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0187),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 85 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0155/2022),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-18 ta' Mejju 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 163 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**P9\_TC1-COD(2022)0130**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-19 ta' Mejju 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 fir-rigward tal-preservazzjoni, l-analiżi u l-ħżin fil-Eurojust ta' evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati**

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, ir-Regolament (UE) 2022/838.)

Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022

P9\_TA(2022)0210

## **Regolament (UE) 2016/1628: Estensjoni tas-setgħa biex tadotta atti delegati \*\*\*I**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tal-estensjoni tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati (COM(2022)0113 – C9-0119/2022 – 2022/0080(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: L-ewwel qari)**

(2022/C 479/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0113),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0119/2022),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Mejju 2022 <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-11 ta' Mejju 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 163 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

### **P9\_TC1-COD(2022)0080**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-19 ta' Mejju 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tal-estensjoni tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati**

*(Peress li ntlaħaq fehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, ir-Regolament (UE) 2022/992.)*

---

<sup>(1)</sup> Għadha mhijiex ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

P9\_TA(2022)0216

**Livell minimu ta' tassazzjoni għal gruppi multinazzjonali \*****Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Meju 2022 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi multinazzjonali fl-Unjoni (COM(2021)0823 – C9-0040/2022 – 2021/0433(CNS))****(Proċedura leġislattiva speċjali – konsultazzjoni)**

(2022/C 479/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2021)0823),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0040/2022),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 82 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0140/2022),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
  3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022

**Emenda 1**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 6**

---

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (6) Huwa neċessarju li jiġu implimentati r-Regoli Mudell tal-GloBE miftehimin mill-Istati Membri b'mod li jibqa' kemm jista' jkun qrib il-ftehim globali. Din id-Direttiva **ssegwi** mill-qrib il-kontenut u l-istruttura tar-Regoli Mudell tal-GloBE. Sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà mad-dritt primarju tal-Unjoni, u b'mod aktar preċiż mal-libertà ta' stabbiliment, jenħtieġ li r-regoli ta' din id-Direttiva japplikaw għal entitajiet residenti fi Stat Membru kif ukoll għal entitajiet mhux residenti ta' entità omm li tinsab f'dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li din id-Direttiva tapplika wkoll għal gruppi purament domestiċi fuq skala kbira ħafna. B'dan il-mod, il-qafas legali jkun imfassal sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' diskriminazzjoni bejn sitwazzjonijiet transfruntiera u domestiċi. L-entitajiet kollha, inkluża l-entità omm li tapplika l-IIR, li jinsabu fi Stat Membru li jkollu rata baxxa ta' tassazzjoni, ikunu soġġetti għat-taxxa kumplementari. Bl-istess mod, l-entitajiet kostitwenti tal-istess entità omm li jinsabu fi Stat Membru ieħor, li jkollu rata baxxa ta' tassazzjoni, ikunu soġġetti għat-taxxa kumplementari.

---

*Emenda*

- (6) Huwa neċessarju li jiġu implimentati r-Regoli Mudell tal-GloBE miftehimin mill-Istati Membri b'mod li jibqa' kemm jista' jkun qrib il-ftehim globali. **Is-suċċess tal-ftehim se jiddependi kompletament fuq implimentazzjoni trasparenti u konsistenti fl-Unjoni u globalment.** Din id-Direttiva **ġeneralment issegwi** mill-qrib il-kontenut u l-istruttura tar-Regoli Mudell tal-GloBE **imma tvarja f'ċerti aspetti, inkluż fir-rigward tal-applikazzjoni ta' ċerti regoli fl-Unjoni.** Sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà mad-dritt primarju tal-Unjoni, u b'mod aktar preċiż mal-libertà ta' stabbiliment, jenħtieġ li r-regoli ta' din id-Direttiva japplikaw għal entitajiet residenti fi Stat Membru kif ukoll għal entitajiet mhux residenti ta' entità omm li tinsab f'dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li din id-Direttiva tapplika wkoll għal gruppi purament domestiċi fuq skala kbira ħafna. B'dan il-mod, il-qafas legali jkun imfassal sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' diskriminazzjoni bejn sitwazzjonijiet transfruntiera u domestiċi. L-entitajiet kollha, inkluża l-entità omm li tapplika l-IIR, li jinsabu fi Stat Membru li jkollu rata baxxa ta' tassazzjoni, ikunu soġġetti għat-taxxa kumplementari. Bl-istess mod, l-entitajiet kostitwenti tal-istess entità omm li jinsabu fi Stat Membru ieħor, li jkollu rata baxxa ta' tassazzjoni, ikunu soġġetti għat-taxxa kumplementari.

**Emenda 2**  
**Proposta għal direttiva**

**Premessa 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (7) Filwaqt li huwa neċessarju li jiġi żgurat li l-prattiki tal-evitar tat-taxxa jiġu skoraġġuti, jenħtieġ li jiġu evitati impatti negattivi fuq MNEs iżgħar fis-suq intern. Għal dan l-għan, jenħtieġ li din id-Direttiva tapplika biss għal entitajiet li jinsabu fl-Unjoni li huma membri ta' gruppi MNE jew ta' gruppi domestiċi fuq skala kbira li jilhq s-soll annwali ta' **mill-inqas** EUR 750 000 000 ta' dħul konsolidat. Dan is-soll ikun konsistenti mas-soll tar-regoli internazzjonali eżistenti dwar it-taxxa bħar-regoli ta' rapport għal kull pajjiż<sup>(9)</sup>. L-entitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jissejħu entitajiet kostitwenti. Jenħtieġ li ċerti entitajiet jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni fuq il-bażi tal-iskop u tal-istatus partikolari tagħhom. L-entitajiet esklużi jkunu dawk li ma jkunux xprunati mill-profit u jwettqu attivitajiet fl-interess ġenerali u li, għal dawn ir-raġunijiet, x'aktarx ma jkunux soġġetti għat-taxxa fl-Istat Membru li fih ikunu jinsabu. Sabiex jiġu protetti dawk l-interessi speċifiċi, huwa neċessarju li entitajiet governattivi, organizzazzjonijiet internazzjonali, organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u fondi ta' pensjoni jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li anke l-fondi ta' investment u l-veikoli ta' investment immobiljari jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni meta jkunu fil-quċċata tal-katina tas-sjieda, peress li, għal dawk hekk imsejħin entitajiet passarella, l-introjtu miksub jiġi ntaxxat fil-livell tas-sidien.

<sup>(9)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/881 tal-25 ta' Meju 2016 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (ĠU L 146, 3.6.2016, p. 8) [DAC 4].

*Emenda*

- (7) Filwaqt li huwa neċessarju li jiġi żgurat li l-prattiki tal-evitar tat-taxxa jiġu skoraġġuti, jenħtieġ li jiġu evitati impatti negattivi fuq MNEs iżgħar fis-suq intern. Għal dan l-għan, jenħtieġ li din id-Direttiva tapplika biss għal entitajiet li jinsabu fl-Unjoni li huma membri ta' gruppi MNE jew ta' gruppi domestiċi fuq skala kbira li jilhq s-soll annwali ta' EUR 750 000 000 ta' dħul konsolidat. Dan is-soll ikun konsistenti mas-soll tar-regoli internazzjonali eżistenti dwar it-taxxa bħar-regoli ta' rapport għal kull pajjiż<sup>(9)</sup> **u għalhekk jenħtieġ li jiġi rispettata mill-Istati Membri kollha. Il-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja kif u sa liema punt l-Istati Membri qed japplikaw ir-Regoli Mudell tal-GloBE għal entitajiet iżgħar u tieħu miżuri xierqa jekk ikunu qed japplikawhom b'mod li jmur kontra l-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni jew idgħajjef l-integrità tas-suq intern.** L-entitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jissejħu entitajiet kostitwenti. Jenħtieġ li ċerti entitajiet jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni fuq il-bażi tal-iskop u tal-istatus partikolari tagħhom. L-entitajiet esklużi jkunu dawk li ma jkunux xprunati mill-profit u jwettqu attivitajiet fl-interess ġenerali u li, għal dawn ir-raġunijiet, x'aktarx ma jkunux soġġetti għat-taxxa fl-Istat Membru li fih ikunu jinsabu. Sabiex jiġu protetti dawk l-interessi speċifiċi, huwa neċessarju li entitajiet governattivi, organizzazzjonijiet internazzjonali, organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u fondi ta' pensjoni jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li anke l-fondi ta' investment u l-veikoli ta' investment immobiljari jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni meta jkunu fil-quċċata tal-katina tas-sjieda, peress li, għal dawk hekk imsejħin entitajiet passarella, l-introjtu miksub jiġi ntaxxat fil-livell tas-sidien.

<sup>(9)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/881 tal-25 ta' Meju 2016 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (ĠU L 146, 3.6.2016, p. 8) [DAC 4].

Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022

**Emenda 3**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 13**

---

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (13) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jibbenefikaw mid-d-  
hul mit-taxxa kumplimentari miġbur mill-entitajiet  
kostitwenti b'taxxa baxxa tagħhom li jinsabu fit-territorju  
tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri **jkunu jistgħu  
jiddeċiedu** li japplikaw sistema domestika tat-taxxa  
kumplimentari. Jenħtieġ li l-entitajiet kostitwenti ta'  
grupp MNE li jinsabu fi Stat Membru li jkun iddeċieda  
li jimplimenta regoli ekwivalenti għall-IIR u għall-UTPR  
fis-sistema domestika tat-taxxa tiegħu stess iħallsu t-taxxa  
kumplimentari lil dan l-Istat Membru. Filwaqt li tħalli  
lill-Istati Membri xi flessibbiltà fl-implimentazzjoni  
teknika **tas-sistema domestika** tat-taxxa kumplimentari,  
**jenħtieġ li sistema bħal din tiżgura t-tassazzjoni  
effettiva minima tal-introjt jew telf kwalifikanti  
tal-entitajiet kostitwenti bl-istess mod, jew b'mod  
ekwivalenti, għall-IIR u għall-UTPR ta' din id-Diretti-  
va.**

---

*Emenda*

- (13) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jibbenefikaw mid-d-  
hul mit-taxxa kumplimentari miġbur mill-entitajiet  
kostitwenti b'taxxa baxxa tagħhom li jinsabu fit-territorju  
tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri **jkollhom l-għażla** li  
japplikaw sistema domestika tat-taxxa kumplimentari.  
Jenħtieġ li l-entitajiet kostitwenti ta' grupp MNE li jinsabu  
fi Stat Membru li jkun iddeċieda li jimplimenta regoli  
ekwivalenti għall-IIR u għall-UTPR fis-sistema domestika  
tat-taxxa tiegħu stess iħallsu t-taxxa kumplimentari lil dan  
l-Istat Membru. Filwaqt li tħalli lill-Istati Membri xi  
flessibbiltà fl-implimentazzjoni teknika tat-taxxa kumpli-  
mentari, **il-Grupp tal-Kunsill dwar il-Kodiċi tal-Kon-  
dotta (tassazzjoni tal-intrapriżi) jenħtieġ li jissorvelja  
bir-reqqa l-applikazzjoni ta' dik it-taxxa. Il-Kummiss-  
joni jenħtieġ li tipprovdi assistenza f'dak ir-rigward.**



**Emenda 4**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 14**

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (14) Sabiex jiġi żgurat approċċ proporzjonat, jenħtieġ li dan l-eżerċizzju jqis ċerti sitwazzjonijiet speċifiċi li fihom jitnaqqsu r-riskji tal-BEPS. Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva tinkludi esklużjoni ta' sustanza bbażata fuq il-kostijiet assoċjati mal-impjegati u fuq il-valur tal-assi tanġibbli f'ġuriżdizzjoni partikolari. Dan ikun jippermetti li jiġu indirizzati, sa ċertu punt, sitwazzjonijiet li fihom grupp MNE jew grupp domestiku fuq skala kbira jwettaq attivitajiet ekonomiċi li jeħtieġu preżenza materjali f'ġuriżdizzjoni b'taxxa baxxa peress li ftali każ il-prattiki tal-BEPS x'aktarx ma jiffjorixxux. Jenħtieġ li l-każ speċifiku tal-gruppi MNE li jinsabu fl-ewwel stadji tal-attività internazzjonali tagħhom jitqies ukoll sabiex ma jiġix skoraġġut l-iżvilupp ta' attivitajiet transfruntiera għall-gruppi MNE li jibbenefikaw minn tassazzjoni baxxa fil-ġuriżdizzjoni domestika tagħhom fejn ikunu qed joperaw b'mod predominanti. Għalhekk, jenħtieġ li l-attivitajiet domestiċi b'taxxa baxxa ta' tali gruppi jiġu esklużi mill-applikazzjoni tar-regoli għal perjodu tranżizzjonali ta' **ħames** snin, u dment li l-grupp MNE ma jkollux entitajiet kostitwenti f'aktar minn sitt ġuriżdizzjonijiet oħrajn. Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali għal gruppi domestiċi fuq skala kbira, jenħtieġ li l-introjtu mill-attivitajiet ta' tali gruppi jiġi eskluż ukoll għal perjodu tranżizzjonali ta' **ħames** snin.

*Emenda*

- (14) Sabiex jiġi żgurat approċċ proporzjonat, jenħtieġ li dan l-eżerċizzju jqis ċerti sitwazzjonijiet speċifiċi li fihom jitnaqqsu r-riskji tal-BEPS. Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva tinkludi esklużjoni ta' sustanza bbażata fuq il-kostijiet assoċjati mal-impjegati u fuq il-valur tal-assi tanġibbli f'ġuriżdizzjoni partikolari. Dan ikun jippermetti li jiġu indirizzati, sa ċertu punt, sitwazzjonijiet li fihom grupp MNE jew grupp domestiku fuq skala kbira jwettaq attivitajiet ekonomiċi li jeħtieġu preżenza materjali f'ġuriżdizzjoni b'taxxa baxxa peress li ftali każ il-prattiki tal-BEPS x'aktarx ma jiffjorixxux. Jenħtieġ li l-każ speċifiku tal-gruppi MNE li jinsabu fl-ewwel stadji tal-attività internazzjonali tagħhom jitqies ukoll sabiex ma jiġix skoraġġut l-iżvilupp ta' attivitajiet transfruntiera għall-gruppi MNE li jibbenefikaw minn tassazzjoni baxxa fil-ġuriżdizzjoni domestika tagħhom fejn ikunu qed joperaw b'mod predominanti. Għalhekk, jenħtieġ li l-attivitajiet domestiċi b'taxxa baxxa ta' tali gruppi jiġu esklużi mill-applikazzjoni tar-regoli għal perjodu tranżizzjonali ta' **tlit** snin, u dment li l-grupp MNE ma jkollux entitajiet kostitwenti f'aktar minn sitt ġuriżdizzjonijiet oħrajn. Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali għal gruppi domestiċi fuq skala kbira, jenħtieġ li l-introjtu mill-attivitajiet ta' tali gruppi jiġi eskluż ukoll għal perjodu tranżizzjonali ta' **tlit** snin.

Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022

**Emenda 5**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 16**

Test propost mill-Kummissjoni

- (16) **Sabiex jinkiseb bilanċ bejn l-oġġettivi tar-riforma globali tat-taxxa minima u l-piż amministrattiv għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa u għall-kontribwenti, jenħtieġ li** din id-Direttiva tipprevedi esklużjoni de minimis għall-gruppi MNE jew għall-gruppi domestiċi fuq skala kbira li għandhom dħul medju ta' anqas minn EUR 10 000 000 u introjtu jew telf kwalifikanti medju ta' anqas minn EUR 1 000 000 f'ġuriżdizzjoni. Jenħtieġ li tali gruppi MNE jew gruppi domestiċi fuq skala kbira ma jħallsux taxxa kumplimentari anke jekk l-ETR tagħhom ikun taħt ir-rata minima tat-taxxa f'dik il-ġuriżdizzjoni.

Emenda

- (16) **F'konformità mal-ftehim milħuq mill-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS**, din id-Direttiva tipprevedi esklużjoni de minimis għall-gruppi MNE jew għall-gruppi domestiċi fuq skala kbira li għandhom dħul medju ta' anqas minn EUR 10 000 000 u introjtu jew telf kwalifikanti medju ta' anqas minn EUR 1 000 000 f'ġuriżdizzjoni. Jenħtieġ li tali gruppi MNE jew gruppi domestiċi fuq skala kbira ma jħallsux taxxa kumplimentari anke jekk l-ETR tagħhom ikun taħt ir-rata minima tat-taxxa f'dik il-ġuriżdizzjoni.

**Emenda 6**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 18**

Test propost mill-Kummissjoni

- (18) Għal applikazzjoni effiċjenti tas-sistema, huwa kruċjali li l-proċeduri jiġu kkoordinati fil-livell ta' grupp. Se jkun neċessarju li titħaddem sistema li tiżgura l-fluss mhux ostakolat ta' informazzjoni fi ħdan il-grupp MNE u lejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa fejn jinsabu l-entitajiet kostitwenti. Jenħtieġ li r-responsabbiltà primarja tal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' informazzjoni tkun tal-entità kostitwenti nnifisha. Madankollu, jenħtieġ li tapplika rinunzja ta' tali responsabbiltà meta l-grupp MNE jkun iddeżinja entità oħra sabiex tissottometti u tikkondividi d-dikjarazzjoni ta' informazzjoni. Tista' tkun jew entità lokali jew entità minn ġuriżdizzjoni oħra li jkollha ftehim ta' awtorità kompetenti fis-seħħ mal-Istat Membru tal-entità kostitwenti. Fl-ewwel tnax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tagħha, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina din id-Direttiva f'konformità mal-ftehim milħuq mill-Qafas Inklużiv dwar ir-reqwiziti ta' preżentazzjoni skont il-qafas ta' implimentazzjoni tal-GloBE. Meta jitqiesu l-aġġustamenti ta' konformità li teħtieġ din is-sistema, jenħtieġ li l-gruppi li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għall-ewwel darba jingħataw perjodu ta' 18-il xahar sabiex jikkonformaw mar-reqwiziti ta' informazzjoni.

Emenda

- (18) Għal applikazzjoni effiċjenti tas-sistema, huwa kruċjali li l-proċeduri jiġu kkoordinati fil-livell ta' grupp. Se jkun neċessarju li titħaddem sistema li tiżgura l-fluss mhux ostakolat ta' informazzjoni fi ħdan il-grupp MNE u lejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa fejn jinsabu l-entitajiet kostitwenti. Jenħtieġ li r-responsabbiltà primarja tal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' informazzjoni tkun tal-entità kostitwenti nnifisha. Madankollu, jenħtieġ li tapplika rinunzja ta' tali responsabbiltà meta l-grupp MNE jkun iddeżinja entità oħra sabiex tissottometti u tikkondividi d-dikjarazzjoni ta' informazzjoni. Tista' tkun jew entità lokali jew entità minn ġuriżdizzjoni oħra li jkollha ftehim ta' awtorità kompetenti fis-seħħ mal-Istat Membru tal-entità kostitwenti. Fl-ewwel tnax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tagħha, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina din id-Direttiva, **permezz tal-atti delegati rilevanti**, f'konformità mal-ftehim milħuq mill-Qafas Inklużiv dwar ir-reqwiziti ta' preżentazzjoni skont il-qafas ta' implimentazzjoni tal-GloBE. Meta jitqiesu l-aġġustamenti ta' konformità li teħtieġ din is-sistema, jenħtieġ li l-gruppi li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għall-ewwel darba jingħataw perjodu ta' 18-il xahar sabiex jikkonformaw mar-reqwiziti ta' informazzjoni.

Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

**Emenda 7**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 19**

Test propost mill-Kummissjoni

- (19) Meta jitqiesu l-benefiċċji tat-trasparenza fil-qasam tat-taxxa, huwa inkoraġġanti li se jiġi sottomess ammont sinifikanti ta' informazzjoni lill-awtoritajiet tat-taxxa fil-ġurisdizzjonijiet parteċipanti kollha. Jenħtieġ li l-gruppi MNE fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jkunu obbligati jipprovdu informazzjoni komprensiva u dettaljata dwar il-profitti tagħhom u r-rata tat-taxxa effettiva f'kull ġurisdizzjoni fejn ikollhom entitajiet kostitwenti. Tali rapportar estensiv jista' jkun mistenni jżid it-trasparenza.

Emenda

- (19) Meta jitqiesu l-benefiċċji tat-trasparenza fil-qasam tat-taxxa, huwa inkoraġġanti li se jiġi sottomess ammont sinifikanti ta' informazzjoni lill-awtoritajiet tat-taxxa fil-ġurisdizzjonijiet parteċipanti kollha. Jenħtieġ li l-gruppi MNE fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jkunu obbligati jipprovdu informazzjoni komprensiva u dettaljata dwar il-profitti tagħhom u r-rata tat-taxxa effettiva f'kull ġurisdizzjoni fejn ikollhom entitajiet kostitwenti. Tali rapportar estensiv jista' jkun mistenni jżid it-trasparenza. **Aktar trasparenza fid-divulgazzjoni finanzjarja tirriżulta f'benefiċċji għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa u aktar ċertezza għall-kontribwenti. F'dak il-kuntest, id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE <sup>(1a)</sup> se jkollha rwol fl-iffaċilitar tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u r-reviżjoni futura tad-Direttiva 2011/16/UE se tkun soġġetta għal valutazzjoni tal-impatt li trid titwettaq qabel il-31 ta' Diċembru 2022.**

<sup>(1a)</sup> Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1).

**Emenda 8**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 19a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

- (19a) Miżuri potenzjalment dannużi u distorsivi li għandhom l-għan li jikkompensaw għaż-żieda potenzjali fit-taxxa korporattiva jenħtieġ li jiġu mmonitorjati u l-avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat għal miżuri relatati mat-tassazzjoni diretta tal-intrapriżi jenħtieġ li jiġi aġġornat kif meħtieġ.

Emenda

Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022

**Emenda 9**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 19b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (19b) *Jenħtieġ li l-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta tal-Kunsill (tassazzjoni tal-intrapriżi) jimmonitorja kontinwament l-iżvilupp tal-istandards tal-kontabilità u l-applikazzjoni tagħhom għall-finijiet ta' taxa minima. Jekk ikun neċessarju, jenħtieġ li jagħmel proposti biex jaġġusta r-regoli tad-determinazzjoni tal-profitt. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovi assistenza f'dak ir-rigward.*

**Emenda 10**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 20**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (20) L-effettività u l-ġustizzja tar-riforma globali minima tat-taxxa jiddependu ħafna fuq l-implimentazzjoni tagħha madwar id-dinja. Għalhekk, se jkun vitali li s-sħab kummerċjali ewlenin kollha tal-Unjoni japplikaw jew IIR kwalifikata jew sett ekwivalenti ta' regoli dwar it-tassazzjoni minima. F'dan il-kuntest, u b'appoġġ għaċ-ċertezza legali u għall-effiċjenza tar-regoli globali tat-taxxa minima, huwa importanti li jiġu ddelineati aktar il-kundizzjonijiet li fihom ir-regoli implimentati f'guriż-dizzjoni ta' pajjiż terz li mhux se jittrasponu r-regoli tal-ftehim globali jistgħu jingħataw ekwivalenza għal IIR kwalifikata. Għal dan l-għan, jenħtieġ li din id-Direttiva tipprevedi valutazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-kriterji ta' ekwivalenza bbażati fuq ċerti parametri flimkien ma' elenkar ta' ġuriżdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kriterji ta' ekwivalenza. Din il-lista tiġi mmodifikata, permezz ta' att delegat, wara kwalunkwe valutazzjoni sussegwenti tal-qafas legali implimentat minn ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz fid-dritt domestiku tiegħu.

- (20) L-effettività u l-ġustizzja tar-riforma globali minima tat-taxxa jiddependu ħafna fuq l-implimentazzjoni **rapida u konsistenti** tagħha madwar id-dinja **u mill-Istati Membri sa tmiem l-2023**. Għalhekk, se jkun vitali li s-sħab kummerċjali ewlenin kollha tal-Unjoni japplikaw jew IIR kwalifikata jew sett ekwivalenti ta' regoli dwar it-tassazzjoni minima. F'dan il-kuntest, u b'appoġġ għaċ-ċertezza legali u għall-effiċjenza tar-regoli globali tat-taxxa minima, huwa importanti li jiġu ddelineati aktar il-kundizzjonijiet li fihom ir-regoli implimentati f'guriż-dizzjoni ta' pajjiż terz li mhux se jittrasponu r-regoli tal-ftehim globali jistgħu jingħataw ekwivalenza għal IIR kwalifikata. Għal dan l-għan, jenħtieġ li din id-Direttiva tipprevedi **l-ewwel** valutazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-kriterji ta' ekwivalenza bbażati fuq ċerti parametri flimkien ma' elenkar ta' ġuriżdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kriterji ta' ekwivalenza **fi żmien xieraq**. Din il-lista tiġi mmodifikata, permezz ta' att delegat, wara kwalunkwe valutazzjoni sussegwenti tal-qafas legali implimentat minn ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz fid-dritt domestiku tiegħu. **L-implimentazzjoni tad-Direttiva se teħtieġ aktar skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-ġuriżdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi. Għal dak il-għan, jenħtieġ li d-Direttiva 2011/16/UE tiġi rieżaminata f'konformità mal-ħidma futura tal-OECD dwar ftehim ta' awtorità kompetenti li għandu jiġi żviluppata sa tmiem l-2022.**

Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

## Emenda 11

## Proposta għal direttiva

## Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (21a) *Ir-Regoli Mudell tal-GloBE x'aktarx li jiġu modifikati, b'mod partikolari r-regoli relatati ma' portijiet sikuri li jimmiraw li jissimplifikaw ir-rekwiżiti ta' arkivjar għall-entitajiet kostitwenti. Din id-Direttiva jenħtieġ li tiżgura li jkun hemm fis-seħħ salvagwardji adegwati għall-kontroll ta' dawk l-entitajiet. Għalhekk, is-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex tiżgura li din id-Direttiva tibqa' allinjata mal-impenji internazzjonali tal-Istati Membri.*

## Emenda 12

## Proposta għal direttiva

## Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (23a) *Klawżola ta' rieżami hija introdotta f'din id-Direttiva sabiex tiggarrantixxi li l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva tkun soġġetta għal evalwazzjoni xierqa ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha. Dak ir-rieżami jenħtieġ li jivvaluta u jikkunsidra mill-ġdid il-progress fl-implimentazzjoni globali tar-Regoli Mudell tal-Ftehim ta-l-OECD/GloBE, kif ukoll ċerti eżenzjonijiet u derogi, b'mod partikolari fir-rigward tas-sistemi tat-taxxa fuq id-distribuzzjoni u l-esklużjoni tal-introjt bbażata fuq is-sustanza, ir-rilevanza tal-livell limitu għall-Grupp MNE u d-ditti domestiċi fuq skala kbira fil-kamp ta' applikazzjoni u l-impatt fuq id-dħul mit-taxxa fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Bħala parti mir-rieżami, modifiki għar-Regoli Mudell GloBE jistgħu wkoll jiġu integrati fid-dritt tal-Unjoni jekk ikun meħtieġ.*

Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022

## Emenda 13

## Proposta għal direttiva

## Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24a) *Fil-qafas tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS, flimkien ma' żewġ regoli maħsuba għall-introduzzjoni fil-liġijiet nazzjonali dwar it-taxxa domestika, l-hekk imsejjaħ Pilastru 2 jikkonsisti f'regola bbażata fuq trattat, jiġifieri s-Suġġett għar-Regola tat-Taxxa (STTR), li tippermetti lill-ġurisdizzjonijiet tas-sors jimponu tassazzjoni tas-sors limitata fuq ċerti pagamenti tal-partijiet relatati li huma soġġetti għal taxxa taħt rata minima. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrakkomanda lill-Istati Membri jimmodifikaw il-ftihimiet bilaterali tagħhom dwar it-taxxa ma' pajjiżi b'introjtu baxx sabiex jinkludu dik ir-regola.*

## Emenda 14

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Entità kostitwenti minbarra entità passarella għandha titqies li tinsab fil-ġurisdizzjoni fejn titqies li hija residenti għal finijiet tat-taxxa fuq il-bażi tal-post ta' ġestjoni tagħha, tal-post ta' ħolqien tagħha jew ta' kriterji simili.

Entità kostitwenti minbarra entità passarella għandha titqies li tinsab fil-ġurisdizzjoni fejn titqies li hija residenti għal finijiet tat-taxxa fuq il-bażi tal-post ta' ġestjoni **effettiva** tagħha, **jiġifieri l-post fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet ewlenin ta' ġestjoni u kummerċjali li huma meħtieġa għat-twettiq tan-negozju**, tal-post ta' ħolqien tagħha jew ta' kriterji simili **li jirriflettu attivitajiet ekonomiċi reali skont din id-Direttiva u r-Regoli Mudell tal-GloBE.**

Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

**Emenda 15**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 4a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**Artikolu 4a**

**Regoli kontra l-evitar**

1. Għall-finijiet tal-kalkolazzjoni tat-taxxa kumplimentari, l-Istat Membri għandhom jinjoraw kwalunkwe arranġament jew sensiela ta' arranġamenti li, wara li ddaħħlu fis-seħħ għall-iskop essenzjali li jinkiseb vantaġġ tat-taxxa li jegħleb l-għan jew l-iskop ta' din id-Direttiva, mhumiex ġenwini, b'kunsiderazzjoni tal-fatti u taċ-ċirkostanzi kollha rilevanti. Arranġament jista' jinkludi aktar minn pass wieħed jew parti waħda.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, arranġament jew sensiela ta' arranġamenti għandhom jitqiesu bħala mhux ġenwini meta ma jkunux saru għal raġunijiet kummerċjali validi li jirriflettu attivitajiet ekonomiċi reali.
3. L-arranġament jew sensiela ta' arranġamenti li jiġu injorati f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jiġu ttrattati, għall-iskop tal-kalkolazzjoni tal-bażi għat-taxxa, b'referenza għas-sustanza ekonomika tagħhom.
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 52 sabiex tistabbilixxi regoli aktar dettaljati kontra l-evitar tat-taxxa, speċjalment fid-dawl tal-modifiki futuri tar-Regoli Mudell tal-GLOBE.

**Emenda 16**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 10 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Meta l-ammont ta' taxxa kumplimentari domestika kwalifikata kkunsidrata fil-komputazzjoni tat-taxxa kumplimentari ġurisdizzjonali f'konformità mal-Artikolu 26 għal sena fiskali ma jkunx tħallas kompletament **fit-tliet snin finanzjarji** ta' wara, l-ammont tat-taxxa kumplimentari domestika li ma tkunx tħallas għandu jiddied mat-taxxa kumplimentari ġurisdizzjonali kkomputata f'konformità mal-Artikolu 26(3).

3. Meta l-ammont ta' taxxa kumplimentari domestika kwalifikata kkunsidrata fil-komputazzjoni tat-taxxa kumplimentari ġurisdizzjonali f'konformità mal-Artikolu 26 għal sena fiskali ma jkunx tħallas kompletament **fis-sena finanzjarja** ta' wara, l-ammont tat-taxxa kumplimentari domestika li ma tkunx tħallas għandu jiddied mat-taxxa kumplimentari ġurisdizzjonali kkomputata f'konformità mal-Artikolu 26(3).

Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022

## Emenda 17

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 13 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8a. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tispeċifika ulterjorment it-tifsira tat-termini użati fil-paragrafi 5 u 6 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 52a.

## Emenda 18

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 13 – paragrafu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8b. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 52 sabiex timmodifika l-formula stabbilita fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, sabiex tqis il-modifiki korrispondenti tar-Regoli Mudell tal-GloBE.

## Emenda 19

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 15 – paragrafu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

11a. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 52 sabiex timmodifika kwalunkwe definizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jew biex temenda kwalunkwe mill-punti li hemm aġġustamenti previsti għalihom skont il-paragrafi 2, 3, 6, 7, 10 u 11 ta' dan l-Artikolu, b'mod partikolari biex jitqiesu l-modifiki futuri tar-Regoli Mudell tal-GloBE.

## Emenda 20

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 19 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tispeċifika ulterjorment it-tifsira tat-termini użati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 52a.



Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

## Emenda 21

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 21 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

## Test propost mill-Kummissjoni

Obbligazzjoni ta' taxxa differita li ma titħallasx jew li titreġġa' lura **fil-ħames** snin finanzjarji sussegwenti għandha tiġi rikoperta sa fejn tkun ġiet ikkunsidrata fl-ammont totali ta' aġġustament tat-taxxa differita ta' entità kostitwenti.

## Emenda

Obbligazzjoni ta' taxxa differita li ma titħallasx jew li titreġġa' lura **fit-tliet** snin finanzjarji sussegwenti għandha tiġi rikoperta sa fejn tkun ġiet ikkunsidrata fl-ammont totali ta' aġġustament tat-taxxa differita ta' entità kostitwenti.

## Emenda 22

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 21 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

## Test propost mill-Kummissjoni

L-ammont tal-obbligazzjoni ta' taxxa differita rikoperta ddeterminat għas-sena fiskali għandu jiġi ttrattat bħala tnaqqis għat-taxxa koperta **tal-ħames** sena fiskali preċedenti u r-rata tat-taxxa effettiva u t-taxxa kumplimentari ta' tali sena fiskali għandhom jerġgħu jiġu kkomputati f'konformità mal-Artikolu 28(1).

## Emenda

L-ammont tal-obbligazzjoni ta' taxxa differita rikoperta ddeterminat għas-sena fiskali għandu jiġi ttrattat bħala tnaqqis għat-taxxa koperta **tat-tielet** sena fiskali preċedenti u r-rata tat-taxxa effettiva u t-taxxa kumplimentari ta' tali sena fiskali għandhom jerġgħu jiġu kkomputati f'konformità mal-Artikolu 28(1).

## Emenda 23

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 21 – paragrafu 8a (ġdid)

## Test propost mill-Kummissjoni

## Emenda

**8a.** Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 52 biex temenda kwalunkwe waħda mill-entrati li għaliha tapplika eċċezzjoni ta' rikopertura skont il-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, b'mod partikolari biex jitqiesu l-modifiki futuri tar-Regoli Mudell tal-GLOBE.

## Emenda 24

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 27 – paragrafu 9a (ġdid)

## Test propost mill-Kummissjoni

## Emenda

**9a.** Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tispesifika ulterjorament it-tifsira tat-termini użati fid-definizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 52a.

Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022

### Emenda 25

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 29 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**5a. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati skont l-Artikolu 52 sabiex temenda l-ammonti de minimis previsti fil-paragrafu 1, b'mod partikolari biex jitqiesu l-modifiki futuri tar-Regoli Mudell tal-GloBE.**

### Emenda 26

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 31 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Meta grupp MNE uniku jiddefuzjona u jinqasam f'żewġ gruppi jew aktar (kull wieħed "grupp defuzjonat"), is-soll tad-dħul konsolidat għandu jitqies li ġie ssodisfat minn kull grupp defuzjonat, jekk jirrapporta:

4. Meta grupp MNE uniku jiddefuzjona u jinqasam f'żewġ gruppi jew aktar (kull wieħed "grupp defuzjonat"), is-soll tad-dħul konsolidat għandu jitqies li ġie ssodisfat minn kull grupp defuzjonat **għal tal-anqas sitt snin wara d-defuzjoni** jekk jirrapporta:

### Emenda 27

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Skont l-elezzjoni tal-entità kostitwenti dikjaranti, sid ta' entità kostitwenti ta' entità ta' investiment jista' japplika metodu ta' distribuzzjoni taxxabbli fir-rigward tal-interess proprjetarju tiegħu fl-entità ta' investiment, dment li s-sid tal-entità kostitwenti ma jkunx entità ta' investiment u jkun raġonevolment mistenni li jkun soġġett għat-taxxa fuq id-distribuzzjonijiet mill-entità ta' investiment b'rata tat-taxxa li tkun daqs ir-rata minima tat-taxxa jew ogħla minnha.

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)

Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

## Emenda 28

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 42 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta l-ebda entità kostitwenti ma tkun inħatret minn entitajiet kostitwenti oħra tal-grupp MNE, l-entità lokali nominata responsabbli mill-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari għandha tkun l-akbar entità tal-grupp MNE li jinsab fl-istess Stat Membru f'termini ta' dħul annwali għall-aħħar sentejn konsekuttivi.

## Emenda 29

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 42 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7a. Il-Kunsill, li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li jkun kiseb l-opinjoni tal-Parlament Ewropew, għandu jadotta l-miżuri meħtieġa biex jimplimenta l-obbligi ta' preżentazzjoni skont din id-Direttiva u jiżgura l-iskambju meħtieġ ta' informazzjoni.

## Emenda 30

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 47 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. It-taxxa kumplimentari dovuta minn entità omm apikali li tinsab fi Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 5(2) għandha titnaqqas għal zero fl-ewwel **ħames** snin tal-fażi inizjali tal-attività internazzjonali tal-grupp MNE minkejja r-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu V.

1. It-taxxa kumplimentari dovuta minn entità omm apikali li tinsab fi Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 5(2) għandha titnaqqas għal zero fl-ewwel **tlieet** snin tal-fażi inizjali tal-attività internazzjonali tal-grupp MNE minkejja r-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu V.

Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022

## Emenda 31

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 47 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Meta l-entità omm apikali ta' grupp MNE tkun tinsab f'ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz, it-taxxa kumplimentari dovuta minn entità kostitwenti li tinsab fi Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 13(2) għandha titnaqqas għal zero fl-ewwel **ħames** snin tal-fażi inizjali tal-attività internazzjonali ta' dak il-grupp MNE minkejja r-rewiżiti stabbiliti fil-Kapitolu V.

Emenda

2. Meta l-entità omm apikali ta' grupp MNE tkun tinsab f'ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz, it-taxxa kumplimentari dovuta minn entità kostitwenti li tinsab fi Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 13(2) għandha titnaqqas għal zero fl-ewwel **tliet** snin tal-fażi inizjali tal-attività internazzjonali ta' dak il-grupp MNE minkejja r-rewiżiti stabbiliti fil-Kapitolu V.

## Emenda 32

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 47 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-perjodu ta' **ħames** snin finanzjarji msemmi fil-paragrafi 1 u 2 għandu jibda mill-bidu tas-sena fiskali li fiha l-grupp MNE jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għall-ewwel darba.

Emenda

Il-perjodu ta' **tliet** snin finanzjarji msemmi fil-paragrafi 1 u 2 għandu jibda mill-bidu tas-sena fiskali li fiha l-grupp MNE jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għall-ewwel darba.

## Emenda 33

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 47 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-gruppi MNE li jkunu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva meta tidħol fis-seħħ, il-perjodu ta' **ħames** snin imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jibda fl-1 ta' Jannar 2023.

Emenda

Għall-gruppi MNE li jkunu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva meta tidħol fis-seħħ, il-perjodu ta' **tliet** snin imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jibda fl-1 ta' Jannar 2023.

## Emenda 34

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 47 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-gruppi MNE li jkunu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva meta tidħol fis-seħħ, il-perjodu ta' **ħames** snin imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jibda fl-1 ta' Jannar 2024.

Emenda

Għall-gruppi MNE li jkunu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva meta tidħol fis-seħħ, il-perjodu ta' **tliet** snin imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jibda fl-1 ta' Jannar 2024.

Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

## Emenda 35

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 50 – paragrafu 1

Test proposit mill-Kummissjoni

1. It-taxxa kumplimentari dovuta minn entità omm apikali li tinsab fi Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 49 għandha titnaqqas għal zero fl-ewwel **ħames** snin finanzjarji, mill-ewwel jum tas-sena fiskali li fiha l-grupp domestiku fuq skala kbira jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għall-ewwel darba.

Emenda

1. It-taxxa kumplimentari dovuta minn entità omm apikali li tinsab fi Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 49 għandha titnaqqas għal zero fl-ewwel **iliet** snin finanzjarji, mill-ewwel jum tas-sena fiskali li fiha l-grupp domestiku fuq skala kbira jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għall-ewwel darba.

## Emenda 36

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 50 – paragrafu 2

Test proposit mill-Kummissjoni

2. Għal gruppi domestiċi fuq skala kbira li jkunu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva meta tidħol fis-seħħ, il-perjodu ta' ħames snin imsemmi hawn fuq għandu jibda fl-1 ta' Jannar 2023.

Emenda

imħassar

## Emenda 37

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 52 – paragrafu 2

Test proposit mill-Kummissjoni

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 51(3) għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Emenda

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 4a(4), 13(8b), 15(11a), 21(8a), 29(5a) u 51(3) għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022

**Emenda 38****Proposta għal direttiva****Artikolu 52 – paragrafu 3***Test propost mill-Kummissjoni*

3. Id-delega tas-setgħa msemmija **fl-Artikolu 51(3)** tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik l-elezzjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

*Emenda*

3. Id-delega tas-setgħa msemmija **fl-Artikoli 4a(4), 13(8b), 15(11a), 21(8a), 29(5a) u 51(3)** tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik l-elezzjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

**Emenda 39****Proposta għal direttiva****Artikolu 52 – paragrafu 5***Test propost mill-Kummissjoni*

5. Att delegat adottat skont **l-Artikolu 51(3)** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn ta' notifika ta' dak l-att lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Kunsill jinforma lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjona. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Kunsill.

*Emenda*

5. Att delegat adottat skont **l-Artikoli 4a(4), 13(8b), 15(11a), 21(8a), 29(5a) u 51(3)** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn ta' notifika ta' dak l-att lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Kunsill jinforma lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjona. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Kunsill.

**Emenda 40****Proposta għal direttiva****Artikolu 52a (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda***Artikolu 52a****Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Il-Ħamis 19 ta' Meju 2022

**Emenda 41****Proposta għal direttiva****Artikolu 53 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Parlament Ewropew għandu jiġi informat dwar l-adozzjoni tal-atti delegati mill-Kummissjoni, dwar kwalunkwe oġġezzjoni fformulata għalihom, u dwar ir-revoka ta' delega tas-setgħat mill-Kunsill.

*Emenda*

Il-Parlament Ewropew għandu jiġi informat dwar l-adozzjoni tal-atti delegati mill-Kummissjoni, dwar kwalunkwe oġġezzjoni fformulata għalihom, u dwar ir-revoka ta' delega tas-setgħat mill-Kunsill **fi żmien xieraq.**

**Emenda 42****Proposta għal direttiva****Artikolu 53a (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda***Artikolu 53a****Rieżami**

Fi żmien ... [ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u tirrapporta lill-Kunsill dwar l-operat tagħha. Ir-rapport għandu jindirizza jekk hemmx il-ħtieġa li din id-Direttiva tiġi emendata fid-dawl tal-bidliet u l-iżviluppi fil-kontest tat-taxxa internazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-Regoli Mudell tal-GloBE barra mill-Unjoni u l-iżvilupp ta' approċċi unilaterali oħrajn lejn tassazzjoni minima effettiva tal-gruppi MNE. Għandha tiffoka wkoll fuq l-użu ta' eżenzjonijiet u derogi u l-impatt tagħhom fuq il-koerenza fis-suq intern.

Ir-rapport għandu jivvaluta l-impatt tad-dispożizzjoni tal-inklużjoni tal-introjtu bbażata fuq is-sustanza, l-implimentazzjoni tat-taxxa supplimentari domestika kwalifikata fakultattiva u t-trattament tas-sistemi tat-taxxa fuq id-distribuzzjoni fuq l-effettività tal-iżgurar ta' livell minimu effettiv ta' tassazzjoni.

Ir-rapport għandu jqis l-impatt ta' din id-Direttiva fuq id-dħul tal-pajjiżi l-anqas żviluppati u fuq id-dħul mit-taxxa tal-Istati Membri, id-deċiżjonijiet tal-kumpaniji dwar l-investment, kif ukoll il-kompetittività tal-Unjoni fl-ekonomija globali. Hija għandha tevalwa l-impatt ta' tnaqqis ta' limitu għal Gruppi MNE u ditti domestiċi fuq skala kbira. Fejn xieraq, ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva.

Il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022

**Emenda 43**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 53b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**Artikolu 53b**

**Klawżola ta' delimitazzjoni**

1. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-applikazzjoni mill-Istati Membri ta' dispożizzjonijiet domestiċi jew ibbażati fuq ftehim, immirati biex jissalvagwardjaw livell ogħla ta' protezzjoni għal bażijiet tat-taxxa korporattiva domestiċi, li huma relatati mar-regola tal-kumpanija kkontrollata minn barra l-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 <sup>(1a)</sup>, b'mod partikolari fejn ir-regola aktar stretta tal-kumpanija kkontrollata minn barra l-pajjiż issegwi r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Finali tal-2015 dwar l-Azzjoni 3 tal-Proġett tal-OECD/G20 dwar l-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profitt.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet domestiċi dwar forom alternattivi ta' tassazzjoni minima ta' gruppi jew kumpaniji domestiċi.

<sup>(1a)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern (ĠU L 193, 19.7.2016, p. 1).









ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet  
tal-Unjoni Ewropea  
L-2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

MT